# ID-DOTTRINA TAR-RUĦ IMMORTALI U L-BIBBJA

Minn
George Ebejer

# KONTENUT

**Titlu** **Paġna**

Kelmtejn Qabel ........................................ 5

**Parti 1**

Fejn Huma l-Mejtin .................................. 8

**Parti 2**

X'Inhi l-Mewt? ........................................ 11

I. Mewt Imfissra ................................ 11

II. Separazzjoni Hija Mewt .................... 11

III. Separazzjoni Spiritwali Tfisser Mewt Spiritwali .................................... 12

IV. "Mewt" Tfisser Separazzjoni ............. 13

**Parti 3**

Fejn Imorru l-Mejtin? .............................. 16

Post l-Imwiet .................................. 19

Ġenna ............................................... 20

**Parti 4**

L-Għani U Lażżru ..................................... 24

X'Ma Tagħmilx il-Mewt ......................... 27

"Manifestazzjonijiet spiritwali" ................. 31

**Parti 5**

Il-Qawmien tal-Mejtin Jew tal-Ġisem ............ 34

**Parti 6**

Il-Jum tal-Ġudizzju ..................................... 42

**Parti 7**

Huwa n-Nar ta' Dejjem Ta' l-Infern Realtà ...... 52

Il-Bibbja Tirrivela l-Karattru ta' Alla .............. 55

Kastig Ta' Dejjem Huwa l-Wegħda ta' Alla ... 57

**Parti 8**
Il-Kondizzjonijiet f'Dak il-Post Imsejjaħ Infern
..................................................................... 61

**Parti 9**
Is-Smewwiet—Dar tar-Ruħ ........................................ 77

**Parti 10**
L-Immortalità .............................................................. 86

**Parti 11**
"X'Inhu l-bniedem?" ................................................ 98
I. Il-Fiżiku (Sura) Tiegħu ........................................ 98
II. Il-Moħħ Tiegħu ..................................................... 100
III. Ir-Ruħ Tiegħu ..................................................... 100

**Part 12**
Id-Dottrina tar-Ruħ Immortali ................................. 103
Il-Każ Kontra r-Ruħ Immortali .............................. 103
Il-Każ Studjat .......................................................... 104
Xhieda tar-Ruħ Immortali ....................................... 107

**Parti 13**
Ir-Relazzjoni tar-Ruħ, Ġisem, U Spirtu ..................115
Niddistingwu r-Ruħ u Spirtu ...................................115
Huwa l-Bniedem Dikotomu Jew Trikotomu? ..120
Personalità Bi Tnejn ................................................123

**Parti 14**
L-Oriġini tar-Ruħ ....................................................127
Eżistenza Minn Qabel ............................................ 127
Ħolqien Jitkompla .................................................. 129
Traduċjaniżmu ........................................................ 131
Il-Veduta Korretta ................................................... 132

**Parti 15**
Id-Destin tar-Ruħ ........................................ 135
Il-Veduta Ta' Qirda Totali ............................135
Il-Veduta tal-Purgatorju ..............................138
Il-Veduta Ta' Premju Immedjat .................. 140
l-Istat Intermedjarju tal-Mejtin .................. 141
"Aħna Mhux Ilkoll Norqdu" ........................144

**Parti 16**
Ir-Ruħ fil-Mewt ........................................... 146
Ir-Ruħ fil-Mewt Fi Stat Imbiegħed ...............147
Ir-Ruħ fil-Mewt Hija Fi Stat Konxju ............ 148
Ir-Ruħ fil-Mewt Hija Fi Stat Stabbli .............151

**Parti 17**
L-Erwieħ tal-Ġusti Huma Fi Stat tas-Smewwiet . 155
Insolvu Xi Problemi .....................................158
Ir-Ruħ fil-Mewt Tkun f'Kondizzjoni Personali.161
Ir-Ruħ fil-Mewt Hija f'Kondizzjoni Mhux Kompluta ........................................ 163
Konklużjoni ................................................ 164

**Parti 18**
X'Tgħallem il-Bibbja Dwar l-Immortalità Tar-Ruħ ................................................. 165

**Parti 19**
Mistoqsijiet Dwar "Spirtu" u "Ruħ" ...............171

**Parti 20**
Meta l-Bniedem Jirċievi r-Ruħ Tiegħu ............191
Meta l-Ħajja Tibda? ...................................193

**Parti 21**
L-Istat tal-Mejtin ..........................................195
L-Art tal-Ħajjin ........................................ 195
Ġenna (Paradise) ......................................195
Hades (Post l-Imwiet) ..............................196
Gehenna ......................................................202

**Parti 22**
Huma l-Mejtin Konxji? ................................206
Huwa Dan ir-Rakkont Parabbola? ...............206
Diffikultà .....................................................209
Il-Fatti tal-Każ ............................................210
Konklużjoni ................................................. 212

**Parti 23**
X'Ma Tagħmilx il-Mewt ............................... 214
1. Il-Mewt ma tistax teqred il-koxjenza ....... 214
2. Il-Mewt ma tistax teqred l-dentità ...........215
3. Il-Mewt ma tistax teqred il-memorja ....... 216
4. Il-Mewt ma tistax teqred id-destin .......... 217
"Manifestazzjoni Spiritwali" ......................221

**Parti 24**
Rikapitolazzjoni—Huma Konxji l-Erwieħ wara l-Mewt? ...................................................226

**Parti 25**
Stampa: Fejn Huma L-Erwieħ .......................229

## KELMTEJN QABEL

"Ma hemm ebda mewt! Dak li jidher li hu hekk huwa biss tranżizzjoni." Xi wħud għandhom pjuttost idea mħassra dwar il-mewt, għaliex għalihom il-mewt tidher bħal xi ħaġa reali u kerha. Imma kif aħna nikbru aktar l-esperjenza ta' li ngħixu tikxef għal kull wieħed u waħda minna l-għerf ta' dak is-sentiment. U dan hu speċjalment tassew jekk aħna biss nieqfu ftit u nirriflettu fuq it-tagħlim ta' l-Iskrittura fuq dak is-suġġett. Jiena ftit għandi dubju li wara li nkunu għaddejna mill-wied tan-niket aħna nħarsu fuq din il-ħajja bl-istess sentiment li issa naraw il-ħajja ta' qabel it-twelid. Ikun biss f'dak il-waqt li aħna nkunu tassew bdejna ngħixu.

Ilkoll kemm aħna f'xi waqt jew ieħor ħsibna dwar il-misteru ta' kif se jkun 'il hemm mill-bieb tal-mewt. "Il-ħajja umana hija l-aktar avventura romantika eċċitanti fl-Univers," jgħid J. Paterson-Smyth, "immorru fuq palk wara palk sakemm aħna nixjieħu aktar minn Metuselaħ u mbagħad nerġgħu nkomplu matul l-eternitajiet infiniti—u madankollu nies jgħaddu għal dak li ma jidhirx stupidi daqs id-dudu fuq il-werqa tal-kaboċċa, mingħajr kurżità jew ferħ jew għaġeb jew eċċitament dwar il-karriera bla limiti li hemm quddiemhom."

Il-mewt mhijiex bieb li jinfetaħ għall-nassa, imqiegħda fuqna biex tagħlaq kull eżistenza konxja. Hija bieb, tassew, li minnu aħna għandna ngħaddu. Imma jistennewna fuq in-naħa l-oħra hemm ġrajjiet bla tmiem u ħajja eċċitanti. Mhux qabel l-għodwa tal-qawmien tagħna ma aħna nidħlu d-destin etern tagħna

ta’ hena jew kundanna. Imma dak ma jfissirx li l-erwieħ jorqdu bejn il-mewt u l-qawmien. Fil-paġni li ġejjin aħna sejrin naraw ċar il-fatt tal-ħajja fl-istat intermedjarju, u l-immortalità tar-ruħ fejn prova hija mogħtija mhux inqas minn awtorità ta’ l-Iben ta’ Alla u l-appostli ispirati Tiegħu. Is-Smewwiet (jew il-Ġenna) hija l-għan tagħna, kif aħna sejrin naraw li kien ma’ l-appostlu Pawlu. Imma hu kien jista’ jara li hu ma kienx se jilħaq dak il-għan immedjatament wara l-mewt.

Possibbilment ir-raġuni li l-biċċa l-kbira tal-Protestanti njoraw il-fatt ta’ ħajja fl-istat intermedjarju hija minħabba li huma ħassew lid-dottrina tal-Knisja Kattolika Rumana tal-purgatorju bħala li hija ta’ min jistmerra u jibżgħu li jekk huma jaċċettaw it-tagħlim tal-Bibbja dan ikun qiegħed jagħti lid-dogma Kattolika riġel biex tieqaf fuqu. Għalhekk, il-biċċa l-kbira tal-Protestanti għallmu lir-ruħ tmur immedjatament fil-premju tagħha. Oħrajn qamu, bħall-Avventisti u x-Xhieda ta’ Ġeħova li wrew biċ-ċar li r-ruħ ma tmurx għall-premju tagħha, fil-mewt. Madankollu, dawn l-għalliema ma kinux kuntenti li jieqfu hemm, huma marru aktar ’il quddiem u addattaw id-dottrina ta’ l-Arab msejħa “psychopannychia,” jew l-irqad tar-ruħ.

F’dan l-istudju jiena ma tajtx wisq attenzjoni għal l-idea Protestanta ta’ premju immedjat, għaliex din m’għadix mgħallma aktar b’mod serju minn dawk li jafu sewwa dwar il-Bibbja. Xi bżonn ikun hemm għall-ġudizzju, jekk ħaġa bħal din kienet tassew? Xena tal-ġudizzju kienet tkun farsa, tassew, meta inti taħseb li ġġib lill-qaddisin lura mill-glorja biex ikunu

mġarrba. U għalfejn qawmien, jekk il-qaddisin diġà jkunu marru fid-dar eterna tagħhom? Kristu mar fid-dinja tal-Post l-Imwiet (Hades), u hekk aħna nagħmlu —sakemm aħna ma nkunux ħajjin fil-miġja Tiegħu (1 Korintin 15:51-52). Kristu kien ħaj ħafna bejn il-mewt u l-qawmien, u hekk aħna nkunu wkoll.

F'dan l-istudju jiena ma ppruvajtx li nkun sensazz-jonali. L-iskop tiegħi hu li, kif jiena sibt faraġ kbir fih, hekk ukoll isibu dawk li jaqrawh. Dan huwa għall-faraġ ta' dawk li għandhom xi dubju dwar fejn tmur ir-ruħ tagħhom wara l-mewt. Jiena nitlob li 'l Alla tal-grazzja kollha juża dan l-istudju biex jikkawża lil xi midneb ħalli jikkonsidra bil-għaqal l-iżball tat-triq tie-għu. Ħalli aħna lkoll inkunu mfakkra hekk kif naqraw lis-siegħa meta kull wieħed u waħda nitilfu l-ankra, tavviċina. Jekk aħna rridu lill-Kaptan tas-Salvazzjoni tagħna biex jieqaf fit-tmun tat-taħriġ fraġili tagħna u jiggwdana matul dawk l-ilmijiet mudlama, aħna għan-dna nħallu Lilu jieħu l-kmand issa, billi nċedu r-rota tat-tmun fl'idejn kapaċi Tiegħu.

## FEJN HUMA L-MEJTIN?
## (Parti 1)

F'li suġġett bħal dan, ta' din in-natura, ikun ippreżentat ikun hemm it-tendenza ma' xi wħud li jidher sensazzjonali. Waqt li wieħed jaħseb li dan xi kultant ikun tassew dwar ċerti xorta ta' predikaturi u għalliema, madankollu dan ma jispjegax ir-raġuni għaliex il-biċċa l-kbira tan-nies huma interessati fis-suġġett. Kull min tilef xi maħbub jew maħbuba jew ħabib (u minn ma tilifx?) jersaq biex jistudja s-suġġett bit-tama u l-faraġ li jista' jsib fih. Huwa minħabba dan li xi għalliema, li jfittxu l-publiċità, irrealizzaw din ix-xewqa universali li jkunu jafu x'għandha x'toffri l-Iskrittura f'dan il-qasam li huma kabbru fuqu għall-vantaġġ tagħhom. L-iskop ta' dan l-istudju mhuwiex biex jikkrea sensazzjoni fiergħa, lanqas ma hu biex sempliċiment jissodifa l-kurżità ta' xi ħadd. L-iskop uniku u solenni ta' dan l-istudju huwa biex wieħed ikun jista' jara t-tagħlim tal-Bibbja, għat-tama li dan jista' jġib; jemmen li kull ħaġa oħra barra minn dan hi pedament fuq ir-ramel u refuġju ta' gideb.

Ftit hemm skop li wieħed jistaqsi l-mistoqsija, "Fejn qiegħed hu jew hi? Jew x'inhu l-misteru solenni li dawk ix-xofftejn bojod, xofftejn issiġillati ma jistgħux jgħiduh?" Dawn huma mistoqsijiet li wieħed jistaqsi lilu nnifsu għal bosta drabi. Jiġifieri, jekk l-esperjenza tiegħek kienet l-istess bħal dik ta' miljuni li għexu qabel, u bħal dik ta' dawk li qegħdin jgħixu issa. Nies fittxew biex iwieġbu din il-mistoqsija f'diversi modi, u li eluf ta' snin qabel, Alla kien għażel biex jiftaħ il-bieb li żamm lura dawn il-misteri. Xi wħud minn

dawn it-tweġibiet kienu maqtugħa sewwa u eżattament, imma oħrajn minnhom kienu żmerċi għal kollox. Xi wħud kienu tant qrib il-verità li kważi jġiegħlu lil dak li jkun li jemmen li warajhom kellu jkun hemm illuminazzjoni divina, jew rivelazzjoni ta' xi xorta.

Imma bħad-dottrini oriġinali li minnhom dawn ħarġu, mhux it-tagħlim kollu fuq is-suġġett illum hu tajjeb. Jidher xi ftit stramb li ma' l-antiki, lis-Sadduċej, per eżempju, li kellhom ir-Rivelazzjoni tat-Testment il-Qadim, kienu aktar 'il bogħod mill-verità dwar l-eżistenza li tkompli matul il-mewt, dwar ir-ruħ, milli kienu l-Griegi. Kienu x'kienu d-diffetti oħra li kellhom il-Griegi—u xi wħud minnhom kienu gravi—madankollu, xettiċiżmu materjalista ma kienx jista' jkun magħdud fost dawn, kif kien fost il-Lhud. U din hija l-istess interpretazzjoni letteralistika ta' l-Iskrittura li tinsab fost dawk li jemmnu u jgħallmu "l-irqad tar-ruħ" illum. Huwa fatt li jammettih kulħadd li l-Avventisti u x-Xhieda ta' Jehovah jippruvaw biex juru din it-teorija bl-istess testi wżati mis-Sadduċej.

Il-bniedem hu wisq aktar minn annimal. Alla ħalqu bir-raġuni, b'kuxjenza, u b'rieda. Għaliex ikun jidher stramb għall-ħbieb tagħna materjalistiċi li dawn il-ħwejjeġ għandhom jgħaddu mill-qabar u jgħixu f'dinja oħra? Il-bniedem ikun ftit aħjar mill-annimal, jekk huwa jitlef il-konjożità kollha mal-mewt. U fejn huwa s-sens ta' rimarki bħal "hu wisq aħjar" (Filippin 1:23), jekk id-dottrina ta' l-Avventisti u tax-Xhieda ta' Jehovah hija tassew? Hija l-mewt ta' wieħed mitluf minn sensieh li ħa nagħsa aħjar minn dik ħajja u li taħdem għal Kristu? Ċertament li le. U hemm xi ħaġa dwar il-

bniedem li pożittivament ma tmutx mal-ġisem li ġej mit-trab. **It-Testment il-Ġdid jgħallem biċ-ċar lir-ruħ tal-bniedem, fil-mewt, titlaq mill-ġisem, u tid-ħol fi stat ta' eżistenza konxja, hemm biex tisten-na l-qawmien.**

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna, permezz ta' l-appostlu Pawlu,

> "*Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u kull biedem giddieb. Hekk hemm miktub: "Sabiex int tkun iġġustifikat fi kliemek, u tirbaħ meta tkun iġġudikat*" (Rumani 3:4).

# X’INHI L-MEWT?
# (Parti 2)

## I. Mewt Imfissra

Sabiex wieħed jasal biex jifhem dan is-suġġett huwa neċessarju għalih li jkun jaf ftit u xejn dwar in-natura tal-bniedem. U relatata ħafna mill-qrib għal dan tiġi l-mistoqsija, “Xi tfisser int “b’mewt?”

Meta Alla ħalaq lill-bniedem, Hu poġġieh fil-Ġnien ta’ Għeden u qallu li jista’ jiekol mis-siġar kollha barra minn waħda. Dwar din il-waħda Alla qal,

> “*Dak in-nhar li tiekol minnha żgur li tmut*” (Ġenesi 2:17).

Wieħed jinnota li Alla indika li l-mewt kellha tiġi f’dak il-jum stess. Il-bniedem miet mewta ta’ xi xorta f’dak il-jum stess; jew inkella l-Kelma ta’ Alla kienet miksura.

Ma’ Alla hemm naħa tal-bniedem li hija wisq aktar importanti mill-istat materjali tiegħu (tal-bniedem). Għalkemm Alla jieħu ħsieb il-bżonnijiet materjali tal-bniedem, madankollu, ir-ruħ tal-bniedem hija l-ħaġa li għaliha Hu bagħat lil Ibnu l-Waħdieni biex isalvaha. Li kieku Alla kien jinteressah biss dwar in-natura fiżika tal-bniedem meta Hu ppronunzja dik it-twissija tal-biża’, allura ċertament li Kristu fehem differenti meta Hu ġie biex jifdi lir-ruħ tal-bniedem.

## II. Separazzjoni Hija Mewt

Meta Alla neħħa l-preżenza Tiegħu mix-xena tal-Ġnien ta’ Għeden, u rrifjuta li jkompli jimxi fih, il-bniedem sofra mewta wisq aktar orribbli minn dik is-siegħa meta hu jitpoġġa taħt it-trab. Il-bniedem qatt

ma tilef l-interess tiegħu li jagħti qima lil Alla. Huwa fittex eluf ta'eluf ta' modi biex iwitti t-triq tiegħu għal għand il-Maestà ta' Alla permezz ta' l-adurazzjoni. Il-bniedem saħansitra ipprova jibni torri għas-smewwiet biex jissodisfa dan il-ġuħ, imma kien kollu ta' xejn (Ġenesi 11:1-9).

Din is-separazzjoni kienet għal kollox kompluta sakemm Alla Nnifsu għażel biex jagħmel rimedju għaliha, li jirrikonċilja lill-bniedem mal-Ħallieq tiegħu. Dan il-mostru tal-biża' li għamel tant deni lill-pjan ta' Alla huwa d-dnub. Id-dnub, meta daħal, keċċa 'l barra lill-Mulej minn dik id-dar li Hu pprepara bħala post fejn kien jitlaqa' mal-bniedem.

## III. Separazzjoni Spiritwali Tfisser Mewt Spiritwali

Id-dnub jipproduċi mewta spiritwali. Aħna nistgħu naraw dan aktar ċar hekk kif nistudjaw il-progress tad-dnub, kif muri f'Ġakbu 1:15 f'dan il-kliem:

> "*Imbagħad il-passjoni, meta tnissel, twelled id-dnub; u d-dnub, meta jilħaq il-milja tiegħu, iġib il-mewt.*"

Hemm erba' stadji spjegati f'Ġakbu 1:13-18.

1. Ix-xewqa—l-aptit jiġbed lill-bniedem lejn li hu jagħti lilu nnifsu għall-ħażin. "Xewqa ħażina" (passjoni) matul dawn il-versi hija ppersonifikata b'mod allegoriku bħala prostituta, li dejjem tirsisti biex tħajjar u taqbad ir-rieda.

   L-ewwel hija tiġbed lir-raġel "li jkun fi triqtu" barra mit-triq ta' prinċipju sod u pjaċir onest, tajjeb; u mbagħad hija tħajru fi ħdana.

2. Ir-rieda ċċedi għax-xewqa. Il-passjoni jintqal li "titnissel" meta din takkwista l-kunsens tar-rieda, jew iżżarma l-oppożizzjoni tagħha. Il-persuna li tilgħab bit-tentazzjoni, minflok ma tiltaqa' magħha b'reżistenza ta' malajr u bit-talb, tkun fiċ-ċert li se ċċedi għaliha.
3. Id-dnub jitwieled, il-wild ta' l-għaqda ħażina bejn ir-rieda u x-xewqa jew passjoni. Mill-għaqda ħatja tal-passjoni mar-rieda, jitwieled dnub ħaj, jiġifieri, dan joħroġ jew isir fatt.
4. Id-dnub, meta jilħaq il-milja tiegħu iġib il-mewt (Eżekjel 18:4; Efesin 2:1). Id-dnub, in-nisel tal-passjoni jikber mit-tfulija ta' sempliċiment għażla għall-ħajja adulta ta' vizzju stabbilit; u "meta jilħaq il-milja tiegħu," huwa jsir, b'riżultat ta' l-għaqda mar-rieda, l-omm tal-mewt.

## 1V. "Mewt" Tfisser Separazzjoni

F'kull każ partikolari fejn il-kelma "mewt" jew xi ħaġa li hi ekwivalenti li tinsab fil-Bibbja, aħna nistgħu naqraw "separazzjoni" mingħajr ma nagħmlu ebda vjolenza lil xi każ wieħed. Fil-fatt, b'dan il-mod wieħed jifhem aktar dak li jkun qiegħed jaqra. Madankollu, jekk wieħed ipoġġi flok il-kelma "mewt" "jispiċċa fix-xejn," dan jagħmel ħerba sħiħa minn kull silta fejn separazzjoni tkun tifisser bħala mewt.

1. Il-missier ta' l-iben il-ħali qal li ibnu kien mejjet u madankollu, huwa kien il-ħin kollu ħaj jixxala u jiddeverti. Hu sempliċiment fisser li ibnu kien isseparat minnu u minn ħuh (Luqa 15:24-32).
2. L-appostlu Pawlu jgħid il-Kristjani huma mejta għal-liġi. Dan ma jfissirx li huma kienu "spiċċaw

fix-xejn," imma pjuttost li aħna isseparati mil-liġi ċertament daqs kemm mara hija isseparata minn ma' żewġha mejjet (Rumani 7:1-4, 6; Galatin 2: 19).

3. Xorta waħda, aħna nkunu mejta (isseparati minn) għad-dnub, permezz ta' l-ubbidjenza tagħna lejn l-Evanġelju (Rumani 6:11). Ġakbu uża s-separazzjoni tal-ġisem u l-ispirtu fil-mewt bħala xebħ biex jipprova li kull darba li int tipprova tifred l-opri mill-fidi int ikollok fidi mejta (Ġakbu 2:17, 20, 26).
4. Fl-istess mod, Kristu qal, "...ħalli l-mejtin jidfnu l-mejtin tagħhom" (Mattew 8:22). Kulħadd jammetti li l-kelma "mejtin" hija wżata f'żewġ sensi hawn. Huwa l-istess bħallikieku l-Mulej qal, "ħalli dawk li huma isseparati minn Alla permezz tad-dnub iwettqu x-xogħol li jidfnu lil dawk li minnhom intom isseparati biss għal żmien."
5. Bħal Ġesù, l-appostlu Pawlu uża t-terminu b'tifsira doppja, meta qal, "Imma dik li ħsiebha fix-xalar, għalkemm hi ħajja, hija mejta" (1 Timotju 5:6). Din mejta u ħajja fl-istess ħin u l-ħin kollu! Fil-fatt, l-inkwiet ma' dawn in-nies żgħażagħ kien sempliċiment li huma kienu wisq fuq ruħhom, ħajjin iżżejjed, fiżikament. Fl-imħabba tagħhom għall-pjaċiri huma ħallew id-dnub jidħol u jisseparahom minn Kristu u l-knisja Tiegħu.
6. Mewt spiritwali dejjem tfisser separazzjoni minn Alla. Din hija r-raġuni li l-appostlu Pawlu qal, "... qum mill-imwiet ħa jiddi fuqek Kristu" (Efesin 5:14). Imma mewta fiżika tfisser qtugħ ta' rbit

fiżiku, madankollu, din m'għandix effett fuq irbit spiritwali. Din hija r-raġuni li David seta' jgħid, "Jekk nagħmel soddti fis-saltna ta' l-imwiet, ara, inti qiegħed hemm" (Salm 139:8).

7. L-appostlu Pawlu kellu assigurazzjoni aqwa ta' kontinwazzjoni ta' dan l-irbit spiritwali, meta hu qal li hu xtaq "jintemm u jkun ma' Kristu" (Filippin 1:23).

U kif, nistaqsi jien, tista' xi waħda minn dawn l-istqarrijiet issir, jekk il-Bibbja tgħallem lir-ruħ tidħol f'raqda fil-mewt? Ħadd għadu qatt ma sab il-post fil-Bibbja fejn din qatt titkellem dwar irqad tar-ruħ. Din hija xi ħaġa li *jassumu* dawk li jemmnu fl-irqad ta' l-erwieħ. Waqt li l-Iskrittura titkellem dwar wieħed li jorqod, madankollu, dan jista' biss jirreferi għal "fdal." Il-ġisem jidħol fl-istat mhux attiv tiegħu, u hemm jispiċċa u jsir trab minn fejn ġie. Imma materjaliżmu bħal dan huwa agħma għal kollox jekk huwa ma jistax jara li personalità konxja, imsejħa "jien," iżżomm l-identità tagħha fil-mewt l-istess daqs kemm hija tagħmel dan meta aħna norqdu, noqogħdu fil-mistrieħ. Għaliex waħda għandha tkun misterjuża aktar mill-oħra?

*Minn dawn l-istudji, mela, aħna naraw lir-ruħ (jew ispirtu) tal-bniedem ma tmut qatt. Il-ġisem fiżiku tabilħaqq li jmur lura lejn l-art, bħal ma kien, imma l-ispirtu tabilħaqq li jmur lura lejn Alla, li tah (Ekkleżjażti 12:7).*

## FEJN IMORRU L-MEJTIN?
## (Parti 3)

Xi wħud assumew li l-ispirti li tbiegħdu jitilgħu direttament fis-Smewwiet (il-Ġenna). Dan jidher għalija li huwa direttament irrifjutat minn Ġesù, meta Hu qal,

> "*Ħadd ma tela' fis-sema, ħlief dak li niżel mis-sema, Bin il-bniedem li hu fis-sema*" (Ġwanni 3:13).

Ma jgħallimx illum it-Testment il-Ġdid l-istess kif għallem meta dan kien miktub? Jekk huwa jagħmel dan, allura aħna għandna nikkonkludu li l-erwieħ li ħallew din id-dinja għad mhumiex fis-Smewwiet (fil-Ġenna).

Fil-mewt l-ispirtu jħalli l-ġisem u jieħu eżistenza *konxja* separata—imma fejn? forsi xi ħadd jistaqsi? Ir-ruħ la hija rieqda mal-ġisem fil-qabar, lanqas ma hija tittajjar qrib il-qabar; lanqas ma tkun daħlet f'xi ġisem ieħor, kif xi reliġjużi jaħsbu u jgħallmu. Kull idea ta' transmigrazzjoni jew ri-inkarnazzjoni mill-ġdid ta' l-erwieħ hija għal kollox stramba għat-tagħlim tal-Bibbja Mqaddsa. Il-Bibbja tgħid li l-ispirtu fil-mewt imur lura għand Alla li tah. F'Ekkleżjażti 12:7, naqraw,

> "*Imbagħad jarġa' t-trab lejn l-art bħal ma kien; u l-ispirtu jarġa' lejn Alla, li tah.*"

Fejn, mela, l-erwieħ imorru fil-mewt biex jistennew il-qawmien? Imorru fid-destinazzjoni ta' l-aħħar, fis-Smewwiet jew fl-infern, li fihom imorru wara l-ġudizzju; jew imorru f'post ta' bejniet, post intermedjarju? Fil-jum tal-ġudizzju finali, meta Kristu jerġa' jiġi, il-

Mulej jgħid lill-mifdija:

> "*Ejjew, intom imberkin ta' Missieri, ir-tu s-saltna ppreparata għalikom sa mill-bidu tad-dinja.*"

Lill-ħżiena l-Mulej jgħidilhom:

> "*Morru minn quddiemi, intom misħu-tin, fin-nar li ma jispiċċa qatt…U dawn imorru fil-kastig ta' dejjem: imma l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem*" (Mattew 25: 31-46).

F'dak il-jum id-dixxipli ta' Ġesù jirċievu l-kuruna tal-ġustizzja. Fit-Tieni Timotju 4:8, naqraw,

> "*Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust.*"

L-appostlu Pietru wkoll jgħidilna,

> "*Imbagħad, meta jidher ir-Ragħaj il-Kbir, tiksbu l-kuruna tal-glorja minsu-ġa minn ward li ma jidbielx*" (1 Pietru 5:4).

Il-Mulej tagħna wkoll jgħid hekk,

> "*U hieni int, għax dawn ma għand-homx minn fejn iroddulek pjaċir bi pja-ċir, imma jroddhulek Alla meta l-ġusti jqumu għall-ħajja!*" (Luqa 14:14).

Il-post ippreparat mill-Mulej fejn l-ispirti kollha mingħajr ġisem jgħammru bejn il-mewt u l-qawmien huwa post intermedjarju msejjaħ "Post l-Imwiet" (Ha-

des).

Żewġ passaġġi fit-Testment il-Ġdid jgħidu dan il-fatt: (1) Luqa 16:23: L-ispirti tar-raġel għani u Lażżru t-tnejn kienu f'Post l-Imwiet wara l-mewt. Dwar ir-raġel għani Ġesù qal,

> "*U f'-post l-imwiet huwa refa' għajnejh.*"

(2) Atti 2:27, 31: L-ispirtu ta' Ġesù mar f'post l-imwiet meta Hu miet. Pietru, fil-Jum ta' Pentekoste, waqt li kien qiegħed jirreferi għall-profezija ta' Danjel, qal,

> "*Għax int ma titlaqx fl-imwiet lil ruħi, u ma tħallix il-Qaddis tiegħek jara t-taħsir…La kien mitluq fl-imwiet u lanqas ġismu ma ra t-taħsir.*"

Meta bniedem imut, l-ispirtu jmur f'Post l-Imwiet, u l-ġisem tiegħu jmur fil-qabar. Post l-Imwiet huwa maqsum f'żewġ kompartamenti, il-post fejn fih jgħammru l-ġusti, (dak li fl-Ingliż imsejjaħ 'Paradise') u Taratarus, il-post fejn fih jgħammru l-ħżiena. (Ara l-istampa f'paġna 229). Fil-qawmien l-erwieħ tal-ġusti jħallu dan il-post (Paradise), u l-erwieħ ħżiena jħallu Tartarus. Imbagħad, wara l-ġudizzju t-tajbin jgħammru fis-Smewwiet ma' Alla u l-ħżiena jkunu jeżistu fl-infern għal dejjem.

Il-kelma oriġinali għall-Post l-Imwiet (Imkien il-Mejtin) hija tradotta fi kliem differenti fit-traduzzjoni ta' Saydon f'Luqa 16:23 u tat-Trinitarian Bible Society. F'dawn il-verżjonijiet insibu l-kelma "Infern." Din hija traduzzjoni żbaljata tal-kelma oriġinali. Wieħed

għandu jinnota, li erba' kelmiet differenti huma kollha tradotti *Infern*, Post l-Imwiet, Gehenna, Tartarus, u Xeol. Biex wieħed ikollu għarfien aħjar, huwa meħtieġ li jkun jaf kif kull waħda minn dan il-kliem tal-Bibbja hija wżata.

**Post l-Imwiet.** Dan ifisser il-post li l-ispirti kollha jmorru fih, hu x'inhu l-karattru morali tagħhom. Dan il-post primarjament ifisser *id-dinja li ma tidhirx, li tilqa' fiha lil kulħadd.* Il-post ta' l-erwieħ li telqu, għalkemm ma jidhirx minn nies fid-dinja, jidher għal Alla. Dejjem, fit-Testment il-Ġdid, Post l-Imwiet jissinjifika biss ir-reġjun ta' spirti mingħajr ġisem. Il-qabar juri biss dak li jilqa' l-ġisem fiżiku.

Il-kelma Griega għall-*Post l-imwiet* tinsab għaxar darbiet fl-Iskrittura tat-Testment il-Ġdid: Mattew 11: 23; 16:18; Luqa 10:15; 16:23; Atti 2:27, 31; Rivelazzjoni 1:18; 6:8; 20:13, 14. Fil-kelma Griega għal dan il-post ma hemm l-ebda ħsieb ta' pjaċir jew tbatija. Din sempliċiment tfisser jew turi stat, jew kondizzjoni, stat li ma jidhirx fil-għajn umana. Kristu mar f'(*eis*) *Post l-Imwiet* (Atti 2:27, 31), imma mhux fl-Infern kif xi traduzzjonijiet iġibu din il-kelma. Jekk Post l-Imwiet ifisser infern, allura l-appostlu Ġwanni kien ħati ta' ħaġa mingħajr ebda sens, għaliex hu ra l-infern mitfugħ fl-infern fejn f'Rivelazzjoni 20:14 naqraw,

> "*Imbagħad il-Mewt u Post il-Mejtin ġew mixħuta fil-belliegħa tan-nar, din il-għadira tan-nar hija t-tieni mewt.*"

Kristu ma niżilx f'Tartarus jew f'Gehenna—imma Hu miet u daħal fil-post li ma jidhirx ta' l-ispirti mingħajr

iġsma, qabel il-qawmien Tiegħu.

Il-kelma "**Tartarus**" letteralment tfisser "*post mudlam*," jew ħabs; u tinsab darba biss fit-Testment il-Ġdid, fejn l-appostlu Pietru jużaha biex ifisser id-dar ta' l-iġsma mejta li fiha l-anġli li dinbu qegħdin miżmuma sal-jum il-ġudizzju (2 Pietru 2:4). Li din tirreferi għall-post tal-priġunerija tagħhom qabel il-ġudizzju, u mhux wara huwa ċar mil-lingwa wżata. Ġuda vers sitta, ukoll jalludi għall-fatt li huma qegħdin jistennew il-ġudizzju.

> "*U lil dawk l-anġli li ma beżgħux għal posthom u telqu mnejn kienu jgħammru, huwa żammhom marbuta għal dejjem f'qiegħ id-dlamijiet għall-ħaqq tal-Jum il-Kbir.*"

Waqt li dan huwa msemmi partikolarment dwar l-anġli li waqgħu, dan huwa wkoll, għalkemm wieħed jassumi, il-post li jilqa' l-mejtin ħżiena kollha. Ma hemm xejn fil-Bibbja li jista' juri li teżisti xi kondizzjoni differenti. Għalhekk, dan hu l-istat tal-ħżiena kollha wara l-mewt u qabel il-qawmien, u mhux wara l-qawmien. Kif tista' tara fl-istampa f'paġna 229, Tartarus jifforma parti waħda ta' Xeol.

**Ġenna** (Paradise) jew *Ħdan Abraham* tirreferi għall-post fejn jgħammru l-ispirti l-ġusti f'*Post l-Imwiet*. Billi nqabblu t-tweġiba ta' Kristu li ta lill-ħalliel fuq is-salib, fejn qallu,

> "*Illum int tkun miegħi fil-ġenna*" (Luqa 23:43)

ma' l-istqarrija ta' Pietru dwar Kristu li naqraw f'Atti

3:31,

> "*Lanqas ma hu kien imħolli f'Post l-Imwiet*"

wieħed jara li l-*Ġenna* (Paradise) hija kompartament f'Post l-Imwiet. Kristu mar f'P*ost l-Imwiet*. Huwa mar ukoll fil-*Ġenna* fejn Lażżru kien fi ħdan Abraham. Għalhekk, il-*Ġenna* tinsab f'*Post l-Imwiet*. Għalhekk il-Bibbja tgħallem li hemm żewġ diviżjonijiet f'*Post l-Imwiet, il-Ġenna u Tartarus*. Għalkemm it-tnejn, kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena jmorru f'*Post l-Imwiet*, fil-mewt, il-kondizzjoni tagħhom hemm mhijiex l-istess; xi wħud qegħdin fi stat ta' hena waqt li oħrajn qegħdin fi stat ta' miżerja.

Il-kelma **Ġenna** (Paradise) hija wkoll applikata għad-Dar eterna tal-mifdija, li huma jirtu fil-qawmien tagħhom b'iġsma immortali wara l-ġudizzju. F'Rivelazzjoni 2:7 naqraw hekk:

> "M*in għandu widnejn, ħa jisma' xi jgħid l-ispirtu lill-knejjes. Lir-rebbieħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-Ħajja li hemm fil-Ġenna ta' Alla.*"

Ukoll naqraw fl-Ewwel Korintin 12:3-4,

> "*U naf li dal-bniedem kien meħud fil-ġenna—jekk hux fil-ġisem jew mingħajr il-ġisem jien ma nafx, dan Alla jafu, u sema' jingħadu ħwejjeġ li ma jitfissrux bil-kliem u li ebda bniedem ma jista' jgħidhom.*"

Il-kelma *Ġenna* primarjament tfisser "ġnien ta'

hena, post tad-dawl." Il-kelma hija wżata fl-Iskrittura fi tliet sensi differenti: (1) Il-Ġnien ta' Għeden (Ġenesi 2 u 3), (2) il-post tal-mistrieħ għall-ispirti tal-ġusti wara l-mewt, u (3) is-Smewwiet (Rivelazzjoni 22:1-5).

Luqa 23:32-43,

> "U *huwa qallu: "Tassew, ngħidlek, illum inti tkun il-ġenna miegħi.*"

Meta Kristu qal lill-ħalliel fuq is-salib lit-tnejn, kemm Hu kif ukoll il-ħalliel ikunu flimkien fil-*Ġenna*, Ġesù rrifera għall-Post tal-mistrieħ ta' l-ispirti mingħajr ġisem. F'Ġob 3:17, naqraw,

> "*Hemm il-ħżiena jieqfu mill-ħażen tagħhom u; hemm jistrieħu dawk li huma għajjenin.*"

F'Rivelazzjoni 14:13, Ġwanni jikteb,

> "*Imbagħad smajt leħen mis-sema jgħid: 'Ikteb: hienja minn issa l-mejtin li jmutu fil-Mulej. Iva, jgħid l-Ispirtu, huma jistrieħu mit-taħbit kollu tagħhom, għax l-egħmejjel tagħhom jissieħbu magħhom.*"

Li tkun fil-Ġenna ma' Kristu ma kienx u ma jistax ifisser stat ta' fejn wieħed ma jkunx konxju jew ma jkunx jeżisti, jew fis-Smewwiet.

Ġesù mar fil-Ġenna, f'dak il-jum stess; għaliex Hu qal li hekk kien se jagħmel. Madankollu, tlitt ijiem wara, aħna nisimgħu lil Ġesù jgħid lil Marija ta' Magdala,

> "*Jiena għadni ma tlajtx għand il-Mis-*

*sier*" (Ġwanni 20:17).

Innota li Kristu ma telgħax fis-Smewwiet sa erbgħin jum wara l-qawmien Tiegħu (Luqa 24:50-51; Atti 1:3-11). Jekk Ġesù u l-ħalliel penitenti kienu flimkien fil-*Ġenna* (Atti 2:27, 31), mela l-*Ġenna* hija f'*Post l-Imwiet*, u Ġesù mar fil-*Ġenna*, (Atti 2:27, 31), mela l-*Ġenna* hija f'*Post l-Imwiet*, u Ġesù u l-ħalliel kienu flimkien f'*Post l-Imwiet*. Għaldaqstant, aħna naslu għall-konklużjoni li l-*Ġenna* u s-*Smewwiet* mhumiex post wieħed jew l-istess post f'dan il-każ, imma pjuttost żewġ postijiet distinti għaliex Kristu ma marx fis-*Smewwiet* meta Hu miet, ma kienx qabel it-tlugħ Tiegħu li Hu mar fis-*Smewwiet*.

Fit-tielet jum wara l-kurċifissjoni, l-ispirtu ta' Ġesù Kristu ħareġ barra minn *Post l-Imwiet*, u ġismu kien imqajjem mill-imwiet. L-ispirtu tal-ħalliel, minn naħa l-oħra, ma ġiex lura minn *Post l-Imwiet*, u l-ġisem tiegħu baqa' fil-qabar. Sal-jum tal-qawmien, l-ispirtu jibqa' *f'Post l-Imwiet* u l-ġisem tiegħu jibqa' fil-qabar. Fl-istess mod, l-ispirti kollha mingħajr iġsma jibqgħu *f'Post l-Imwiet* sal-qawmien ta' l-iġsma tagħhom. Li tikkonferma, mela, kif jgħallmu xi wħud, li fil-mewt l-ispirtu li jkun ħalla l-ġisem imur immedjatament fis-*Smewwiet* (jekk dan ikun ġust) jew fl-*Infern* (jekk dan ikun ħażin) mhuwiex f'armonija ma' ħafna siltiet ċari fil-Bibbja. Għalhekk wieħed għandu dejjem ikun attent dwar dak li jisma' u jifli u jgħarbel sewwa jekk dak li jintqal ikunx ġej minn Alla jew mill-bnedmin.

## L-GĦANI U LAŻŻRU
## (Luqa 16:19-31)
## (Parti 4)

It-test li sejrin nikkunsidraw f'din il-parti huwa tweġiba tal-Mulej lill-Fariżej għall-kritika tagħhom għat-tagħlim Tiegħu fil-parabbola tal-qaddej il-ħażin (Luqa 16:1-13). Il-Fariżej kienu jħobbu l-flus, huma rieduhom għalihom infushom, pjuttost milli jużawhom fis-servizz ta' Alla. U għalhekk, meta huma ippruvaw jirredikolaw lil Ġesù, Hu qalilhom,

> "*Intom dawk li tiġġustifikaw lilkom infuskom quddiem il-bnedmin, imma Alla jaf qalbkom; għax dak li huwa eżaltat fost il-bnedmin huwa saħta quddiem Alla*" (Luqa 16:15).

Ġesù biċ-ċar wera l-iskop li għalih il-parabbola tal-qaddej ħażin kienet mogħtija, fejn Hu jgħidilhom hekk:

> "*U jien ngħidilkom: agħmlu għalikomn infuskom ħbieb bis-saħħa tal-qliegħ diżonest, ħalli meta jonqoskom, jilqgħukom fl-egħrejjex ta' dejjem*" (Luqa 16: 9).

B'hekk ikun faċli għalina biex naraw lir-raġel għani fil-lezzjoni tagħna, li kellu tiegħu l-mammon tal-ħażen (il-flus) fl-abbundanza, naqas għal kollox milli jużah ħalli jagħmel ħbieb u jkun jista' jiġi milqugħ fid-dar ta' dejjem tar-ruħ.

Vers 10 tal-parabbola ta' l-amministratur li ma kienx fidil, jgħid hekk,

> “*Min hu fidil f’ħaġa tassew żgħira, hu fidil ukoll fil-ħafna, u min hu diżonest f’ħaġa tassew żgħira, hu diżonest ukoll fil-ħafna.*”

U l-parabbola ta’ l-għani u Lażżru fiha eżempju ta’ raġel li ma kienx ġust u li, bħala riżultat ta’ l-attitudni u l-kondotta tiegħu, kienet ġiet miċħuda lilu l-hena ta’ dejjem li tiġi lil dawk li jibqgħu fidili sa l-aħħar.

Versi 11 u 12 ta’ dan il-kapitlu jgħidu,

> “*Jekk mela ma wrejtux ruħkom fidili fil-qligħ diżonest, min se jafdalkom il-ġid veru? U jekk ma wrejtux ruħkom fidili f’dak li hu ta’ ħaddieħor, min se jagħtikom dak li hu tagħkom?*”

Ir-raġel għani ma kienx fidil f’dak li kien ta’ Alla, u għalhekk huwa kien imċaħħad minn dak li seta’ jkun tiegħu għal dejjem.

Vers 13 jurina l-prinċipju wiesa li jiġbor fih l-attitudni u l-kondotta li jinsabu fil-lezzjoni li Ġesù ried jagħti permezz ta’ din il-parabbola; u aħna għandna nifhmu li ebda persuna, ħadd ma jista’ jaqbad it-tifsira tal-lezzjoni dwar ir-raġel għani u Lażżru, sakemm hu ma jkunx familjari ma’ u jifhem il-parabbola tal-qaddej jew amministratur mhux fidil. Hawn naqraw:

> “*Ebda qaddej ma jista’ jaqdi żewġ sidien; għax jew ikun jobgħod lil wieħed minnhom u jħobb lil l-ieħor, jew jintrabat ma’ wieħed u jistmell lil l-ieħor. Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus.*”

U dak li kien minnu u tassew dak iż-żmien li fih il-Mulej qal dan il-kliem huwa minnu u tassew illum; aħna ma nistgħux naqdu lil Alla u l-ħwejjeġ materjali ta' din id-dinja, ta' din il-ħajja.

Il-parabbola tal-qaddej ħażin tgħallem lezzjoni importanti ħafna dwar li wieħed jipprepara għall-futur. L-istorja tar-raġel għani u Lażżru tinforza l-istess lezzjoni billi turi x'jiġri wara l-mewt. L-istat tat-tnejn, kemm dak ta' l-għani kif ukoll dak tal-fqir, ma kienx iddeterminat permezz ta' l-għana, tal-ġid jew il-povertà, imma permezz ta' l-użu lir-raġel għani poġġa fil-ġid tiegħu u l-manjiera li Lażżru ġab fuqu biha fil-faqar u fil-mard tiegħu.

Din hija storja ta' kuntrasti. Hija tibda bil-ġid kbir tas-sinjur, u l-faqar estrem tat-tallab. Huwa wkoll ta' min jinnota lir-raġel għani ma kienx akkużat bi qliegħ ħażin, u li l-fqir ma talabx ħlief għal dak li kien "jaqa'" mill-mejda tal-pranzu. Il-punt li wieħed għandu jiftakar huwa lir-raġel għani ma *ta* xejn lir-raġel fqir. Punt ieħor ta' kuntrast huwa muri permezz ta' l-attenzjoni tal-klieb. L-unika konsiderazzjoni lir-raġel fqir irċieva kienet minn dawk li jiġru fit-toroq biex isibu xi ħaġa x'jieklu, waqt lir-raġel sinjur kien imdawwar bil-familja u l-qaddejja attenti tiegħu.

Is-sezzjoni li nsibu f'versi 22-26 tibda b'kuntrast ieħor bejn iż-żewġt irġiel tal-parabbola, jiġifieri, l-għani kien midfun, iżda xejn ma ntqal dwar servizz bħal dan għall-fqir. Id-destini taż-żewġt irġiel, iżda, huma speċifikati; u huma jipprovdu l-akbar kuntrast. L-istat tal-ġust huwa ippreżentat billi qiegħed "*fi ħdan Abraham*", li kienet frażi tar-Rabbi, ekwivalenti għal li

tkun ma' Abraham fil-Ġenna. Għal-Lhud Abraham jidher iċ-ċentru personali u l-lok fejn wieħed jiltaqa' fil-Ġenna.

Huwa sewwa, meta nikkunsidraw l-għajta tar-raġel għani għall-ħniena, li nqabblu l-favur żgħir li huwa talab ma' dak li Lażżru xtaq dwar l-ikel waqt li kien għadu ħaj fid-dinja. Ir-raġel għani matul ħajtu kellu ħafna mill-ġid tal-ħażen fil-għana tiegħu, u huwa seta' wżaħ b'tali mod li kien jagħmel għalih innifsu ħbieb għal żmien bħal dan; iżda, minflok ma hu għamel dan, huwa abbuża mid-dmir billi ferrex il-ġid tiegħu fuqu nnifsu. Id-dieqa li l-għani kien qiegħed isofri kienet il-kastig li huwa kien qiegħed jesperjenza fl-istat intermedjarju. Wieħed m'għandux jinsa lit-tnejn, kemm ir-raġel għani u kemm Lażżru *kienu konxji* wara mewthom. Waqt li kienu fuq l-art huma kienu konxji fil-ġisem fiżiku u waqt li huma kienu fl-istat intermedjarju huma kienu konxji spiritwalment. Minn dan wieħed jara kemm huwa tagħlim żbaljat dak it-tagħlim li jgħid lir-ruħ tieqaf mill-eżistenza tagħha fil-qabar! Li kien hekk, allura din il-parabbola ta' Ġesù kienet tkun mingħajr ebda sens!

## X'MA TAGĦMILX IL-MEWT

Il-parabbola kif intqalet minn Ġesù twassal lezzjonijiet kbar dwar il-ħajja li hija issa u l-ħajja li għandha tiġi. Ikun ħażin għal kollox li wieħed jipprova li jfassal, fuq il-bażi ta' din il-parabbola waħda, teoloġija iddettaljata li m'hemmx ħliefa tal-ħajja wara l-mewt. It-tentazzjoni l-kbira li wieħed jiddogmatizza dwar dak li mhux magħruf għandha tkun evitata. Madankollu Ġesù tana ħarsa fuq fuq lejn id-dinja l-oħra, li minnha

joħorġu ċerti lezzjonijiet mingħajr ebda żball. Aħna nitgħallmu minn għand Ġesù li hemm ċerti affarijiet li l-mewt, bil-qawwa kollha tagħha, ma tistax tagħmilhom.

**1. Il-mewt ma tistax teqred il-konxjożità.** Ir-raġel għani u Lażżru huma mejta, u madankollu huma ħajjin għal kollox. Huma mhumiex reqdin jew ma jafux x'hemm madwarhom. *Huma jinsabu konxi*.

Il-fatt li wieħed ikun konxju wara l-mewt huwa magħmul ċar ħafna fil-parabbola, imma hu ċar ukoll minn partijiet oħra ta' l-Iskrittura kif rajna aktar qabel u sejrin inkomplu naraw. F'okkażjoni waħda Ġesù sikket lis-Sadduċej, li ma kinux jemmnu fil-qawmien, billi rrifera għat-Testment il-Qadim (ara Mattew 22: 23-33). Hu fakkarhom li Alla qal lil Mosè,

> "*Jien hu Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u l-Alla ta' Ġakobb.*"

Dan kien żmien twil wara li l-partrijarki kienu mietu. Madankollu, Ġesù jżid,

> "*Alla mhux Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin.*"

Huwa assurd li taħseb Alla jaħkem fuq dawk li huma mejtin, li m'għandhomx eżistenza; għalhekk, Abraham, Iżakk, u Ġakobb, kellhom ikunu ħajjin. F'postijiet oħra Ġesù għallem li l-koxjenza tibqa' wara l-mewt. Hu qal, per eżempju, f'Mattew 25:46, dwar il-ħżiena li rriġettawh u warrbu r-rieda Tiegħu:

> "*U dawn imorru fil-kastig ta' dejjem*"

Il-post tal-kundanna huwa post ta' uġigħ u tbatija.

Imma fejn ma hemmx konxjożità, ma jistax ikun hemm tbatija; għalhekk il-bnedmin huma konxji wara l-mewt.

**2. Il-mewt ma tistax teqred l-identità.** Ir-raġel għani u Lażżru mhux biss kienu ħajjin, imma huma kienu *konxji* li kienu huma nfushom. Ir-raġel għani kien għadu r-raġel għani u Lażżru kien għadu Lażżru. Ir-raġel għani jitkellem dwaru nnifsu bħala li kien l-istess persuna; hu jaf li kien l-istess individwu li kien jaf lil Lażżru fil-ħajja; u hu jaf li hu kien minn familja ta' sitt aħwa.

Issa huwa tassew li l-mewt tbiddel ħafna affarijiet. Fil-mewt aħna nkunu mifrudin mill-ħwejjeġ materjali kollha. Il-qligħ monetarju tagħna, it-teżori tagħna, dak kollu li aħna jkollna tagħna jkun meħud minn idejna. Id-djar tagħna tad-dinja jispiċċaw. Il-ġisem tagħna jmur lura għall-forom ta' trab li ma jingħarfux. Dak kollu li hu fiżiku jisparixxi. Imma l-mewt ma tistax tibdel il-personalità. Il-kwalitajiet individwali li jagħmlu persuna jibqgħu jgħixu.

Huwa ta' l-għaġeb kif ħafna nies jaħsbu li l-mewt taħdem għalihom trasformazzjoni meraviljuża. Huma jħossu li huma jistgħu jtebbgħu ħajjithom fil-ħmieġ tad-dnub, u bis-sempliċi att tal-mewt imorru fil-preżenza ta' Alla bojod daqs is-silġ. Imma mhuwiex possibbli li tkun mument wieħed xħiħ, midneb, bla alla, u fil-mument li jmiss ta' wara l-mewt tkun għal kollox safi u mingħajr ebda dnub u bħal Kristu. L-aħħar nifs tal-mewt ma jistax ibiddel karattru ħażin jew kuxjenza ħatja. Id-demm ta' Kristu biss jista' jnaddaf il-qalb tal-

bniedem u jsaffilu ħajtu. Il-mewt mhix se tagħmel għal ruħ midinba dak lid-demm ta' Kristu ma kienx jista' jagħmel. Kif il-mewt issib persuna, hekk tkun fil-waqt wara meta hija tiftaħ għajnejha fid-dinja li ma tidhirx. Inti tkun int innifsek, u jiena nkun jien innifsi. Aħna aħna nfusna u nkunu aħna nfusna għal dejjem ta' dejjem.

**3. Il-mewt ma tistax teqred il-memorja.** F'Hades (Post l-Imwiet) ir-raġel għani fittex serħan mit-tbatija tiegħu. Imma Abraham qal, "*Ibni, ftakar….*" Abraham riedu li jħares lura u jara x-xorta ta' persuna li hu kien fuq l-art. Hu kien jista' *jiftakar*. Hu *ftakar* fil-ħajja tiegħu ta' pjaċir għalih innifsu. Hu *ftakar* f'Lażżru. Hu *ftakar* fil-ħames ħutu. Wara l-mewt, mela, l-bnedmin ikollhom il-qawwa tal-memorja. Il-qawwa tal-memorja tkabbar il-ferħ tas-smewwiet; u din tagunizza wkoll il-kuxjenza u tintensifika d-dispjaċir ta' dawk ikkundannati fl-infern tax-xitan.

**4. Il-mewt ma tistax teqred id-destin.** F'din l-istorja Ġesù jgħallem biċ-ċar li wara l-mewt hemm biss żewġ premjijiet. Lażżru sab lilu nnifsu f'post ta' ferħ. Ir-raġel għani, iżda, kien fi tbatija kbira. Hu jitlob biex Lażżru jkun jista' jintbagħat biex ibill sebgħu fl-ilma u jiffriskalu lsienu. Ukoll l-iċken għajnuna tkun milqugħa. Fil-qasam li ma jidhirx hemm separazzjoni qawwija bejn dawk li huma ta' Alla u dawk li huma mingħajr Alla. Hemm vojt kbir iffissat. Il-kelma Griega għall-vojt hija *chasma*, li tfisser qasma kbira. Għalhekk bejn il-ġusti u l-ħżiena hemm qasma kbira jew abbiss. U dik il-qasma hija fissa. Il-kelma Griega għal

"stabbilit" (jew iffissat) li, sfortunatament fit-traduzzjonijiet tal-Malti din il-kelma hija mħollija barra, jekk tradotta letteralment, tkun tradotta, "kien u jibqa' stabbilit." Id-diviżjoni tat-tajbin u l-ħżiena hija assolutament stabbilita u permanenti.

Min issepara lir-raġel għani u Lażżru? Minn stabbilixxa l-qasma jew il-vojt kbir li firidhom? Mhux Alla, mhux Kristu, mhux l-anġli. Dawn in-nies isseparaw lilhom infushom. Waqt li kienu fuq l-art kien hemm qasma kbira li mmarkathom mifrudin minn xulxin. Huma għamlu għażliet differenti. Huma vvjaġġaw toroq differenti. Huma għexu f'dinjiet differenti. U dik il-qasma li eżistiet fuq l-art, mhux mibdula bil-mewt, kompliet għal l-eternità.

## "MANIFESTAZZJONIJIET SPIRITWALI"

Ir-raġel għani kien b'xi mod bħal l-Ispiritwalisti, illum, f'dak li hu ħaseb li Lażżru kien jista' faċilment imur lura għal din il-ħajja, u jidher lill-ħames ħutu; b'hekk iwettaq dak li l-Iskrittura tat-Testment il-Qadim ma kinetx tista' tagħmel. Għal xi ħadd li jaħseb li twiddib spiritwali jista' jsalva l-erwieħ, meta l-Evanġelju tal-Mulej Ġesù Kristu jaqa' fuq widnejn torox, huwa għal kollox bla ebda sens. Abraham irrifjuta li jħalli lir-raġel għani li jżomm l-idea għall-mument prezzjuż ta' l-eternità. Hawn, mela, għandna prova ċara ħafna li Alla ma jippermettix lill-mejtin li jiġu lura fuq l-art biex jikkonvinċu lill-ħajjin. Minn dan naraw kemm huma foloz dawk il-ħafna dehriet li jintqalu minn xi reliġjonijiet li huma jew ta' Marija jew ta' xi hekk imsejħa qaddisin! Jekk Alla jista' jagħmel dan, Hu jinsab nieqes mis-sens tajjeb f'li ma jdawwarx

ix-xogħol tajjeb kollu ta' predikar għal għand l-ispirti f'Hades (Post l-Imwiet). Jiena pożittiv li ħadd ma jista' jagħmel xogħol aħjar kontra d-dottrina "li ma hemmx infern" milli jistgħu jagħmlu dawk li qegħdin f'Tartarus.

Sawl, ukoll, kien bħall-ispiritwalisti moderni, f'dak li hu ħaseb li kien jista' jikkomunika mal-mejtin. Hu rriġetta lil Alla u l-liġi Tiegħu, kemm fil-ħajja tiegħu u kemm fil-ħakma tiegħu. Fost ħwejjeġ oħra, hu naqas milli jpoġġi kull saħħar għall-mewt, kif dik il-liġi kkmandat. Meta hu kkonsulta dan l-ispirtu familjari ta' Għajn Dor (1 Samwel 28:7), dan kien wieħed biss f'katina twila ta' atti ta' diżubbidjenza. Għal ħafna mill-oħrajn, dan juri l-fond ta' l-mistħija li hu mar għaliha. Li dan ma kienx każ ordinajru ta' komunikazzjoni ta' l-ispirti, huwa muri bil-biża' kbir li bih is-saħħara ta' Għajn Dor irreaġġixxiet. Hi kienet skantata u għajtet għajta kbira. Is-sabar kbir ta' Alla jiġi fuq quddiem, f'li xi ħaġa ġrat hawn li qatt ma kienet idduplikata f'xi seduta oħra ta' l-ispiritisti. Alla kellu raġuni partikolari f'li attwalment ġab lura l-ispirtu ta' Samwel mid-dinja mbiegħda, l-istess kif ċertament Mosè u Elija ġej lura meta Kristu kien ittransfigurat. Il-profezija ta' Samwel kellha tkun biż-żejjed biex Sawl ibiddel moħħu. Madankollu, kien jidher tard wisq, billi r-rieda tiegħu kienet milwija fuq korsa oħra ta' azzjoni.

Il-qerq tas-seħer u tas-sħaħar huma ikkundannati kemm taħt it-Testment il-Qadim u kemm taħt il-Ġdid. Bilkemm ruħ taħseb li tiddubita dan il-fatt taħt il-Patt il-Qadim, imma xi ruħ qalbiena tipprova li tiddubitah

taħt il-Ġdid, billi ma jintqalx daqshekk f'li jikkundanna l-prattika daqs kemm kien hemm qabel. Imma jekk wieħed jaqra dak li jintqal mill-appostlu Pawlu lis-semmiegħa tiegħu f'Efesu, għandu jkun jaf sewwa kemm dik il-prattika kienet ikkundannata. Naqraw f'Atti 19:19,

> "*Ħafna wkoll minn dawk li kienu jagħmlu* ***s-sħarijiet*** *ġiebu l-kotba tagħhom, u ħarquhom quddiem kulħadd: u għaddew il-prezz tagħhom, u sabu li kien ħamsin elf biċċa tal-fidda.*"

50,000 biċċa tal-fidda jagħmlu fil-flus tagħna tal-lum madawr Lm2,650. Dan għandu jkun biżżejjed biex wieħed jifhem kemm din il-prattika kienet u għadha ikkundannata mill-Mulej. Imbagħad, ukoll, l-istess appostlu ma nesiex il-prattika li tikknonsulta l-ispirti familjari, meta hu kiteb il-frażijiet li jideskrivu l-opri tal-ġisem. Pawlu jgħid,

> "*Issa l-opri tal-ġisem, li huma magħrufin, huma dawn: l-adulterju, iż-żina, il-faħx, it-tbaħrid, l-idolatrija,* ***is-seħer****, il-mibegħda,...*" (Galatin 5:19-21; enfasi tiegħi).

Illum dawn il-ħwejjeġ huma aċċettati minn ħafna fejn nies iħallsu biex tinqralhom xortihom, fejn nies imorru għand dawk l-hekk imsejħa spiritwalisti fejn jgħidu li jitkellmu ma' l-ispirti ta' qraba li kienu ħallew id-dinja u oħrajn bħal dawn. Kif rajna, dan huwa kollu qerq u ikkundannat mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa.

## IL-QAWMIEN TAL-MEJTIN JEW TAL-ĠISEM (Parti 5)

Il-kustjoni ta' qawmien mill-mewt hija strettament kustjoni tal-Bibbja, sakemm l-oriġini tagħha huwa kkonċernat; għaliex barra minn Alla qatt ma xi ħadd ikkawża persuna li tgħix mill-ġidi. It-terminu *reżur-rezzjoni* jew *qawmien* ifisser *miġja 'l quddiem mill-mewt*, ritorn mill-mewt għall-ħajja; u dan ikun impossibbli jekk ma jkunx hemm mewt.

L-appostlu Pawlu jibda din is-sezzjoni billi jiddikjara l-intenzjoni tiegħu biex jgħid mill-ġdid l-Evanġelju li huwa kien ippriedka f'Korintu. Il-qawmien kien l-aħħar problema li hi diskussa f'din l-ittra lill-Korintin.

A.

1. F'kapitli wieħed u tnejn l-appostlu Pawlu juri r-relazzjoni tal-Korintin lejn l-Evanġelju.
2. F'kapitli 3 u 4 Pawlu juri ħwejjeġ bażiċi ta' l-Evanġelju li huwa ppriekda.
   a. Li Kristu miet għal dnubietna skond l-Evanġelju
   b. Li Kristu kien midfun.
   c. Li Kristu kien imqajjem fit-tielet jum skond l-Iskrittura.
3. Imbagħad, Pawlu jniżżel id-dehriet ta' Kristu fit-tielet jum bħala prova tal-qawmien Tiegħu (kapitli 8 sa 11).

B.

Fil-versi 12 sa 34, Pawlu jispjega dak li l-qawmien ta' Kristu għandu x'jaqsam mas-suġġett tal-qawmien tal-mejtin.

1. Pawlu jibbaża l-ewwel argument tiegħu fuq l-

assunzjoni tal-Korintin li ma hemmx ħaġa bħal qawmien mill-mewt (12-19).

a. **Mistoqsija:** "*Jekk Kristu hu mxandar li kien imqajjem mill-imwiet, kif jgħidu xi wħud minnkom li ma hemmx qawmien tal-mejtin*—kif Pawlu kien għadu kif wera—kif tistgħu xi wħud minnkom tgħidu li ma kienx hemm qawmien tal-mejtin? (v. 12).
b. **Il-konsegwenza** taċ-ċaħda tal-qawmien: "*Jekk ma hemmx qawmien tal-mejtin, anqas Kristu ma kien imqajjem mill-imwiet*" (v. 14).
c. **Ir-riżultat** li tiċħad li Kristu kien imqajjem mill-imwiet: (14-19).
    i. Il-predikazzjoni ta' l-appostli hija fiergħa (v. 14a).
    ii. Il-fidi ta' l-aħwa hija fiergħa (v. 14b).
    iii. L-appostli jinsabu bħala li huma xhieda foloz ta' Alla (v. 15).
    iv. Il-fidi ta' l-aħwa hija fiergħa u għadhom fi dnubiethom (v. 17).
    v. Dawk li raqdu fi Kristu huma mitlufa (v. 18).
    vi. L-appostli, li ttamaw biss fi Kristu f'di il-ħajja, huma lkoll niex imsejkna fost kemm huma l-bnedmin (v. 19).

2. **F'kuntrast** mal-ħsibijiet impċajpra ta' xi jkun tassew kieku ma kienx hemm qawmien, Pawlu jdur għall-fażi pożittiva ta' l-argumenti tiegħu bid-dikjarazzjoni: "*Imma Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet*" (v. 20).

a. B'din in-nota ta' trijonf, l-appostlu jibda biex juri l-konsegwnezi mbierka ta' dik il-ġrajja kbira. Il-konsegwenzi terribbli kollha li huma miġjuba fil-versi 14 sa 19 huma foloz għaliex il-propożizzjoni oriġinali hija falza. Kristu kien imqajjem u l-konsegwenzi huma sewwasew il-kontra; l-istampa hija waħda ta' tama u mhux ta' dwejjaq.
b. Il-qawmien ta' Kristu huwa meqjus bħala "*l-ewwel frott fost dawk li raqdu.*" Fiż-żminijiet tat-Testment il-Qadim l-ewwel prozjon tal-ħsad kien ikun mogħti lill-Mulej bħala indikazzjoni li l-ħsad kollu kien fir-realtà Tiegħu (Levitku 23:9-11). Il-qwmien ta' Kristu huwa garanzija tal-qawmien tal-qaddisin kollha. (*Qaddisin* huma *l-Kristjani* u mhux dawk magħmula hekk mill-bnedmin wara mewthom [Kolossin 1:2].) Mewta fiżika ġiet fuq il-bniedem permezz tad-dnub ta' Adam; hu "*fi Kristu l-ewwel frott; imbagħad dawk li huma ta' Kristu fil-miġja Tiegħu*" (v. 23. "*Il-miġja*" biċar tirreferi għat-tieni miġja ta' Kristu.
c. Billil-appostlu ma jsemmix il-qawmien tal-ħżiena f'din id-diskussjoni, ma jfissirx li l-ħżiena jkunu mqajma f'xi waqt ieħor, kif jippruvaw igħallmu xi wħud, iżda, f'Atti 24:15 Pawlu jgħid: "*Waqt li nittama f'Alla —kif jittamaw dawn ukoll—li kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena għad iqumu minn bejn l-imwiet.*"

Ġesù Nnifsu jgħidilna lit-tnejn, il-ġusti u l-ħżiena jkunu mqajma, u li jkun hemm qawmien ġenerali. Hu jgħid, "*Tistagħġbux b'dan: tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għal kundanna*" (Ġwanni 5:28-29). Dan juri ċar li jkun hemm qawmien ġenerali wieħed magħmul mill-ġusti u mill-ħżiena.

d. Pawlu ma jsemmix il-qawmien tal-ħżiena f'din id-diskussjoni għaliex dan m'għandux post fid-diskussjoni. Pawlu qiegħed jiddiskuti biss il-qawmien ta' Kristu u ta' dawk li huma Tiegħu. Dawk imqajma minn Kristu matul il-ministeru personali Tiegħu mhumiex ikkunsidrati f'dan il-punt billi huma reġgħu mietu u l-qawmien tagħhom ma kienx għall-ħajja ta' dejjem.

Il-miġja ta' Kristu u l-qawmien iġibu t-tmiem (v. 24). F'dak il-waqt "*Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa*" (v. 24). Kristu, *issa* qiegħed isaltan fuq is-saltna Tiegħu u jibqa' "*isaltan sa ma jqiegħed l-għedewwa kollha taħt riġlejh, l-aħħar għadu li jkun meqrud huwa l-mewt, u dan ikun meqrud permezz tal-qawmien*" (versi 25-26).

Ċ.

**Versi 35-58:** F'dawn il-versi, l-appostlu Pawlu

jwieġeb xi problemi nvoluti fid-dottrina tal-qawmien tal-mejtin. Hawn għandna mistoqsija fi tnejn: (1) "*Kif il-mejtin iqumu?*" u (2) "*B'liema ġisem jiġu?*"

Wieħed jista' jimmaġina għal dawn il-mistoqsijiet li kienu magħmula dwar kif ġisem disintegrat qatt jista' jingħaqad u jkollu l-qawmien. Pawlu jindirizza lil dak li joġġezzjoni b'dan il-mod, bħala "*Iblah!*" (v. 36) u jkompli ħalli juri għaż-żrigħ taż-żerriegħa u t-tqanqil tal-ħajja minn dik iż-żerriegħa bħala analoġija, bħala xebħ. Iż-żerriegħa miżrugħa, hi x'inhi x-xorta tagħha, mhijiex ix-xitla l-ġdida li għandha titla'. Il-punt prinċipali fix-xebħ, huwa li l-ewwel; ikun hemm dekompożizzjoni, taħsir, imbagħad ħajja ġdida (v. 37). Iż-żerriegħa tmut ħalli b'hekk xitla ġdida tkun tista' tikber minnha. Kull xorta ta' żerriegħa tipproduċi xitla addatata kif Alla jogħġbu. B'ħarsa lejn din il-meravilja, għaliex, mela, xi ħadd iqajjem il-kwistjoni ta' kif iqumu l-mejtin?

Imma Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ikompli bil-ħsieb fil-vers 38:

> "*Alla jagi ġisem lil kull żerriegħa, il-ġisem li hu oriġinarjament fassal u għoġbu, u li jikkonċerna dak li Hu ordna li kull ħaġa għandha ġġib 'il quddiem wara x-xorta tagħha.*"

Fix-xebħ tiegħu, Pawlu jiddeskrivi ż-żrigħ taż-żerriegħa, id-difna tal-ġisem, u l-miġja 'l quddiem ta' ħajja ġdida f'kull każ (v. 38).

Imma Pawlu jixtieq li juri li l-qawmien tal-ġisem ikun xorta ta' ġisem differenti minn dak li aħna għan-

dna issa, u hu jġib eżempji oħra (versi 39-41). Hemm differenza ta' laħam fost il-bnedmin, l-annimali, it-tjur u l-ħut. Il-punt hawn huwa li Alla  jista' jipprovdi ġisem addattat għal u jaqbel għal kull parti tal-ħolqien Tiegħu—ukoll għalkemm dan huwa kollu differenti. Alla jagħmel l-istess ma' l-iġsma rxoxtati tagħna. Ikun hemm differenza bejn il-ġisem miżrugħ u dak li jkun irxoxtat. Meta l-varjetajiet kollha fil-ħolqien ta' Alla jkunu ikkonsidrati, ikun jista' jidher lin-natura tal-qawmien ta' l-iġsma tkun problema li tista' tkun im-ħollija f'idejn Alla.

Fil-versi 42-44, Pawlu jpoġġi numru ta' differenzi bejn il-ġisem meta jkun miżrugħ u meta jkun imqaj-jem: (1) taħsir kontra li ma jitħassarx, jiġifieri, il-ġis-em preżenti jitħassar; il-ġisem tal-futur ma jitħassarx. (2) Il-ġisem preżenti huwa suġġett għal l-għajb; il-ġisem tal-futur huwa wieħed igglorifikat (proċess li diġa' beda, [2 Korintin 3:18]). (3) Il-ġisem preżenti huwa illimitat bid-dugħfija umana; il-ġsiem tal-futur huwa spiritwali (spiritwali ma jfissirx "magħmul minn materjal spiritwali," imma "l-prodott ta' miraklu," [1 Korintin 10:3-4]).

Kulħadd jaqbel li hemm ġisem naturali (Grieg *psu-chikon*), ġisem addattat għall-ħajja preżenti, għalhekk, huwa naturali li tistenna li jkun hemm ġisem spiritwali (Grieg, *pneumatikon*), wieħed addattat għal l-ispirtu (v. 44b). Il-fatt li *l-ewwel bniedem sar ruħ ħajja*" (Grieg għal "ruħ," *psuche*) jispjega r-riferenza għall-ġisem "naturali." Kristu huwa "spirtu li jagħti l-ħajja" (Grieg għal "spirtu," *pneuma*). Hu jkun dak li jagħti l-ġisem spiritwali (*pneumatikon*).

Imma, jgħid Pawlu, hemm ċertu ordni li hija segwita—l-ewwel in-naturali, imbagħad l-ispiritwali. Dwar id-dehra tagħhom tad-dinja, Adam kien qabel l-inkarnat Kristu. Il-ġisem naturali tal-bniedem hu l-ewwel, imbagħad ikun hemm ġisem irxoxtat aktar wara (v. 46). Adam kien magħmul mit-trab permezz tal-qawwa kreattiva ta' Alla; Kristu, permezz tar-rieda Tiegħu stess, ħalla s-sema u sar bniedem (v. 47). Il-bnedmin kollha huma bħal Adam fil-fatt li huma trab; dawk li huma ta' Kristu jkunu mogħtija ġisem bħal tiegħu fil-qawmien (v. 48). F'din il-ħajja l-bniedem għandu x-xbieha ta' Adam; fis-Smewwiet (fil-Ġenna) huwa jkollu x-xbieha ta' Kristu (v. 49).

Wieħed forsi jistaqsi, xi ngħidu dwar il-karatteristiċi fiżiċi ta' dan il-ġisem preżenti—ikunu dawn evidenti fil-ġisem irxoxtat? Wieħed jista' jwieġeb, "liema stadju fil-ħajja umana huwa l-ġisem 'reali'?" Il-bniedem matur biss? Xi ngħidu dwar it-tfal? Fl-istadji kollha tal-ħajja umana l-bniedem għandu ġisem, għalkemm dak l-istess ġisem jista' lanqas biss ikun jingħaraf bħala li hu l-istess persuna fl-istadji differenti tagħha. Il-ħsieb prinċipali tal-qawmien tal-ġisem huwa li l-Kristjani ma jfittxux li jkunu mingħajr ġisem, imma li jkollhom ġisem ġdid (2 Korintin 5:1-6). Dan kollu huwa l-għemil ta' Alla. Il-Kristjani m'għandhomx jibżgħu għaliex il-qawmien ta' Ġesù hu l-garanzija ta' Alla li Hu jeqred il-mewt għalihom, kif Hu diġa' ħafer id-dnubiet tagħhom. U jkun liema jkun il-ġisem li jagħti Alla, aħna nkunu Bħalu.

D.

**Versi 50-58: Il-Vittorja l-Kbira.**

Iġsma tal-laħam ma jistgħux jidħlu fis-saltna tal-glorja (v. 50). Għaldaqstant, bidla hija neċesarja, u Pawlu jkompli jgħid dwar din il-bidla li hu jsejħilna "misteru" (v. 50), xi ħaġa li tista' tkun magħrufa biss permezz ta' rivelazzjoni divina. Mhux kulħadd imut qabel il-miġja ta' kristu; xi wħud ikunu ħajin fil-ħin ta' din il-ġrajja hekk kibra. Imma lkoll, kemm jekk ħajjin jew mejtin, ikunu mibdula fil-miġja ta' Kristu, u din il-bidla għandha ssir qabel ma xi ħadd jidħol fis-Smewwiet (versi 51, 52). Is-sinjal divin li jħabbar dawn il-ġrajjiet ta' importanza huwa mfisser bħala d-daqq tat-tromba (1 Tessalonikin 4:16; Rivelazzjoni 1:7). Pawlu jitkellem dwar dan bħala "l-aħħar tromba" (v. 52). Hawn il-Grieg għall-kelma "l-aħħar" huwa "*eschatos*," li tfisser, l-aqwa, l-aqwa daqs, estrem, l-aħħar termini. Dan jispjegalna li ma jkunx hemm sinjal ieħor elf sena wara jew f'xi żmien ieħor. Kigf juru skritturi oħra, il-mejtin kollha, kemm il-ħżiena u kemm it-tajbin, ikunu mqajma f'dan il-waqt; iżda, Pawlu ma jiddiskutix il-qawmien tal-ħżiena f'din is-silta. Sabiex il-ġisem jidħol fis-Smewwiet dan għandu jgħaddi minn bidla: dan il-ġisem li jitħassar, wieħed li hu suġġett għat-taħsir, għandu jkun imlibbes bin-nuqqas ta' taħsir; dan il-mortali għandu jilbes l-immortalità (v. 53). Meta jiġri dan, il-kliem "*inbelgħet il-mewt fir-rebħa*" (Isaija25:8), ikun ġie mwettaq. "*Grazzi lil Alla li jagħtina r-rebħa permezz tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.*" Pawlu jagħlaq b'nota sabiħa ħalli lkoll nibqgħu sħaħ u ma nitħarrkux u li nkunu nafu li l-ħidma tagħna mhijiex għalxejn." (1 Korintin 15:57-58).

# IL-JUM TAL-ĠUDIZZJU
## (Atti 17:30-31; Mattew 25:31-46)
## (Parti 6)

Il-maġġuranza tan-nies fid-dinja kollha jemmnu li persuna tista' ssib triq għall-problemi kollha tal-ħajja, irrid infisser, li kull xorta ta' problema mhijiex xi ħaġa li hija impossibbli biex issolviha. L-unika ħaġa li ma tistax tiġi solvuta hija l-mewt; huma jgħidu, aħna lkoll għandna mmutu f'xi jum. Imma l-mewt mhijiex il-ħaġa waħda li aħna lkoll għandna l-istess sakemm il-futur huwa ikkonċernat, għaliex xi wħud li qegħdin jgħixu issa jistgħu li qatt ma jmutu għaliex l-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, jgħidilna li:

> "*Aħna mhux ilkoll norqdu r-raqda tal-mewt, iżda lkoll nitbiddlu, f'waqt wieħed, f'teptipa ta' għajn ma' l-aħħar tromba.*" (1 Korintin 15:51-52).

Il-ħaġa waħda li aħna lkoll għandna l-istess hija *l-ġudizzju*. Aħna lkoll għandna f'jum wieħed nidhru quddiem is-siġġu tal-ħaqq ta' Alla. Ma jkun hemm ebda eċċezzjonjiet. F'Rumani 14:10 naqraw,

> "*...Aħna lkoll għad nidhru quddiem it-tribunal ta' Alla.*"

Aħna lkoll inkunu hemm. Ma jkunx hemm eċċezzjoni-jiet. Ma jkun hemm ebda privileġġi għal xi ħadd biex ma jidhirx quddiem Alla u jeħles mill-ġudizzju!

Ħadd ma jista' jiddubita l-kobor ta' din il-ħaġa li tieqaf quddiem Alla fil-ġudizzju kemm-il darba wieħed jaqra l-Bibbja ta' spiss. F'Atti 17:30-31, Pawlu qal lin-nies ta' Ateni,

> “*Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injoranza; issa għarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu, għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja permezz ta’ bniedem li ħatru hu; u ta’ dan ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajmu mill-imwiet.*”

Ma hemm l-ebda verità aktar mgħallma ċara fil-Kelma ta’ Alla, l-ebda fatt aktar stabbilit sod, u l-ebda twissija qawwija mill-verità ta’ dan il-kliem imlissen mill-appostlu Pawlu dwar il-jum il-kbir tal-ġudizzju.

Dan il-jum ta’ ġudizzju kien appuntat żmien twil ilu, imma permezz ta’ Ġesù Kristu dan kien mgħarraf ċar ħafna. Imkien fil-Bibbja ma huwa s-suġġett ta’ l-aħħar ħaqq mogħti enfasi qawwija bħal din kif insibuha fil-messaġġ ta’ Ġesù Nnifsu, f’Mattew 25. Wara li qal l-istorja ta’ l-għaxar verġni, li ħamsa minnhom kienu għaqlin, jagħmlu preparazzjoni biex jidħlu fil-festa tat-tieġ, u l-ħamsa l-oħra li kienu boloh, li l-preparazzjoni tagħhom ma kinetx tajba, Ġesù qal,

> “*Saflaħħar waslu wkoll ix-xebbiet l-oħra, u bdew jgħidu, ‘Mulej, Mulej, iftħilna!’ Iżda hu weġibhom u qal, ‘Tassew, ngħidilkom, lilkom ma nafkomx.*”

Ġesù għamel l-applikazzjoni lid-dixxipli Tiegħu u lilna lkoll, fejn qal,

> “*Ishru, mela, għaliex la tafu l-jum u lanqas is-siegħa.*” (Mattew 25:11-13).

Kemm hu differenti kliem Ġesù minn dak tal-profeti

foloz moderni li jistqarru li jafu meta Ġesù għandu jerġa' jiġi u jiffissaw dati!

Immedjatament, Ġesù għamel relazzjoni ma' dan bil-li qal il-parabbola tat-talenti, li fiha sezzjoni li għandha x'taqsam ma' raġel li kien mogħti t-talent tiegħu minn Alla, imma aktar milli wżaħ kif Alla ordnalu, huwa difnu fl-art. Ġesù ikkonkluda dik l-istorja bil-kliem tal-biża':

> "*U dan il-qaddej bla fejda itfugħ 'il barra fid-dlam; hemmekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien*" (Mattew 25:30).

Attwalment, Ġesù huwa l-unika persuna fl-Iskrittura li użat din l-espressjoni, "il-biki u t-tgħażżiż tas-snien," u huwa wżaha tliet darbiet biex jindika s-serjetà ta' li tkun mhux ippreparat biex tiltaqa' ma' Alla fil-ġudizzju.

Kien f'dan il-waqt li Ġesù ta l-aktar rakkont sħiħ tax-xena tal-ġudizzju li aħna nsibu fil-Bibbja kollha. Ġesù jurina ċar li l-ġudizzju jkun waqt meta l-bnedmin ikoll-hom djalogu personali Miegħu (Ara Mattew 25:31-46). Naqraw f'versi 31-32a,

> "*Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha...*"

Hemm bosta fatti f'din l-istqarrija li juru 'l fuq minn kull dubju lir-riferenza hija għat-tmiem ta' l-Epoka Kristjana, iż-żmien meta Ġesù għandu jiġi biex jiġġudika lid-dinja qabel ma Hu jerħi s-saltna lura lill-Missier (1 Korintin 15:24).

1. Hu jiġi fil-glorja Tiegħu.
2. L-anġli kollha jkunu Miegħu.
3. Hu joqgħod fuq it-tron tal-glorja Tiegħu.
4. Il-ġnus kollha tad-dinja jinġabru quddiemu.

Din hija stampa maestuża li biha l-Mulej iġib il-priedka Tiegħu għat-tmiem.

Passaġġ ieħor ta' l-Iskrittura li jippreżenta x-xena tal-ġudizzju fir-realtà sħiħa tagħha jinsab f'Rivelazzjoni 20:11-15, fejn naqraw:

> "*Rajt imbagħad tron kbir abjad u 'l dak li hu bilqiegħda fuqu. L-art u s-sema ħarbu minn quddiemu, bla ma nstab post għalihom. U rajt il-mejtin, kbar u żgħar, quddiem it-tron. U nfetħu l-kotba. Infetaħ ukoll ktieb ieħor, dak tal-ħajja. Imbagħad il-mejtin sar ħaqq minnhom fuq l-egħmejjel tagħhom, skond ma kienu mniżżla fil-kotba.*
>
> *Il-baħar radd lura l-mejtin li kien hemm ġo fih, u jekk ukoll il-Mewt u Post l-Imwiet raddew lura l-mejtin li kienu ġo fihom, u kull wieħed minnhom sar ħaqq minnu fuq l-egħmejjel tiegħu. Imbagħad il-Mewt u Post l-Imwiet ġew mixħuta fil-belliegħa tan-nar—din il-għadira tan-nar hija t-tieni mewt. Hekk ukoll min ma nstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut fil-belliegħa tan-nar.*"

Hawn l-appostlu Ġwanni jideskrivi r-rivelazzjoni speċjali li l-Mulej tah.

Il-miġja ta' Kristu tkun fil-glorja, minħabba l-wirja sħiħa tal-qawwa u l-maestà Tiegħu; u t-tron Tiegħu hu msejjaħ it-tron tal-glorja Tiegħu, għaliex minnu joħorġu deċiżjonijiet ta' għerf u ġustizzja (Atti 17:30-31). Il-kruha tax-xena hija spjegata mill-appostlu Pawlu fit-Tieni Tessalonikin 1:7-10, b'dan il-kliem:

> "*U għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru, kif ukoll lilna, dak in-nhar li Sidna Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu b'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħarfux lil Alla, u 'l dawk li ma jobdux l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa Tiegħu, dak in-nhar li jiġi biex jieħu l-glorja mingħand il-qaddisin tiegħu u l-ġieħ minn dawk kollha li jkunu emmnu fih, għax intom emmintu x-xhieda tagħna fostkom.*"

L-anġli fl-Iskrittura huma spiss assoċjati ma' Ġesù f'deskrizzjonijiet tal-ġudizzju. Fil-parabbola tas-sikrana, huma msejħa "l-ħassada," u aħna nfurmati li:

> "*Bin il-biedem jibgħat l-anġli tiegħu, u huma jiġbru barra mis-saltna tiegħu kull ma jġib tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien*" (Mattew 13:41-42).

F'Mattew 25:32b-45 naqraw dwar il-*qsim tan-nies*. Fl-espressjoni "u hu jifridhom," il-pronom "jifrid*hom*," fl-oriġinal, huwa maskil, waqt li l-anteċedent "ġnus" huwa newtru (la maskil u l-anqas femminil). Dan juri biċ-ċar lis-separazzjoni għandha riferenza, mhux għall-ġnus, bħala nazzjon, imma għal individwi li jagħmlu l-ġnus. Din is-separazzjoni tkun magħmula b'dehen mingħajr ebda żball, u b'ħaqq infinit. Il-folol kbar imorru jew fil-lemin jew fix-xellug taħt l-influwenza tal-qawwa tal-Mulej. Il-metafora hija meħuda mill-prattika tar-ragħajja taż-żminijiet antiki f'li jżommu l-mogħoż u n-ngħaġ f'merħliet separati. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ġudizzju, in-naħa tal-lemin hija dejjem irrappreżentata bħala l-post ta' unur u ta' preferenza, waqt lix-xellug huwa l-post ta' dawk inqas ippreferuti, imwarrab. Is-seprarazzjoni li hija magħmula hawn mhijiex ir-riżultat ta' kapriċċ jew setgħa arbitrarja, imma skond prinċipju stabbilit fl-amministrazzjoni ta' Alla. "Hu jiġġudika lid-dinja bil-ġustizzja." Dan il-prinċipju aħna sejrin niddiskutuh aktar 'il quddiem. Naqraw,

> "*Imbagħad is-Sultan jgħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-saltna li thejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja*" (Mattew 25:34).

Dan huwa l-ewwel u l-uniku waqt li Ġesù biċ-ċar isejjaħ lilu Nnifsu "Sultan." Dawk ta' fuq il-lemin Tiegħu huma l-imberkin tal-Missier, jiġifieri, il-karattru tagħhom wera li huma kienu għexu skond ir-rieda ta' Alla, taħt il-barka Tiegħu.

F'dak li qal lis-saltna kienet ippreparata għall-ġusti sa mill-ħolqien tad-dinja, it-tifsira hija li kien u huwa l-iskop etern ta' Alla li ħadd ħlief il-ġusti ma jistgħu jirtu s-saltna eterna Tiegħu, jew jgħixu Miegħu għal dejjem ta' dejjem.

Wara li spjega l-glorja u l-maestà tax-xena tal-ġudizzju, il-Mulej jagħti r-raġuni għall-għarfien pubbliku tal-ġusti (Mattew 25:35). L-atti li huma msemmija hawn huma kollha opri ta' ħniena u dawn jaqgħu fil-kategorija ta' l-opri tajba.

F'versi 37-40 ta' Mattew 25, naraw il-mod li bih Kristu jwieġeb lill-ġusti, bħallikieku huma għamlu dak li għamlu Miegħu personalment, jġiegħelhom jistagħġbu, u jenfasizza n-nuqqas ta' għarfien ta' merti li jikkaratterizza l-aktar opri nobbli, meta l-għemil tagħhom huwa immotivat permezz ta' fidi f'Alla u mħabba lejn Alla u l-bniedem.

Ukoll l-aktar midneb ħażin waqt li qiegħed hawn fuq l-art, qiegħed f'ċertu sens dejjem quddiem il-Mulej, imma jiġi żmien meta kull persuna mhux ippreparata tkun għal dejjem imkeċċija mill-preżenza tiegħu (versi 41-45). "Il-misħutin" huma dawk li huma iddedikati għall-qirda. Dak l-istat huwa oppost għal kollox għal dak ta' "l-imberkin." Dan jimplika ċ-ċaħda tal-barkiet kollha li huma mwiegħda lill-fidili, u kastig ta' tbatija ta' dejjem.

"In-nar ta' dejjem" juri kemm in-natura kif ukoll id-dewmien tal-kastig li jkun mogħti. Dan kien ippreparat għax-xitan u l-anġli tiegħu, imma dan ukoll ikun is-sehem ta' dawk kollha li jimxu fit-triq tal-ħażin. Għal wieħed biex isofri l-istess xorta ta' kastig li kien oriġi-

narjament maħsbu għax-xitan juri xi ħaġa dwar l-enormità tad-dnub. Aħna naraw hawn, ċar ħafna, għaliex il-midinbin huma meqruda, mhux għax ma kienx hemm salvazzjoni għalihom, imma għaliex huma warrbu u naqsu milli jirċievu u milli jagħmlu t-tajjeb. Dawn huma mistħutin, għaliex irrifjutaw ħalli jkun mberkin; huma ikkundannati, għaliex irrifjutaw li jkunu salvati. Għandu jkun osservat li fit-tliet eżempji li Kristu ta biex jispjega t-tieni miġja Tiegħu, il-verġni, it-talenti, u l-ġudizzju, l-ebda wieħed minn dawk li kienu ikkundannati ma kien akkużat b'xi dnub ħlief b'dak ta' traskuraġni. F'Lhud 2:3 naqraw,

> "*Kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din hi salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh.*"

Traskuraġni weħidha hija biżżejjed biex tikkundanna lir-ruħ, mhux għall-qabar, imma għall-infern. Xi nies jippretendu li ma jafux dwar l-għali u n-niket ta' oħrajn, għaliex huma m'għandhomx xewqa biex jgħinuhom; imma, kif din il-lezzjoni tgħallem biċ-ċar, injoranza bħal din ma tkun ta' ebda benefiċċju fil-jum tal-ħaqq. (Aqra l-parabbola ta' l-għani u l-Lażżru, f'Luqa 16:19-31 fejn turi lid-dnub ta' l-għani kien it-traskuraġni tiegħu.) Mattew 25:45 jgħid,

> "*Iweġibhom imbagħad u jgħidilhom, 'Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh.*"

L-unika differenza bejn din it-tweġiba u dik mogħtija lill-ġusti hija l-kelma "ma." In-nuqqas tagħhom f'dan ir-rigward kien il-bażi għall-kundanna tagħhom. Ebda dnubiet jew atti ta' diżubbidjenza oħra ma huma ikkunsidrati. Sempliċiment ċaħda u traskuraġni huma biżżejjed biex jikkawżaw kundanna għal dejjem.

F'Mattew 25:46 naqraw dwar il-premju finali,

> "*U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem.*"

Sforzi saru u għadhom isiru biex juru li l-kastig tal-ħżiena mhuwiex wieħed ta' dejjem, imma wieħed għandu biss jaqra dan it-test ħalli jara li l-kastig tal-ħżiena huwa estiż indaqs mal-ħajja tal-ġusti. L-istess kelma Griega tkejjel lit-tnejn: it-tnejn huma għal dejjem kif rajna f'paġna 145. Mistoqsija flokha hawn hija: "Huwa l-kastig li jieqaf, kastig ta' dejjem?" Fikliem ieħor, "huwa kastig li jieqaf kastig li ma jieqaf qatt?" Jekk iva, allura ma tistax "il-ħajja ta' dejjem" tieqaf u xorta tkun "ħajja ta' dejjem?" Huwa espressiv li l-ħajja ta' dejjem qatt ma tissuġġerixxi sempliċiment eżistenza, imma *dejjem* it-tgawdija kbira ta' assoċjazzjoni ma' Alla u ma' dak kollu li hu tajjeb; hekk ukoll l-oppost tagħha, "mewt ta' dejjem qatt ma tfisser sempliċiment nuqqas ta' eżistenza, imma *dejjem* separazzjoni minn, u telfien tas-Smewwiet u dak kollu li din tfisser. (Ara minn paġna 112.) Mewt ta' dejjem tfisser miżerja għal dejjem. f'Rivelazzjoni 20:10 naqraw,

> "*U x-xitan li qarraq bihom kien mitfugħ fl-għadira tan-nar u kubrit, fejn hemm il-bhima u l-profeta qarrieqa, u*

*jbatu lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem."*

L-Ispirtu s-Santu stabbilixxa t-tul tal-kastig tal-ħżiena l-fuq aktar minn kull kwistjoni oħra. "L-aġġettiv użat biex jiddeskrivi t-tul ta' żmien tat-tgawsidja tal-ġusti fis-Smewwiet huwa *l-istess*, kif diġa rajna qabel, bħal dak li juri l-perjodu li għandu jikkaratterizza l-ħżiena fin-nar ta' l-infern." Ġesù jgħid,

"*U dawn imorru fil-kastig ta' dejjem (Grieg aionios); iżda n-nies sewwa fil-ħajja ta' dejjem (Grieg aionios).*"

Il-mistoqsija hija: "Jista' dan ifisser li "ħajja ta' dejjem" tfisser eżistenza waqt li "kastig ta' dejjem" ifisser nuqqas ta' eżistenza? It-tweġiba ċara hija: "Ċertament li le!" L-istgess japplika għal Rivelazzjoni 20:10. Hawn aħna nfurmati li l-ħżiena "jbatu għal dejjem ta' dejjem." Għal kemm tul ta' żmien tkun din it-tbtija? Jista' dak li ma jeżistix ikun itturmentat? Ċertament li le! Jista' dak li ma jkunx konxju jkun itturmentat għal dejjem ta' dejjem? Ċertament li le!

## HUWA "N-NAR TA' DEJJEM TA' L-INFERN" REALTÀ? (Parti 7)

Aħna qegħdin ngħixu fi żmien fejn ftit nies jemmnu fir-realtà ta' l-infern. Forsi r-raġuni hija li huma ma jridux li jemmnu. Dak li l-Bibbja tpinġi dwar l-infern mhuwiex xi stampa sabiħa: il-ħruq, il-biki, u t-tgħażżiż tas-snien ta' l-erwieħ mitlufa li għalihom ma hemm ebda tama. Forsi r-raġuni li ħafna ma jemmnux, jew aħjar, ma jridux jemmnu (għaliex il-Bibbja titkellem bl-aktar mod ċar dwar l-infern) hija għaliex f'moħħhom stess huwa terribbli wisq li żżomm il-ħsieb li f'xi jum huma nfushom jistgħu jispiċċaw hemm ukoll. L-infern huwa realtà, iżda aħna hemm bżonn li nqumu u nagħtu aktar każ tiegħu.

Probabbilment hemm ċajt u rimarki umoristiċi diretti għal dan is-suġġett ta' l-għadira tan-nar daqs kemm hemm għal xi suġġett ieħor. "L-alla ta' din id-dinja għammad l-għajnejn ta' dawk li ma jemmnux" f'li jaħsbu "li din l-affari ta' l-infern hija sempliċiment ċajta."

Imma l-verità ta' Alla ma tispiċċa qatt tiddikjara li l-infern huwa reali u li suġġett bħal dan għandu jkun meħud bl-akbar serjetà u mhux biċ-ċajt.

Is-suġġett ta' l-infern huwa suġġett serju għaliex l-infern huwa etern fid-dewmien tiegħu. Il-bniedem modern għandu tendenza biex jitlef l-għarfa tal-ħwejjeġ li huma ta' importanza kbira, imma l-Iskrittura Mqaddsa tiddikjara li l-veru Kristjan iħares:

> "*mhux lejn il-ħwejjeġ li jidhru, iżda lejn dawk li ma jidhrux. Dawk li jidhru*

*huma għal żmien qasir, dawk li ma jidhrux huma għal dejjem*" (2 Korintin 4:18).

Il-kelma "għal dejjem" tfisser "mingħajr tmiem, qatt ma jieqaf." Mela kull ħaġa oħra li tista' tintqal dwar in-natura ta' l-infern hija mkabbra bil-fatt li dan hu l-istat etern tal-ħżiena.

Hemm xi wħud li jgħidu li l-infern mhuwiex raġjunevoli, u għal din ir-raġuni ma jeżistix. Imma jekk dan hu minnu, allura l-Bibbja Mqaddsa mhix raġjunevoli, għaliex hija ċertament tgħallem bl-aktar mod ċar li post bħal dan jeżisti. Sewwasew hawn jiena nixtieq neżamina xi wħud mill-oġġezzjonijiet offruti sabiex aħna nifhmu aħjar dan is-suġġett hekk importanti. Imbagħad wieħed ikun jista' jasal għall-konklużjoni tiegħu.

Parti minn ittra miktuba minn persuna li riedet tkun taf dwar jekk l-infern huwiex realtà jew le, tgħid hekk:

"Ripetutament il-Bibbja tiddeskrivi lil Alla bħala li jħobb, ġust, u ħanin. Ġesù, fil-priedka Tiegħu tal-Muntanja, ordna lid-dixxipli Tiegħu biex jimitaw lil Alla f'ħajjithom, li kien jinkludi li jħobbu l-għedewwa tagħhom (Mattew 5:44-48).

Ħafna reliġjonijiet foloz li jġibu t-timbru ta' "KRISTJAN" jgħallmu li jekk xi ħadd imut mingħajr ma jkun sar Kristjan, Alla jbiddel il-karatteristiċi Tiegħu u jsir ta' qalb iebsa, wieħed vendikattiv, u (billi jista' kollox) jikkawża lil dik ir-ruħ u miljuni oħra fl-istess ċirkustanza li jkunu ittorturati għal dejjem fin-nar, sekli kbar bla tmiem.

Milli jidher dawn l-għalliema reliġjużi foloz "pjut-

tost li jiġġieldu milli jibdlu." Injorat huwa l-prinċipju tal-Bibbja li Alla ma jitbiddilx (Malakija 3:6). It-tagħlim falz huwa mwassal billi tibda minn premessa falza u billi jgħawġu l-Iskrittura (2 Pietru 3:16). Alla ma jitbiddilx."

**Tweġiba:**

Il-kontenut huwa tipiku tar-raġunar ta' ħafna li ma jemmnux fin-"*nar u l-kastig ta' dejjem ta' l-infern*." Ħafna li jridu jgħixu ħajja kif jixtiequ huma u mhux kif irid il-Mulej jippruvaw li jgiddbu lil l-Ispirtu s-Santu billi jgħidu dak li Hu qal fil-Kelma Tiegħu mhuwiex tassew! Jippruvaw jgħidu li Alla ma riedx ifisser dak li Hu qal fil-mod li Hu qalu fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa! Kważi dejjem l-akkuża hija magħmula li "*n-nar ta' dejjem ta' l-infern*" huwa kontra l-karattru tassew ta' Alla, li dan jagħmlu "wieħed ta' qalb iebsa u vendikattiva." Dawk li jgħallmu "n-nar ta' l-infern" huma immarkati bħala "għalliema foloz."

Akkużi bħal dawn ta' fuq spiss ikollhom ix-xeħta li jċajpru r-raġunar ta' dak li jkun *bl-emozzjonaliżmu*. L-emozzjonaliżmu huwa parti dgħajfa tal-bniedem. Minħabba fl-emozzjoni l-bniedem xi drabi jasal biex jaċċetta dak li hu ħażin u jwarrab dak li hu tajjeb.

Mela, ħalli nħarsu bil-għaqal, mingħajr ebda inklinazzjoni, lejn il-Bibbja hekk kif nippruvaw inwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin: Huwa l-karattru ta' Alla kuntrarju għall-idea ta' vendetta (tpattija ħarxa) u kastig? U hemm xi post imsejjaħ infern, u jekk hemm, x'inhuma l-kondizzjonijiet hemm?

# IL-BIBBJA TIRRIVELA L-KARATTRU TA' ALLA

Kif nistgħu aħna nkunu nafu l-karattru ta' Alla? It-tweġiba tinsab fl-1 Korintin 2:11-13. Hawn naqraw dan il-kliem:

> "*Għax liema bniedem jaf x'hemm fi bniedem, ħlief l-ispirtu tal-bniedem li hemm fih? Hekk dak li hemm f'Alla ma jafu ħadd, ħlief l-Ispirtu ta' Alla. Issa aħna ma ħadniex l-ispirtu tad-dinja; iżda ħadna l-ispirtu li hu ta' Alla; biex nagħrfu l-ħwejjeġ mogħtijin lilna b'xejn minn Alla. Li aħna wkoll nitkellmuhom, mhux bi kliem li jgħallem għerf il-bniedem, iżda li jgħallem l-Ispirtu s-Santu; u nqabblu ħwejjeġ spiritwali ma' dak li hu spiritwali.*"

Hawn l-appostlu Pawlu juri li Alla irrivela Lilu Nnifsu lilna "*fi kliem li l-Ispirtu jgħallem.*" Ħalli nħarsu lejn il-Kelma ispirata, mela, biex insibu l-karatteristiċi ta' Alla u mhux lejn dak li jgħid u jgħallem il-bniedem! Ġesù tkellem dwar il-Missier f'Mattew 19:17, fejn qal, "*Wieħed hemm li hu tajjeb.*" Fl-1 Ġwanni 4:8, Ġwanni jgħid li "*Alla hu mħabba.*" Ġesù Hu msejjaħ "*ix-xbieha perfetta*" Tiegħu (ta' Alla; Lhud 1:3), u Ġesù huwa "*l-qaddis u l-Ġust*" (Atti 3:14). Il-Mulej iwissina biex inkunu "*ħanina, bħalma Missierkom hu wkoll ħanin*" (Luqa 6:36). Mela, aħna nistgħu nikkonkludu fiż-żgur li Alla Hu tajjeb, iħobb, ġust, qaddis, u ħanin. Din hija, iżda, *naħa waħda* tal-munita. Aħna nafu sew-

wa li munita għandha żewġ naħat u mhux waħda!

Hemm karatteristiċi oħra ta' Alla, iżda, li l-kittieb ta' l-ittra li kkwotajt fil-bidu ma semmihomx, u dan huwa żball kbir u ngann li ħafna llum qegħdin ikunu vittma tiegħu! Mur għal Dewteronomju 32:35, fejn naqraw,

> "*Għalija l-vendetta, u t-tpattija.*"

Din is-silta hija wżata f'Rumani 12:19 hekk kif il-Kristjani huma mwissija biex jevitaw vendetta personali: Pawlu jgħid, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu,

> "*Maħbubin tiegħi, tagħmlux vendetta b'idejkom, imma agħmlu l-wisa' għall-għadab ta' Alla, għax hu miktub: Għalija l-vendetta, jien inħallas, jgħid il-Mulej.*"

Din is-silta hija wżata wkoll f'Lhud 10:30-31, fejn naqraw,

> "*Għax aħna nafu 'l dak li qal: Għalija l-vendetta; Jien inħallas, qal il-Mulej. U jarġa': Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-poplu tiegħu. Hi ħaġa* ***tal-biża'*** *li wieħed jaqa' f'idejn Alla ħaj.*" (Enfasi tiegħi.)

Dan *ukoll*, huwa parti mill-karattru ta' Alla! Kemm hu differenti mit-tagħlim falz tal-bnedmin!

Meta l-bniedem dineb f'Għeden, Alla keċċih (Ġenesi 3). Alla kien (u Hu) imħabba, imma Hu xorta keċċa 'l barra lill-bniedem. Meta Kajjin qatel lil ħuh Abel, Alla eżiljah; iżda l-għajta "*il-kastig tiegħi akbar milli niflaħ*

*narfa'*" ma biddlitx is-sentenza li Alla kien ippronunzja fuq Kajjin (Ġenesi 4:13). Meta tribujiet u ġnus irriġettaw lil Alla u r-rieda Tiegħu, huma kienu maqtula bl-ordni tiegħu (Ara Eżodu 12; Imħallfin 7; 1 Samwel 15; eċċ.). Jekk aħna rridu li naraw "il-karatteristiċi ta' Alla," bilkemm nistgħu ma narawx dak li Alla jirrivela lilna Dwaru Nnifsu.

> "*Għax Alla tagħna hu nar li jeqred*" (Lhud 12:29).

Nistaqsi jien: Temmen int li "*Alla tagħna hu nar li jeqred*"? Jiena nemmen dan għaliex hekk tgħid il-Kelma Tiegħu! Imma l-bnedmin jgħidu mod ieħor! Hija ħasra kbira li qegħdin jiġu ngannati f'li ma jemmnux li hemm kastig ta' dejjem fl-infern! Imma ħalli nkomplu naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa dwar dan.

## KASTI G TA' DEJJEM HUWA L-WEGĦDA TA' ALLA

Ftit huma dawk li jħobbu jimmeditaw fuq it-tagħlim tal-Kelma ta' Alla dwar il-kastig ta' dejjem. Iżda dan qiegħed hemm u jibqa' hemm sat-tmiem, meta Kristu jerġa' jiġi! Ix-xena tal-ġudizzju f'Mattew 25 hija fl-aqwa tagħha meta Ġesù jgħid dwar il-ħżiena,

> "*U dawn imorru fil-kastig ta' dejjem; iżda n-nies sewwa fil-ħajja ta' dejjem*" (Mattew 25:46).

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? Temmen x'temmen int u nemmen x'nemmen jien m'aħniex se nbiddluh dan! Il-kastig ta' dejjem qiegħed hemm u

jibqa' hemm! Jibqa' hemm mhux għaliex qiegħed ngħidu jien imma għaliex qiegħed jgħidu l-Mulej ta' kulħadd! L-appostlu Pawlu jgħid, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu,

> "*Għax aħna lkoll jaħtieġ nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu; biex kull wieħed jieħu l-ħlas tal-ħwejjeġ li kien għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem, sew tajjeb, kemm ħażin*" (2 Korintin 5:10).

L-appostlu Ġwanni jirreġistra x-xena, f'Rivelazzjoni 20,

> "*...u sar ħaqq mill-mejtin fuq dawk il-ħwejjeġ li kienu miktubin fil-kotba, skond l-għemejjel tagħhom...u kull min ma nstabx miktub fil-ktieb tal-ħajja, kien mitfugħ fil-għadira tan-nar*" (Rivelazzjoni 20:12-15).

Il-ġudizzju huwa ċert. Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud jgħid:

> "*U bħalma hu maqtugħ għall-bnedmin li jmutu darba biss, iżda wara dan isir il-ħaqq*" (Lhud 9:27).

Iżda Alla ma JISFORZA lil ħadd fil-kastig ta' dejjem. Hija kustjoni ta' GĦAŻLA ma' kull wieħed u waħda minna:

> "*Agħżlu intom illum*" (Ġożwè 24:15).

Din dejjem kienet is-sejħa ta' Alla lill-bniedem. Alla ma jisfurzaniex biex inkunu ġusti, ma jisfurzaniex biex inkunu ħżiena; aħna nagħmlu dik l-għażla, individwalment. Dik hija r-raġuni li Ġesù jħeġġiġna,

> “*Ejjew għandi*” (Mattew 11:28).

> “*Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi* (Rivelazzjoni 3:20).

Ġesù jibqa’ jħabbat mingħajr ma jieqaf imma rridu nkunu aħna li nifthulu u mhux Hu. L-għażla jekk nifthux jew le hija tagħna. F’Mattew 7:21-27 għandna rrivelata l-għażla: “isma’ u agħmel” u tkun imbierek, jew “tagħmilx” u kun mitluf. Alla ma jagħżilx il-kastig ta’ dejjem għal ebda persuna. ***Aħna nfusna nagħmlu dik l-għażla***.

Dak li spiss ħafna nies ma jagħtux każ tiegħu huwa li Alla “jrid li kulħadd isalva” (1 Timotju 2:4). Dan hu għaliex Alla bagħat lil Ibnu biex imut għalina:

> “*Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta l-Iben waħdieni Tiegħu, biex kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta’ dejjem*” (Ġwanni 3:16).

Imma, innota, għaliex Kristu miet? L-appostlu Pawlu jgħid għaliex:

> “*Hu li miet għal kulħadd, biex dawk li jgħixu ma jgħixux aktar għalihom infushom, imma għal dak li miet għalihom, u raġa’ qam*” (2 Korintin 5:15).

Alla “*jrid il-bnedmin kollha jsalvaw*” (1 Timotju 2:4). Ġesù miet għal kulħadd (Lhud 2:9) biex huma jkunu salvi. Iżda kull persuna għandha tagħmel l-għażla jekk

taċċettax is-salvazzjoni li joffri Alla jew le. Jekk raġel ikun qiegħed jegħreq u raġel ieħor jitfagħlu salvawomu, ir-raġel fl-ilma jrid jagħmel għażla biex isalva, jiġifieri, jekk jagħmilx sforz u jaqbad mas-salvawomu jew le. Jekk hu ma jkunx irid jaqbad mas-salvawomu u hu jegħreq żgur li ħadd ma jgħid lir-raġel fuq l-art kien kattiv. Is-salvawomu ta' Alla għalina huwa Ġesù Kristu, jiddependi mill-għażla ta' kull individwu jekk isalvax jew le billi jew jaċċetta t-tagħlim Tiegħu u jsal-va jew ma jaċċettaħx u jintilef għal dejjem. Iżda żgur li ħadd ma jista' jakkuża (kif jagħmlu xi wħud) lil Alla bħala kattiv, jew ta' qalb iebsa għal dawk li jiddeċiedu li ma jaqbdux ma' Kristu u b'hekk jintilfu u jkunu kkastigati għal dejjem. Meta wieħed jirriġetta lil Alla u r-rieda Tiegħu, b'hekk dan ikun qiegħed jagħżel il-kas-tig ta' dejjem huwa stess. U hija l-għażla tiegħu stess, u mhux l-għażla ta' Alla li huwa jmur fit-tbatija ta' dejjem fin-nar ta' l-infern.

## IL-KONDIZZJONIJIET F'DAK IL-POST IMSEJJAĦ INFERN
## (Parti 8)

Kif inhu l-infern? Ħafna, għaliex iridu huma, jgħalqu għajnejhom għal dak li Alla jgħallem dwar l-infern. Dan huwa post ta' kastig. Ġesù qalu dan u mhux jien! Ġesù qal:

> "*Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'art l-imwiet, refa' ħarstu,...U għolla leħnu u qallu, 'Missier, Abraham ikol-lok ħniena minni u ibgħat lil Lażżru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, **għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan in-nar***" (Luqa 16:23-24; enfasi tiegħi).

Issib xi prużuntuż li jipprova jgħid li n-nar mhuwiex nar, imma aħna għandna nemmnu lill-Mulej u mhux lill-għalliema foloz! (Atti 5:29). Ġesù tkellem dwar iż-żmien meta l-anġli Tiegħu jiġbru l-ħżiena u,

> "*jitfagħhom fil-forn tan-nar: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien*" (Mattew 13:42).

Billi wieħed jemmen jew ma jemminx fil-kastig ta' dej-jem dan ma jfissirx li l-kastig mhuwiex hemm jew li se jinbidel! U f'Rivelazzjoni 14:11, Ġwanni jgħid hekk dwar dan il-post imsejjaħ "infern":

> "*u d-duħħan tat-turment tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem: u ma jkollhomx **mistrieħ** la bi nhar u lanqas bil-lejl...*" (enfasi tiegħi).

Alla juri biċ-ċar l-UĠIGĦ ta' l-infern, biex b'hekk aħna nevitawh. "*U ma jkollhomx mistrieħ.*" Iffiser dan li dawk li jinsabu f'dak il-post ta' kastig ma jkunux konxji? Jekk ma jkunux konxji allura dan il-kliem ta' l-Ispirtu s-Santu huwa żbaljat! Għaliex kif wieħed jista' *ma jkollux mistrieħ* meta dan ma jkunx jeżisti! Meta dan ikun meqrud għal dejjem! Hekk jgħallmu xi għalliema foloz u hekk jemmnu s-segwaċi tagħhom! Hija sfortuna kbira li ħafna nies sinċiera qegħdin jinqabdu fin-nassa ta' Satana f'li ma jemmnux li hemm infern u kastig ta' dejjem bl-iskuża li Alla Hu mħabba u mhux sejjer jagħmel dan! Ma ninsewx it-twissija li għandna fit-Tieni Korintin 11:13-15 dwar Satana u l-qaddejja tiegħu:

> "*Dawn l-appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, ibiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu. Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl. Mhix ħaġa kbira, mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek bħallikieku kienu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda t-tmiem tagħhom ikun skond għemilhom.*"

L-infern huwa wkoll post tad-dlam. Ir-raġel li ħeba t-talent tiegħu minflok ma wżah sama' s-sentenza tiegħu:

> "*U ixħtu l-qaddej li ma jiswiex fid-dlamijiet ta' barra: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien*" (Mattew 25:30).

Innota li l-aħħar frażi hija identika ma' dik tal-"*forn tannar*" ta' Mattew 13:42. Ukoll fit-2 Pietru 2:4, Pietru jgħid,

> "*Għax jekk Alla ma ħafiriex lill-anġli li dinbu, imma tefagħhom fil-ħofor mudlama ta' l-infern...*"

Ukoll, meta r-raġel fil-festa tat-tieġ kien mingħajr il-libsa tat-tieġ, il-Mulej qal,

> "*Orbtulu jdejh u saqajh, u ħuduh, u ixtħuh fid-dlam ta' barra; hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snin*" (Mattew 22:13).

Alla Hu dawl (1 Ġwanni 1:5), u li tkun isseparat Minnu jfisser li tkun "fid-dlam ta' barra." Dlam deżolat, tal-biża' u ta' wġigħ. Dak hu l-infern. Hija l-għażla tiegħek lil min se temmen, jew lill-Mulej jew lill-għalliema foloz moderni! Tkun xi tkun l-għażla tiegħek, xejn mhu se jinbidel minn dak li qal il-Mulej!

Xi wħud jistaqsu jekk l-infern huwiex jew mhuwiex post reali ta' nar. Imma, jekk le, għaliex Alla jgħid "nar" daqshekk spiss kull meta Hu jiddeskrivih? Jiena min jien biex ngħid li mhuwiex nar! Ir-raġel għani qal li:

> "*qiegħed ninħaqar wisq f'dan* ***in-nar***" (Luqa 16:24; enfasi tiegħi).

Ġesù qal li l-ħżiena jmorru:

> "*fin-****nar*** *ta' dejjem li thejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu*" (Mattew 25:41; enfasi tiegħi).

Il-ħżiena għandhom ikunu mixħutin:

> "*fil-ħuġġieġa tan-****nar***" (Mattew 13:42).

Meta Ġesù jerġa' jiġi dan ikun:

> “*bl-anġli tiegħu **b’nar** iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħrfux lil Alla u ’l dawk li ma jobdux l-Evanġelju ta’ Sidna Ġesù Kristu*” *(2 Tessalonikin 1: 7-9; enfasi tiegħi).*

Ġwanni jgħid lid-demonju kien:

> “*imwaddab fil-belliegħa tan-**nar** u kub-rit*” (Rivelazzjoni 20:10),

imbagħad iżid,

> “***Hekk ukoll** min ma nsabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut fil-bel-liegħa tan-**nar***” (Rivelazzjoni 20:15; enfasi tiegħi).

Nies bħal dawn ibatu kif:

> “*id-duħħan tat-turment tagħhom jitla’ għal dejjem ta’ dejjem*” (Rivelazzjoni 14:11).

Xi kwalità ta’ post huwa l-infern? Huwa post li jien ma rridx li mmur fih bl-ebda mod! Imma ħalli nħallu lill-Mulej tagħna, Ġesù Kristu jwieġeb il-mistoqsija u mhux lil xi għalliema falz:

> “*Fejn id-dud tagħhom ma jmutx u fejn in-**nar** ma jintefiex*” (Mark 9:48; enfasi tiegħi).

Temmnu dan il-kliem tal-Mulej jew tippreferi li tem-men it-tagħlim falz tal-bnedmin? Hija l-għażla tiegħek waħdek lil min temmen int! Jiena nemmen lill-Mulej Tiegħi. Issa, tabilħaqq, kif jista’ Alla jgħid aktar ċar dwar ir-realtà ta’ l-infern minn hekk? Issa hija l-għażla

tiegħek, lil min int se temmen, lill-bnedmin li jgħallmu li ma hemmx infern jew lill-Mulej li jwissi bl-akbar serjetà dwar dak il-post? Din hija l-għażla sempliċi ħafna li għandek tagħmel int! Tinsiex, tkun xi tkun l-għażla tiegħek, xejn mhu se jinbidel! Jekk int tiddeċiedi li tgħażel li ma hemmx infern, allura tkun qed tgiddeb lill-Mulej u ma jkunx hemm triq oħra ħlief, li wara mewtek, meta jkun tard wisq, idduq dak il-kastig ta' dejjem fejn ma jista' jkun hemm ebda ħarba minnu!

L-infern huwa għal dejjem. Hekk qal il-Mulej f'Mattew 25:41, 46:

> "*...Morru minn quddiemi, misħutin, **fin-nar ta' dejjem** li tħejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu...U dawn imorru fit-tbatija **ta' dejjem** u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem.*" (enfasi tiegħi).

Daqs kemm il-ġusti jgħixu (għal dejjem) hekk ukoll il-midinbin ibatu l-kastig (għal dejjem). Ukoll, l-appostlu Ġwanni jgħid,

> "*U d-duħħan tat-tbatija tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem...u jibqgħu jbatu lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem*" (Rivelazzjoni 14:11; 20:10).

Xi mistoqsijiet għal dawk li jgħallmu li l-infern ma jeżistix u bħala tweġiba għall-mistoqsija tal-bidu ta' dan l-istudju, huma dawn:

1. Imutu d-dud meta l-ħżiena jinqerdu
   Jekk 'iva', tgiddeb lil Ġesù (Mark 9:48).
   Jekk 'le', inti tagħti l-immortalità lid-dud!
2. Jekk il-ħżiena "jieqfu milli jkomplu jeżistu"

jintefa' n-nar?
Jekk 'iva', tiċħad il-kliem tal-Mulej (Mark 9:46).
Jekk 'le', inti tiċħad it-tagħlim falz tal-bnedmin!

3. "Jispiċċa" n-nar qabel mad-dudu jmut?
   Jekk 'iva', inti topponi lill-Mulej (Mark 9:46).
   Jekk 'le', inti tiċħad it-tagħlim falz tal-bnedmin!
4. Ġuda 12, 13:

   > "*Dawn huma nies li jħammġu l-mikliet ta' l-imħabba tagħkom, waqt li jkunu fil-mejda magħkom, u jibilgħu bla biża'; sħab bla ilma huma dawn, imġerri mir-riħ; siġar li l-frott tagħhom jitħassar, bla frott, darbtejn mejta, maqlugħin mill-egħruq; Mwieġ ħorox tal-baħar, kollhom ragħwa tal-għajb tagħhom, kwiekeb ġerrejja, li għalihom hu merfugħ is-swied tad-dlamijiet ta' dejjem.*"

Dawn huma nies konxji. Vers 13 – "*Għal dejjem.*" F'Salm 48:14 naqraw li "*Alla għal dejjem.*"

Qatt Alla se jieqaf milli jkun Alla?
Jekk 'le', l-istess huwa l-kastig tal-ħżiena.
Jekk 'iva', allura Alla jispiċċa!
X'temmen int?

5. Mattew 3:29 – Dnub kontra l-Ispirtu s-Santu. Hawn Ġesù jgħid li min jikkommetti dan id-dnub ikun "*ħati għal dejjem ta' kundanna.*" Imma biex tidneb għal dejjem u tkun "ħati għal dejjem" trid *teżisti għal dejjem!* Għalhekk, il-ħżiena jkollhom *eżistenza għal dejjem*! (ara Ġakbu 5:1; Rivelazzjoni 14; Ġuda 7; Rumani 2:8, 9; Luqa 12:47;

Mattew 8:11, 12; 2 Tessalonikin 2:7-9).

6. Lhud 10:29,

> "*Kemm kastig* ***aktar aħrax****, jidhrilkom intom, ikun ħaqqu min jitfa' taħt saqajh l-Iben ta' Alla...*" (enfasi tiegħi).

Kif jista' kastig ikun "*aktar aħrax*" jekk post tal-kastig ma jeżistix? (Dejjem skond l-għalliema foloz).

Għad-duttrina ta' dawk li jgħallmu dwar "qirda totali", fil-ġudizzju, il-ħżiena huma mqajma minn stat ta' "*mingħajr eżistenza,*" biex jerġgħu jkunu ikkunsinnati *għall-istess stat*. Jekk huma qegħdin jgħidu sewwa, mela għaliex tqajjem lill-midneb minn stat ta' mingħajr eżistenza, biex terġa' tikkunsinnah għall-istess stat? Din id-duttrina falza ma tagħmel ebda distinzjoni fil-gradi tal-kastig li naqraw dwarhom fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Ġesù qal dan il-kliem lil l-iskribi u l-Fariżej:

> "*Ħażin għalikom, skribi u Fariżej, ipokriti! Għaliex tibilgħu d-djar tar-romol, u b'turija tagħmlu talbiet twal:* ***għalhekk tieħdu l-akbar kundanna***" (Mattew 23:14; enfasi tiegħi).

Nistaqsi jien, "kif jista' jkun hemm **kundanna akbar** jekk ma hemm ebda infern, jekk il-ħżiena jkunu meqruda għal kollox, ilkoll kemm huma l-istess? Ukoll f'Luqa 12:47 u 48 għandna eżempju ieħor minn Ġesù Nnifsu, fejn naqraw dwar il-qaddej fidil u l-qaddej l-ħażin;

> "*U dak il-qaddej, li għaraf il-fehma ta' sidu, u ma hejjix lilu nnifsu, u lanqas għamel skond ir-rieda tiegħu, jissaw-*

*wat* ***b'ħafna*** *daqqiet. Imma dak li ma għarafx, u għamel ħwejjeġ li jistħoqqilhom id-daqqiet, jissawwat* ***bi ftit*** *daqqiet. Għax lil min tawh ħafna, ħafna jitolbu minn għandu: u lil min il-bnedmin irħewlu ħafna f'idejh, iżjed jitolbu minnu.*"

Ċertament li aħna naċċettaw it-tagħlim tal-Mulej tagħna u mhux it-tagħlim falz tal-bnedmin jew dak li jogħġob lilna! Il-Bibbja tirrappreżenta l-kastig ta' dejjem bħala sofferenza *konxja*. L-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, jgħid,

> "*Imma jerfa' l-korla u l-qilla għal dawk li ma jridu jisimgħu b'xejn; u jirvellaw kontra l-verità biex imbagħad joqogħdu għall-ħażen. Tbatija u dwejjaq għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen...*" (Rumani 2:8-9).

"*Tbatija u dwejjaq*" għal min? Mela min mhux konxju jista' jbati u jkollu d-dwejjaq? (Ara wkoll Luqa 13:28-35). Dan il-kliem qiegħed jgħidu l-Ispirtu s-Santu (1 Korintin 7:40b; 2 Pietru 1:20-21), qiegħed jgħidu Alla (2 Timtoju 3:16-17), qiegħed jgħidu Ġesù Kristu (Galatin 1:11-12 Imma l-għalliema foloz tal-lum qegħdin jgħallmu li Alla Hu mħabba u mhux se jagħmel dak li Hu jgħid fil-Kelma Tiegħu, jiġifieri, jikkastiga *għal dejjem fl-infern!* Xi ħadd hu żbaljat u mhux jgħid il-verità! Min taħseb int li hu żbaljat u ġiddieb?

Id-duttrina falza ta' qirda totali tal-ħżiena tagħmel is-sofferenzi tal-ħżiena jispiċċaw fil-mewt, jew l-aktar fil-

ġudizzju, f'oppożizzjoni totali għall-Iskrittura Mqaddsa li tiddikjara li dan ikun "*kastig ta' dejjem*" (Mattew 25: 46). Jekk il-mewt hija l-kastig kollu tal-ħżiena, allura ladarba l-ġusti jmutu wkoll, *huma jsofru daqs kemm isofru l-ħżiena*, għaliex huma wkoll imutu! It-tagħlim falz ta' qirda totali tal-ħżiena jistampa bħala qerq il-*kru-ha* tal-kastig tal-ħżiena kif ukoll il-*kuntentizza* tal-ġusti.

Il-penalità ordnata għall-ħżiena hija msejħa "*t-tieni mewt*" (Rivelazzjoni 2:11; 20:14; 21:8); kif il-*ħajja* ta' dejjem hija assigurata lill-ġusti. Iżda t-tieni mewt ma tfissirx nuqqas ta' eżistenza. "Mewt" tfisser bażikament "separazzjoni" (ara minn paġna 113); kemm jekk użata figurattivament jew letteralment dan l-aspett huwa dej-jem dominanti. Mewt fiżika tinvolvi separazzjoni tar-ruħ mill-ġisem; użu figurattiv jinkludi mewt spiritwali —is-separazzjoni ta' l-individwu minn Alla; it-tieni mewt, separazzjoni ta' l-individwu mill-milja tal-ferħ u hena li jkunu esperjenzati minn dawk li jkollhom il-ħajja ta' dejjem. Huwa sinjifikanti li l-ħajja ta' dejjem qatt ma tissuġġerixxi sempliċiment eżistenza, imma dej-jem il-ferħ kbir ta' assoċjazzjoni ma' Alla u dak kollu li huwa tajjeb; hekk l-oppost tagħha, mewt ta' dejjem, qatt ma turi sempliċiment nuqqas ta' eżistenza, imma dej-jem separazzjoni minn, u t-telfien tas-Smewwiet (Ġen-na) u dak kollu li tfisser. Mewt ta' dejjem turi miżerja eterna;

> "*...u jbatu lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem*" (Rivelazzjoni 20:10).

Kliem sempliċi u ħafif biex wieħed jifhmu. M'għandu bżonn l-ebda interpretazzjoni! Biex wieħed ibati għandu

jkun konxju! L-Ispirtu s-Santu stabbilixxa t-tul tal-kastig tal-ħżiena ’l fuq min kull mistoqsija. L-aġġettiv użat biex juri t-tul taż-żmien tat-tgawdija tal-ġusti fis-Smewwiet huwa *l-istess* bħal dak li jfisser il-perjodu li għandu jikkaratterizza l-ħżiena fin-nar ta’ l-infern:

> “*U dawn imorru fil-kastig ta’ dejjem (aionios); iżda n-nies sewwa fil-ħajja ta’ dejjem (aionios).*” (Mattew 25:46).

L-istess kelma Griega hija wżata kemm għall-kastig kif ukoll għal-premju, it-tnejn huma “ta’ dejjem”, *aionios*. Jekk “il-kastig ta’ dejjem” jieqaf, allura “l-ħajja ta’ dejjem” tieqaf ukoll! Dan hu dak li tgħid il-Kelma ta’ Alla dwar l-eternità. Jew ħajja konxja ta’ dejjem jew kastig konxju ta’ dejjem! L-għażla hija dejjem ta’ l-individwu.

Xi mistoqsijiet li dawk li ma jemmnux fl-infern u li jgħallmu t-tagħlim falz li l-ħżiena sempliċiment jispiċċaw mal-mewt, għandhom iwieġbu, huma, dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Jekk li tkun maħruq, letteralment, huwa l-kastig ta’ dejjem tal-ħżiena, ma jistax *il-bniedem* jagħtih dak il-kastig? Jekk le, għaliex?
2. Jista’ l-bniedem isofri “kastig ta’ dejjem” *darbtejn*?
3. Jekk il-kastig tal-ħżiena għandu jkun sempliċiment “*jaħraqhom*,” ma sofrewx xi wħud mill-martri—dawk li ħarquhom ma’ l-arblu—*l-istess daqs kemm il-ħżiena jsofru*?
4. *Jistgħu dawk li mhumiex f’sensihom ibatu*?
5. *Jekk il-ħżiena jieqfu milli jkomplu jeżistu, ma*

*jieqafx ukoll il-kastig*? U jekk jieqaf, ma jkunx il-Mulej tagħna *giddieb*! Hu qal li l-kastig huwa "għal dejjem ta' dejjem"! (ara Mattew 25:41, 46; Rivelazzjoni 14:11; 20:10; eċċ.).

6. *Jista' bniedem li* qatt ma kien jiġi kkastigat?
7. Jekk il-ħżiena, fil-mewt, isiru "*bħallikieku qatt ma kienu*," kif jistgħu jiġu kkastigati?
8. Huwa kastig li jieqaf, "*kastig ta' dejjem*"? Jekk iva, ma tistax "*il-ħajja ta' dejjem*" tieqaf ukoll, u **xorta tkun** "*ħajja ta' dejjem*"?
9. Mark 9:49 – Hawn aħna nisimgħu lill-Mulej tagħna jgħallem li kull min jagħmel kuntrarju għat-tagħlim mogħti fil-kontenut, ikun mitfugħ fin-nar ta' l-infern; hawn huwa mniżżel li kull wieħed hekk ikun *immellaħ bin-nar*. Kif il-melħ, minħabba l-qawwa tiegħu biex *jippriserva* l-laħam, huwa s-simbolu tal-*perpetwalità*, li tkun immellaħ bin-nar huwa li *tkun miżmum perpetwalment fi stat ta' tbatija kbira*.
10. Lil min int se temmen, lill-Mulej tiegħek, Ġesù Kristu, jew lil l-għalliema foloz moderni? Hawn int għandek tagħmel għażla!

Ebda ħarba ma hemm minn dak il-post, ebda maħfra, ebda wegħda: GĦAL DEJJEM TA' DEJJEM!

Aħna neħtieġu li niftakru dan: l-infern huwa "*nar ta' dejjem, imhejji għax-xitan u għall-anġli tiegħu*" (Mattew 25:41). Jekk l-infern ma jeżistix, kif xi wħud isostnu llum, allura *x'kien "imhejji*" minn Alla għax-xitan u għall-anġli tiegħu? Jista' post "imhejji" jew ippreparat ma jeżistix? Jekk int tgħid li ma hemmx infern tkun qiegħed tgiddeb lill-Mulej għaliex kien Hu li qalu dan

il-kliem f'Mattew 25:41! L-infern ma kienx imhejji għalina l-bnedmin: iżda jekk aħna nhejju lilna nfusna għalih, dak hu l-post li fih aħna nkunu għall-eternità, kemm jekk nemmnu fih jew le! U din hija wegħda ta' Alla, tinsiex. Il-wegħdi tal-bnedmin huma fiergħa u ta' qerq. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li:

> "*ma jistax ikun li Alla jigdeb*" (Lhud 6: 18).

Il-bniedem jigdeb u jqarraq u jiġi mqarraq imma Alla dan ma jagħmlux. Dak li Alla qal, jagħmlu:

> "*Għax ta' kelmtu dak li għamlilna l-wegħda*" (Lhud 10:23).

Alla ma jrid lil ħadd li jintilef. Iżda hu jwiegħed kastig ta' dejjem għal dawk li jirrifjutaw li jgħixu Għalih.

Għaliex jiena nemmen li Ġesù Hu 'l Kristu? Għaliex hekk tgħidli l-Bibbja Mqaddsa li hija l-Kelma Tiegħu! (Galatin 1:11-12). Għaliex jiena nemmen li "Alla Hu mħabba"? Għaliex il-Bibbja hekk tgħidli! (1 Ġwanni 4: 8). Għaliex jiena nemmen fin-"nar ta' dejjem"? Għaliex hekk tgħid il-Bibbja li dan jeżisti u tgħidu bi kliem l-aktar ċar! (Mattew 25:41, 46; 13:42; Rivelazzjoni 20: 10, 15). Jekk jiena ma rridx nemmen li jeżisti n-nar u l-kastig ta' dejjem fl-infern nista', hija għażla tiegħi, imma dan mhuwiex se jneħħi l-eżistenza tiegħu! L-unika differenza tkun li jiena nkun qiegħed ingiddeb lill-Mulej!

Issa, mela, lura għall-ittra tal-bidu: Min huma l-għalliema foloz? Ġesù, l-appostlu Pawlu, l-appostlu Pietru, l-appostlu Ġwanni, Luqa, Mark, jew dawk kollha li jgħidu u jgħallmu li ma hemmx infern u kastig ta-

dejjem? Jekk tassew ma hemmx infern u kastig ta' dejjem allura Ġesù, Pawlu, Pietru, Ġwanni, Luqa, Mark u l-kittieba l-oħra ispirati ta' l-Iskrittura Mqaddsa huma kollha għalliema foloz! Temmnu dan int? Imma aħna nafu sewwa li kemm Ġesù kif ukoll l-oħrajn im-semmija mhumiex għalliema foloz! Għaliex dawn huma dawk li tawna t-tagħlim li jinsab fuq, jiġifieri, li l-infern u l-kastig ta' dejjem jeżistu tabilħaqq! Jekk xi ħadd jagħżel biex isejjaħ lil Alla "ta' qalb iebsa, wieħed vendikattiv" minħabba dak li Alla wiegħed li jagħmel, huwa l-bniedem li għandu l-problema u mhux Alla! Għalija, jiena nemmen b'qalbi kollha dak li jgħid Alla fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa. L-infern m'għan-du ebda terrur għal dik il-persuna li lesta li tobdi lil Alla u tgħix Għalih. Iżda l-infern GĦANDU jkollu terrur għal kull min ma jobdix lil Alla u ma jkunx lest li jagħti ħajtu Għalih! Mela:

> "*...Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u kull bniedem giddieb*" (Rumani 3:4).

Ħalli nagħtu widen għat-twissijiet li tagħtina l-Kelma ta' Alla dwar l-għalliema foloz:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Ukoll fil-bidu tal-knisja kien hemm xi wħud minn fost il-Kristjani li ppruvaw jgħallmu tagħlim falz l-istess kif hawn illum ħafna għalliema foloz. Naqraw f'Atti 20:29-31,

> *"Jiena naf li, wara li nitlaq jien, jidħlu fostkom ilpup qalila li lill-merħla ma jaħfruhiliex. U minn fostkom stess għad iqumu xi wħud li* ***jgħallmu dak li hu kontra s-sewwa****, bil-ħsieb li jdawru d-dixxipli għal warajhom. Għalhekk iftħu għajnejkom,..."* (enfasi tiegħi).

Jista' jkun li dawk li għidu li ma hemmx infern u kastig ta' dejjem ikunu mexxejja reliġjużi, kif fil-fatt qiegħed jiġri llum f'ċerti reliġjonijiet. In-nies li jkollhom fiduċja fihom jaċċettaw dak it-tagħlim żbaljat mingħajr lanqas biss ma jippruvaw jaraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa dwar is-suġġett. Imma l-Ispirtu s-Santu jwissina:

> *"L-Ispirtu jgħidha ċar li fl-aħħar tażżminijiet xi wħud jitbiegħdu mill-fidi u jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tax-xjaten.* ***Dawn jisfaw imqarrqa*** *minn nies giddieba,..."* (1 Timotju 4:1, 2)

Ukoll il-Kelma ta' Alla tagħtina eżempju kif aħna għandna nagħmlu meta nisimgħu xi tagħlim bħal dan:

> *"Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u* ***kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu****"* (Atti 17:11; enfasi tiegħi).

Rigward ix-xogħol tad-dragun, jintqal li hu "*jqarraq bid-dinja kollha*" (v. 9) Id-deskrizzjoni tax-xogħol

tiegħu hija dik ta' ingannatur (Ġwanni 8:44; 2 Korintin 4:4; 11: 14). Hu nganna lil Ġuda (Ġwanni 13:2, 27; Luqa 22:3), u hu pprova biex jinganna lil Pietru (Luqa 22:31). Hu nganna lil Ananija u l-Saffira (Atti 5:3), u hu jipprova biex jinganana lilna lkoll (Ara Mattew 13: 39; Luqa 8:12; Efesin 6: 11; 2 Korintin 2:11).

Wieħed mill-aktar sforzi qarrieqa ta' Satana kien f'li jikkonvinċi lil l-"issofistikati" li hu sempliċiment ħrafa, l-immaġinazzjoni mgħawġa ta' mħuħ superstizzjużi. Eżempju ta' dan huwa kif hu qiegħed idaħħal fl-imħuħ ta' ħafna nies reliġjużi li l-infern ma jeżistix u li Alla Hu mħabba u għalhekk mhux se jikkastiga lil xi ħadd fin-nar ta' dejjem! Dan huwa l-akbar ingann ta' Satana li qiegħed jirnexxilu llum. Waqt li ħafna forsi jixtiequ li dan hu minnu, iżda dan mhuwiex. Il-Bibbja għadha twissi,

> "*Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun feroċi, idur u jfittex 'il min sa jibla'. Iqfulu, sħaħ fil-fidi*" (1 Pietru 5:8).

Aħna ma nabbużawx billi ninjoraw jew li nistmaw ħażin l-għadu tagħna!

Jekk inti xi persuna minn dawk li smajt u aċċettajt li l-infern u l-kastig ta' dejjem ma jeżistux, qabel ma aċċettajt dak it-tagħlim għamilt kif għamlu dawk il-Lhud, jiġifieri, "bdejt tqalleb l-Iskrittura biex tara jekk dak li smajt kienx minnu jew le"? Jekk m'għamilx hekk allura fittex għamlu dan issa u "tħallix lil min jisraqlek il-premju billi jagħmilha ta' l-umli" (Kolossin 2:18).

Mela xi jkun jiswa li "tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux" jekk ma hemmx infern u kastig ta' dejjem? Qiegħed tara kif il-bnedmin jagħmlu lil Alla giddieb!! Għalhekk:

> "*...Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod!...*" (2 Tessalonikin 2:3).
>
> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ* ***skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu***" (Kolossin 2:8; enfasi tiegħi).
>
> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 8:13).

## IS-SMEWWIET—DAR TAR-RUĦ
## (Riv. 22:1-8; 21:27; 2 Kor. 12:1-4)
## (Parti 9)

Imbagħad, fl-aħħar hemm dak il-post sabiħ ippreparat imsejjaħ "Smewwiet," (li fil-Malti nsejħulu wkoll "Ġenna") għall-fidili taż-żminijiet kollha lest biex ikun irrivelat fl-aħħar żmien (1 Pietru 1:3-5; Ġwanni 14:1-3). Xi wħud interpretaw b'mod żbaljat li nkunu preżenti ma' Kristu immedjatament wara l-mewt (Filippin 1:22-24; 2 Korintin 5:6-8) bħala li nkunu fis-Smewwiet. Idea bħal din tagħmel vjolenza lill-ħafna passaġġi ta' l-Iskrittura. Ukoll Elija, meħud 'il fuq permezz ta' riefnu lejn is-sema (2 Slaten 2:11), ma telax "fis-sema tas-smewwiet" (1 Slaten 8:27) fejn jinsab it-tron ta' Alla, għaliex "ebda bniedem ma tela' fis-smewwiet" (Ġwanni 3:13). Ukoll, apparentament Pietru ħaseb lit-tlugħ ta' David fis-sema kellu jistenna l-qawmien tiegħu mill-mewt (Atti 2:29, 34). L-idea li l-Ġenna (Paradise) kienet ġiet trasferita għas-Smewwiet tagħmel bla sens it-tagħlim dwar "il-qawmien tal-ġusti" (Luqa 14:14; Ġwanni 5:28-29). Ukoll għalkemm Pawlu immedjatament wara l-mewt kellu jkun mal-Mulej f'xi sens, hu ma stenniex immedjatament li hu jirċievi l-kuruna tiegħu tal-ġustizzja (2 Timotju 4:8); dik, hu qal, tkun mogħtija lilu "f'dak il-jum" meta jidher il-Mulej. Hu ma emminx li Kristjani Tessalonikin kienu diġà "mal-Mulej" għal dejjem (1 Tessalonikin 4:17), imma ħaseb li huma għandhom jistennew dak il-ferħ sakemm il-Mulej jinżel mis-smewwiet bil-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla (v. 16). Barra minn dan, qaddisin martri taħt l-artal ma ħasbux li huma diġà kienu fis-smewwiet, imma kien intqal

lilhom li huma "għandhom jistrieħu ftit ieħor" sakemm il-Kristjani l-oħra kollha jkunu spiċċaw it-triq tagħhom (Rivelazzjoni 6:9-11).

Is-Smewwiet (jew il-Ġenna) tal-Bibbja mhix post arbitrarju li fih persuni jmorru wara l-mewt; dan huwa post li fih il-ġusti jidħlu u jkunu fiż-żgur. Dan huwa addattat għad-drawwiet u l-karattri tas-safja u t-tajba; ta' ruħ ikkundizzjonata sewwa, magħmula hekk permezz tal-fidi ta' l-Evanġelju, u ħajja permezz ta' ċaħda tagħha nfisha u sagrifiċċju. Din hija ħajja ta' hena u kuntentizza, skond il-qies tagħha, bħal dik li Alla jgawdi, li hija qaddisa, ġusta u tajba, u għalhekk, b'mod li ma jitfissirx, ta' hena liema bħala.

Is-Smewwiet hija Ġenna ta' mħabba, fiha, ma hemm xejn li jifxkel, li jinbidel jew li jibdel l-eżerċizzju liberu etern ta' dan il-prinċipju. Huwa element vitali tal-ħajja immortali tal-qaddisin, M'hemm xejn fis-Smewwiet ħlief dak li hu sabiħ. Ebda qerq, ingann, jew sempliċi professjonijiet.

Xejn li jħammeġ, jew li jagħmel is-saħta, jew gideb, dawn il-ħwejjeġ ma jidħlux hemm, u għalhekk stmerrija, mibegħda, tneħħija, u l-frott tal-ġisem, ma jistax li jkollhom post fis-Smewwiet. Dan il-post jeskludi dak kollu li hu ħażin u minfloku jippreżentalna dak kollu li hu veru, tajjeb u sabiħ għall-perfezzjoni u mingħajr ebda taħlit (Rivelazzjoni 21:1-5, 27; 22:3-5, 15).

X'jgħidilna Alla fil-Kelma Tiegħu dwar dan il-post sabiħ? L-ewwel, ħalli nikkunisidraw it-tifsira u l-użu ta' "*smewwiet*" (Ġenna) fil-Bibbja.

Is-Smewwiet insibuha 496 darba fil-Bibbja, u l-forma plurali tinsab 145 darba. Is-Smewwiet (plurali) il-

biċċa l-kbira tirreferi għall-istat ta' l-ajru jew fejn hemm il-kwiekeb, l-univers fiżiku.

L-inħawi li jdawwru lid-dinja huma s-*sema* fejn l-għasafar itiru, fejn qegħdin is-sħab. Dawn Alla għamel fit-tieni jum (Ġenesi 1:6-8), imsejħa:

> "*l-beraħ tal-firxa tas-sema*" (Ġenesi 1:20).

Ġesù tkellem dwarha meta Hu qal,

> "*l-għasafar tas-sema...*" (Mattew 8:20).

Imbagħad hemm it-*tieni sema*. Din hija msejħa "l-firxa tas-sema"—li hija d-dar tal-kwiekeb, ix-xemx, u l-qamar. David irrefera għal din meta hu qal,

> "*Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla; u l-firxa tas-sema turi għemil idejh*" (Salm 19:1).

Isaija ddikjara li Alla:

> "*jmidd is-smewwiet bħal purtiera*" (Isaija 40:22).

Pietru jgħid li:

> "*s-smewwiet jintemmu bi ħsejjes kbar*" (2 Pietru 3:10).

U Ġesù qal:

> "*Is-sema u l-art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix*" (Mattew 24:35).

Bħala xhieda li din is-sema hija d-dar tal-kwiekeb, Ġesù waqt li kien qiegħed jispjega s-sinjali tat-tieni miġja Tiegħu, iddikjara li "l-kwiekeb jaqgħu mis-sema" (Mattew 24:29).

Iżda, l-istudju preżenti tagħna jikkonċerna s-Smewwiet fejn it-tron ta' Alla qiegħed (Dewteronomju 26:15; 1 Slaten 8:30; Mattew 5:34-35). Din hija wkoll l-abitazzjoni ta' Kristu. F'Lhud 4:14 naqraw,

> "*Mela meta aħna għandna l-qassis il-Kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha.*"

Ukoll naqraw f'Lhud 9:24,

> "*Għax Kristu ma daħalx f'santwarju magħmul b'idejn il-bnedmin, li hu biss xhieħa tas-santwarju veru, imma daħal fis-sema stess biex issa jidher għalina quddiem Alla.*"

U din hija d-dar eterna tas-salvi.

Kapitlu Ħdax ta' Lhud huwa kapitlu uniku dwar is-suġġett tal-fidi. Dan isemmi ħafna persuni taż-żmien it-Testment il-Qadim li l-fidi tagħhom kienet kbira u soda Hemm aħna naqraw dwar Abraham li sar "il-missier ta' dawk kollha li jemmnu" u dwar Noè li bena l-arka u ppriserva r-razza mid-dilluvju, u dwar Ħenok li "mexa ma' Alla; imma ma nstabx, għax Alla ħadu."

Probabbilment l-aktar karatteristika ta' l-għaġeb tal-fidi ta' xi wieħed imsemmi f'dan il-kapitlu huwa l-fatt li huma ikkunsidraw lilhom infushom bħala li huma "stranġiera u pellegrini" fuq din l-art, u huma ħarsu, kif għamel Abraham, għall-belt li "kellha sisien, li l-Bennej tagħha u dak li għamilha Hu Alla."

Din l-art ma kinetx maħsuba għad-dar spiritwali tar-ruħ, imma kienet ġiet addattata għall-bżonnijiet fiżiċi

tal-ġisem "ta' din l-art." Il-ġisem tal-laħam "jinżera' li jitħassar" u għandu jpoġġi "n-nuqqas ta' taħsir" qabel ma dan ikun addattat għad-dar tar-ruħ.

> "*Id-demm u l-aħam ma jistgħux jirtu s-saltna ta' Alla*" (1 Korintin 15:42-50).

Il-patrijarki l-kbar, li taw daharhom għal dak li toffri din il-ħajja, minflok, fittxew il-belt ta' Alla billi għarfu verità sempliċi dwar din l-eżistenza karnali li l-biċċa l-kbira ta' l-għorrief u teologi taż-żmien tagħna ma jridux li jaċċettew. Dak kollu li qiegħed jgħix hawn għandu jmut. U aħna naqraw ix-xhieda li ħadd ma jista' jiċħadha tal-mewt, korruzzjoni, u taħsir:

> "*U kif inhu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, u wara dan isir il-ġudizzju.*" (Lhud 9:27).

Kif naraw din il-verità, ftit li xejn tiskanta li nies matul is-sekli sabu konsolazzjoni, saħħa, u fidi fl-assigurazzjoni tal-Bibbja li hemm dar tas-smewwiet tistenna lill-fidili ta' Alla. Ġesù wiegħed dan:

> "*Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna post-ijiet: li ma kienx hekk, kont ngħidil-kom. Sejjer inhejjilkom fejn toqogħdu, u meta mmur u nhejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi, biex fejn inkun jien, tkunu intom ukoll*" (Ġwanni 14:2-3).

Ukoll naqraw fl-Ewwel Pietru 1:3-5,

> "*Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu*

> *wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet u għal wirt, li la jitħassar, la jittebba', u lanqas jinxef.* ***Dan il-wirt hu merfugħ għalikom fis-sema****...*" (enfasi tiegħi. Ara wkoll Mattew 5:12; Filippin 3:20).

Is-Smewwiet (jew Ġenna) hija reali u ċerta daqs l-ispirazzjoni tal-Bibbja. Il-Bibbja tgħallem ċar ir-realtà tas-Smewwiet, u ġġiegħel lil irġiel u nisa biex jippreparaw lilhom infushom ħalli jirtuha. Dan huwa l-post fejn aħna "nistrieħu mit-taħbit kollu tagħna" u "fejn ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed" (Rivelazzjoni 21:4). Dan il-post għandu jkun mixtieq aktar mill-ġid kollu ta' din id-dinja, u jista' bl-aħjar mod ikun imfisser bħala "dar" ippreparata għall-ġusti. Il-Ġenna huwa post fejn il-glorja ta' Alla hija d-dawl, u fejn il-qaddejja ta' Alla jaqduh għal dejjem.

Il-Ġenna hija mfissra bħala dar. Il-ħsieb tal-Ġenna jew Smewwiet bħala dar mhuwiex wieħed ta' l-immaġinazzjoni tagħna. Dan huwa wieħed ta' oriġini tal-Bibbja. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Għalhekk, sewwa jekk nibqgħu f'dan il-ġisem, sewwa jekk noħorġu, aħna nagħmluh l-iskop tagħna li nogħġbu lilu*" (2 Korintin 5:9).

Pawlu kien jemmen illi li joħroġ minn dan il-ġisem mortali jfisser li jmur id-dar għand Alla f'xi jum.

Ħafna ħin ġie wżat biex jippruvaw ħalli jiddeċiedu jekk hemmx xi gradi ta' kastig fl-infern jew ta' kunten-

tizza fil-Ġenna. Xi wħud huma pożittivi ħafna li hemm gradi ta' kuntentizza u tgawdija fil-Ġenna u ta' tbatija fl-Infern. Hemm xi siltiet li jidhru li jindikaw dan fil-Bibbja. Iżda, meta aħna nsibu illi li tmur fis-Smewwiet ifisser li tkun ma' Alla, u li tonqos milli tmur fis-Smewwiet ifisser li tkun imċaħħad mill-preżenza Tiegħu għal dejjem, aħna jkollna ftit interess dwar il-gradi. Il-ħaġa importanti hija li aħna nilħqu s-Smewwiet jew il-Ġenna.

Fil-Ġenna dak kollu lir-ruħ tkun tixtieq qiegħed hemm. Dak hu l-ħsieb veru tal-Ġenna. Il-Bibbja titkellem dwar post fejn aħna nieklu mis-siġra tal-ħajja u ngħixu għal dejjem, u xi mindaqqiet fejn aħna nieklu "mill-manna moħbija" (Rivelazzjoni 2:17), kif il-poplu ta' Alla darba iffestiġġja fuq il-manna ipprovduta fid-deżert. Il-Ġenna tipprovdi kull bżonn u l-għatx tar-ruħ ikun maqtugħ għal kollox. Ġwanni jgħid,

> "*Għax il-Ħaruf li hu f'nofs it-tron, jirgħalhom u jmexxihom lejn għejun ta' ilma ħaj. U Alla jimsaħ kull demgħa minn għajnejhom*" (Rivelazzjoni 7:17).

Jiena nħoss li jekk aħna nippruvaw nirriduċu l-Ġenna għall-gradi nkunu qegħdin nonqsu għal kollox milli naraw it-tifsira vera.

Il-Bibbja tgħallem li f'dik id-dar tas-Smewwiet ikun hemm sħubija mal-mifdija taż-żminijiet kollha. Mhux biss aħna nkunu ma' Alla, imma f'Mattew 8:11-12 naqraw,

> "*li għad jiġu mil-lvant u mill-punent u joqogħdu fuq il-mejda ma' Abraham u ma Iżakk u ma' Ġakobb fis-saltna tas-*

*smewwiet, waqt li dawk li twieldu fis-saltna jitkeċċew 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħa-żżiż tas-snien.*"

Ħafna mill-ulied tas-saltna—Lhud li darba ħasbu li huma kellhom ħafna privileġġi ta' ġewwa—jitħallew barra. Nies jinġiebu minn kull tribù, nazzjon, u lsien, u jkollhom il-privileġġ li joqogħdu fuq il-mejda ma' Abraham, Iżakk, u Ġakobb fis-saltna ta' Alla.

Aħna naħsbu dwar dar bħala post fejn il-ġustizzja hija r-regola tal-kondotta, u dan jgħin biex ifakkarna li "aħna nistennew smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja" (2 Pietru 3:13). Il-ġudizzju jkun fil-ġustizzja. Ma jkun hemm ebda parzjalità murija. Ma jkun hemm ebda inġustizzji!

Id-dar tar-ruħ hija post ta' mistrieħ. Il-Mulej tagħna fl-istedina kbira Tiegħu wiegħed dan il-mistrieħ meta qal,

> "*Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħ-kom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif*" (Mattew 11: 28-30).

Is-Smewwiet (jew il-Ġenna) huwa post ippreparat għal dawk li kienu ppreparaw għalih. Dik il-preparazz-joni hija l-iskop li għalih aħna nippriedkaw l-Evanġelju għaliex l-Evanġelju *biss* huwa l-qawwa ta' Alla għas-

salvazzjoni (Rumani 1:16). Dik il-preparazzjoni tibda b'fidi bħal tarbija li taċċetta lill-Mulej bħala s-Salvatur tal-bnedmin. Din tibda billi persuna ssir iben jew bint ta' Alla, jiġifieri, billi tisma' l-Evanġelju *wieħed* minn Alla *wieħed* u tiġi għall-fidi *waħda* fil-Mulej *wieħed*, li meta dik il-fidi tkun murija fil-magħmudija *waħda* billi tkun mgħaddsa fl-ilma permezz ta' l-Ispirtu *wieħed,* u toħloq fiha t-tama *waħda* (Efesin 4:4-6) għall-eternità kollha. Dan hu l-pjan ekumeniku ta' Alla. Ebda tradizzjoni tal-bnedmin, ebda kredu uman, ebda katekiżmu uman ma jista' jipprepara ruħ waħda biex tidħol fis-Smewwiet, ħalli jkollha ħajja ta' dejjem. L-ppostlu Ġwanni jgħid,

> "*Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù Kristu hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:31).

L-appostlu Pawlu jgħidilna f'Rumani 1:16,

> "*Jiena ma nistħix mill-Evanġelju ta' Kristu; għax l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu...*"

Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, tagħlaq bi twissija serja ħafna li,

> "*Jekk xi ħadd iżid magħha, Alla jixħet il-kastigi msemmija f'dan il-ktieb; u jekk xi ħadd ineħħi xi kliem milli hawn fil-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu s-sehem li jmissu mill-Belt il-qaddisa, u mill-ħwejjeġ li huma miktubin*

*f'dan il-ktieb*" (Rivelazzjoni 22:18-19. Ara wkoll Galatin 1:6-9; 3:15; 2 Ġwanni 9-11).

B'dawn it-twissijiet serji kollha, ħafna nies xorta għad ma jridux jisimgħu, u jkomplu jimxu fuq it-tradizzjonijiet tal-bnedmin. L-Iskrittura twissi li:

> *Jekk il-ġust bil-kemm isalva, x'ser isir mill-ħażin u mill-midneb?*" (1 Pietru 4: 18).

Li ma timxix skond il-liġi ta' Alla, jiġifieri, skond dak li tgħid il-Bibbja Mqaddsa huwa dnub għaliex id-dnub hu ksur tal-liġi. Ġwanni jgħid hekk dwar id-dnub,

> "*Kull min jagħmel dnub jikser ukoll il-liġi, għax id-dnub hu l-ksur tal-liġi*" (1 Ġwanni 3:4).

Xi wħud jaħsbu li d-dnub huwa li tisraq, toqtol, li tikkommetti adulterju u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Imma d-dnub huwa wkoll li ma timxix fuq it-tagħlim ta' Kristu, dak li tgħid il-Bibbja Mqaddsa (Ara Mattew 7: 22-27; Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 8-11; Rivelazzjoni 22: 18-19). Għalhekk wieħed għandu jwarrab it-tagħlim kollu tal-bnedmin u jimxi biss fuq il-Kelma ta' Alla.

**Din hija sfida għalina lkoll sabiex nagħmlu pprepa-razzjoni ntensiva. Forsi, l-affarijiet li jiena għedt jistgħu jikkawżawk li jkollok idea aħjar xi jfisser li tkun fis-Smewwiet ma' Alla. Jalla l-Mulej ibierek dan il-mes-saġġ għall-ġid tar-ruħ ta' kull min jaqrah, u jalla Hu jġibna lkoll fl-aħħar taż-żminijiet f'dik l-art il-ġdida ta' hena ma' Alla għal dejjem ta' dejjem. Amen.**

# IMMORTALITÀ
# (Parti 10)

Hemm żewġ raġunijiet tal-Bibbja biex wieħed jistudja s-suġġett ta' "l-Immortalità," jew "Għaliex Aħna Nemmnu f'Ħajja Oħra Wara Din il-Ħajja." L-appostlu Pawlu jagħti raġuni waħda b'dan il-kliem:

> "*Għalhekk farrġu lil xulxin b'dal-kliem*" (1 Tessalonikin 4:18).

Huwa sors ta' faraġ permanenti għall-Kristjani li jafu li huma sejrin għal darb'oħra jaraw u jkunu ma' dawk il-maħbubin li ħallew id-dinja u li kienu fidili sat-tmiem. Il-Bibbja Mqaddsa tgħid, permezz ta' Pawlu,

> "M*a rridux li ma tkunux tafu, ħuti, fuq dawk li raqdu fil-mewt, biex ma ssewdux qalbkom, bħal oħrajn li m'għandhomx tama. Għax jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u raġa' qam, hekk ukoll dawk li huma reqdin f'Ġesù, Alla jġib miegħu. Għax dan ngħidulkom aħna bil-kelma tal-Mulej, li aħna l-ħajjin u li nibqgħu sal-miġja tal-Mulej, ma naqbżux lil dawk li jkunu raqdu. Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel: Imbagħad aħna li nkunu ħajjin, li nkunu għadna hawn, ninħatfu flimkien magħhom fis-sħab, biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru:* ***u hekk inkunu dejjem mal-Mulej***" (1 Tess. 4:13-17).

"U HEKK INKUNU DEJJEM MAL-MULEJ." Dan ikisser u jġib fix-xejn dak it-tagħlim falz li Kristu se jerġa' jiġi fuq l-art fit-Tieni Miġja Tiegħu biex isaltan għal elf sena letterali. Il-Kristjani sejrin jiltaqgħu mal-Mulej "fl-ajru" u mhux fuq l-art, u hemm huma jibqgħu *għal dejjem Miegħu* biex QATT AKTAR ma jerġgħu jinżlu fuq l-art, la huma u lanqas il-Mulej! Jekk Kristu se jinżel fuq l-art għal elf sena, allura Pawlu kien żbaljat!

L-appostlu Pietru jħabbar ir-raġuni l-oħra għaliex aħna għandna nistudjaw l-immortalità tar-ruħ:

> "*Imma qaddsu lill-Mulej Alla f'qalbkom: u kunu dejjem lesti biex twieġbu lil kull min jistaqsikom dwar it-tama li tinsab fikom, bil-ħlewwa u bil-biża'*" (1 Pietru 3:15).

Kristjan m'għandux jieħu fastidju u jwarrab jekk xi ħadd jistaqsih għaliex hu jemmen f'ħajja oħra wara l-mewt, imma għandu jipprova bil-ħlewwa jfisser lil dawk li ma jaqblux miegħu bit-tama li huma wkoll jemmnu fis-salvazzjoni tar-ruħ tagħhom.

Wieħed li ma kienx jemmen fl-immortalità tar-ruħ jew fil-ħajja wara l-mewt argumenta ma' ieħor li jemmen b'dan il-mod: "Int qatt ma rajt ir-ruħ tiegħek, lanqas qatt ma ħassejtha, jew doqtha jew xammejtha jew smajtha. Billi l-għarfien jiġi biss permezz tal-ħames sensi, int ma tistax tkun taf li int għandek ruħ." L-ieħor malajr wieġeb: "Int ma tistax tara, tisma' x-xomm, id-duqq, u tħoss moħħok. Għalhekk, int m'għandekx moħħ."

Għalkemm qatt ħadd ma ra ruħ, jew il-ħajja nfisha, hemm ħafna raġunijiet għaliex aħna nemmnu li aħna ħajjin u wkoll li aħna għandna erwieħ li ma jmutux. Jekk dudu tal-ħaxix li jitgħawweġ fil-mixi f'sura li jimbuttak meta tarah jista' jinbidel f'farfett sabiħ ħafna, ma jistax il-bniedem jinbidel ukoll? Żerriegħa tal-qamħ tista' tinbidel f'zokk irqiq ta' ħdura tixxejjer mar-riħ u ġummiema tal-ħarir. Kif? L-ewwel iż-żerriegħa għandha tkun midfuna f'qabar ta' l-art; wara hija, bil-qawwa ta' Alla, tkisser it-tebut tagħha u tgħix b'mod aktar glorjuż minn qatt qabel. Hekk ukoll huwa appuntat għall-bniedmin li huma għandhom imutu sabiex huma jkunu werrieta tal-ħajja aktar abbundanti. L-appostlu Pawlu jiddeskrivi l-proċess b'mod l-aktar ċar hekk:

> "*Imma jgħid xi ħadd: Kif iqumu l-mejtin? u b'liema ġisem jiġu? Ja iblah, dak li tiżra' int ma jiħux ħajja, jekk ma jmutx: U meta tiżra', int ma tiżrax il-ġisem li għad ikun, imma daqxejn ta' żerriegħa, jista' jkun tal-qamħ, jew ta' xi żerriegħa oħra....Hekk ukoll hu l-qawmien mill-imwiet. Il-ġisem jinżera' fit-taħsir, iqum bla taħsir: Jinżera' fil-għajb; iqum fil-glorja; jinżera' fin-nuqqas ta' saħħa, iqum fil-qawwa; jinżera' ġisem naturali; iqum ġisem spiritwali. Jekk hemm ġisem naturali, hemm ukoll ġisem spiritwali*" (1 Korintin 15:35-38, 42-44).

Jekk il-bnedmin, sempliċiment bnedmin, permezz ta' għafsa ta' buttuna jsejħu vuċijiet barra mis-sema, mill-ispazju, għaliex wieħed għandu jaħseb li huwa inkredibbli li Alla għandu jsejjaħ lin-nies barra mill-oqbra tagħhom? Jekk il-bnedmin, sempliċiment bnedmin, jistgħu jtiru fl-ajru, għaliex wieħed għandu jaħseb li huwa inkredibbli li l-erwieħ tagħhom għandhom itiru lejn Missierhom fis-Smewwiet?

Pjuttost, huwa aktar inkredibbli li taħseb li l-Missier ta' l-ispirti jittantana u jħallina nbatu għal żmien fuq l-art u mbagħad jeqridna għal dejjem. Mingħajr id-dottrina li nerġgħu ngħixu, il-ħajja f'din id-dinja ma jkollha ebda skop reali. Jaħseb Alla aktar dwar il-muntanji li jispiċċaw mat-tmiem taż-żmien milli Hu jaħseb dwar ħajja qaddisa u sabiħa? Il-blat żamm matul eluf ta' snin imma l-aħjar minn fost in-nies kollha kemm jekk huma rġiel u kemm jekk huma nisa, dlonk jispiċċaw u jitilqu; il-jiem tagħhom fuq l-art bħall-fwar, u ma jkun hemm ħadd aktar jgħammar fuq l-art. Tassew, hija ħaġa inkredibbli li taħseb li Alla jivvaluta aktar it-trab tal-mirfes Tiegħu milli l-karattru ta' bniedem tajjeb. Sejjer skultur jgħaddi xhur tedjużi fuq kapolavur fl-irħam u fil-ġurnata ta' wara li jkun lestih jitħnu fi trab? Sejjer Alla jgħaddi snin jipprepara reċipjenti ta' unur Għalih Innifsu, u mbagħad jibgħathom lura fit-trab għal dejjem?

Ħellies li ssagrifika lilu nnifsu bħal Mosè, wara erbgħin sena jitqabad mal-poplu tiegħu, huwa ppremjat biss bi vjaġġ għall-quċċata ta' Pisga u l-mewt (Dewteronomju 34:1-5), jekk il-materjaliżmu huwa tassew. Kemm hija aħjar, aktar kredibbli, aktar razzjonali l-

fidi li ġiegħlet lis-salvatur ta' Iżrael:

> "*Bil-fidi Mosè, meta kiber, ma riedx jissejjaħ bin bint Fargħun; u għażel li aħjar ikun imkasbar mal-poplu ta' Alla, milli jgawdi għal ftit żmien il-pjaċiri tad-dnub; u qies il-għajb ta' Kristu bħala għana aqwa mit-teżori ta' l-Eġittu; għax hu kien iħares lejn il-premju. Bil-fidi ħalla l-Eġittu, bla ma beża' mill-għadab tas-sultan: għax hu żamm sħiħ, daqs kieku qiegħed jarah dak li ma jidhirx*" (Lhud 11:24-28).

U jekk m'hemmx post li jissejjaħ Smewwiet, fejn "huma jkantaw l-għanja ta' Mosè, il-qaddej ta' Alla," allura l-ksib ġgantek ta' Mosè kien kollu għal xejn. U hu jgħid,

> "*Imbagħad ikkunsidrajt kulma kienu għamlu jdejja, u t-taħbit li tħabatt biex għamiltu, u, ara, kollox kien frugħa, u ġiri wara r-riħ, u ma kien hemm l-ebda profitt taħt ix-xemx*" (Ekkleżjażti 2: 11).

Is-snin mhux egoisti mgħoddija minn Pawlu ta' Tarsu f'li rafa' l-umanità huma kollha frugħa jekk ma hemmx ħajja wara din il-ħajja.

> "*Jekk f'din il-ħajja aħna biss għandna tama fi Kristu, aħna l-aktar imsejknin fost il-bnedmin kollha*" (1 Korintin 15:19).

Hekk qal l-appostlu Pawlu b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu dwar is-suġġett tagħna.

Wieħed xettiku, iżda jgħid, "Aħna qegħdin ngħixu fl-epoka tax-xjenza, u l-fatt ta' l-immortalità ma jistax ikun muri fil-labaratorju." Dik l-istqarrija hija vera, imma din ma tistax teħoda kontra d-dottrina ta' l-immortalità. Din turi biss li l-labaratorji mhumiex attrezzati biżżejjed: dawn mhumiex ippreparati biex jittrattaw ma' spirti u ħwejjeġ inviżibbli. Għaliex, il-labaratorji lanqas ma huma ppreparati biex jittrataw ma din il-ħajja preżenti, aħseb u ara mal-ħajja eterna. Ebda xjenzat ma jista' jgħid in-natura u t-tiswir tal-ħajja nfisha. Hemm tant fatti oħra li ma jistgħux ikunu murija fil-labaratorju. Ħadd ma jiddubita li hemm qawwa msejħa gravità. Imma dwar għal xhix dik il-qawwa hija, u x'jagħmilha li topera, ebda xjenzat ma jista' jgħid. Sir Isaac Newton qal, "Jiena naf il-liġijiet ta' l-attrazzjoni, imma jekk int tistaqsini xhini l-attrazzjoni, jiena tassew ma nistax ngħid." Dak kollu li jitla' 'l fuq għandu jinżel l-isfel titlob l-ipotesi tal-gravità. L-istess, it-tifsira għall-ħajja qaddisa u sabiħa titlob l-immortalità.

Billi labaratorju jista' janalizza u jissintetizza, ħalli ħadd ma jikkonkludi lix-xjenzati jistgħu kollox, ikunu jafu kollox, u jgħidu l-ħwejjeġ kollha. Ta' spiss hemm wisq aktar fatt milli xjenzat jista' jibda biex jgħid. Min sejjer jgħid li, meta labaratorju janalizza demgħa minn fuq wiċċ imxarrab ta' omm bħala 'sodium chlorine' u 'hydrogen oxide', dan ikun qal l-istorja kollha? in-nofs ma jkunx intqal. Xjenzat janalizza bewsa bħala "impatt fiżiku, akkumpanjat minn pressjoni atmosfe-

rika u tlugħ fit-temperatura," imma daqqa fuq ir-ras minn xi ħaġa iebsa tkun analizzata eżattament fl-istess mod. Analisi tal-labaratorju fl-ebda mod ma tgħid l-istorja kompluta; mela ħalli ħadd ma jkun im-dejjaq meta analisi tal-labaratorju tal-ġisem uman ma tirrivela ebda ruħ.

Barra minn dan, ix-xhieda tal-Bibbja għandha tinst-ama'. Xi wħud jgħidu, "Int m'għanek bżonn tkkowota ebda Skrittura għalija, għax aħna ma nemmnux dak li l-Bibbja tgħid." Imma wieħed ma jkunx ġust miegħu nnifsu l-anqas max-xhieda meta hu jitkellem b'dak il-mod. Il-Bibbja għamlet aktar tajjeb għad-dinja minn kull kiteb ieħor. Bla ma tonqos hija tbierek kull famil-ja li titbaxxa għall-mandati tagħha. U mbierek huwa dan in-nazzjoni li l-Alla tiegħu Hu YHWH u li l-liġijiet tiegħu hija l-Bibbja Tiegħu. Pajjiżna hu nieqes wisq f'li jgħix skond il-Ktieb tal-kotba, imma wkoll prattika parzjali tal-preċetti tiegħu tbierek bl-abbun-danza. Fejn il-Bibbja mhix aċċettata, n-nazzjon ikun jinsab fid-dell tad-dlam, imma d-dħul tal-Bibbja jagħti d-dawl.

> "*Il-ħżiena, u l-ġnus kollha li jinsew lil Alla, imorru f'saltnet l-imwiet*" (Salm 9:17).

Għalhekk aħna għandna nagħtu widen għal dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. U b'tagħ-lim definitiv sod, il-Bibbja tmexxi lin-nies lejn l-id il-leminijia ta' Alla fejn hemm il-milja tal-ferħ u kunten-tizza għal dejjem. F'Ġob 14:14, Ġob jistaqsi,

> "Je*kk il-bniedem imut, jarġa' jgħix?*"

U hu jwieġeb il-mistoqsija tiegħu stess billi jgħid,

> "*U wara li ġildi tkun meqruda, min-għajr ġismi (laħmi) nara 'l Alla. Li jien narah ħdejja, u jaraw għajnejja, u mhux dawk ta' wieħed stranġier*" (Ġob 19:26, 27).

Xi wħud għawwġu Ekkleżjażsti 9:5,

> "*...il-mejtin ma jafu xejn...*"

fejn jippruvaw li jagħmlu dan jidher lin-nies mejtin mhumiex konxi. Espressjoni identika tinsab fl-Ewwel Samwel 20:39:

> "*U t-tfajjel ma kien jaf xejn...*"

Imma hawn ħadd ma jipprova jgħallem lit-tfajjel ma kienx konxju! Iġsma mejta ma jafu xejn, u jmorru lura lejn it-trab, imma l-ispirti tagħhom imorru lejn Alla li tahom (Ekkleżjażti 12:7). Dan hu t-tagħlim Skritturali u mhux nofs tagħlim kif jgħallmu għalliema foloz moderni!

Xi modernisti sostnew li l-idea ta' l-immortalità ma tinstabx fit-Testment il-Qadim. Imma huma sempliċiment insew x'emmnu Ġob u Salamun u Abraham u Ħenok u David. David kanta li hu ma jibża' minn ebda deni fil-wied tad-dell il-mewt, ma nibża' minn ebda ħsara u ngħammar fid-dar tal-Mulej għal dejjem. (Salm 23:4, 6.) Imbagħad hu qal,

> "*X'kien jiġri minni kieku ma emmintx li nara t-tjieba tal-Mulej fl-art tal-ħajjin*" (Salm 27:13).

Meta ibnu miet, David ma samx u nikket lilu nnifsu,

għaliex hu stenna li jerġa' jara lit-tarbija, u ħabbar:

"*Jien immur lejha*" (2 Samwel 12:23)

It-Testment il-Ġdid idoqq dwar il-ħsieb ta' ħajja aħjar:

> "*Għax aħna nafu li, jekk id-dar ta' l-art tat-tabernaklu tagħna tiġġarraf, aħna għandna dar mibnija minn Alla, dar mhix maħduma bl-idejn, eterna, fis-smewwiet*" (2 Korintin 5:1).

U Pawlu jgħid,

> "*U issa, ħuti, nerħikom f'idejn Alla, u fil-kelma tal-grazzja tiegħu, li tista' tibnikom, u tagħtikom wirt mal-qaddisin kollha*" (Atti 20:32).

Aqra l-Bibbja tiegħek; hija tibni l-fidi tiegħek fil-ħajja aħjar, imma "aħjar li huma qatt ma kienu twieldu, li jaqraw biex jiddubitaw, jew jaqraw biex jiddisprezzaw."

L-istess kif l-aktar ktieb benefiċjenti ma jistax ikun injorat, hekk ukoll l-uniku raġel perfett tad-dinja ma jistax ikun injorat. Ġesù emmen f'nies li jerġgħu jgħixu:

> "*Jiena hu l-qawmien, u l-ħajja; kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix*" (Ġwanni 11:25).

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? "Ukoll jekk imut, jgħix." Ifisser dan li jekk imut jispiċċa għal dejjem? Imma Ġesù mhux biss emmen fl-immortalità: Hu qal li Hu kien hemm!

"*Tassew, tassew, ngħidilkom: Qabel ma kien Abraham, jien hu*" (Ġwanni 8:58).

Hu kien, Huwa Hu, u Hu ġej; l-istess, il-bieraħ, illum, u għal dejjem (Lhud 13:8). Issa, hemm biss tliet possibbiltajiet dwar Ġesù: jew Hu qal il-verità jew Hu iffalsifika jew Hu kien ingannat. Imma ma kienx possibbli għal Ġesù li jkun biss raġel ingannat imnikket. Il-kliem Tiegħu dwar l-immortalità qatt ma kien fil-vojt, u li timmarka l-akbar għalliem tad-dinja, l-aħjar raġel tad-dinja bħala biss Lhudi mqarraq bih innifsu u ossessjonat huwa ħsieb mostruż! Dik il-possibbiltà sempliċiment mhix razzjonali. Jew Hu mela qal il-verità jew Hu iffalsifika. Issa, ħadd ma jiddubità li Ġesù kien raġel sewwa; ukoll l-għedewwa Tiegħu jammettu li ħajtu kienet eċċezzjonalment nadifa u moralment tajba b'mod li ma tistax tkun aħjar. Imma raġel tajjeb mhuwiex se jiffalsifika! Hu qal li Hu kien fis-smewwiet u li kien se jmur lura u se jerġa' jiġi għan-nies Tiegħu. Raġel tajjeb ma jingannax lin-nies b'dak il-mod. L-unika possibbiltà mela hija, Ġesù, aktar razzjonali minn kull wieħed minna, aħjar minn kull wieħed minna, qal il-verità assoluta.

Il-materjaliżmu jfisser li Hitler u oħrajn bħalu huma aktar għorrief minn Ġesù u Pawlu.

"*Jekk il-mejtin ma jqumux, ħa nieklu u nixorbu, għax għada mmutu!*" (1 Korintin 15:32).

It-tagħlim Epikurew ikun l-aħjar, skond il-materjaliżmu.

Hitler u l-Pollakki, ir-raġel għani u Lażżru, u t-tarbija ta' Lindbergh u dak li seraqha sejrin jaqsmu l-istess destini—qirda totali. "Mhuwiex l-Imħallef tad-dinja kollha sejjer jagħmel it-tajjeb?"

Il-Materjaliżmu jfisser ebda konfort fl-oqbra. Owen li ma kienx jemmen qal f'razzett, "Jiena għandi ftit biża' dwar il-mewt daqs dak il-barri." Kristjan wieġeb, "U l-stess daqs ta' tama." Kristjan biss jista' jkasbar il-mewt, jista' jieqaf maġenb il-qabar u jidħak bih:

> "*Ja mewt, fejn hi n-niggieża tiegħek? Ja qabar, fejn hi r-rebħa tiegħek?... Imma niżżuħajr 'l Alla, li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu*" (1 Korintin 15:55-57).

Il-materjaliżmu jieħu mill-qlub tan-nies fidi aktar prezzjuża mid-deheb li jispiċċa, u jpoġġi vojt iswed għat-tamiet tagħhom għal għada. Bħala Kristjani, meta aħna nkunu wasalna biex inħallu din id-dinja, ngħidu,

> "J*ien naf f'min emmint, u naf sewwa li hu jista' jħares it-teżor li kien afdat f'idejja sa ma jasal dak il-jum*" (2 Timotju 1:12).

Is-Sur Talbot kiteb: "Mewt, jiena jkolli l-aħħar kelma fl-argument tagħna....Meta int tkanta tal-mejtin fuq il-qabar tiegħi jiena nkun kuraġġjuż u nkanta għanja trijunfanti. Meta l-ġisem tiegħi jkun qiegħed taħt it-trab u l-aħħar kelma tiegħek tkun intqalet jien ngħid, 'Jiena ngħix ma' Alla; ġismi biss hu mejjet; il-qoxra weħidha hija tiegħek; il-qalba hija divina.'"

# “X’INHU L-BNIEDEM?”
# (Parti 11)

Il-bniedem għandu tliet kwalitajiet: fiżiku, mentali, u spiritwali. Il-bniedem hu t-trab ta’ l-art, u hu għandu abbiltà kapaċi li jegħleb fuq il-fiżiku, u ruħ immortali.

## I. Il-Fiżiku (Sura) Tiegħu

Ġie l-ġisem tal-bniedem minn ċans jew ħolqien? Fin-natura, iċ-ċans dejjem imur lejn disintegrazzjoni, mhux integrazzjoni. Li tgħid li l-ġisem tal-bniedem huwa riżultat ta’ sempliċiment ċans hu li titlef il-fidi fil-ħsibijiet kollha. Is-sistema skeletali tal-bniedem, b’aktar minn mitejn partijiet li jiċċaqalqu, (ligamenti u lubrikati), mhuwiex inqas meraviljuż mill-apparat muskolari tiegħu. Kif kull sistema ġiet li teżisti? U, aktar meraviljuż, kif is-sistemi skeletali u muskolari ġew flimkien? U, aktar tal-għaġeb, kif hija miksuba l-koordinazzjoni ta’ l-inter-sistema? U mbagħad, minn fejn ġiet is-sistema nervuża li tikkontrolla, li tħaddem u sensorjali? U s-sistema fi tlieta tissinkronizza? Imbagħad, meta wieħed jaħseb dwar is-sistema taċ-ċirkolazzjoni u dik respiratorja u dik diġestiva, u l-koordinazzjoni ta’ apparat bħal dan f’ġisem wieħed uman, wieħed ikun lest biex jidfen it-teorija “ċans” (dik ta’ l-evoluzzjoni) fl-aktar oċean fond.

> “*Tal-biża’ u tal-għaġeb jien magħmul: tal-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek; u dan ruħi tafu tajjeb*” (Salm 139:14).

> “*Kunu afu li l-Mulej hu Alla: hu li għamilna, u mhux aħna lilna nfusna*” (Salm 100:3).

Ħafna, konvinti dwar l-impossibbiltà ta' ġenerazzjoni spontanja, huma kreazzjonisti, imma huma jgħidu lix-xogħol ta' Alla fil-ħolqien kien sempliċiment biex jgħamel l-ewwel ċellula tal-ħajja. Alla m'għamilx par matur għal kollox, Adam u Eva, imma li l-ewwel par ta' *homo sapiens* wasal biss wara proċess evoluzzjonarju estiż mill-ewwel ċellula tal-ħajja. Dawk li jżommu għal din l-idea, evoluzzjoni teistika, jemmnu li huma armonizzaw il-konċett tagħhom ta' Alla ma' l-opinjoni prevalenti tax-xjenzati.

Evoluzzjonisti teisti jaħsbu li huma jagħmlu gwadan billi jikkonċiljaw lix-xjenzat u fl-istess ħin iżommu ma' Alla. Imma t-telf tagħhom huwa kbir wisq. Ix-xjenzati m'għandhom ebda kategorija li fiha huma jistgħu jpoġġu d-dnub, għaliex annimal ma jistax jidneb. U dawk ix-xjenzati ma jiġux biex isalvaw evoluzzjonist li jkun għadu qiegħed iżomm mad-dottrina tad-"dnub" tal-Bibbja. Dawk li jistqarru li huma evoluzzjonisti Kristjani jinsabu f'pożizzjoni iebsa biex jispjegaw kif annimal li evolva kiseb ix-xbiha ta' Alla. Huma jistqarru wkoll li jemmnu fil-ħlas bi tpattija għad-dnubiet tagħna, madankollu progress evoluzzjonarju ma jeħtieġ ebda ħlas bi tpattija għad-dnubiet, kumplimentazzjoni biss! Barra minn dan, Ġesù, li fih hemm moħbija t-teżori kollha ta' l-għerf (Kolossin 2: 3), emmen f'Adam u Eva letterali, u Hu kkwota dwarhom mir-rakkont ta' Ġenesi (Mattew 19:4). Tassew, Kristjan li jaċċetta l-evoluzzjoni ġie magħmul vittma ta' "xjenza msejħa hekk b'mod falz: li xi wħud li jipprofessaw li jemmnu żbaljaw dwar il-fidi." Ma tistax tkun Kristjan tat-Testment il-Ġdid u fl-istess ħin

tgħid li temmen fl-evoluzzjoni. Il-Kristjaneżmu u l-evoluzzjoni huma żewġ dottrini li jmorru kontra xulxin għal kollox!

## II. Il-Moħħ Tiegħu

Kif l-argument tax-xebħ bejn il-bniedem u l-annimal jiġi fix-xejn meta wieħed jikkunsidra l-mentalità tax-xadin ma dik tal-bniedem. Skond l-evoluzzjonist Huxley, bejn l-aktar bniedem baxx u l-aktar annimal għoli, hemm "vojt enormi, diverġenza prattikament infinita." Il-bniedem u l-annimal mhumiex fl-istess saltna. Annimali ma jagħmlu ebda progress mentali; huma ma jistgħux jitkellmu; huma ma jistgħux jittbissmu. Huma ma jistgħux ikun mqiegħda fl-istess sfera ma' xi ħadd bħal Edison. Kittieb tajjeb jista' jieħu biċċa karta li tiswa inqas minn ċenteżmu u jikteb fuqha, u minnha jagħmel qligħ ta' mijiet jew eluf ta' liri ta' qawwa mentali! Pittur espert jista' jieħu biċċa kanvas u żjut, li jiswew ftit liri, u tinbigħ għal eluf ta' liri. Din hija d-differenza bejn l-annimal u l-bniedem!

## III. Ir-Ruħ Tiegħu

Ġesù emmen li l-bniedem mhuwiex biss fiżiku u mentali, imma wkoll spiritwali. Hu emmen lir-ruħ tal-bniedem hija indistruttibbli, li hemm xi ħaġa fil-bniedem li tibqa' ħajja wara ċ-ċimiterju:

> "*Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix*" (Ġwanni 11:25).

Jekk xi wħud jargumentaw li anatomisti naqsu milli jallokaw ir-ruħ tal-bniedem, allura huma għandhom ikunu mogħtija parir li l-anatomisti ma kinux kapaċi li

jżommu kampjun ta' l-essenza tal-ħajja u jgħidu, "Hawn hija wirja tagħha." Huma ma kinux kapaċi li jpoġġu ħsieb ġewwa vetrina. U billi l-ħajja u l-konjizzjoni (l-abbiltà li wieħed jagħraf, jifhem,, jaqbad bil-moħħ) huma superjuri għall-ġebla jew xi oġġett imqiegħed għall-wiri, għalhekk ir-ruħ tal-bniedem hija l-possessjoni l-akbar ta' valur tiegħu u li tibqa':

> "*Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu [ruħu]*" (Mattew 16:26).

> "*Għalkemm il-bniedem tagħna ta' barra jintemm, il-bniedem ta' ġewwa fina jiġġedded minn jum għal jum*" (2 Korintin 4:16).

> "*Billi tirċievu l-għan tal-fidi tagħkom, is-salvazzjoni ta' ruħkom*" (1 Pietru 1: 9).

U għalkemm,

> "*id-dar ta' l-art ta' dan it-tabernaklu tiġġarraf,*"

u l-proċess konoxxittiv fuq din l-art jisparixxi,

> "*aħna għandna bini ta' Alla, dar mhix magħmula bl-idejn, eterna fis-smewwiet*" (2 Korintin 5:1

Hemm xi ħaġa dwar bniedem Kristjan li jitbiegħed "biex ikun ma' Kristu" (Filippin 1:21-23) meta l-ġisem ikun imqiegħed fil-qabar.

Dik ix-xi ħaġa, Biblikament il-bniedem reali nnifsu,

hija evidenti f'wirja empirika. Hemm xi ħaġa f'Saul li, aġġixxiet fuq konfrontazzjoni ma' l-Iben ta' Alla, kienet tista' tbiddlu f'Pawlu; kienet tista' tikkonverti l-persekutur f'wieħed ippersegwitat; kienet tista' tbiddel l-iljun f'ħaruf, immexxi minn tifel ċkejken! Meta wieħed jara (b'ħajja empirika) bidla bħal din f'raġel, wieħed ikun jaf li hemm *xi ħaġa* f'dak ir-raġel kapaċi li twieġeb għad-dehra ta' Kristu. Id-dehra ta' Kristu għal iljun letterali qatt ma kien ikollha effett bħal dan għaliex ma hemm xejn fl-iljun li jista' jirrispondi. Id-dehra ta' Kristu għall-bniedem bla ebda ruħ qatt ma kien ikollha effett bħal dan, għaliex ebda bniedem fl-egoċentriċità tiegħu ma jista' jsib xi raġuni biex ikun imġiegħel ħalli jgħix il-ħajja msallba li Pawlu dejjem wera wara. Huwa biss meta ruħ, il-bniedem innifsu reliġjuż, tkun mitluba ikun hemm xi bażi għall-wirja li tidher fil-ħajja ta' Pawlu. L-istess kif it-teorija taċ-ċans għandha tkun imwarrba fil-ġenb billi l-fatti jitolbu ħallieq, hekk ukoll il-fatti jitolbu li l-bniedem ikollu ruħ.

Xejn inqas minn kreatura fi tlieta ma jista' jidd-eskrivi l-bniedem, u ma dan jaqbel il-Ktieb li jaf lill-bniedem aktar milli hu qatt jista' jkun jaf lilu nnifsu:

> "*U Ġesù kiber fil-għerf u fit-tul, u fil-grazzja ma' Alla u mal-bnedmin*" (Luqa 2:52).

## ID-DOTTRINA TAR-RUĦ IMMORTALI
## (Parti 12)

Il-materjlista jgħid li l-univers kollu fih biss żmien, spazju, u materja. Hu jgħid li l-istat kollu tar-realtà jista' jidher u jinħass permezz tas-sensi umani. Il-materjaliżmu f'forma aktar għaqlija huwa għamla ta' ħsieb użat minn nies reliġjużi biex jispjega l-bażi tar-reliġjon. Ħsieb materjalista, wassal lil ħafna nies għal deċiżjoni li l-bniedem m'għandux ruħ immortali. Ix-Xhieda ta' Ġeħova huma mexxejja li juru dan, li jemmnu dan f'li jgħallmu n-nuqqas ta' eżistenza tar-ruħ immortali. Aħna sejrin nibdew dan l-istudju tagħna dwar ir-ruħ billi nippreżentaw il-każ tax-Xhieda ta' Ġeħova kontra r-ruħ immortali u nerġgħu nagħtu daqqa t'għajn mill-ġdid tal-każ b'veduta ħalli nwaqqfu xhieda ċara li l-bnedmin tassew għandhom ruħ immortali.

## IL-KAŻ KONTRA R-RUĦ IMMORTALI

Jintqal li: "Kien hemm erwieħ fuq l-art qabel mal-bniedem kien maħluq. Dawn l-erwieħ kienu jinsabu fl-annimali. Aħna nafu li l-annimali mhumiex immortali. Dan juri lir-ruħ mhix immortali. F'Ġenesi 1:20-25 il-kelma Lhudija *Nephesh* hija tradotta "kreatura"; f'Ġenesi 2:7 l-istess kelma hija tradotta "ruħ" b'riferenza għall-bniedem. L-użu ta' l-istesss kelma Lhudija f'li tirreferi għat-tnejn, il-bniedem u l-annimal jipprova li t-tnejn għandhom ruħ, u lir-ruħ tagħhom hija ta' l-istess natura.

It-Testment il-Qadim jgħallem illi r-ruħ tmut. Levitku 23:30, "*Jiena neqred dik ir-ruħ*"; Numri 23:10,

"*Ħalli ruħi tmut*"; Eżekjel 18:20, "*Ir-ruħ li tidneb tmut*." Ir-ruħ tiegħek tmut. Għalhekk, ir-ruħ tiegħek hija int.

Lhud 4:12 jgħallem illi l-bniedem għandu spirtu u li hemm differenza bejn it-tnejn. It-terminu *spirtu* ġej minn kelma li tista' tfisser qawwa; għaldaqshekk, il-qawwa tal-ħajja. Ir-ruħ tiegħek hija int. Meta inti tmut ruħek tmut, imma l-qawwa tal-ħajja tiegħek tmur lura għand Alla li ta dik il-qawwa lilek (ara Ekkleżjażti 12: 1-7). Aħna nafu li dan l-ispirtu mhuwiex il-personalità tiegħek li tibqa' u li hija konxja għaliex meta tmut, inti tkun imħolli mhux f'sensik. Salm 146:4 jgħid li ma hemm l-ebda ħsieb fil-qabar. 1 Korintin 15:18 u 1 Tessalonikin 4:13 jgħallmu li meta aħna mmutu norqdu, mhux nibqgħu imqajmin.

Ir-ruħ tiegħek tmut. L-ispirtu tiegħek huwa sempliċiment qawwa. Meta inti tmut il-ħsibijiet tiegħek jispiċċaw fix-xejn. Għalhekk, int m'għandekk l-ebda ruħ immortali li tibqa' wara li inti tmut.

Din hija l-veduta ta' dawk li jgħallmu lir-ruħ mhijiex immortali imma li tispiċċa mal-mewt. Imma huwa dan il-każ skond it-tagħlim ta' l-Iskrittura Mqaddsa? Ħalli naraw x'tgħid tassew il-Kelma ta' Alla.

## IL-KAŻ STUDJAT

Aħna m'aħniex sejrin nitkellmu dwar il-konklużjoni li f'xi passi tal-Bibbja "ir-ruħ tiegħek hija int" skond l-użu tat-terminu; imma aħna niċħdu bil-qawwa kollha lit-terminu ruħ dejjem jirreferi għan-natura morali tal-bniedem. Aħna sejrin inħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha għaliex hekk jgħidilna l-Ispirtu s-Santu

biex nagħmlu (2 Pietru 1:20, 21). Fit-Tielet Ġwanni, vers tnejn aħna naqraw,

> "*Għażiż, nitlob lil Alla li kollox **imurlek** tajjeb u li tkun f'saħħtek, l-istess bħalma **inti** sejjer tajjeb f'**ruħek***" (enfasi tiegħi).

F'dan il-vers "ruħek" hija murija li hija ħaġa differenti mill-kelma "inti." Ikkunsidra dan is-sillogiżmu:

Ir-ruħ tiegħek hija inti (Ġenesi 2:7).
Il-bniedem jista' jeqirdek.
Għalhekk, il-bniedem jista' jeqred ruħek.

Il-bniedem jista' jeqirdek.
Il-bniedem ma jistax jeqred ruħek (Mattew 10:28).
Għalhekk, ruħek ma tistax tkun int.

Xi wħud mill-ewwel jaġixxu għal dawn is-sillogiżmi billi jistaqsu, "Qiegħed inti tipprova biex tgħid li l-Bibbja tikkontradixxi lilha nfisha?" It-tweġiba ċara hija iva **jekk** it-terminu "ruħ" għandu biss tifsira waħda; imma jista' jiġi ppruvat li l-istess terminu għandu żewġ tifsiriet differenti, biex hekk ma jkun hemm ebda kontradizzjoni.

Huwa tassew li l-ispirtu tal-bniedem huwa biss qawwa tal-ħajja tiegħu? Ekkleżjażti 3:19 jgħid li l-bniedem u l-annimal għandhom spirtu (nifs) wieħed komuni. Iżda, "*l-ispirtu ta' annimal li qiegħed imut imur 'l isfel fl-art, imma l-ispirtu ta' bniedem li qiegħed imut jitla' 'l fuq lejn Alla, minn fejn ġie.*" Jekk l-ispirtu tal-bniedem imur lura għand Alla, għaliex l-ispirtu ta' l-annimal ma jmurx ukoll lura għand Alla

jekk huma l-istess? Ċertament għandu jkun hemm differenza bejn iż-żewġ spirti, imma *x'inhi d-differenza*? It-tnejn, il-bniedem u l-annimal jgħixu minħabba *l-qawwa* tal-ħajja li tagħtihom il-ħajja. It-tnejn, il-bniedem u l-annimal huma l-ħolqien ta' Alla, għalhekk iż-żewġ spirti jiġu minn Alla. Mela, nirrepeti, "*x'inhi d-differenza?*" Jista' jkun hemm biss tweġiba waħda —l-ispirtu tal-bniedem huwa immortali waqt li dak ta' l-annimal huwa għal kollox mortali. Lhud 12:22-24 huwa eżempju ċar tat-terminu "spirtu" li jirreferi għan-natura immortali tal-bniedem. Hawn naqraw hekk dwar l-ispirti ġusti minn Abel sa issa:

> "*Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalem tas-sema; ersqatu lejn eluf ta' anġli f'ġemgħa ferrieħa; lejn il-ġemgħa ta' l-ulied ewlenin li isimhom hu miktub fis-sema; lejn Alla l-imħallef ta' kulħadd; lejn l-erwieħ ta' nies tajba u perfetti, lejn Ġesù l-medjatur ta' patt ġdid; u lejn id-demm imraxxax tiegħu jitkellem b'mod aqwa minn dak ta' Abel*" (Ara Lhud 11:39-40).

It-termini "*ruħ*" u "*spirtu*" huma wżati b'mod li jistgħu jfissru l-istess, li jistgħu jinbidlu. Ġenesi 35:18 jitkellem dwar ir-ruħ titlaq ġisem u tipproduċi l-mewt; waqt li Ġakbu 2:26 jitkellem dwar l-ispirtu jitlaq mill-ġisem u jipproduċi l-mewt. 1 Slaten 17:21 jitkellem dwar ir-ruħ **terġa' tiġi** għall-ġisem biex tagħti l-ħajja mill-ġdid, u Luqa 8:55 jitkellem dwar it-terminu "*spir-*

*tu*" fl-istess mod.

Il-*ħsibijiet* ta' Salm 146:5 jirreferu mhux għall-attenzjoni tagħna imma għall-pjanijiet u skemi tagħna u dan huwa hekk tradott fil-verżjoni Ingliża, RSV (Revised Standard Version). "L-għerf" f'Ekkleżjażsti 9:10 huwa abbiltà attiva biex tagħmel deċiżjonijiet u li taġixxi fuqhom; ukoll dan m'għandux x'jaqsam ma' l-attenzjoni, li tkun mgħarraf. Huwa tassew li l-mejtin jorqdu, imma r-raqda tagħhom hija raqda fiżika u mhux raqda ta' l-ispirtu immortali mill-aspett ta' nuqqas ta' sens. Issa ħalli aħna nagħtu xhieda soda ta' l-eżistenza tar-ruħ immortali tal-bniedem.

## XHIEDA TAR-RUĦ IMMORTALI

1. **Mattew 10:28**,

> "*U tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem, bla ma jistgħu joqtlu r-ruħ; imma aktar ibżgħu minn dak li jista' jeqred kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem fl-infern.*"

It-tifsira ta' Kristu hawn tar-ruħ hi dik li l-bniedem ma jistax jeqridha imma Alla jista'. Il-fatt li Ġesù jitkellem dwar li jeqred lir-ruħ fl-infern ma jipprovax li l-bniedem hu mingħajr ruħ li tibqa' ħajja wara l-mewt.

2. **Mattew 22:31-32**,

> "*Għal dak imbagħad li hu qawmien mill-imwiet, ma qrajtux x'kien qalilhom Alla, 'Jiena Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb'? **Hu mhux Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin!***" (enfasi tiegħi).

Hawn, f'dawn il-versi, Sidna Ġesù Kristu, ikkwota minn Eżodu 3:6, 15, fejn Alla qal li f'dak il-ħin jew żmien **HU KIEN** 'l Alla ta' Abraham u **li kien ilu mejjet 329 sena**; Hu kien 'l Alla ta' Iżakk **li kien ilu mejjet 224 sena**; u li Hu kien 'l Alla ta' Ġakobb **li kien ilu mejjet 198 sena**. Ġesù hawn afferma bil-qawwa kollha li Alla Hu Alla **tal-ħajjin**, u Hu jiċħad li Alla Hu Alla tal-mejtin! Taqbel int ma' dan? Ukoll Alla, għalkemm Hu m'huwiex Alla tal-mejtin, Hu Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb. Mela, dawn it-tlitt irġiel ċertament li kienu **ħajjin f'erwieħ immortali** wkoll għalkemm huma kienu ilhom mejtin fil-ġisem fiżiku tagħhom. Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk?

3. **Luqa 9:29-31**,

> "*Hu u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet, u lbiesu sar abjad u jiddi. U, ara, kien hemm jitkellmu miegħu żewġt irġiel, li kienu Mosè u Elija: Li dehru fil-glorja, u kienu jitħaddtu fuq it-tmiem tiegħu li hu kellu jwettaq Ġerusalem.*"

Meta t-trasfigurazzjoni ġrat, *Mosè kien fil-qabar* (Dewteronomju 34:5) u Elija *kien diġa ħalla d-dinja* (2 Slaten 2:1). Madankollu, it-tnejn, kemm Mosè u kemm Elija kienu għadhom ħajjin. Imma skond it-tagħlim żbaljat lir-ruħ tmut ukoll mal-mewt tal-ġisem dan ma jistax ikun. Jekk meta Mosè miet, mietet ukoll ir-ruħ tiegħu, allura min kien dak li kien ma' Elija? **Dan ma jistax ikun spjegat jekk aħna nneħħu l-eżistenza tar-ruħ immortali**.

4. **Luqa 16:19-31,**

*"Kien hemm wieħed għani, li kien jilbes il-porpra u għażel fin, u kien jixxala kuljum bil-ħala: U kien hemm wieħed tallab jismu Lażżru, li kien mixħut ħdejn il-bieb tiegħu, mimli ġrieħi. U kien jixtieq jixba' bil-frak li jaqa' minn fuq il-mejda ta' l-għani: iżda sal-klieb kienu jiġu jilaqgħu l-ġrieħi tiegħu. Ġara, lit-tallab miet, u nġieb mill-anġli fi ħdan Abraham: il-għani wkoll miet, u ndifen: U f'post l-imwiet waqt li kien fit-tbatija, rafa' għajnejh, u ra 'l Abraham mill-bogħod, u 'l Lażżru fi ħdanu. U għajjat, u qal: 'Missier Abraham, ikollok ħniena minni, ibgħat 'il Lażżru biex ibill tarf sebgħu fl-ilma, u jberridli lsieni; għax qiegħed inbati f'din il-fjamma tan-nar.' Iżda qal Abraham: 'Ibni, ftakar li int ħadt il-ġid f'ħajtek, u Lażżru wkoll ħa d-deni; iżda issa hu jitfarraġ, u int tbati. U barra dan kollu, bejna u bejnkom hemm vojt kbir; biex min ikun irid jgħaddi minn hawn għal għandkom ma jkunx jista'; lanqas jgħaddu għal għandna dawk li jixtiequ jiġu minn hemm.' Imbagħad qal: 'Nitolbok mela, missier, li tibagħtu f'dar missieri; Għax għandi ħamest aħwa; biex jixhdilhom, ħalli ma jiġux huma wkoll f'dan il-post tat-*

*tbatija.' Abraham qallu: 'Għandhom 'il Mosè u l-profeti; ħa jisimgħuhom.' U qallu: 'Le, missier Abraham: iżda jekk xi ħadd mill-imwiet imur għandhom, jindmu.' U qallu: "Jekk ma jisimgħux minn Mosè u mill-profeti, lanqas jemmnu, għalkemm wieħed iqum mill-imwiet."*

Ix-Xhieda ta' Ġeħova, sfortunatament, isostnu li din is-silta jew parabbola hija fugurattiva u mhux ġrajja tassew. Jekk inti tbiddel lil Lażżru, lir-raġel għani, il-mewt, l-anġlu, u n-nar tal-post ta' tbattija, ħdan Abraham, il-vojt kbir, id-djalogu, u l-aħwa li kienu għadhom jgħixu f'simboli li jirrappreżentaw ħwejjeġ oħra —imbagħad **xi tkun il-lezzjoni tal-parabbola**? Il-messaġġ tal-Mulej huwa ċar ħafna u ħadd ma jista' jbiddlu!

Jekk aħna naċċettaw l-interpretazzjoni falza tax-Xhieda ta' Ġeħova, allura l-istorja kollha ssir mingħajr ebda sens. L-uniku mod biex titgħallem xi ħaġa minn dan ir-rakkont hu li tikkunsidrah bħala ġrajja tassew. Lażżru u r-raġel għani kellhom erwieħ immortali l-istess kif kellhom Abraham, Iżakk, Ġakobb, Mosè u Elija. Għalhekk aħna dejjem għandna nħallu l-Bibbja tinterpreta lilha nfisha u mhux lil xi soċjetà jew grupp ta' nies! Qabel ma wieħed ikun imfarraġ dan għandu jippossiedi l-għarfien. Ġebla ma tistax tkun imfarrġa! It-tbatija wkoll teħtieġ għarfien. Ġebla ma tistax tbati! Għalhekk, **ir-ruħ tibqa' ħajja wara l-mewt** tal-ġisem fiżiku. Naqraw f'Lhud 10:29,

> "*Aħsbu ftit x'kastig* ***aktar aħrax*** *ħaqqu dak li jkasbar lil Bin Alla, li jniġġes id-demm tal-patt li bih tqaddes, u li jmaqdar l-Ispirtu tal-grazzja*" (enfasi tiegħi.)

Jekk ir-ruħ mhijiex immortali, kif tista' tieħu kastig "*aktar aħrax*." Jekk fil-mewt jispiċċa kollox, il-kasti se jkun kollu l-istess u ma jista' jkun hemm *ebda kastig aktar aħrax*! Lil min aħna sejrin nemmnu, lil Alla jew lill-bnedmin?

5. **Atti 23:8-9,**

> "*Għax is-Sadduċej jgħidu li m'hemmx qawmien minn bejn l-imwiet, u la anġli, u lanqas spirtu: imma l-Fariżej jistqarru l-wieħed u l-ieħor. U qamet għagħa kbira: u l-iskribi li kienu jżommu mal-Fariżej qamu, u saħnu, jgħidu: Ma nsibu xejn ħażin f'dar-raġel; iżda jekk kellmu spirtu jew anġlu, ħa ma neħduhiex kontra Alla.*"

L-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ħaddan it-twemmin bażiku tal-Fariżej u ddenunzja lis-Sadduċej. Luqa spjega f'vers tmienja x'kien qiegħed iħaddan Pawlu u x'kien hu qiegħed jikkundanna. Fil-lista ta' twemmin tas-Sadduċej Luqa (il-kittieb ta' Atti) qal li huma ma kinux jemmnu "fl-ispirti." Sewwasew x'kien dan it-twemmin? Josephus kien qal fil-ktieb tiegħu "*Antiquities of the Jews*," Ktieb 18, sez. 3-4, "*Issa, għall-Fariżej…huma wkoll jemmnu li l-erwieħ għandhom qawwa immortali fihom…Imma d-dottrina tas-Saduċej hija din, li l-*

*erwieħ imutu mal-ġisem.*" **Dan ifisser li l-appostlu Pawlu ħaddan l-immortalità tar-ruħ** u mhux kif jgħallmu xi wħud lir-ruħ mhijiex immortali!

6. **2 Korintin 5:1-8 u Filippin 1:23,**

> "*Għax aħna nafu li, jekk l-għamara tagħna ta' l-art ta' din it-tinda tiġġarraf, għandna dar mibnija minn Alla, agħmara mhix maħduma bl-idejn, eterna fis-sema. Għax aħna hawn nitniehdu; mixteqin li nkunu mlibbsin fuq din l-agħmara, bl-agħmara l-oħra tagħna tas-sema: Għax jekk inkunu mlibbsin, ma ninstabux għarwenin. Għax aħna li aħna f'din it-tinda nitniehdu, billi aħna mgħobbijin: mhux għax irridu ninżgħu, iżda biex nilbsu minn fuq, biex dak li jmut jinbala' mill-ħajja. Issa, min għamilna għal dan, hu Alla, li tana r-rahan ta' l-Ispirtu. Għalhekk aħna dejjem qalbna qawwija, billi nafu li, sakemm aħna fil-ġisem, aħna nkunu mbegħdin mil-Mulej: (Għax aħna ngħixu bil-fidi, mhux bil-viżjoni:) Aħna għandna qalbna qawwija, ngħid jien, u rridu aktarx li noħorġu mill-ġisem, u ngħammru mal-Mulej.*"

> "*Għax jien marsus bejn żewġ naħat: għandi xewqa li nitlaq, u li nkun ma' Kristu; li hu wisq aħjar.*"

Mewta mortali għall-Kristjan hija forma ta' "*għera*"

fejn ir-ruħ immortali titlef il-libsa tagħha tal-ġisem. Meta mmutu, aħna nsibu lilna nfusna ma' Kristu. Jekk aħna ma **nkunux konxji wara l-mewt**, allura Ġesù **m'huwiex konxju** f'dan il-waqt ta' l-istorja! Imma aħna nafu tajjeb li Ġesù *issa* qiegħed isaltan minn fuq it-tron Tiegħu u ta' Alla (ara Atti 2:30; Efesin 5:5; Rivelazzjoni 3:21).

7. **Lhud 12:22-24,**

> "*Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, Ġerusalem tas-sema, u lejn numru bla għadd ta' anġli. Lejn il-ġemgħa miktubin fis-smewwiet, u lejn Alla l-Imħallef ta' kulħadd, u lejn* ***l-ispirti*** *tal-ġusti li saru perfetti. U lejn Ġesù l-medjatur ta' rabta ġdida, u lejn id-demm tat-trax-xix, li jgħid ħwejjeġ aħjar mid-demm ta' Abel*" (enfasi tiegħi).

L-ispirti ta' nies *ġusti huma assoċjati ma' Alla u ma' Ġesù u ma' l-anġli*. Jekk dawn l-ispirti m'humiex aktar minn qawwa għamja tal-ħajja, *kif huma jistgħu* jżommu relazzjoni bħal din? Biċ-ċar dawn huma er-wieħ immortali!

8. **Rivelazzjoni 6:9-11,**

> "*U meta fetaħ il-ħames siġill, jien rajt taħt l-altar l-erwieħ ta' dawk li kie-nu maqtulin minħabba l-kelma ta' Alla, u minħabba x-xhieda li taw. U kienu jgħajtu b'leħen qawwi, u jgħidu: O Mulej, qaddis u veru, ma tagħmilx*

*ħaqq u titħallas ta' demmna minn dawk li jgħammru fuq l-art? U lil kull wieħed minnhom ingħatatlu libsa bajda: u qalulhom biex jistrieħu ftit taż-żmien ieħor, sakemm il-għadd tagħhonm ikun sħiħ ma' sħabhom qaddejja u ma' ħuthom, li sa jinqatlu bħalhom.*"

Hawn għandna eżempju ċar dwar l-istat tal-*Kristjan* ***wara*** *l-mewt*. Ċertament li dawn il-Kristjani huma *konxji*. Huma *jitkellmu u jgħajtu* b'leħen qawwi. *Dawn ma kinux spiċċaw fix-xejn fl-oqbra tagħhom* kif jgħallmu b'mod għal kollox falz xi wħud! Il-bniedem mortali ma jistax jeqred lir-ruħ. Alla Hu biss 'l Alla tal-mewt tal-bniedem. Mosè deher *bħala ruħ ħajja* 'l fuq minn elf sena wara l-mewt tiegħu. Elija deher bħala ruħ ħajja 'l fuq minn 500 sena wara li hu tbiegħed mid-dinja. Lażżru u r-raġel għani *għexu wara l-mewt* u dan mhux jiena qiegħed ngħidu, imma l-Kelma ta' Alla nfisha! Inti għandek għażla x'tagħmel, jew temmen lill-Mulej jew lill-bniedem. L-appostlu Pawlu ħaddan it-twemmin tal-*Fariżej fl-immortalità tar-ruħ*; u huwa kompla biex jgħallem illi *"li tmut huwa li tkun ma' Kristu."* Aħna naraw li l-ispirti tan-nies ġusti huma aktar minn sempliċiment qawwiet għomja u wara l-mewt naraw *erwieħ ħajja* taħt l-artal ta' Alla. *Il-bniedem għandu ruħ immortali*. Temmnu dan int? Il-Mulej hekk jgħid fil-Kelma Tiegħu, l-Bibbja Mqaddsa.

## IR-RELAZZJONI TAR-RUĦ, ĠISEM, U SPIRTU (Parti 13)

Meta nippruvaw biex inpoġġu r-ruħ u l-ispirtu fir-relazzjoni proprja tagħhom għall-ġisem dan iqajjem bosta mistoqsijiet. Huwa jiena individwu singlu jew żewġ individwi f'wieħed? Liema parti minna hija ħatja tad-dnub? Jekk in-natura immortali tagħna dinbet, allura għaliex għandha n-natura mortali tagħna ssofri? Jekk hija n-natura mortali tagħna li dinbet, għaliex għandha n-natura immortali tagħna bżonn is-salvazzjoni? It-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet se jingħataw billi nuru r-relazzjoni tal-ġisem, ir-ruħ, u l-ispirtu.

### Niddistingwu r-Ruħ u Spirtu

***Spirtu*** ġejja mill-kelma Griega *pneu*. Letteralment, *pneuma* hija buffura ħafifa jew moviment ta' l-arja kif insibu fi Ġwanni 3:8,

> "*Ir-riħ jonfoħ fejn irid u int tisma' l-ħoss tiegħu, iżda ma tafx minn fejn hu ġej, u fejn hu sejjer.*"

Iżda din il-kelma tirreferi wkoll għall-essenza tal-ħajja li tagħti l-ħajja lill-ġisem, eżempju ta' dan insibuh f'Ekkleżjażti 12:7 u fi Ġwanni 19:30 fejn naqraw:

> "*Imbagħad jarġa' t-trab lejn l-art bħalma kien; u l-ispirtu jarġa' lejn Alla, li tah.*"

> "*Mela meta ħa l-ħall, Ġesù qal: Kollox mitmum; u mejjel rasu, u radd ruħu.*"

*Pneuma* hija għażla xierqa ta' kliem għaliex l-essenza tal-ħajja li tagħti l-ħajja lill-bniedem hija inviżibbli

daqs il-buffura ħafifa ta' arja li tikkawża lis-siġra tmil. Il-Bibbja tgħid li l-ispirtu tal-bniedem jista' jkun jaf, eżempju ta' dan insibuh fl-1 Korintin 2:11,

> "*Għax liema bniedem jaf x'hemm fi bniedem, ħlief l-ispirtu tal-bniedem li hemm fih? Hekk dak li hemm f'Alla ma jafu ħadd, ħlief l-Ispirtu ta' Alla.*"

L-ispirtu tal-bniedem, tgħid il-Bibbja, jeżerċità rieda ħielsa. Eżempju ta' dan insibuh f'Mattew 26:41, fejn il-Mulej jgħid,

> "*Ishru, u itolbu, biex ma tidħlux fit-tiġrib: l-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem dgħajjef.*"

Ukoll il-Bibbja tgħid li l-ispirtu jista' jkun moralment safi jew mhux safi, eżempju ta' dan insibuh fit-Tieni Korintin 7:1,

> "*Mela billi għandna dawn il-wegħdiet, maħbubin, ħa nitnaddfu minn kull faħx tal-ġisem u ta' l-ispirtu, billi ntemmu l-qdusija fil-biża' ta' Alla.*"

L-ispirtu tal-bniedem jirrevela lilu nnifsu mhux biss f'sintomi fiżiċi tal-ħajja, imma wkoll fl-attitudni u fl-emozzjonijiet tiegħu. Eżempji ta' dan insibuhom f'Atti 17:16 u fl-1 Korintin 16:18,

> "*Issa waqt li Pawlu kien jistenniehom Ateni, l-ispirtu tiegħu kien jitbaqbaq fih, meta ra l-belt kollha mogħtija għall-qima ta' l-idoli.*"

> "*Għax serrħuli l-ispirtu tiegħi u tagħ-*

*kom: għalkemm għożżuhom sewwa nies bħal dawn.*"

F'xi testi tal-Bibbja, l-ispirtu huwa n-natura immortali tal-bniedem. Eżempji dwar dan insibuhom fis-siltiet li ġejjin:

1. **Ekkleżjażsti 12:7**,

   "*Imbagħad jarġa' t-trab lejn l-art bħal ma kien; u l-ispirtu jarġa' lejn Alla, li tah.*"

2. **Luqa 24:36-40**,

   "*U huma u jitkellmu hekk, Ġesù nnfisu waqaf f'nofshom, u qalilhom: Is-sliem magħkom. Imma huma kienu mwerwrin u mbeżżgħin, u ħasbu li kienu raw spirtu. U qalilhom: 'Għaliex intom imħawdin? U għaliex iqumu ħsibijiet f'qalbkom? Araw idejja u riġlejja, kif jiena jien innifsu: missuni, u araw; għax spirtu m'għandux la laħam u lanqas għadam, bħal ma taraw li għandi jien.' U meta tkellem hekk, uriehom idejh u riġlejh.*"

3. **Lhud 12:9, 23**,

   "*Barra minn dan aħna kellna missirijiet ta' ġisimna li widdbuna, u konna nweġgħuhom: kemm aktar għandna nkunu suġġetti għall-Missier l-ispirti, biex ikollna l-ħajja? Lejn il-ġemgħa l-kbira, u l-knisja ta' l-ulied il-kbar, li huma*

> *miktubin fis-smewwiet, u lejn Alla l-Imħallef ta' kulħadd, u lejn l-ispirti tal-ġusti li saru perfetti.*"

Il-kelma "ruħ" ġejja mill-kelma Griega *psyche*. Fil-Malti aħna ħadna dan in-nom u għamilnih prefiss fi kliem bħal psikoloġija, psikjatrija, eċċ. Letteralment, *psyche* huwa n-nifs tal-kreaturi ħajjin. Dwar dan ukoll naqraw fil-Bibbja:

1. **Atti 20:10**,

   > "*U Pawlu niżel, u xteħet fuqu, u hu u jħaddnu, qal: 'La tħabblux raskom, għax ruħu (ħajtu) għadha fih'.*"

2. **Mattew 6:25**,

   > "*Għalhekk ngħidilkom: 'La toqogħdux titħassbu għal ħajjitkom, x'sejrin tieklu, jew x'sejrin tixorbu; lanqas għal ġisimkom, x'sejrin tilbsu. Il-ħajja mhix aktar mill-ikel, u l-ġisem aktar mill-ilbies?*"

Il-Bibbja tgħid li l-*psyche* huwa l-moħħ:

1. **Atti 14:21-22**,

   > "*U wara li xandru l-Evanġelju lil dik il-belt, u għallmu bosta wħud, reġgħu lura lejn Listre, u Ikonju u Antijokja, iwettqgħu* ***l-erwieħ*** *tad-dixxipli, u jħeġġuhom biex jibqgħu fil-fidi, u li b'ħafna taħbit jaħtiġilna nidħlu fis-saltna ta' Alla.*"

2. **1 Korintin 15:45**,

> “*U hekk hu miktub: L-ewwel bniedem Adam sar ruħ ħajja; l-aħħar Adam sar spirtu li jagħti l-ħajja.*”

Għal dawn ir-raġunijiet it-terminu *psyche* spiss hu tradott għall-Malti (u l-Ingliż) bil-pronomi jissostitwixxu għan-nom “*ruħ*,” (eż., intom, għalikom, eċċ.). F’xi testi tal-Bibbja r-ruħ tiddeskrivi l-ħajja mortali tal-bniedem:

1. **Eżekjel 18:20**,

> “*Ir-ruħ li tidneb, tmut…*”

2. **1 Korintin 5:45**,

> “*U hekk hu miktub: L-ewwel bniedem Adam sar ruħ ħajja; l-aħħar Adam sar spirtu li jagħti l-ħajja.*”

It-tifsiriet letterali ta’ *pneuma* u *psuche* huma tant qrib illi dawn jistgħu jiġu wżati li jistgħu jinbidlu meta juru n-natura mortali u immortali tal-bniedem. Ir-ruħ ta’ Levitku 23:29 *mhix l-istess* bħar-ruħ ta’ Mattew 10:28. L-ispirtu ta’ Ekkleżjażti 3:19 *m’huwiex l-istess* bħall-ispirtu Ekkleżjażti 12:7. Ir-ruħ f’Ġenesi 35:18 *hija l-istess* bħall-ispirtu f’Ġakbu 2:26, u l-ispirti ta’ Lhud 12:23 *huma* l-erwieħ ta’ Rivelazzjoni 6:9. Dan jagħti prova li aħna ma nistgħux nistabbilixxu definizzjoni waħda “għar-ruħ” u konsistentament napplikawha għal kull test tal-Bibbja, lanqas ma nistgħu nagħmlu l-istess bi “spirtu” kif jagħmlu xi reliġjużi biex iwasslu t-tagħlim falz tagħhom dwar dan is-suġġett. Għal din ir-raġuni jkun meħtieġ li noqgħodu fuq it-test

tas-silta biex jgħinna niżguraw it-tifsira tat-termini.

**Huwa l-Bniedem Dikotomu Jew Trikotomu?**

Il-veduta Dikotoma żżomm li l-bniedem jikkonsisti f'żewġ partijiet biss—ġisem u ruħ. Din il-veduta tgħid li ebda distinzjoni ma tista' ssir bejn il-ġisem materjali tal-bniedem u l-ħajja mortali tiegħu—it-tnejn huma ħaġa waħda; għalhekk, il-ġisem huwa mortali u r-ruħ hija mortali. Xhieda bażika għal din il-veduta tiġi minn xi testi tal-Bibbja li jirreferu għall-bniedem bħala li għandu biss natura ta' tnejn.

1. **Ġenesi 2:7**,

    "*U l-Mulej Alla sawwar il-bniedem bit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh il-ħajja: u l-bniedem sar ruħ ħajja.*"

2. **Mattew 10:28,**

    "*U la tinbżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem, imma ma jistgħux joqtlu r-ruħ: iżda ibżgħu aktar minn dak li jista' jeqred sew ir-ruħ u kemm il-ġisem fl-infern.*"

3. **1 Korintin 5:3**,

    "*Għax għalkemm tassew miniex hemm bil-ġisem, iżda qiegħed hemm bl-ispirtu, diġa' għamilt ħaqq minn min għamel dan l-għemil, daqs kieku kont hemm.*"

Aktar xhieda għal din il-veduta hija bbażata dwar l-użu tat-termini li jistgħu jinbidlu ma' xulxin, *ruħ* u *spirtu* kif aħna diġa osservajna aktar qabel. Jintqal li

dan l-użu ta' tibdil jipprova illi ż-żewġ termini qegħdin jiddeskrivu l-istess element fil-bniedem.

Il-veduta *trikotoma* tal-bniedem iżżomm li l-bniedem jikkonsisti fi tlett partijiet—ġisem, ruħ, u spirtu. Din il-veduta tgħid illi distinzjoni tista' ssir bejn il-ġisem materjali tal-bniedem u l-ħajja mortali tiegħu. Din il-veduta tgħallem ukoll distinzjoni definittiva bejn ir-ruħ u l-ispirtu. Xhieda bażika għal din il-veduta tiġi minn:

1. **1 Tessalonikin 5:23**,

   "*U l-istess Alla tas-sliem iqaddiskom għal kollox; u jien nitlob lil Alla li l-ispirtu kollu tagħkom, u r-ruħ, u l-ġisem, ikunu mħarsin bla ħtija sal-miġja ta' sidna Ġesù Kristu.*"

2. **Lhud 4:12**,

   "*Għax ħajja hi l-kelma ta' Alla, u qawwija, u taqta' aktar minn sejf b'żewġt ixfar, u tinfed ukoll sa fejn tinfired ir-ruħ mill-ispirtu, u l-ġogi mill-mudullun, u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb.*"

Dawn ir-riferenzi juru li hemm differenza bejn ir-ruħ u l-ispirtu kif issostni din il-veduta.

Dawk li jżommu li l-bniedem huwa fi tnejn jirrifjutaw it-trikonomija għal dawn ir-raġunijiet:

1. L-ewwel, hu sostnut lir-ruħ u l-ispirtu ma jistgħux ikunu kkunsidrati bħala żewġ entitajiet differenti u fl-istess ħin ikunu termini li jistgħu jinbidlu ma' xulxin.

2. It-tieni, jintqal li 1 Tessalonikin 5:23 ma jaqsamx fi tlett partijiet (konponenti). Mark 12:30 jitkellem dwar li *"tħobb lil Alla b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu, u bil-qawwa (saħħa) kollha.*" Mark 12 m'huwiex isemmi erba' diviżjonijiet tal-bniedem, mela għaliex għandna aħna naħsbu dwar 1 Tessalonikin 5 bħala diviżjoni fi tlieta tal-bniedem?
3. It-tielet, huwa sostnut lit-trikonomija hija veduta li tikkawża lill-bniedem li jiżviluppa veduta materjalista tar-reliġjon tiegħu għaliex fil-passat xi teoloġiji materjalistiċi kienu ġew ibbażati fuq it-twemmin trikonomu.
   i. B'difiża għat-trikonomija aħna nistgħu ngħidu, l-ewwel, li mhux tassew li m'huwiex loġiku li termini li jistgħu jinbidlu ma' xulxin jistgħu jirreferu għal żewġ entitajiet separati.
   ii. It-tieni, aħna naffermaw mill-ġdid l-interpretazzjoni ta' tlieta flimkien ta' 1 Tessalonikin 5. F'dak it-test l-appostlu Pawlu jitkellem dwar ir-raġel (bniedem) "sħiħ" jew "komplut" u mbagħad jissokta biex juri speċifikament il-partijiet tal-bniedem sħiħ.
   iii. It-tielet, jista' b'mod indaqs jiġi sostnut lid-dokonomija wasslet għall-ħsieb materjalista tar-reliġjon fuq il-parti ta' xi nies reliġjużi. Il-Kattoliċi jibbażaw dottrina falza (magħmudija tat-trabi) fuq it-tagħlim li l-magħmudija "taħsel id-dnubiet." Jgħallem il-fatt tad-dottrina falza li l-prinċipju li l-magħmudija taħsel id-dnubiet m'huwiex tassew?

Id-dugħfija prinċipali tal-veduta dikotoma hija n-nuqqas ta' abbiltà tagħha biex tispjega r-ruħ li tmut f'Numri 31:19 imma l-ispirtu li ma jmutx f'Ekkleżjażsti 12:7. L-annimali huma dikotomi (huma għandhom ġisem u ruħ mortali). Jekk il-bniedem hu dikotomu, allura l-bniedem jew għandu ruħ għal kollox differenti jew inkella hu m'huwiex aħjar minn annimal. Ekkleżjażti 3:19 juri li l-veduta dikotoma tal-bniedem bħala li hija aħjar minn annimal. Għal dawn ir-raġunijiet aħna għandna nikkonkludu li l-bniedem huwa eżistenza fi tlieta.

## PERSONALITÀ BI TNEJN

Ġewwa l-ġisem tal-bniedem hemm jgħammru ruħ u spirtu. Ifisser dan illi l-bniedem huwa żewġ individwi f'wieħed?

Mattew 4:4 jgħallem li l-bniedem jeħtieġ żewġ kwalitajiet ta' ikel—ħobż fiżiku u ħobż spiritwali. Il-Mulej qal hekk:

> "*Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.*"

It-Tieni Korintin 4:16 jgħallem li aħna għandna l-bniedem ta' barra li qiegħed jitħassar u l-bniedem ta' ġewwa li m'huwiex jitħassar. L-appostlu Pawlu jgħid hekk:

> "*Għalhekk ma naqtgħux qalbna, għax imqar jekk il-bniedem ta' barra jitħassar, il-bniedem ta' ġewwa jiġġedded minn jum għal jum.*"

Dan kollu jidher li jgħid li l-bniedem huwa żewġ personalitajiet f'ġisem wieħed. Dawn il-versi jgħallmu dwar in-natura mortali u n-natura immortali tal-bniedem, iżda jgħallmu dwar personalità bi tnejn? Ħalli aħna nfittxu aktar dwar dan.

Ix-Xhieda ta' Ġeħova jippruvaw biex iwaqqgħu d-dottrina tar-ruħ immortali billi jgħidu li l-pussess ta' ruħ bħal din ikollu bżonn personalità doppja (ta' tnejn) fil-bniedem.

> Jekk l-ispirtu tiegħek huwa entità ħajja,
> Allura l-ispirtu tiegħek huwa int.
> Int (ruħ) u Int (spirtu) jagħmlu tnejn inti.
> Għalhekk, inti personalità maqsuma.

Minn dan l-argument huma mbagħad jaqbżu għal tagħmira ta' mistoqsijiet li jħawdu—liema parti tidneb, ir-ruħ jew l-ispirtu? Jekk ir-ruħ tidneb, għaliex l-ispirtu jsofri? Jekk l-ispirtu jidneb, għaliex ir-ruħ issofri? Jippronunzja Alla kastig wieħed fuq ir-ruħ u ieħor fuq l-ispirtu? Minn dan kollu huma jittantaw biex jisfurzaw dħul lir-ruħ u l-ispirtu huma l-istess ħaġa, huma mbagħad jerġgħu jaqgħu għall-argument tagħhom ħalli jagħtu prova lir-ruħ hija mortali, u mbagħad jikkonkludu li l-bniedem m'huwiex immortali.

Kuntrarju għall-irraġunar tax-Xhieda ta' Ġeħova, aħna diġa tajna prova lir-ruħ u l-ispirtu huma entitajiet differenti. Dan ma jipprovax, iżda, li l-persuna jew il-bniedem jew huwa maqsum.

Issa aħna sejrin nippruvaw li Alla jieħu l-mortali u l-immortali u jifforma l-bniedem f'persuna waħda. Dawn huma ħwejjeġ importanti li wieħed ikun jaf:

1. **2 Korintin 7:1**,

> *"Mela billi għandna dawn il-wegħdiet, maħbubin, ħa nitnaddfu minn kull faħx tal-ġisem u ta' l-ispirtu, billi ntemmu l-qdusija tagħna fil-biża' ta' Alla."*

Dan jitkellem dwar in-naturi mortali u immortali tal-bniedem. Iż-żewġ aspetti tal-personalità tagħna huma ttrattati bħala unità f'dan it-test. L-appostlu Pawlu jimplika li meta aħna nsiru immortali, it-tnejn, in-natura mortali tagħna u dik immortali huma mnaddfa. Iż-żewġ naturi huma nvoluti; għalhekk, iż-żewġ naturi jaqsmu esperjenza waħda u għandhom ikunu ikkunsidrati bħala għaqda u mhux bħala tnejn separati.

2. **1 Tessalonikin 5:23**,

> *"U l-istess Alla tas-sliem iqaddiskom f'kollox; u jien nitlob 'l Alla li l-ispirtu kollu tagħkom, u r-ruħ, u l-ġisem, ikunu mħarsin bla ħtija sal-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu."*

Din is-silta tittratta l-ġisem, ir-ruħ, u l-ispirtu bħala unità. *"U l-istess Alla tas-sliem iqaddiskom* ***għal kollox****; u jien nitlob 'l Alla li l-ispirtu* ***kollu*** *tagħkom, u r-ruħ, u l-ġisem ikunu mħarsin…"* It-trinità tal-bniedem hija unità. Dan m'huwiex aktar illoġiku milli nikkunsidraw it-trinità tad-Divinità bħala unità. Il-Missier, Ġesù, u l-Ispirtu s-Santu huma personalitajiet differenti (2 Korintin 13:14), u madankollu huma unità (2 Korintin 3:18; Titu 2:13).

L-unità tal-bniedem tista' tkun murija wkoll fil-qima. L-appostlu Pawlu jgħid:

> "*Nitlobkom mela, ħuti, għall-ħniena ta' Alla, biex tagħtu lil* ***ġisimkom*** *bħala sagrifiċċju ħaj, imqaddes, u li jogħġob 'l Alla: dan hu servizz xieraq tagħkom*" (Rumani 12:1).

Dan bil-qawwa juri li l-preżentazzjoni ta' l-iġsma mortali tagħna lil Alla hija servizz spiritwali ta' qima lil Alla. Ġwanni wkoll jgħdi:

> "*Alla Spirtu: u dawk li jqimuh jaħtieġu li jqimuh fl-ispirtu u l-verità*" (Ġwanni 4:24).

Dan il-pass jgħallem illi aħna naduraw lil Alla fl-ispirtu kif ukoll fil-verità.

Luqa, jitkellem dwar dak li qalet Marija, jgħid hekk:

> "*U Marija qalet: Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej*" (Luqa 1:46).

Dan juri l-qima lill-Mulej **bir-ruħ** tagħna. Dan m'hu-wiex tlett qimi. Din hija qima waħda għaliex il-bniedem hu wieħed.

Ix-xhieda tawassalna għall-konklużjoni ċara. Il-bniedem għandu ruħ, ġisem, u spirtu. Il-bniedem huwa trikonomu, imma wkoll hu wieħed.

## L-ORIĠINI TAR-RUĦ
## (Parti 14)

Aħna stabbilixxejna xhieda Biblika soda lin-naturi mortali u immortali tal-bniedem huma magħqudin fli-mkien minn Alla f'personalità waħda. Issa li għandna moħħna stabbilit fuq dawn is-suġġetti, aħna nibdew ħalli nistaqsu mistoqsija oħra:

"*Minn fejn ir-ruħ tagħna hija ġejja?*"

Tliet tweġibiet ġew ipproponuti għal din il-mistoqsija. Aħna sejrin neżaminawhom it-tlieta.

## EŻISTENZA MINN QABEL

Xi wħud jemmnu li f'punt jew f'waqt f'distanza fil-passat Alla ħalaq l-erwieħ kollha f'ħin wieħed. Dawn l-erwieħ jiġu fid-dinja waħda waħda u jingħaqdu mal-ġisem mortali u mbagħad isiru eżistenzi konxji. Meta l-aħħar minn dawn l-erwieħ tkun ġiet fid-dinja, imbagħad Alla jkun lest biex iġib lid-dinja għat-tmiem.

L-ewwel xhieda għal din il-veduta hija osservata fl-abbiltà naturali tal-bniedem biex faċilment jifhem il-ħsieb jew il-konċett taż-żmien, spazju, verità, u Alla. Il-ħeffa li biha aħna nifhmu dawn il-ħwejjeġ turi li aħna żgur li kellna xi esperjenza minn qabel ma' dawn il-ħwejjeġ kollha.

It-tieni xhieda għal din il-veduta kienet darba espressa minn Sir William Scott, "*Il-bieraħ, waqt il-ħin ta' l-ikel, jiena kont bil-qiegħda u kelli żjara stramba minn dak li jiena nista' nsejjaħ sens ta' eżistenza minn qabel—idea li xejn milli għadda ma kien intqal għall-ewwel darba…*" Ħafna jaqsmu din is-sensazzjoni meta

jħarsu lejn il-veduta għall-ewwel darba; huma jħossu li hemm xi ħaġa stramba li din mhix xi ħaġa ġdida għal kollox.

It-tielet xhieda għal din il-veduta hija meħuda mill-Bibbja—parabbola f'Mattew 20:1-16. Jintqal li l-irġiel li ma kienu qegħdin jagħmlu xejn fil-post tas-suq jipp-reżentaw l-erwieħ kollha li eżistew qabel. Is-sejħa tas-sid kienet is-sejħa ta' Alla għalihom biex jiġu fid-dinja ħalli jingħaqdu ma' l-iġsma. Il-jum jippreżenta l-istor-ja, u l-aħħar jiem taż-żmien. Jintqal li din il-parabbola turi li l-bnedmin kollha jistgħu jaqsmu l-istess premju fis-smewwiet, ukoll jekk huma għexu fuq l-art f'epoki differenti fl-istorja u taħt liġijiet reliġjużi differenti minn Alla bħalma jidhru fl-epoka Patrijarka, l-epoka Możajka, u l-Epoka Kristjani.

Minn ħarsa sewwa tal-Bibbja, din il-veduta ta' l-oriġini immortali tal-bniedem hija waħda li ma tistax tinżamm. Mattew 20 huwa l-uniku xhieda tal-Bibbja offruta għal din il-veduta. Studju sewwa tal-kontenut (Mattew 19:23-30) juri li l-parabbola hija fuq is-suġġett tal-knisja u Kristjani jaħdmu fil-knisja, din mhijiex storja ġenerali ta' l-umanità. Mingħajr awto-rità tal-Bibbja, ix-xhieda l-oħra kollha li kienet offruta ma tikkonvinċix għall-Kristjani li għandhom il-Bibbja bħala l-unika awtorità. L-abbiltà tagħna biex nifhmu u naħkmu ż-żmien u l-verità ma titlobx li aħna jkollna esperjenza ta' qabel. Dak li wieħed iħoss ta' eżistenza minn qabel ma joffri l-ebda prova, għaliex il-Kristjani ma joqgħodux fuq dak li huma jħossu bħala kriterju tal-verità.

# ĦOLQIEN JITKOMPLA

Oħrajn jemmnu li Alla joħloq erwieħ immortali u għaqqaddhom ma' iġsma mortali f'xi waqt wara l-konċepiment u qabel it-twelid. Dan ifisser li l-liġijiet tan-natura huma direttament responsabbli għad-dħul tan-natura immortali tagħna. Ħafna xhieda għal din il-veduta hija offruta mill-Bibbja. Ekkleżjażsti 12:7 jgħid,

> "*...L-ispirtu jarġa' lejn Alla, li tah.*"

Żakarija12:1,

> "*Il-Mulej...isawwar l-ispirtu tal-bniedem ġo fih*"

Lhud 12:9,

> "*...Il-Missier ta' l-ispirti....*"

Ix-xhieda parallela hija offruta minn osservazzjoni xjentifika ta' l-univers biex tipprova li Alla għadu mdaħħal f'dak li jidher li huwa att tal-ħolqien. Ħafna astronomi jemmnu li huma sabu xhieda li l-univers qiegħed jespandi u xhieda li kwiekeb ġodda qegħdin jitwieldu. Jekk Alla għadu qiegħed joħloq fruntieri ġodda fl-univers, allura ma jkunx ta' bla sens li temmen li Hu għadu mdaħħal fl-att li joħloq erwieħ ġodda.

Hemm xi oġġezzjonijiet raġjunevoli għal din il-veduta li aħna neħtieġu li nikkunsidraw.

1. L-ewwel, aħna nsibu f'Ġeremija 1:5 li Alla jgħid bil-jedd li Hu għamel in-natura mortali tal-bniedem,

> "*Qabel ma sawwartek fil-ġuf, kont nafek; u qabel int ma ħriġt mill-ġuf, qaddistek, u jien għamiltek profeta tal-ġnus.*"

Aħna nafu lin-natura mortali tal-bniedem tibqa' permezz tiegħu nnifsu, f'Ġeremija 29:6, naqraw,

> "*Iżżewġu, u nisslu wlied u bniet; ħudu nisa għal uliedkom, u żewġu lill-bniet tagħkom, biex jildu wlied subjien u bniet; biex toktru hemm, u ma tonqsux.*"

U aħna nafu li Alla m'għadux aktar jonfoħ in-nifs tal-ħajja direttament f'kull bniedem li hu mwieled minn mara; għalhekk, aħna nafu li wkoll għalkemm Ġeremija 1:5 jidher li jgħid li Alla direttament jagħmel lill-bniedem li dan fil-fatt jgħid li Alla direttament jagħmel lill-bniedem illi dan fil-fatt jgħid li Alla huwa biss indirettament responsabbli għat-twelid mortali tagħna. Jekk aħna nistgħu nifhmu Ġeremija 1:5 f'dan il-mod, imbagħad aħna nkunu wkoll nistgħu nifhmu li Ekkleżjażti 12:7; Isaija 57:16; Lhud 12:9; eċċ., qegħdin jgħallmu li Alla huwa biss indirettament responsabbli għall-ħolqien jew nisel immortali tagħna.

2. It-tieni, Ġenesi 2:2 jgħallem ċar li Alla spiċċa l-atti kollha Tiegħu tal-ħolqien fis-seba' jum:

> "*U fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel: u waqaf fis-seba' jum mix-xogħol tiegħu li kien għamel.*"

Dan ifisser li ma għadx hemm aktar atti ta' ħolqien li qegħdin isiru fl-univers—atti biss ta' tnissil. Jekk l-univers qiegħed jespandi, huwa t-tnissil li jiġi wara l-liġijiet tan-natura fl-istess mod li l-popolazzjoni umana tad-dinja qiegħda tespandi jew tiżdied.

## TRADUĊJANIŻMU

Madankollu, hemm oħrajn li jemmnu li aħna nnisslu l-eżistenza immortali u mortali tagħna permezz talliġijiet tat-tkattir.

1. L-ewwel xhieda għal din il-veduta tiġi mill-konklużjoni tal-lezzjoni ta' qabel. Jekk in-natura ta' bi tnejn tal-bniedem hija unità, allura huwa loġiku li l-oriġini tagħna għandu jkun minn għajn waħda.

2. It-tieni, huwa argumentat li kieku r-ruħ tagħna ġiet minn xi għajn oħra, allura l-bniedem ikun hemm akbar kif ukoll iżgħar minnu nnifsu. Il-veduta ta' eżistenza minn qabel tagħmel lir-ruħ tal-bniedem ixjeħ mill-ġisem tiegħu; il-veduta tal-kreazzjonista tagħmel lill-ġisem tal-bniedem ixjeħ mir-ruħ tiegħu; il-veduta traduċjana biex tagħmel lill-bniedem ta' età waħda u b'hekk unità jew għaqda tassew.

3. It-tielet, hemm xhieda mill-Bibbja li tappoġġja din il-veduta. Fi Ġwanni 8:23, Ġesù għamel kuntrast dwar l-oriġini Tiegħu ma' l-oriġini tal-bniedem billi għallem li l-umanità mhijiex minn fuq. Ġesù qal:

> "*U qalilhom: 'Intom minn hawn isfel; jien minn fuq: intom minn did-dinja; jien miniex minn din id-dinja'.*"

Dan ovvjament jimplika traduċjaniżmu. Atti 17:28 jiddeskrivi n-natura sħiħa tal-bniedem bħala li hija ġejja minn bniedem wieħed:

> "*Għax aħna fih ngħixu u nitħarrku, u għandna l-eżistenza tagħna; bħal ma qalu wkoll x'uħud mill-poeti tagħkom: Għax aħna wkoll nislu.*"

Dan biċ-ċar jimplika traduċjaniżmu. L-argument finali għal din il-veduta jibbaża x-xhieda tiegħu fuq informazzjoni li sejra tkun ippreżentata fl-istudju li jmiss. Jekk ir-ruħ immortali tal-bniedem ġiet direttament minn Alla, allura jkun loġiku biex tassumi li din tmur lura direttament għand Alla, imma jekk ir-ruħ ma tmurx direttament lura għand Alla fil-mewt, allura għaliex aħna għandna nemmnu li din ġiet direttament mingħand Alla fit-twelid?

Hemm xi oġġezzjonijiet raġjunevoli għal din il-veduta li aħna neħtieġu li nikkunsidraw.

1. L-ewwel, huwa oġġezzjonat li din il-veduta mhijiex loġika. Ma jidhirx loġiku li ġisem mortali jista' jipproduċi erwieħ immortali. Ġwanni 3:6 jgħid ċar,

"*Dak li jitwieled mill-ġisem hu ġisem.*"

2. It-tieni, huwa oġġezzjonat li Ekkleżjażti 12:7 ma jistax jaqbel mat-traduċjaniżmu. Salamun jimplika li fil-mewt in-natura mortali tagħna tmur lura għall-art għaliex l-art tagħtna l-mortalità tagħna, imma huwa jimplika li l-ispirtu tal-bniedem imur lura għand Alla għaliex l-art ma tagħtniex l-ispirtu tagħna. It-traduċjaniżmu jgħallem li l-liġijiet tad-dinja tat-tnissil tawna l-ispirtu tagħna: għalhekk, it-tnejn ma jaqblux.

## IL-VEDUTA KORRETTA?

Ħafna ġenituri kienu kkonfrontati ma' l-iben kuraġġjuż li ried ikun jaf minn fejn hu ġie. Dawn il-mistoqsijiet kurjużi kienu spiss imwieġba bi preżentazzjoni tal-veduta ta' eżistenza minn qabel. Jintqal li din hija l-aktar veduta faċli u sempliċi għal tifel jew tifla li

jifhmu. Imma kif aħna rajna, il-veduta ta' eżistenza minn qabel hija l-inqas li tista' tinżamm mit-tlett veduti. Din m'għandha ebda bażi soda fil-Kelma ta' Alla. Din hija bbażata strettament fuq l-immaġinazzjoni tal-bniedem u fuq l-interpretazzjoni mmaġinarja tiegħu ta' parabbola waħda. Il-ġenituri jaħtieġu li jirrealizzaw li ħafna mid-dottrini pagani ta' l-oriġini tal-bniedem (bħal dawn huma mgħallma mill-Ħindu u oħrajn) huma bbażati fuq il-loġika tad-dottrina ta' eżistenza ta' qabel.

Sabiex inżommu lil uliedna milli forsi jkunu nfluwenzati b'dottrini pagani, aħna għandna nevitaw milli niddefendu d-dottrina ta' eżistenza minn qabel.

Il-kreazzjonista u l-veduta tiegħu hija iddefenduta mir-Rumani Kattoliċi u mir-Riforma Protestanta bl-istess mod. Din il-veduta hija ħafna aktar Biblika milli hija l-veduta ta' eżistenza minn qabel, u ħafna jħossu li hija aktar ta' min jemmina mill-veduta traduċjana. L-ostakolu primarju biex tegħleb huwa t-twaqqif ta' xhieda ħalli tindika li Alla għadu qiegħed joħloq illum. Xi wħud jemmnu li Ġona 1:17 juri li Alla ma waqqafx il-ħoliqien kollu fil-bidu. L-oskurità primarja ta' din id-dottrina hija li din tafferma biss l-intervent dirett ta' Alla fin-nisel immortali tagħna, dan ma jimmarkax ċar meta l-immortalità tkun mgħaqqda għall-mortalità.

Il-veduta traduċjana kienet miżmuma minn Wistin, Luteru, Milton u oħrajn. ħafna jħossu li din il-veduta hija aktar skritturali mill-veduta tal-kreazzjonista għaliex tarmonizza mal-liġi naturali tat-tnissil ta' Alla. Jekk Ekkleżjażsti 12:7 u passi oħra mill-Iskrittura

jistgħu jkunu interpretati li jfissru li Alla għandu biss parti ndiretta fil-bidu jew fin-nisel ta' l-ispirti, allura dawn l-iskritturi ma jikkontradixxux it-traduċjaniżmu. Jekk Alla ta s-setgħa jew il-qawwa lill-bniedem bl-abbiltà biex inissel spirti immortali, allura din il-veduta mhix illoġika.

Għal ħafna minna, huwa aktar importanti għalina li nkunu nafu li aħna għandna ruħ u li nkunu nafu d-destin tagħna milli huwa li nkunu nafu dwar l-oriġini ta' l-erwieħ tagħna. Waqt li dan il-punt jista' jkun jidher li ma jiswa xejn għal xi wħud, għal oħrajn dan għandu tifsira. Tobba mediċi jħarsu lejn dan is-suġġett b'interess personali billi huma spiss jiltaqgħu ma' deċiżjonijiet ta' ħajja jew mewt fil-proċess tat-twelid. Għal oħrajn li ma jiltaqgħux ma' deċiżjonijiet bħal dawn, huwa importanti għalina li nkunu nafu u nagħrfu l-qawwa ta' Alla fil-ħajja tagħna mill-bidu tal-ħajja sat-tmiem tagħha. Huwa importanti għalina li nżommu prospettiva ibbilanċjata li żżommna milli nkunu meħuda 'l hawn u 'l hinn b'dottrini foloz pagani. Liema veduta hija sewwa—tal-kreazzjonista jew dik traduċjana? Ikkunsidra x-xhieda u mbagħad iddeċiedi għalik innifsek.

## ID-DESTIN TAR-RUĦ
## (Parti 15)

Il-kurżità tal-bniedem turi għall-futur—fejn sejrin aħna fil-ħajja? X'sejjer jiġri lilna. F'età bikrija fil-ħajja aħna sirna konxji li l-mewt kienet fil-futur tagħna. Fil-mumenti aktar mudlama tagħna ta' ħsibijiet, aħna lkoll naħsbu x'ser isir minna fil-mewt. Dan hu għaliex il-bnedmin iridu li jkunu jafu x'destin ir-ruħ tagħna għandha fil-mewt. Hemm erba' tweġibiet għal din il-mistoqsija, imma waħda biss mill-erba' tweġibiet tippreżenta l-verità. Ħalli aħna neżaminaw l-erba' veduti kollha u nitgħallmu l-verità.

## IL-VEDUTA TA' QIRDA TOTALI

Il-veduta tax-Xhieda ta' Ġeħova hija lir-ruħ tal-bniedem hija għal kollox mortali. Jekk din il-veduta għandha xi validità dan ifisser li meta aħna mmutu nistgħu nistennew li nesperjenzaw telf komplut mis-sensi u qirda sħiħa tagħna nfusna. Dan ifisser li l-qabar fih baħħ għalina. Sabiex jgħallmu dan it-tagħlim tagħhom, ix-Xhieda ta' Ġeħova kellhom ibiddlu xi kliem mill-Bibbja sabiex ikun jaqbel ma' dan it-tagħlim falz tagħhom. Per eżempju, f'Galatin 5:15 huma biddlu l-kelma Ngliża 'consumed up' mal-kelma 'annihilated' u l-falzità ta' dan tidher meta wieħed jaqra t-Tieni Tessalonikin 2:8 fejn insibu l-istess kelma Griega li hemm f'Galatin imma hawn huma ma biddlux din il-kelma!

Ix-Xhieda ta' Ġeħova jieħdu veduta materjalista ħafna tal-mewt, imma huma jiddefendu qawmien ġenerali tal-mejtin. Huma jiddefendu li hemm premju

għat-tajbin, imma wkoll jikkonfermaw li l-ħżiena jevitaw infern tan-nar. Huma jgħidu li l-ħżiena sempliċiment ikunu miġjuba fix-xejn għal darb'oħra kif huma kienu meta mietu l-ewwel mewta. Huma jibbażaw din il-veduta primarjament fuq il-verżjoni tar-Re Ġakbu li spiss tittraduċi t-terminu "*qabar*" għat-terminu "*infern*." Huma jgħidu li l-infern huwa l-qabar (qerda) mhux għadira ta' nar, kif fil-fatt jgħid il-Mulej.

It-tajbin mhumiex l-uniċi nies li jiffaċċjaw eternità bħala eżistenza f'sensihom. Ukoll għalkemm fil-Bibbja Re Ġakbu t-terminu "*infern*" spiss jirreferi għall-qabar, hemm kelma waħda Griega tradotta "*infern*" li tfisser nar li jaħqar kontinwu kien miżmum jaqbad. Ġesù uża dan il-wied bħala "**magħruf**" biex jgħallem dak li "**mhux magħruf**" lill-bnedmin. Ġesù ikkonferma l-eżistenza ta' post fl-univers spiritwali li huwa l-istess għal *Gehenna* l-antika. Ix-Xhieda ta' Ġeħova jiċħdu li *Gehenna* hija simbolika ta' qirda totali, iżda l-appostlu Ġwanni qal li Ġesù tassew fisser li hemm infern tan-nar skond Rivelazzjoni 20:14, fejn jgħid,

> "*U l-mewt u mkien l-imwiet kienu mitfugħin fil-għadira tan-nar. Din hi t-tieni mewt.*"

Il-kastig muri għall-ħżiena hu msejjaħ "*it-tieni mewt*" (Rivelazzjoni 2:11; 20:14; 21:8); kif "*il-ħajja ta' dejjem*" hija assigurata lill-fidili. Iżda t-tieni mewt ma tfissirx nuqqas ta' eżistenza. *Mewt* tfisser bażikament *separazzjoni* kemm jekk l-użu tagħha jkun figurattiv jew letterali dan l-aspett dejjem japplika. Mewta fiżika

tinvolvi separazzjoni tar-ruħ mill-ġisem; użu figurattiv jindkludi mewta fiżika—is-separazzjoni ta' l-individwu mill-milja ta' tgawdija li għandhom jgħaddu minnha dawk li jippossiedu l-ħajja ta' dejjem.

Huwa sinjifikanti li l-ħajja *eterna qatt ma tissuġġerixxi sempliċiment eżistenza, imma dejjem* it-tgawdija kbira ta' assoċjazzjoni ma' Alla u ma' dak kollu li hu tajjeb; hekk ukoll l-oppost tagħha, *mewt ta' dejjem qatt ma tfisser sempliċiment nuqqas ta' eżistenza imma dejjem* separazzjoni minn, u telfien tas-smewwiet u ta' dak kollu li din tfisser. *Mewt ta' dejjem tfisser miżerja għal dejjem*. Rivelazzjoni 20:10,

> "*U x-xitan li qarraq bihom kien mitfugħ fil-għadira tan-nar u kubrit, fejn hemm il-bhima u l-profeta qarrieqa, u jbatu lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem.*"

L-ispirtu s-Santu stabbilixxa t-tul tal-kastig 'il fuq aktar minn kull kwistjoni. L-aġġettiv użat biex ifisser it-tul ta' żmien tat-tgawdija tal-ġusti fis-smewwiet hu **l-istess** bħal dak li juri l-perjodu li għandu jikkaratteristika l-ħżiena fin-nar ta' l-infern: Naqraw f'Mattew 25:46,

> "*U dawn imorru fil-kastig ta' dejjem (aionios); iżda n-nies ġusti fil-ħajja ta' dejjem (aionios).*"

Il-mistoqsija hawn hija din: "Jista' dan ifisser *illi "ħajja ta' dejjem*" tfisser **eżistenza** u "*kastig ta' dejjem*" **ifisser nuqqas ta' eżistenza**.?" ċertament li le! Mistoqsija oħra li wieħed jista' jagħmel hawn hija din:

"F'dan il-pass aħna naqraw il-kliem, "…***u jbatu għal dejjem ta' dejjem***." Għal kemm tul ta' żmien din it-tbatija għandha tkun? Jista' dak li ma jeżistix ikun 'itturmentat'? Jista' dak li mhux konxju jkun 'itturmentat'? Ċertament li le! Naqraw f'Lhud 10:29,

> "*Aħsbu ftit* ***xkastig aktar aħrax*** *ħaqqu dak li jkasbar lil Bin Alla,...*" (enfasi tiegħi).

Skond it-tagħlim żbaljat tax-Xhieda ta' Ġeħova ta' qirda totali, dan il-vers ma jgħid xejn. Għaliex kif jista' jkun hemm kastig "aktar aħrax" jekk wara l-mewt ma hemm ebda eżistenza u ebda konxjożità! Qiegħed tara kemm it-tagħlim tal-bnedmin hu falz! Biex ikun hemm kastig "aktar aħrax" irid li jkun hemm livelli ta' kastigi. U dan ifisser li se jkun hemm xi wħud li jkunu qegħdin ibatu *aktar* minn oħrajn, u biex dan isir għandu jkun hemm post ta' tbatija li fih imorru dawn li jkun ħaqqhom dak il-post u li jkunu konxji!

## IL-VEDUTA TAL-PURGATORJU

Il-Kattoliċi Rumani jgħallmu li meta l-bniedem imut jidħol fi stat spiritwali ta' sofferenza. F'dan l-istat ta' tbatija aħna nkunu suppost imnaddfa mid-dnubiet tagħna kollha. Jekk wieħed ikun Kristjan dan fl-aħħar jeħles minn dan l-istat ta' tbatija u jgħaddi għas-smewwiet. Dawk in-nies li jgħaddu mill-Purgatorju għas-smewwiet huma msejħin "Qaddisin."

Hu emmnut li interċessjoni tal-qassis quddiem Alla jista' jkollha effett fuq it-tul taż-żmien li wieħed jgħaddi fil-Purgatorju. Għal din ir-raġuni l-qassisin jid-

dedikaw ħin fit-talb għall-mejtin u jaċċettaw flus għal dawk il-mortali li huma interessati fil-ġid tal-mejtin li qegħdin fil-Purgatorju bħala ħlas għal dak it-talb.

L-unika xhieda ċara li l-Kattoliċi Rumani jippreżentaw minn din il-veduta hija kwotazzjoni minn ktieb apokrifu fit-Testment il-Qadim Kattoliku: 2 Makkabin 12:45 fejn jintqal li Ġuda talab għall-mejtin u għamel tpattija għal dnubiethom. Il-Kattoliċi Rumani wkoll jippreżentaw siltiet bħall-Ewwel Korintin 3:13-15 fejn huma jgħidu li dawn itarfu dwar l-eżistenza tal-Purgatorju. Id-dottrina tal-Purgatorju tikkontradixxi b'mod dirett l-Iskrittura. Id-dnubiet mhumiex imnaddfa bin-nar imma maħfura permezz tad-demm ta' Ġesù Kristu:

> "*Imma jekk nimxu fid-dawl, bħalma hu fid-dawl, aħna mxerkin bejnietna, u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu* ***jnaddafna minn kull dnub***" (1 Ġwanni 1:7; enfasi tiegħi).

Naqraw ukoll f'Lhud 8:12 u 10:17,

> "*Jiena nħenn għalihom fil-ħażen tagħhom,* ***u fi dnubiethom ma nitfakarx iżjed***" (enfasi tiegħi).

> "*Dnubiethom u ħtijiethom* ***ma niftakarhomx aktar***" (enfasi tiegħi).

Dan juri bl-aktar mod ċar li Alla wara l-mewt mhuwiex se jiftakar aktar dwar il-ħażen tal-persuna li tkun nidmet minn dnubietha u talbet il-maħfra.

L-idea li teħles mill-Purgatorju għall-Ġenna tikkontradixxi kliem il-Mulej f'Luqa 16:26 li ebda bniedem

ma jista' jaqsam *il-vojt kbir* li hemm bejn l-istat tat-tbatija u l-istat ta' l-hena. Barra minn dan, Lhud 9:27 ċar juri li għalxejn li titlob għall-mejtin:

> "*U bħalma hu maqtugħ għall-bnedmin li jmutu darba biss, iżda wara dan isir il-ħaqq.*"

Ukoll naqraw fit-Tieni Korinitn 5:10,

> "*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel* ***meta kien għadu ħaj fil-ġisem***" (enfasi tiegħi; ara wkoll Ġwanni 5:28-29; Rumani 14:12; Rivel-azzjoni 20:13).

Wara l-mewt ebda talb jew quddies offrut għall-erwieħ ma jista' jiswa għal xi ħaġa. Aħna rridu nagħtu kont lil Alla ta' dak kollu li nkunu għamilna waqt li konna hawn fuq l-art. Wara dan ikun tard wisq!

## IL-VEDUTA TA' PREMJU IMMEDJAT

Xi wħud isostnu li meta wieħed imut dan imur mill-ewwel għall-premju etern tiegħu. Din il-veduta hija bbażata fuq l-ordni li ġejja ta' siltiet mill-Iskrittura.

1. L-ewwel, Ekkleżjażsti 12:7 jitkellem dwar li l-ispirtu tagħna jmur lura għand Alla (u Alla qiegħed fis-smewwiet).

2. It-tieni, it-Tieni Korinitn jimplika li meta aħna nkunu nieqsa mill-ġisem aħna nkunu preżenti ma' Alla li qiegħed fis-smewwiet.

3. It-tielet, huwa sostnu f'Lhud 2:14-15 li l-mewt

ta’ Ġesù għamlet dan kollu possibbli.

Huwa wkoll sfurzat li f’Luqa 16, ir-raġel għani ma kellux perjodu li jistenna qabel ma hu beda biex iħoss in-nirien ta’ l-infern. Hekk kif hu miet refa’ għajnejh ’il fuq fit-tbatija. Dan juri premju jew kastig immedjat.

Il-veduta ta’ premju jew kastig immedjat tiffaċċja diffikultà kbira waħda—jekk il-bniedem jista’ jmur immedjatament għall-premju etern tiegħu fil-mewt, allura qawmien tal-mejtin huwa għal kollox bla bżonn. Id-dottrina tal-qawmien issir mhux loġika għall-fehma tal-bniedem jekk il-premju immedjat u l-veduta tiegħu jsiru veduta loġika. Falzitajiet oħra ta’ din il-veduta jsiru aktar ċari hekk kif aħna neżaminaw ir-raba’ veduta dwar dan is-suġġett. (dwar dan diġa’ rajna wkoll fid-dettall fl-istudji aktar qabel).

## L-ISTAT INTERMEDJARJU TAL-MEJTIN

Fil-mewt it-tajbin imorru f’post sabiħ tal-mistrieħ imsejjaħ Post il-Mejtin (Hades) fejn jistennew il-qawmien tal-mejtin. F’xi verżjonijiet tal-Malti dan il-post huwa msejjaħ *Ġenna* fejn fl-Ingliż huwa msejjaħ ‘Paradise.’

Dawn it-tlett silloġiżmi biċ-ċar jur l-verità dwar dan is-suġġett:

Meta Ġesù miet Hu ma marx fis-smewwiet għall-preżenza ta’ Alla. Ġwanni 20:17 jgħid,

> “*Ġesù qalilha: ‘La tmissnix għax għadni ma tlajtx għand Missieri: iżda mur għand ħuti, u għidilhom: Jien tiela’ għand Missieri, u Missierkom; Alla tiegħi, u Alla tagħkom.*”

Meta Ġesù miet Hu mar f'post li Hu sejjaħlu Post l-Imwiet. Naqraw f'Luqa 23:43„

> *"U Ġesù qallu: 'Ngħidlek is-sewwa li llum tkun fil-Ġenna miegħi."*

Għalhekk, il-Ġenna (f'dan il-każ, post l-imwiet) mhix is-Smewwiet fil-preżenza ta' Alla, għalkemm dan l-isem jista' jirriferi għal dan il-post ukoll.

Meta Ġesù miet Hu mar fl-imwiet (Xeol). Atti 2:27, 31 jgħid:

> *"Għax int ma tħallix ruħi fl-imwiet, u lanqas tħalli l-Qaddis tiegħek jara t-taħsir. Hu, billi ra minn qabel dan, tkel-lem fuq il-qawmien ta' Kristu, li ruħu ma tħallietx fl-imwiet, u lanqas ġismu ma ra t-taħsir."*

Meta Ġesù miet Hu mar f'dan il-post, post l-imwiet, Ġenna, għalhekk il-Ġenna qiegħdha fl-imwiet, f'Xeol. Il-Ġenna mhix fis-Smewwiet, f'din is-silta, fil-preżen-za ta' Alla.

Fil-mewt il-ħżiena jmorru f'post ta' stennija li huwa msejjaħ "Tartarus" fit-Tieni Pietru 2:4. Tartarus huwa ħofra ta' dlam li kien oriġinarjament magħmul għall-iskop biex jinżammu l-anġli l-ħżiena sal-jum tal-ħaqq. It-Tieni Pietru 2:9 jkompli jgħid li l-Mulej jaf kif iżomm il-midinbin mejta f'post jew fi stat riservat ta' kastig sal-jum il-ħaqq. L-implikazzjoni hija li dawk li jmutu fil-ħażen isibu lilhom infushom fl-istess post bħall-anġli l-midinba. Luqa 16 jagħtina ħjiel ta' dan il-post kif Ġesù qalilna dwar ir-raġel għani. Tartarus huwa wkoll fl-istat ta' Hades.

Rivelazzjoni 20:13-14 jgħallimna li l-jum ġenerali tal-qawmien tal-mejtin Xeol (post l-imwiet) jagħti lill-mejtin li dan il-post qiegħed iżomm. Dan ifisser illi Xeol jagħti lill-mejtin li qegħdin fil-Ġenna u dan jagħti lill-mejtin li qegħdin f'Tartarus. Rivleazzjoni 20:13 ukoll jgħallem li dawn in-nies kollha jkunu ġġudikati skond l-egħmejjel tagħhom.

> "*U l-baħar radd il-mejtin li kienu fih; u l-mewt u mkien l-imwiet raddew il-mejtin li kien fihom: u sar ħaqq minnhom kull wieħed skond l-egħmejjel tiegħu.*"

Dawk kollha iġġudikati mhux tajba għall-ħajja eterna jkunu mitfuhin fil-għadira tan-nar (Rivelazzjoni 20: 14). Dawk iġġudikati denji tal-ħajja ta' dejjem imbagħad jirtu s-sema ġdida u art ġdida (Mattew 5:12; Filippin 3:20; 1 Pietru 1:4, 5; Rivelazzjoni 21:1).

Huwa minnu li Alla jinsab kullimkien. Iżda, minn din ix-xhieda kollha aħna nistgħu naraw b'mod l-aktar ċar li aħna ma nidħlux fil-preżenza *diretta* tal-Missier u ta' l-Iben qabel il-qawmien tal-mejtin. Ġesù saħħaħ dan il-punt fi Ġwanni 14:3,

> "*U meta mmur u nhejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi, biex fejn inkun jien, tkunu intom ukoll.*"

Skritturi bħal Ekkleżjażti 12:7 u Atti 7:59 ma jippruvawx li aħna mmorru mill-ewwel fil-preżenza ta' Alla. Alla Hu omnipreżenti—Hu qiegħed kullimkien. L-ispirtu tagħna jista' jmur lura għand Alla mingħajr ma attwalment jidħol fil-preżenza *diretta* ta' Alla quddiem it-tron maestuż Tiegħu. Rivelazzjoni 6:9 juri l-qad-

disin f'Hades, f'post l-imwiet mhux bħala abitanti taddar ta' Alla imma bħala li qegħdin "taħt l-artal" jgħajtu lill-Mulej. Għalhekk, aħna nikkonkludu fuq il-bażi tax-xhieda biblika li l-mejtin jidħlu fi stat intermedjarju ta' stennija fl-istat li ma jidhirx tal-qabar biex jistennew il-qawmien tal-futur tal-mejtin.

## "AĦNA MHUX ILKOLL NORQDU"

Is-setgħa tal-mewt u l-ħabs tagħha (Hades—post l-imwiet) ma tegħlibx lill-bnedmin kollha; għalhekk hemm xi bnedmin li jitwieldu u li qatt ma jkunu jafu l-esperjenza tal-mewt u tal-qabar. 1 Korintin 15:51-53 jgħallem li Alla jegħleb is-setgħa tal-mewt matul il-ħajja ta' xi bnedmin mortali. Dawk in-nies li jkunu meħlusa mill-esperjenza tal-mewt jesperjenzaw bidla mirakolużа li ssir "f'mument wieħed, f'ħakka ta' għajn." 1 Tessalonikin 4:15 jgħallem li dawk in-nies li jkunu ħajjin f'dak il-ħin tat-tmiem jimxu wara u mhux qabel dawk li kienu fil-qabar hekk kif aħna mmorru għand il-Missier. Versi 16 u 17 jgħallmu li l-mejtin fi Kristu jkunu l-ewwel li jeħilsu minn post l-imwiet (Hades), u l-Kristjani ħajjin imorru warajhom billi jinħatfu 'l fuq fis-sħab biex jitilgħu fis-smewwiet ħalli jiltaqgħu mal-Mulej u jibqgħu hemm Miegħu għal dejjem.

Aħna lkoll għandna tama li Alla jeqred lill-mewt fil-ħajja tagħna u jeħlisna mill-esprejenza tal-mewt. Din ix-xewqa mhijiex unika għall-ġenerazzjoni tagħna. Ukoll l-ewwel Kristjani ttamaw għat-tmiem tal-ħwejjeġ kollha matul il-ħajja tagħhom. L-appostlu Pawlu qal fit-Tieni Korintin 5:4,

*"Aħna ma rridux ninżgħu, iżda biex nilbsu minn fuq, biex dak li jmut jinbala' mill-ħajja."*

Hekk kif naslu għat-tmiem ta' din l-investigazzjoni, aħna għadna nħabbtu wiċċna ma' mistoqsija lit-tweġiba tagħha ma tistax tkun waħda żgura—x'inhu d-destin tagħna? Il-priġunerija intermedjarja tal-post l-imwiet (Hades)? Jew il-bidla malajr f'mument li tolqotna b'ħeffa ta' teptipa ta' għajn?

Fl-istudju li jmiss aħna sejrin naraw aktar dwar ir-ruħ fil-mewt.

## IR-RUĦ FIL-MEWT
## (Parti 16)

Il-biża' tal-mewt tniffed kull ħaġa mortali. Din hija appuntament skansat biss minn dawk li jkunu ħajjin meta Ġesù jerġa' jiġi. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna,

> "*Hu appuntat għall-bnedmin li jmutu darba biss*" (Lhud 9:27).

Din il-mewt li dwarha aħna nitkellmu hija l-mewt tal-ġisem fiżiku. Il-Bibbja tgħid li l-ġisem hu "mortali" (Rumani 8:10). Dan ifisser li l-ġisem huwa suġġett għall-mewt.

Dan, iżda, mhuwiex tassew dwar ir-ruħ. Il-Bibbja tgħid,

> "*...għalkemm il-bniedem tagħna ta' barra qiegħed jitħassar, il-bniedem ta' ġewwa fina jiġġedded minn jum għal jum.*" (2 Korintin 4:16).

Is-suġġett tagħna jissopponi minn qabel din in-natura ta' bi tnejn: il-bniedem ta' barra, il-ġisem fiżiku tagħna, u l-bniedem ta' ġewwa, l-ispirtu jew ir-ruħ tagħna. Danjel jitkellem dwar l-ispirtu tiegħu bħala li hu distint mill-ġisem fiżiku tiegħu,

> "*...tqalleb l-ispirtu tiegħi ġo ġismi...*" (Danjel 7:15).

X'jiġri lir-ruħ immortali fil-ħin tas-separazzjoni tagħha mill-ġisem? X'inhi l-kondizzjoni jew l-istat tar-ruħ li jiġi immedjatament wara l-mewt sal-ħaqq? Il-Bibbja tgħid li fil-mewt il-ġisem imur lura lejn l-art, waqt li l-ispirtu jmur lura lejn Alla li tah (Ekkleżjażsti

12:7). L-ispirtu (jew ir-ruħ) ikompli eżistenza konxja barra mill-ġisem fiżiku waqt li l-ġisem jorqod fit-trab ta' l-art. Meta Ġesù Kristu jerġa' jiġi fit-tieni miġja Tiegħu, il-ġisem ikun imqajjem f'forma ippreparata għall-eternità. Nemmnu b'qalbna kollha dawn iż-żewġ prepożizzjonijiet, aħna issa sejrin naraw dawk is-siltiet Skritturali li jittrattaw mar-ruħ fil-kondizzjoni mingħajr ġisem fiżiku tagħha bejn il-mewt u l-qawmien.

## IR-RUĦ FIL-MEWT FI STAT IMBIEGĦED

Nies fil-patrijarkija ta' l-antik irriflettew l-istat tar-ruħ fil-mewt. Ġob qal,

> "*Iżda l-bniedem imut, u jintemm: iva, il-bniedem irodd ruħu, u fejn hu?*" (Ġob 14:10).

Ġob kien jaf fejn il-ġisem mar. Wara s-saħta, il-ġisem fil-mewt mar lura lejn l-art.

> "*Għax trab int, u fit-trab terġa' tmur*" (Ġenesi 3:19).

Iżda xi ngħidu dwar ir-ruħ li abitat f'dak il-ġisem? Fejn hi?

It-tifsira tal-mewt għandha tgħinna biex naraw it-tweġiba. Il-kelma Griega tradotta mewt hija *thanatos*, li tfisser: "Dik is-separazzjoni (kemm jekk naturali jew vjolenti) tar-ruħ mill-ġisem li permezz tagħha l-ħajja tintemm" (Thayer). F'Ġenesi 35:18 il-mewt ta' Raħel hija mfissra f'lingwa ħafifa bħal din:

> "*U ġara, hi u kienet ħierġa ruħha, (għax mietet).*"

Pietru jirreferi għall-mewt bħala:

> "*li dalwaqt ikolli nitlaq it-tinda (tabernaklu) tiegħi*" (2 Pietru 1:14-15).

Meta Pietru daħal fil-kamra fejn kien hemm il-ġisem mejjet ta' Tabità, naqraw,

> "*in-nisa romol kollha daru miegħu jibku, u juruh l-ilbiesi u l-imnatar li Tabità kienet għamlet, meta kienet magħhom.*" (Atti 9:37-39).

Il-ġisem tagħha kien sewwasew f'dik il-kamra, imma Tabità ma kinetx hemm . Il-vera Tabità kienet ħalliet il-ġisem. L-istess fil-kurċifissjoni, Ġesù reħa l-ispirtu (Luqa 23:46). Il-mewt hija li tkun "nieqes jew barra mill-ġisem" (2 Korintin 5:8).

## IR-RUĦ FIL-MEWT HIJA FI STAT KONXJU

Huwa l-ġisem li jmut, u jitlef l-attività tiegħu li huwa mfisser bħala rieqed. Il-Bibbja tgħid,

> "*...il-ġisem mingħajr ruħ (jew spirtu) hu mejjet*" (Ġakbu 2:26).

Din l-istqarrija ma tistax tkun maqluba. Il-ġisem mingħajr spirtu hu mejjet, għaliex ir-ruħ (jew l-ispirtu) tkompli li tkun konxja. L-użu metaforiku tal-mewt bħala rqad huwa ta' spiss mifhum ħażin. Ġesù qal lit-tifla ta' Ġajru mhix mejta imma li kienet rieqda (Mark 5:39). Lażżru kien "rieqed" (Ġwanni 11:11); iżda Ġesù fisser li Lażżru kien mejjet (v. 14). Il-Bibbja ma tgħallimx id-dottrina ta' l-irqad tar-ruħ. Rieqed jew irqad tirreferi għall-mistrieħ għal kollox u waqfien minn

attività tal-ġisem pjuttost milli nuqqas ta' konxjożità tar-ruħ.

L-ispirtu tal-bniedem jibqa' jgħix għal dejjem fi stat konxju li ma jeħtieġ ġisem uman. Alla Hu spirtu (Ġwanni 4:24), u l-konxjożità Tiegħu ma tiddependix fuq li Hu jkollu ġisem tal-laħam u ta' l-għadam. Ukoll issa, il-ġisem tagħna mhuwiex il-parti tal-bniedem li jaf, eċċ. L-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*Min qatt għaraf dak li hemm moħbi fil-bniedem jekk mhux l-ispirtu tal-bniedem li hemm fih? Hekk ukoll ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-Ispirtu ta' Alla.*" (1 Korintin 2:11).

Waqt li David kien qiegħed jitkellem dwar ir-ruħ, hu qal,

> "*Il-qalb tagħkom tgħix għal dejjem!*" (Salm 22:26).

Pietru jsejjaħ l-ispirtu tal-bniedem bħala:

> "*l-bniedem moħbi fil-qalb, dak li ma jitħassarx*" (1 Pietru 3:4).

U Ġesù bil-qawwa kollha wera r-raġuni lis-Sadduċej billi qal,

> "*Alla mhuwiex 'l Alla tal-mejtin imma tal-ħajjin*" (Mattew 22:23-33).

Bosta snin wara li kull wieħed imsemmija minn Ġesù kien miet, Alla qal,

> "*Jiena (temp preżent) Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb*" (Mattew 22:32).

L-argument Li Ġesù uża huwa li ladarba Alla Hu 'l Alla ta' Abraham (li kien ilu mejjet 329 sena), 'l Alla ta' Iżakk (li kien ilu mejjet 224 sena), u 'l Alla ta' Ġakobb (li kien ilu mejjet 198 sena) Hu mhuwiex Alla tal-mejtin, imma tal-ħajjin; mela Abraham, Iżakk, u Ġakobb kienu ħajjin, mhux fil-ġisem fiżiku, imma l-ispirti tagħhom komplew jgħixu wara l-mewt:

> "*Għax Hu mhux Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin: għax kulħadd jgħix għalih*" (Luqa 20:38).

Mela, dawk it-tlitt irġiel ċertament li kienu ħajjin f'erwieħ immortali wkoll għalkemm huma kienu mejtin fil-ġisem f'mod fiżiku. Jekk le, allura Alla kien 'l Alla tal-mejtin!

Wara mewthom, it-tnejn, Lażżru u r-raġel għani kienu ħajjin u konxji barra mill-ġisem. Naqraw f'Luqa 16:25,

> "*Issa hu jitfarraġ, u int tbati*"

Hekk qal Abraham lir-raġel għani. Wieħed irid li jkun konxju qabel ma jkun imfarraġ. It-tbatija wkoll teħtieġ li wieħed ikun konxju. Għalhekk ir-ruħ hija ħajja wara l-mewt!

Il-Bibbja tgħid,

> "*Imberkin il-mejtin li jmutu fil-Mulej minn issa 'l quddiem: Iva, jgħid l-Ispirtu, biex huma jstrieħu mit-taħbit tagħhom, u l-egħemejjal tagħhom imorru warajhom*" (Rivelazzjoni 14:13).

Il-qaddisin huma mberkin "minn issa 'l quddiem"—

mill-mewt fiżika 'l quddiem. Din il-barka jew hena teħtieġ li wieħed ikun konxju, teħtieġ il-konxjożità tar-ruħ barra mill-ġisem immedjatament mill-mewt 'il quddiem.

## IR-RUĦ FIL-MEWT HIJA FI STAT STABBLI

Id-destin ta' individwu huwa ssiġillat bl-egħmejjel magħmula fil-ġisem. Fit-Tieni Korintin 5:10 aħna naqraw:

> "*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem.*"

Id-destin ta' persuna jkun iddeterminat bil-mod li hija tittratta lil Kristu u l-Kelma Tiegħu waqt li din il-persuna tkun għadha qed tgħix fid-dinja. Ġesù Kristu:

> "*Sar l-Awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu*" (Lhud 5:9).

Alla ma wiegħedx ċans ieħor wara l-mewt. It-talb għall-mejtin ma jiswa xejn għalihom. Il-kondizzjoni li ma tittraġġax lura tar-raġel għani immedjatament wara l-mewt hija mgħallma f'Luqa 16:26:

> "*U barra minn dan, hemm vojt bla qies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', u anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna.*"

Hija assunzjoni żbaljata li turi lir-ruħ bħala li tinsab fi stat ta' sospenzjoni jew limbu sal-ġudizzju, taħseb li jkun impossibbli għal xi kastig li jiġi mogħti jew xi barka li tiġi mogħtija sa dak il-waqt. Il-premjijiet tal-ġusti u tal-ħżiena mhumiex kollha miżmuma sal-jum tal-ħaqq jew ġudizzju. Dawk li huma ġusti jirċievu ħafna premjijiet waqt li jkunu fil-ġisem f'din il-ħajja. Huma jirċievu l-barka ta' ulied ta' Alla issa meta jit-wieldu mill-ilma u l-Ispirtu, jiġifieri, meta huma jit-għammdu (Atti 2:38). Ġwanni qal,

> "*Maħbubin, issa aħna wlied Alla*" (1 Ġwanni 3:2. Ara wkoll Galatin 3:26, 27).

Hemm ħafna barkiet li jakkumpanjaw din ir-relazzjoni f'din il-ħajja bħall-maħfra preżenti tad-dnubiet (Atti 2: 38), sħubija mad-Divinità (Mattew 28:19), u l-privi-leġġ tat-talb (Efesin 6:18; Kolossin 1:3, 9; 1 Tessalon-ikin 5:17; Ġakbu 5:13, 16), u li nsejħu lil Alla Missier-na (Rumani 8:14-17).

Ukoll, il-ħżiena huma mogħtija rikompens parti f'din il-ħajja għall-ħażen tagħhom. Jintqal,

> "*It-triq tal-ħżiena hija iebsa*" (Proverbji 13:15).

Dan hu minnu dwar din il-ħajja, ukoll qabel il-ħaqq meta r-rikompens etern li ma jinbidilx ikun amminist-rat. Ġesù qal,

> "*Min ma jemminx hu ġa ikkundannat, għax ma emminx fl-isem ta' l-Iben il-waħdieni ta' Alla*" (Ġwanni 3:18).

Wieħed m'għandux għalfejn imut u jkun imqajjem mill-imwiet fil-ġudizzju qabel ma kundanna bħal din tkun fuqu. "Hu ikkundannat" (temp preżent) "ġa" iżid Ġesù. Naturalment wieħed ma jkunx ikkundannat b'mod li ma jinbidilx sakemm hu jmut u jissiġilla d-destin etern tiegħu. Sa dak il-ħin huwa jkun bħall-kriminal ikkundannat għall-mewt b'maħfra offruta u l-ħniena mtawwla jekk huwa jaċċetta t-termini. Iżda fil-mewt id-destin tiegħu jkun issiġillat. Lhud 9:27 jgħid,

> "*U kif hu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss u wara dan isir il-ġudizzju.*"

Dan jitkellem dwar il-premju finali u ta' l-aħħar li wieħed jirċievi, imma dan ma jissuġġerixxix li l-premjijiet kollha jibdew sewwasew f'dak il-waqt.

Kif hemm xi premjijiet fil-ħajja u qabel il-ġudizzju, hekk ukoll hemm xi rikompens fil-mewt kemm għall-ġusti u kemm għall-ħżiena. Dwar ir-raġel għani naqraw,

> "*F'post l-imwiet huwa rafa' ħarstu, kien fi tbatijiet ħorox*" (Luqa 16:23).

Ġesù qal li dan ir-raġel għani għajjat,

> "*Missier, Abraham, ikollok ħniena minni, u ibgħat lil Lażżru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan in-nar*" (Luqa 16:24).

Dan kien waqt li l-ħames ħutu kienu għadhom ħajjin fuq l-art (v. 27). Dan il-kastig kien qiegħed isir waqt

lit-Testment il-Qadim kien għadu bis-setgħa (Luqa 16: 29, 31); għaliex Ġesù jgħid dwar dan l-inċident jew ġrajja fit-temp passat matul il-ministeru Tiegħu qabel mat-Testment il-Ġdid kien validu (Lud 9:16-17). Minflok mal-kastig tiegħu jistenna l-ġudizzju, l-għani kien diġa' qiegħed ibati. Parti mir-rikompens kienet f'din il-ħajja. Tbatija kompliet wara lir-ruħ ħalliet il-ġisem u daħlet fl-istat li ma jidhirx fejn hija tkompli biex tkun ikkastigata sal-jum tal-ġudizzju. Pietru jgħid,

> "*Il-Mulej jaf kif jeħles it-tajbin mit-tiġrib u jħalli l-ħżiena biex jieħdu l-kastig f'jum il-ġudizzju.*" (1 Pietru 2:9.

Parti mill-premjijiet ta' li tkun iben jew bint ta' Alla tiġi f'din il-ħajja. Hemm barkiet imxerrda fuq il-ġusti fil-mewt ukoll. Lażżru, l-ispirtu tiegħu kien imdaħħal mill-anġli "fi ħdan Abraham." Hemm Abraham qal, "Issa Lażżru hu mfarraġ" (Luqa 16:22). Hu ma kellux jistenna sal-ġudizzju ħalli jibda jirċievi l-faraġ. Ftakar li l-Ispirtu s-Santu qal:

> "*Imberkin il-mejtin li jmutu fil-Mulej* ***minn issa '1 quddiem****.*" (Rivelazzjoni 14:13; enfasi tiegħi).

## L-ERWIEĦ TAL-ĠUSTI HUMA FI STAT TAS-SMEWWIET
## (Parti 17)

L-istat intermedjarju tal-mejtin ma jirreferix għal xi gżira f'nofs tat-triq xi mkien nofs triq bejn id-dinja u s-semwwiet. L-istat intermedjarju jirreferi sempliċiment għall-istat jew kondizzjoni ta' firda mill-ġisem tar-ruħ. Dak l-istat li ma jidhirx huwa mfisser bħala Hades li tfisser "ma jidhirx." Waqt li l-erwieħ tal-ġusti u tal-ħżiena, it-tnejn imorru f'dan il-post fil-mewt, f'kondizzjoni li ma tidhirx, ir-raġel għani kien itt-rumentat (Luqa 16:23-24) F'dan il-post, waqt li Ġesù kien f'Hades Hu kien fil-ġenna (Atti 2:27 ma' Luqa 23:43).

Hades (il-kelma Griega) għall-ġusti mhuwiex l-istess stat bħal Hades għall-ħżiena. Wieħed jirrapporta li wat li kien f'Kalifornja hu kważi ffriża għall-mewt waqt li ieħor jgħid li waqt li kien qiegħed f'Kalifornja tant kienet sħana li kien jista' jaqli bajda fix-xemx. It-tnejn kienu f'Kalifornja, imma mhux fl-istess parti.

Fejn qegħdin l-erwieħ tal-ġusti fil-post ta' Hades? F'Efesin 3:14-15 aħna naqraw,

> "*Minħabba f'hekk nilwi rkobbtejja quddiem il-Missier tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li minnu l-familja kollha fis-sema u fl-art hija msemmija.*"

Il-familja ta' Alla hija l-knisja ta' Alla l-ħaj (1 Timotju 3:15). Xi qaddisin, meta l-appostlu Pawlu kiteb l-ittra lil Efesin, kienu mietu. Huma kienu għadhom fil-familja; huma mietu fil-Mulej, mhux barra Minnu.

Pawlu jgħid "il-familja kollha" tikkonsisti minn xi wħud li qegħdin "fis-sema" waqt li oħrajn qegħdin fuq "l-art."

Waqt li Pawlu tkellem dwar il-bidla fil-mewt huwa qal,

> "*Aħna dejjem qalbna qawwija, billi nafu li, sakemm aħna fil-ġisem, aħna 'l bogħod mill-Mulej...u rridu aktarx li noħorġu mill-ġisem, u ngħammru mal-Mulej.*" (2 Korintin 5:6-8).

Hu qal ukoll naqraw f'Filippin 1:21-24,

> "*Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u li mmut qliegħ. Imma jekk ngħix fil-ġisem, dan u l-frott tax-xogħol tiegħi, allura x'naqbad nagħżel ma nafx. Imma jien ninsab bejn ħalltejn, għandi x-xewqa li nitlaq u li nkun ma' Kristu; li hu wisq aħjar; Madankollu li nibqa' fil-ġisem hu aktar meħtieġ għalikom.*"

Dawn l-Iskritturi jgħidu li meta l-ispirtu jħalli l-ġisem aħna nkunu "preżenti mal-Mulej" Hu fejn Hu. Kristu daħal:

> "*fis-sema stess, biex issa jidher għalina quddiem Alla.*" (Lhud 9:24).

Aħna, mela, nikkonkludu li l-erwieħ tal-qaddisin ġusti mill-mewt ta' Kristu jmorru sewwasew fil-preżena ta' Kristu. It-Tieni Korintin 5:1-10 jenfasizza li meta mmutu, aħna nkunu "pre-żenti mal-Mulej" f'kuntrast li issa aħna qegħdin 'il bogħod mill-Mulej."

Stiefnu, waqt li kien qiegħed imut, qal,

> "*Ara, qiegħed nara s-sema miftuħ u lil Bin il-bniedem fil-lemin ta' Alla...lil Stiefnu qabdu jħaġġruh huwa u jitlob u jgħid: "Mulej Ġesù, ilqa' r-ruħ tiegħi*" (Atti 7:56-59).

Għal Stiefnu ma kienx hemm gżira f'nofs it-triq, jew xi purgatorju biex jistenna l-ġudizzju.

Ġesù, "li mar fis-sema, u qiegħed fil-lemin ta' Alla" (1 Pietru 3:22) għandu f'jum wieħed "jidher mis-sema" (2 Tessalonikin 1:7). F'dak il-waqt Ġesù jġib l-erwieħ tal-ġusti Miegħu:

> "*Dawk li huma reqdin f'Ġesù, Alla jġib miegħu*" (1 Tessalonikin 4:14).

Biex iġibhom Miegħu dawn l-erwieħ għandhom *issa* jkunu fis-sema fl-istat li ma jidhirx (ta' Hades).

Ma hemmx indikazzjoni f'dawn jew f'xi Skritturi oħra li Ġesù għandu jieqaf f'xi post f'nofs ta' triq u jġbor lill-qaddisin barra minn stat ieħor mis-sema meta Hu jiġi lura t-tieni darba; imma pjuttost Hu jġib-hom Miegħu mis-sema. Dan jaqbel ma' Rivelazzjoni 6:9-11 fejn l-erwieħ tal-ġusti qegħdin fis-sema sal-ġudizzju (taħt l-artal) u qegħdin jistennew l-aħħar ħaqq li Alla jagħmel fuq l-għedewwa tagħhom. Sa dattant vers 11 jgħid,

> "*U lil kull wieħed minnhom ingħa-talhom libsa twila bajda: u qalulhom jistennew ftit ieħor sa ma jintemm il-għadd tal-qaddejja sħabhomn u ta' ħut-hom li bħalhom kienu se joqtluhom.*"

## INSOLVU XI PROBLEMI

Xi wħud fittxew bażi biex iwaqqgħu din il-veduta billi jgħidu li Kristu wara l-mewt Tiegħu qal li Hu "ma kienx għadu" tela' fis-sema (Ġwanni 20:17) għalhekk ir-ruħ Tiegħu fil-mewt ma marritx fis-smewwiet, imma f'Hades. Imma dan ma jaqbilx. Il-parti li Marija misset kienet il-ġisem, u dan mar għall-qabar, mhux fis-sema, fil-mewt ta' Ġesù. Sa aktar wara, f'forma igglorifikata, meta Hu tela' f'dak il-ġisem dan ma kienx tela' fis-sema. Imma dan ma jgħid xejn dwar ir-ruħ ta' Ġesù fil-mewt Tiegħu.

Kristu Nnifsu ddikjara l-Ispirtu Tiegħu mar għand Alla meta Hu miet (Luqa 23:46). Ukoll l-istqarrija, "Għadni ma tlajtx fis-smewwiet" ma tistax tfisser li Ġesù barra mill-ġisem Tiegħu qatt ma kien qabel fis-smewwiet (Ġwanni 6:62). "Għadni" timplika li huma jkollhom ħafna ħin għal dan aktar tard. Minflok ma "missewh" (Ġwanni 20:17), huma setgħu jħalluh imur u jmissuh aktar tard, fejn hekk għamlu f'Mattew 28:9.

"Iżda morru malajr," jgħid vers 7, ta' Mattew 28, "u għidu lid-dixxipli tiegħu." Jekk jiena qiegħed nippjana vjaġġ għall-belt u marti tibda biex tagħmel lista ta' ħwejjeġ li hi trid tixtri, jiena nista' ngħid, "għadni ma mortx il-belt," li jindika li hi għandha ħin biex tgħid id-dettalji qabel ma jiena mmur.

Oġġezzjoni simili hija magħmula dwar l-istqarrija ta' Pietru f'Atti 2:34 li David ma talax fis-smewwiet. Imma dan qiegħed jitkellem dwar tlugħ bil-ġisem, għaliex hu jgħid, "il-qabar tiegħu għadu fostna sallum" (Atti 2:29). Dan ma jgħallem xejn dwar ir-ruħ ta' David u l-post tagħha.

Oħrajn jargumentaw li xi wħud minn dawn l-Iskritturi li aħna wżajna biex nuru li l-erwieħ tal-ġusti jmorru fil-mewt għall-Ġenna (li fl-Ingliż insibuha bħala Paradise u mhux Heaven) minflok fis-Smewwiet. Il-Ġenna tinsab fi tliet Skritturi fit-Testment il-Ġdid. Waqt li huwa tassew li l-erwieħ tal-qaddisin huma fil-Ġenna, kif inhu fil-każ ta' Ġesù f'Luqa 23:43, ifisser dan li l-Ġenna u s-Smewwiet għandhom b'neċessità jkunu żewġ postijiet differenti? Dawn huma wżati li jfissru l-istess. Fit-Tieni Korintin 12:4, Pawlu jsemmi li hu mar fil-Ġenna (Paradise), li hu wkoll isejjaħ "it-tielet sema" (2 Korintin 12:2).

Il-Lhud qasmu s-smewwiet fl-atmosfera fejn l-għasafar itiru, li huma sejħu l-ewwel sema. It-tieni sema hija x-xemx, il-qamar, u l-kwiekeb. It-tielet sema hija t-tron ta' Alla. Pawlu ċar jgħid li Ġenna (Paradise) huwa isem ieħor għat-tielet sema: għalhekk il-Ġenna (Paradise) hija fejn Alla qiegħed. It-tielet u l-aħħar okkażjoni fejn il-kelma Ġenna hija wżata fit-Testment il-Ġdid tinsab f'Rivelazzjoni 2:7 fejn is-siġra tal-ħajja tinsab fis-Smewwiet. Għalhekk aħna nikkonkludu li Ġenna huwa terminu ieħor għas-sema jew Smewwiet. Dan jaqbel ma' dawk l-istqarrijiet li jitkellmu dwar l-erwieħ tal-qaddisin bħala li huma "preżenti mal-Mulej" waqt li huma "assenti mill-ġisem" u li jkunu miġjuba mis-sema ma' Kristu fit-tieni miġja Tiegħu.

Mistoqsija valida tqum: Jekk il-ġusti jmorru fil-mewt fis-Smewwiet, x'inhu l-iskop tal-ġudizzju? Il-mistoqsija ta' dak li joġġezzjona mhijiex solvuta permezz tal-veduta tiegħu, għaliex hu għandu l-ħżiena fi stat ta' kastig u l-ġusti fi stat ta' hena fil-gżira ta' nofs

it-triq tiegħu qabel il-ġudizzju. Għalhekk aħna nistaqsuh l-istess mistoqsija. Din l-oġġezzjoni turi ħsieb żbaljat tal-ġudizzju bħala waqt meta l-Mulej isib kemm jekk aħna aħniex Tiegħu jew le. Il-ħaqq, iżda, mhuwiex jum ta' interrogazzjoni biex jiddetermina jekk aħna tal-Mulej. Il-Bibbja tgħid,

> "*Il-Mulej jaf lil dawk li huma Tiegħu*"
> (2 Timotju 2:19).

"Jaf"—fit-temp preżent—jiddikjara li Hu l-ħin kollu qiegħed fuq dan is-suġġett. Il-Mulej jaf preżentament u Hu jkompli li jkun jaf lil dawk li huma Tiegħu. Hu jaf f'din il-ħajja, u Hu jżomm storja eżatta tal-kondizzjoni tagħhom

Il-barkiet li Hu wiegħed lilna wkoll f'din il-ħajja jeħtieġu li Hu jkun jaf din il-ħaġa qabel il-jum tal-ħaqq. Jekk Hu għandu jistenna sal-jum tal-ħaqq biex isib min hu Tiegħu jew lil min ibierek, Hu ma jkunx jista' jidher li jwieġeb għat-talb tagħna issa. 1 Pietru 3:12-13 jgħid,

> "*Għax għajnejn il-Mulej huma fuq il-ġusti, u widnejh miftuħa għat-talb tagħhom. Imma l-Mulej ħarstu fuq dawk li jagħmlu l-ħażen.*"

Dak hu minnu matul il-ħajja tagħna fuq l-art. Ta' kull jum, Hu jżomm l-istorja tagħna eżatta. Jekk wieħed jidneb mingħajr indiema, Alla kien wiegħed li jħassar ismu mill-ktieb Tiegħu (Eżodu 32:33).

Il-ħaqq, minflok ma jkun jum ta' interrogazzjoni biex jinstab jekk aħniex tal-Mulej, huwa l-jum tal-premjijiet finali. Ġesù qal,

> “*Għax Bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta’ Missieru flimkien ma’ l-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil kull wieħed skond ma wieħed ikun għamel*” (Mattew 16:27).

Dan il-kont finali, iżda ma jiċħadx benefiċċji parzjali sadattant. Parallel jinstab fil-qrati tagħna fejn priġunier qiegħed diġà miżmum fil-ħabs mill-kawża fil-qorti sal-jum tas-sentenza finali—il-ħaqq—fejn hu jkun miġjub mill-ħabs, ikkundannat, u ssentenzjat biss biex jerġa’ jkun mibgħut lura fil-ħabs għall-priġunerija finali tiegħu.

## IR-RUĦ FIL-MEWT TKUN F’KONDIZZJONI PERSONALI

Persuna ma titlifx l-identità tar-ruħ tagħha meta hija tmut. F’Mattew 17:15, meta Ġesù deher ma’ Mosè, Mosè kien għadu ħaj, u Elija kien għadu ħaj, għalkemm huma kienu ilhom mejta għal mijiet ta’ snin. Dawk f’Rivelazzjoni 6:9-11 fis-sema taħt l-artal *ftakru* ħajjithom fuq l-art u fehmu li huma kienu mietu bħala martri. Ukoll ir-raġel għani *ftakar* fil-ġid passat tiegħu u seta’ jsemmi mill-ġdid l-isfortuna ta’ Lażżru fuq l-art kif ukoll *ftakar* fil-ħamest aħwa tiegħu li kienu għadhom jgħixu fuq l-art (Luqa 16:25-28). Kif kien jista’ *jiftakar* dak li qallu Abraham biex jiftakar li kieku l-għani ma kienx konxju u tilef l-identità tiegħu? Kif Alla jista’ jippremja kull bniedem skond l-għemejjel tiegħu (Mattew 16:27) jekk il-bniedem ma *jiftakarx* dak li hu jkun għamel wara l-mewt? Minn dan wieħed jista’ jara bl-aktar mod ċar kemm huma żbaljati dawk

li jgħallmu lir-ruħ mhix immortali.

Imma xi wħud jgħidu, "Jekk aħna nżommu l-identità tagħna wara l-mewt, kif nistgħu li nkunu kuntenti fis-Smewwiet jekk aħna nkunu nafu li xi ħadd tal-qalb ma kienx hemm?" Problemi bħal dawn ifakkruni fis-Sadduċej u l-oġġezzjoni tagħhom għall-fatt tal-qawmien. Huma żbaljaw billi ma kinux jafu żewġ fatti: l-ewwel, it-tagħlim ta' l-Iskrittura (Mattew 22: 29), u t-tieni, il-qawwa ta' Alla biex jieħu ħsieb ta' kull diffikultà, kbira kemm din tista' tidher li tkun kbira. Il-Bibbja tgħallem,

> "*...quddiemek hemm il-milja tal-ferħ; fuq lemintek hemm għaxqa għal dejjem*" (Salm 16:11).

Kull ma hu meħtieġ biex jagħmel wieħed kuntent ikun ipprovdut.

Dawk biss irrikonċiljati għar-rieda ta' Alla sejrin fis-Smewwiet. Ċertament dawn mhumiex sejrin jirribellaw kontra r-rieda Tiegħu rigward id-destin ta' xi nies ġusti. Dwar il-kuntentizza tagħna hemm aħna għandna niftakru li wkoll issa aħna nistgħu nkunu kuntenti minkejja li nafu li xi wħud li aħna nħobbu ħafna huma mitlufa. Li telimina l-għarfien fis-Smewwiet tkompli biss iżżid id-diffikultà. Ikun ħafna agħar li tmur fis-Smewwiet u ma tagħraf lil ħadd u b'hekk tikkonkludi li dawk kollha li aħna konna nafu hawn isfel lanqas wieħed minnhom ma jista' jinstab fis-Smewwiet! Din ix-xorta ta' kura hija agħar mill-problema oriġinali.

## IR-RUĦ FIL-MEWT HIJA F'KONDIZZJONI MHUX KOMPLUTA

L-appostlu Pawlu xtaq ferm għat-tmiem li għandu jiġi fil-qawmien ta' l-aħħar jum. Ix-xewqa tiegħu kienet:

> "*Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbħu fil-mewt: biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet*" (Filippin 3:10-11).

Pawlu ried "dak li jmut" li "jinbala' mill-ħajja" (2 Korintin 5:2-5). Hu kien jaf li:

> "*ċ-cittadinanza tagħna hija fis-sema; minn hemm ukoll nistennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu: Li jbiddel il-ġisem ta' l-umiljazzjoni tagħna, biex ikun jixbaħ il-ġisem tal-glorja tiegħu, skond il-qawwa li biha jista' wkoll jissuġġetta kollox għalih innifsu*" (Filippin 3:20-21).

Dwar il-qawmien u l-premju finali, Pawlu qal,

> "*Għalhekk, meta dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u dan il-ġisem li jmut jilbes in-nuqqas ta' mewt, imbagħad isseħħ il-kelma li nkitbet: Il-mewt inbelgħet fir-rebħa*" (1 Korintin 15:54).

Kull Kristjan qiegħed iħares għal dan it-twettiq li hu biss fl-aħħar jew fit-tmiem taż-żmien.

## KONKLUŻJONI

Għalkemm il-mewt hija għadu li f'xi jum tkun meqruda (1 Korintin 15:26), fl-intervall Alla jista' jagħmel li l-għadab tal-bniedem ifaħħru (Salm 76:10), u jista' juża l-mewt għal skopijiet li jġibu l-glorja.

Kristu kisser is-setgħa tal-mewt (Lhud 2:14-15). Fi skop prospettiv hu qeridha (Rumani 4:17). U fid-dawl tal-wegħdi prezzjużi ta' Alla, il-mewt titlef mill-biża' tagħha, għax aħna ma nitnikktux bħal dawk li m'għandhom l-ebda tama (1 Tessalonikin 4:13-14). F'dinja mudlama Kristu "ġab il-ħajja u l-immortalità permezz ta' l-evanġelju Tiegħu" (2 Timotju 1:10).

Illum il-Kristjan jista' javviċina l-mewt b'kunfidenza akbar minn qatt qabel. F'Salm 23:4, David qal,

> "*Għalkemm nimxi fil-wied ta' dell il-mewt, ma nibża' minn ebda ħsara.*"

Dan ifisser, "Jiena ma rridx li mmur fil-mewt, imma mmur, jekk hemm bżonn." Taħt it-Testment il-Ġdid, aħna nistgħu ngħidu li aħna għandna "xewqa li nitilqgħu u li nkunu ma' Kristu; li hu wisq aħjar" (Filippin 1:21-23). Noqgħodu għar-Rieda Tiegħu, aħna nistgħu nittamaw għall-premju sħiħ finali li qiegħed jistenna lilna waqt li ngħidu, "Iva, ejja Mulej Ġesù" (Rivelazzjoni 22:20).

## X’TGĦALLEM IL-BIBBJA DWAR L-IMMORTALITÀ TAR-RUĦ
## (Parti 18)

1. Sabiex aħna nkunu nistgħu nifhmu l-Bibbja ftit aħjar b’riferenza għal dan is-suġġett, ħalli neżaminaw f’aktar dettall x’tgħid il-Bibbja dwar ir-ruħ u l-ispirtu. Dan mhuwiex xi studju fit-tul, imma wieħed li jissuġġerixxi, li jipprova biex jagħti lil min jaqrah xi għodda li biha jaħdem u mhux li jipprova biex jipproduċi l-ħasad għalih. Dwar dan naraw fl-istudji ta’ wara.

Il-kelma Lhudija “*nephesh*” tradotta “ruħ” tinsab 754 darba fit-Testment il-Qadim. Din hija 14-il darba mhix tradotta, u l-bqija tas-740 hija tradotta bil-mod li ġej: ruħ—471; ħajja—119; persuna—30; innifsek—21; qalb—15; moħħ—14; kreatura—10; mejjet—5; xewqa—5; ġisem mejjet—5; kull—4; ġisem—4; raġel—3; jiena—3; pjaċir—3; annimal—3; rieda—3; aptit—2; spirtu—2; żina, jew xewqa kbira—2; ħajja—2; hu—2; tal-qalb—1; huwa nnifsu—1; wieħed—1; għall-mewt—1; fejn trid—1; huma—1; li joqtol—1; għandu jkollu—1; ħuta—1.

Il-kelma Griega tradotta ġeneralment “ruħ” hija “*psuche.*” Din tinsab 105 darbiet fit-Testment il-Ġdid, u hija tradottta fis-seba’ modi differenti li ġejjin: ruħ—58; ħajja—40; moħħ—3; qalb—1; int—1; tal-qalb—1; aħna—1.

Meta naqraw bil-għaqal kull skrittura fil-kuntest tagħha nfisha fit-Testment il-Qadim u l-Ġdid, aħna nkunu konvinti li dan huwa terminu applikat għall-eżistenzi kollha li normalment għandhom kapaċitajiet ta’ sens—xamm, smigħ, togħma, u ħass. Ċertament it-

tifsira eżatta u sħiħa għandha tkun iddeterminata mill-kuntest innifsu, *kif inhu l-każ ma kull kelma*. Din tista' tkun użata figurattivament, imma safejn jiena sibt, qatt b'xi mod ma hija wżata biex tħassar din it-tifsira primarja.

Meta Alla nefaħ fl-imnifsejn tal-bniedem in-nifs tal-ħajja u dan sar ruħ ħajja (Ġenesi 2:7), il-bniedem sar eżistenza ħajja b'kapaċità li jagħmel ħaqq. Għalhekk il-bniedem huwa ruħ, skond il-Bibbja. Aħna nistgħu wkoll ngħidu, "Il-bniedem għandu ruħ," jekk aħna nfissru b'dan li, "il-bniedem għandu l-karatteristiċi ta' kreatura ħajja ta' Alla, b'kapaċitajiet tas-sensi."

L-istampa tal-Bibbja mhijiex dik ta' ġisem b'żewġ entitajiet jgħammru fih—waħda ruħ, u waħda spirtu. Imkien ma nsibu l-Bibbja tgħid jew timplika lir-"ruħ" tħalli jew titlaq lill-ġisem u tgħammar f'xi stat immortali barra minnu.

Meta Ġesù qal f'Mattew 16:25, "Għax min irid isalva ħajtu (*psuche*), jitlifha," Hu uża l-istess kelma kif insibu f'Mattew 16:26, meta Hu staqsa, "Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ruħu (*psuche*)." Ukoll f'Mattew 20:28 Ġesù ġie biex "jagħti ħajtu (*psuche*) b'fidwa għall-kotra." Tilef Hu ruħu? Iva, Hu tlief ruħu—ħajtu. Il-kapaċità tas-sensi Tiegħu kienet telqet meta Hu ta ħajtu, imma l-ispirtu raġa' lura lejn Alla li tah (Luqa 23:46; Ekkleżjażsti 12:7). Levitku 17:14 jgħid, "Il-ħajja (ruħ) ta' kull laħam hu d-demm."

Meta Ġesù qal f'Mattew 10:28,

> "*La tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem, imma ma jistgħux joqtlu r-ruħ:*

> *iżda ibżgħu aktarx minn dak li jista' jeqred sew ir-ruħ u kemm il-ġisem fl-infern,*"

aħna nistgħu ngħidu dan fi kliem ieħor b'dan il-mod: "La tibżgħux minn dawk li jistgħu jikkawżaw lil l-ispirtu biex iħalli l-ġisem u b'hekk jikkawża li l-ġisem *jitlef* il-kapaċità tas-sensi (ħajja) tiegħu. (Dak li ħadd ma jista' tassew jeqred l-individwalità li Alla tah, lanqas ma jagħmel xi ħsara għal dejjem). Iżda ibżgħu minn dak li jista' jieħu dak il-ġisem li l-ħajja (ruħ) tiegħu tkun telqet, iqajjimha, jagħtiha l-kapaċità tas-sensi tagħha (ħass, memorja, eċċ.) u mbagħad iħalli dak il-ġisem bl-abbiltà kollha tiegħu, biex iħoss, jaħseb, u jiftakar għal dejjem fl-infern." "Teqred" mhijiex li "ġġib fix-xejn" jew li tagħmel li jisparixxi, kif xi reliġjonisti jippruvaw li jgħallmu, imma li ġġib għal mingħajr użu jew ħela, irvinat, l-istess kif teqred vapur billi tgħarrqu, jew arloġġ billi tkissru. Il-partijiet tiegħu huma hemm, iżda dan huwa mingħajr valur.

Meta Ġesù staqsa,

> "*X'jiswielu bniedem, jekk jirbaħ id-dinja kollha, u jitlef ruħu?*" (Mattew 16:26),

Hu sempliċiment fisser il-bniedem, *innifsu*, ikun mitluf għal dejjem. Il-ħajja tiegħu—b'kapaċitajiet tas-sensi—tkun mitlufa għall-eternità. Ħajtu—b'kapaċitajiet tas-sensi—tkun mitlufa għal u minn Alla. Il-ġisem u r-*ruħ* tiegħu (mhux biss ġisem mejjet, mingħajr ħass, eċċ) ikunu mitfuħa fl-infern. (Ix-Xhieda ta' Ġeħova la jemmnu fl-immortalità tar-ruħ jew spirtu u lanqas fl-

infern).

2. Sabiex nagħmlu dan l-istudju aktar ċar u ta' użu, ftit kliem li għandu x'jaqsam dwar it-terminu "spirtu" jkun fl-ordni. Il-kelma Lhudija tradotta "spirtu" hija "*ruach*." Din tinsab 374 darba fit-Testment il-Qadim u hija tradotta f'dawn il-modi li ġejjin fil-maġġoranza tagħhom: nifs—28; spirtu—232; riħ—90.

Il-kelma Griega tradotta ġeneralment "spirtu" hija "*pneuma*," u tinsab fit-Testment il-Ġdid għallinqas 380 darba. Din hija tradotta "spirtu" 151 darba, "riħ" darba, u "Spirtu" "b'Santu" 226 darba.

Kliem interessanti ħafna li għandu relazzjoni għal "spirtu" u "ruħ" huwa "*pneomatikos*," tradott "spiritwali" 18-il darba, u "*psuchikos*" tradott "naturali" tliet darbiet. Il-kelma "spiritwali" m'għandix riferenza għal xi "xebħ ta' ħares" (fatat) jew sustanza mċajpra bla ebda materja li tista' żżomm fl-arja u tgħaddi mit-toqob ta' l-imfietaħ. Din tirreferi għal dak li huwa miġjub għal stat ta' eżistenza, mhux b'mezzi naturali jew umani, imma bid-direzzjoni u s-setgħa ta' l-Ispirtu ta' Alla. F'Galatin 6:1, "...intom li intom spiritwali" huma dawk li l-istat ta' eżistenza u l-attività tagħhom huma mogħtija u mmexxija permezz ta' l-Ispirtu ta' Alla. Il-ġisem spiritwali tagħna tal-futur(1 Korintin 15:44) ma jkunx xi ħaġa mċajpra bħal sħaba, imma jkun spiritwali għaliex dan ikun iffurmat u miġjub fl-eżistenza bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla minflok permezz ta' konċepiment uman kif aħna ħadna l-ġisem preżenti tagħna.

Eżami ta' kritika ta' kull vers li fih tidher il-kelma "spirtu" jwassalna biex nikkonkludu li għalkemm il-

kelma tista' tkun użata f'sens figurattiv, it-tifsira primarja u bażika tal-kelma kif din tapplika għal l-ispirtu tal-bniedem hija li din hija l-prinċipju tal-ħajja (in-nifs tal-ħajja) fil-bniedem li hu għandu min Alla permezz li tiegħu huwa jkun jista' jiġi elevat għax-xebħ ta' Alla. Tifsira tista' tkun l-enerġija preżenti fl-univers. Din tista' tkun murija f'dawl minn bozza, jew sħana minn biċċa njama. Id-dawl jew sħana ma jistgħux jeżistu barra mill-enerġija, u huwa mainfestazzjoni ta' l-enerġija, imma mhuwiex eżatt l-istess bħall-enerġija. Hekk ir-ruħ ma tistax *teżisti* barra mill-ispirtu, imma mhijiex l-istess bħall-ispirtu, lanqas ma hija entità mċajpra tixbaħ lil l-ispirtu li jeżisti maġenb l-ispirtu fil-ġisem. Kien in-nifs tal-ħajja (spirtu minn Alla) li kkawża l-bniedem biex *isir* ruħ ħajja.

Dan hu, l-ispirtu tal-bniedem huwa l-kwalità, jew il-prinċipju jew il-qawwa mogħtija minn Alla li tagħti l-enerġija jew li tagħti l-ħajja lill-bniedem, u r-ruħ tal-bniedem hija l-ħajja—il-ħajja individwali tiegħu nnifsu—l-eżistenza tiegħu nnifsu, bil-kapaċità biex jara, iħoss, ixomm, itiegħem, u jisma'—li l-ispirtu ta' Alla jagħti. Dak hu għaliex f'xi drabi l-kliem huwa wżat b'mod li jfisser kważi l-istess. Meta Alla jneħħi jew jieħu l-prinċipju li jżomm il-ħajja (in-nifs tal-ħajja) il-bniedem jieqaf milli jkun ruħ ħajja. "Ir-ruħ" tiegħu, kif il-Bibbja tuża t-terminu, ma tħallix il-ġisem tiegħu u tmur ittir fl-arja f'xi "stat immortali." Huwa sempliċiment jieqaf milli jkun "ruħ ħajja" billi l-ispirtu tiegħu jmur lura għand Alla li tah (Luqa 23:43; Ekkleżjażati 12:7). Dan ma jfissirx li "r-ruħ tiegħu torqod." L-espressjoni m'għandha l-ebda tifsira. Lanqas ma

tfisser li l-individwalità tiegħu hija meqruda. Meta Alla jonfoħ f'persuna l-ispirtu Tiegħu, dik il-persuna ssir ruħ ħajja, dan l-ispirtu jieħu personalità partikulari, u meta l-ispirtu jitlaq lill-ġisem mejjet, dan xorta jżomm il-personalità li huwa esprima waqt li kien għadu magħqud mal-ġisem.

Dan mhuwiex sejjer iwieġeb ħafna mistoqsijiet li wieħed jista' jqajjem dwar it-termini "ruħ" u "spirtu" (dwar dawn sejrin naraw aktar fid-dettall fl-istudju li jmiss), iżda jista' jkun ta' għajnuna. Għallinqas dan jista' jgħin biex jiftaħ il-bieb għal aktar sutdju għal dawk kollha li ma jeħtiġux ikel imsajjar minn qabel, qabel ma huma jieklu. Żomm f'moħħok lit-termini "ruħ" u "spirtu" jistgħu jiġu wżati prattikament bħala li huma l-istess meta r-riferenza hija sempliċiment għall-aspett ta' l-eżistenza tal-bniedem li mhijiex sempliċiment ġisem (*soma*) jew laħam (*sarx*), imma jekk l-enfasi hija biss fuq "ħajja fiżika"—il-parti tal-bniedem li hija nvoluta b'kapaċitajiet tas-sensi, il-kelma "ruħ" tkun normalment użata, fejn, jekk l-enfasi hija primarjament fuq l-aspett tan-natura tal-bniedem li speċjalment tagħmlu f'relazzjoni ma' Alla—dik il-ħajja li Alla nefaħ ġol-bniedem, li issa ssir unika tiegħu għal ċertu grad li din tista' tkun imsejħa "hu," it-terminu "spirtu" jkun użat.

## MISTOQSIJIET DWAR “SPIRTU” U “RUĦ” (Parti 19)

1. Hemm xi differenza bejn *spirtu* u *ruħ*?
2. X’inhu l-kliem li hu tradott bħala *spirtu* u *ruħ*?
3. Xi tfisser il-kelma *spirtu* u għal xhix tirreferi?
4. Għandu l-bniedem *spirtu*?
5. Jista’ l-*ispirtu* tal-bniedem jeżisti barra mill-ġisem?
6. Xi tfisser il-kelma *ruħ*?
7. X’inhi r-relazzjoni tar-*ruħ* għal *spirtu*?
8. Hija r-*ruħ* immortali?

Dawn huma mistoqsijiet li ħafna jagħmlu u bir-raġun kollu huma jkunu jixtiequ tweġiba Skritturali għalihom. L-iskop ta’ dan l-istudju huwa li jipprova kemm jista’ jkun li jagħti dik it-tweġiba mixtieqa. Aħna sejrin nistudjaw u nwieġbu bl-aħjar mod li wieħed jista’ kull mistoqsija magħmula fuq. Jalla aħna dejjem inħallu l-Kelma ta’ Alla twieġeb għalina dak li aħna nixtiequ li nkunu nafu fuq is-suġġett.

**Mistoqsija 1**—“Hemm xi differenza bejn *spirtu* u *ruħ*?” Jew huma dawn żewġ ismijiet għall-istess ħaġa?

**Tweġiba:** Hemm żgur differenza bejniethom. Inkella Pawlu ma kienx jikteb fl-1 Tessalonikin 5:23,

> “*U Alla tas-sliem iqaddiskom f’kollox, u jżommkom sħaħ bla mittiefsa fl-**ispirtu**, fir-**ruħ**, u fil-ġisem, sa ma jiġi Sidna Ġesù Kristu*” (enfasi tiegħi).

Lanqas ma hu kien jikteb fl-Ittra lil-Lhud li:

> “*l-kelma ta’ Alla tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu*” (Lhud 4:12).

**Mistoqsija 2**—"X'inhu l-kliem li hu tradott bħala *spirtu* u *ruħ*?"

**Tweġiba:** Il-kliem tradott *spirtu* huwa *ruach* (kelma Lhudija fit-Testment il-Qadim), u *pneuma* (kelma Griega fit-Testment il-Ġdid). Dawn iż-żewġ kelmiet għandhom kważi tifsiriet identiċi. (Kelma Lhudija oħra li hija tradotta *spirtu* ftit drabi hija *neshameh*, li tfisser "tieħu n-nifs" jew "nifs").

Kliem tradott *ruħ* huwa *nephesh* (Lhudi), u *psuche* (Grieg). Dan il-kliem ukoll għandu sinjifikat.

Tħallix li dan il-kliem Grieg u Lhudi jħawdek. Kull fejn dawn jinstgħu jintużaw fil-bqija tal-mistoqsijiet, dawn ikunu spjegati.

**Mistoqsija 3**—"Xi tfisser il-kelma *spirtu* u għal xhix tirreferi?"

**Tweġiba:**

1. Il-kelma "spirtu" (fil-Grieg u fil-Lhudi) tfisser "riħ" jew "nifs." Eżempju ta' dan insibuh f'Ġenesi 8:1 fejn naqraw,

> "*U Alla ftakar f'Noè, u f'kull ħaġa ħajja, u l-bhejjem kollha li kienu miegħu fl-arka: u Alla għamel li jgħaddi* ***riħ*** *fuq l-art, u bdew jonqsu l-ilmijiet.*"

Fi Ġwanni 3:8 għandna l-istess kelma:

> "*Ir-**riħ** jonfoħ fejn irid*" (enfasi tiegħi).

2. Mbagħad xi minndaqqiet din turi rabja jew furja, kif hekk fl-espressjoni,

> "*...u b'nefaħa ta' mnifsejh*" (Ġob 4: 9).

Din hija wżata b'dan il-mod fit-Tieni Tessalonikin 2:8,

> "*...li l-Mulej Ġesù jeqirdu b'nifs fommu.*"

2. Imbagħad *spirtu* tirreferi għall-kwalitajiet mentali jew morali nġenerali, bħal f'Eżodu 28:3,

> "*...bl-ispirtu tal-għerf,*"

u f'Eżekjel 11:19,

> "*...spirtu ġdid....*"

3. Il-kelma "spirtu" hija applikata għal dehriet (fantażmi). Naqraw f'Luqa 24:37,

> "*Huma twerwru bil-biża', għax ħasbu li qegħdin jaraw xi* ***fantażma***" (enfasi tiegħi).

4. Il-kelma tapplika għall-prinċipju tal-ħajja, tapplika xorta waħda għal Alla, li Hu spirtu u dan narawh fi Ġwanni 4:24,

> "*Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u fil-verità.*"

Din tapplika wkoll għall-anġli li huma spirti biex jaqdu f'Lhud 1:14, u għall-prinċipju tal-ħajja tal-bniedem.

**Mistoqsija 4**—"Għandu l-Bniedem'Spirtu'?"

**Tweġiba:**

Bil-qawwa kollha l-bniedem għandu "spirtu." ħalli naraw xi Skritturi dwar dan:

1. Żakkarija 12:1,

   "*Il-Mulej isawwar* ***l-ispirtu*** *tal-bniedem ġi fih.*"

2. Numri 16:22,

   "*...O Alla, Alla ta'* ***l-ispirti*** *tal-ħajjin kollha.*"

3. Ġakbu 2:26,

   "*Għax bħalma ġisem bla* ***spirtu*** *hu mejjet...*"

4. Ġob 32:8,

   "*Iżda hemm* ***spirtu*** *fil-bnedmin: u l-ispirazzjoni ta' Min jista' kollox jagħtihom id-dehen.*"

5. Il-bniedem huwa kreatura li lilha l-ħajja ġiet mogħtija mill-Ispirtu ta' Alla. Il-ħajja tagħna hija biss riżultat tan-nifs (spirtu) ta' Alla fuqna. L-ispirtu u n-nifs tagħna huma n-nifs ta' Alla. Naqraw f'Ġob 34:14-15,

> "*Kieku hu (Alla) kellu jieħu lura għalih innifsu l-****ispirtu*** *tiegħu, u jiġbor għalih innifsu n-nifs tiegħu. Kull ħaġa ħajja tmut minnufih, u l-bniedem jarġa' lura lejn it-trab.*"

F'Isaija 2:22 naqraw,

> "*Jista'* ***l-ispirtu*** *tal-bniedem jeżisti barra mill-ġisem?*" (enfasi tiegħi fis-siltiet kollha ta' fuq).

Minn dawn l-Iskritturi naraw li wieħed m'għandux ikun ħafif biex jaċċetta tagħlim żbaljat tal-bnedmin!

**Mistoqsija 5**—"Jista' l-Ispirtu tal-Bniedem Jeżisti Barra mill-Ġisem?"

**Tweġiba:**

Iva, jista l-ispirtu jeżisti barra mill-ġisem. Ħalli naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan.

1. Lhud 12:23,

> "*...Imma intom ersaqtu...lejn **l-ispirti** (erwieħ) ta' nies tajba li kienu magħmula perfetti*" (enfasi tiegħi).

Ukoll l-appostlu Pawlu qatt ma ikkunsidra li hu kien perfett fuq l-art fejn jgħid,

> "*Miniex ngħid li jiena ġa ksibtu, jew li jien ġa perfett*" (Filippin 3:12).

Il-Kristjani ġew fi sħubija ma' l-ispirti tal-qaddisin li huma mejtin li huma mejtin għad-dinja, imma saru perfetti quddiem Alla.

2. 1 Pietru 3:19,

> "*Hu (Kristu) mar ixandar lil **l-erwieħ** (spirti) li kienu magħluqa fil-ħabs.*"

Dawn "l-ispirti fil-ħabs" kienu n-nies li kienu diżubbidjenti għall-Kelma ta' Alla fiż-żmien ta' Noè. (Ċertament li huma kienu *konxji wara l-mewt* inkella kif kien jista' jxandrilhom Kristu!)

3. Atti 7:59,

> "*Mulej Ġesù, ilqa' **r-ruħ** (spirtu) tiegħi.*"

Stiefnu kien qiegħed imut hekk kif hu qal dan il-kliem.

4. Ekkleżjażsti 12:7—Fil-mewt,

> "*Imbagħad jarġa' t-trab (il-ġisem tagħna) lejn l-art bħal ma kien; u l-**ispirtu** jarġa' lejn Alla, li tah*" (enfasi tiegħi).

Dan juri bl-aktar mod ċar li hemm xi ħaġa ġol-bniedem li dak li jħaffer il-qabar ma jistax jidfinha fih. Din hija r-ruħ jew l-ispirtu tal-bniedem li tah Alla.

5. Ħafna Skritturi oħra jmorru ma' dan it-tagħlim li l-persuna reali tista' teżisti barra mill-ġisem tagħha. Innota t-Tieni Pietru 1:13-14,

> "*...Li, sakemm jien f'dan **il-ġisem**, li dalwaqt ikolli nħalli dan **il-ġisem**.*"

Ukoll Pawlu qal,

> "*Għalhekk aħna naħdmu biex nogħġbu lilu, sew jekk nibqgħu **hawn,** sew jekk **noħorġu** minn dan il-**ġisem***" (2 Korintin 5:9; enfasi tiegħi).

(Sejrin naraw aktar fuq dan is-suġġett taħt mistoqsija numru 8).

**Mistoqsija 6**—"Xi Tfisser il-Kelma "*Ruħ*"?

**Tweġiba:**

Din il-kelma għandha ħafna tisfiriet u applikazzjonijiet kif diġa rajna aktar qabel. Din ma tistax tiġi mfissra b'mod tajjeb b'sempliċiment billi wieħed jagħti definizzjoni waħda (kif sfortunatament jagħmlu dawk li ma jemmnux lir-ruħ hija immortali biex iwasslu t-tagħlim falz tagħhom), sakemm ma tkunx mogħtija tifsira wiesgħa ħafna.

Il-kelma Lhudija *nephesh* (tradotta "ruħ") tinsab madwar 764 darba fit-Testment il-Qadim, u hija tradotta 35 mod differenti. Din hija tradotta "ruħ" 428 darba (fil-Verżjoni tar-Re Ġakbu), "ħajja" 119-il darba, "persuna" 30 darba, "innifsek" 19-il darba, "qalb" 15-il darba, 15-il darba, "moħħ" 15-il darba, "kreatura" 9 darbiet, "ġisem mejjet" 8 darbiet, u 27 mod ieħor mhux aktar minn ħames darbiet kull wieħed. F'post wieħed (Isaija 19:10 VRĠ) din hija saħansitra mfissra (u ċertament sewwa) bħala "ħuta."

Huwa żball komuni li tieħu tifsira ta' *nephesh* li din għandha f'xi riferenzi, u mbagħad targumenta li dik hija t-tifsira tagħha dejjem. Dan huwa żball li jsir minn xi reliġjużi biex jingannaw lis-segwaċi tagħhom dwar it-tagħlim falz tagħhom. Bħala eżempju, xi wħud jgħidu li *nephesh* sempliċiment tfisser "il-persuna nfisha." Kittieb wieħed li jargumenta għal din il-veduta jgħid li meta Alla ħalaq lill-bniedem, it-taqbila tal-ġisem u n-nifs tal-ħajja SARET ruħ ħajja. "Huwa biss kif dawn kienu miġjuba flimkien li aħna għandna eżistenza ħajja bin-nifs jew persuna. L-użu tal-Bibbja tal-kelma "ruħ" jagħmilha ċara li din, u din *biss* hija t-tifsira tagħha. Aħna naqblu li l-Bibbja tuża l-kelma *nephesh* (jew ruħ) biex tfisser "il-persuna nfisha." Imma *huwa sewwasew ħażin ukoll li tgħid li dik hija l-unika tifsira tagħha*.

Ukoll xi wħud jgħidu lir-ruħ hija l-ħajja ta' l-annimal li qiegħdha fid-demm. Huwa fatt li l-kelma *nephesh* (ruħ) għandha din it-tifsira f'ħafna riferenzi. Iżda din MHIJIEX l-unika tifsira tagħha. Huwa żball kbir li ħafna jagħmlu fejn jieħdu din bħala l-unika tifsira.

Xi interpreti (speċjalment dawk li jemmnu fl-irqad tar-ruħ u l-qirda totali) jirreferu għar-riferenzi (li hemm ftit wisq minnhom) fejn il-kelma *nephesh* (ruħ) tirreferi għall-ġisem mejjet, u mbagħad jippruvaw biex jimplikaw li dan huwa dak li tfisser il-kelma "ruħ" f'riferenzi oħra.

Fi sforz biex niddeċiedi darba għal dejjem għal xhiex il-kelma *nephesh* (jew ruħ) tirreferi fil-Bibbja, jiena mort fuq kull pass fl-Iskrittura fejn din tinsab, u l-103 darbiet ta' *psuche* (ruħ) fit-Testment il-Ġdid. Fil-biċċa l-kbira tal-każi aħna nistgħu ngħidu permezz tal-kuntest għal xhiex il-kelma tirreferi. Bħala eżempju jekk passaġġ Skritturali jitkellem dwar it-tqegħid ta' kliem fil-qalb tiegħek u *r-ruħ* tiegħek, aħna naturalment ninterpretaw il-kelma ruħ bħala li tfisser "moħħ" f'dik ir-riferenza, kif tabilħaqq din tagħmel f'xi riferenza.

It-tiftix tiegħi tal-passi kollha ta' *nephesh* u *psuche* wassalni għal din il-konlużjoni:

***Nephesh*** *(ruħ) tirreferi għal kull jew għall-manifestazzjonijiet kollha tal-ħajja, kemm umana jew ta' l-annimal, materjali, mentali, jew emozzjonali, kemm fil-ġisem u barra mill-ġisem.* (Dik hija definizzjoni wiesa ħafna, jekk int qatt qrajt waħda).

Jiena ma nippretendix li l-analiżi tiegħi hija infallibbli. Għax f'ħafna każi, il-kelma *nephesh* jista' jkollha aktar minn tifsira waħda f'riferenza waħda. Imma hawn għandna lista ta' xi wħud mill-applikazzjonijiet l-aktar ta' spiss tal-kelma *nephesh*, kif dawn jidhru għalija:

(1) Bejn wieħed u ieħor 215-il darba fit-Testment il-Qadim *nephesh* tirreferi għall-persuna jew il-

persuna nfisha. Ċertament persuna sħiħa hija manifestazzjoni tal-ħajja.

a. Dewteronomju 10:22—"Missirijietek niżlu l-Eġittu sebgħin *bniedem*; u issa l-Mulej għamlek numeruż daqs il-kwiekeb tas-sema."
b. Ġenesi 12:5—"U Abram ħa lil martu Saraj, u lil Lot bin ħuh, u ġidhom kollu li kellhom, u n-*nies* li kisbu f'Ħaram; u telqu biex imorru f'art Kangħan; u waslu f'art Kangħan."
c. Qabbel Atti 2:41—"Imbagħad dawk li laqgħu l-kelma tiegħu bil-ferħa kienu mgħammdin: u żdiedu magħhom dak in-nhar madwar tlitt elef *ruħ*."

(2) Bejn wieħed u ieħor 195 darba din tirreferi għall-ħajja ta' l-annimal li qiegħdha fid-demm, jew sewwasew għall-"ħajja."

a. Ġenesi 19:20—"Ara, issa, dil-belt hi fil-qrib biex naħrab fiha, u hi żgħira. Ħallini naħrab hemm, (mhix waħda żgħira?) u *ruħi* tibqa' ħajja."
b. Levitku 17:11—"Għax il-*ħajja* tal-laħam hi fid-demm: u jien tajtulkom fuq l-artal biex tagħmlu offerta ħa tgħattu dnubkom għalikom infuskom; għax hu d-demm, li hu l-*ħajja*, li jgħatti d-dnub."
c. Dewteronomju 12:23—"Biss kun żgur li ma tiekolx id-demm: għax id-demm hu l-*ħajja*; u int ma tistax tiekol il-*ħajja* mal-laħam."

L-annimali għandhom *nephesh* kif ukoll il-bnedmin.

d. Proverbji 12:10—"Il-ġust jaħseb għall-*ħajja* tal-bhejjem tiegħu: iżda qalb il-ħżiena kiefra."

e. Ġenesi 1:20, 23—"U Alla qal: Ħalli l-ilmijiet jiżegħdu bi ħlejjaq *ħajjin*, u tjur li jittajru fuq l-art fil-beraħ tal-firxa tas-sema. U lil kull bhima ta' l-art, u lil kull tajra tas-sema, u lil kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art, li fiha hemm il-*ħajja*, jien tajt il-ħaxix kollu b'ikel: u hekk kien."

Innota—Jekk in-*nephesh* hija *fid*-demm, manifestament din ma tistax dejjem tfisser "il-persuna nfisha."

(3) Bejn wieħed u ieħor 115-il darba din tirreferi għan-natura l-aktar fonda ta' ġewwa nett tal-bniedem.

a. Salm 103:1—"Bierek il-Mulej, o *ruħ* tiegħi."

b. Dewteronomju 11:13—"U jiġri, jekk tisimgħu tajjeb mill-kmandamenti tiegħi, li qiegħed nagħtikom illum, li tħobbu l-Mulej Alla tagħkom, u taqduh b'qalbkom kollha, u b'*ruħkom* kollha."

c. L-Għanja Ta' Salamun 1:7—"Għidli, o int li *ruħi* tħobb, fejn tirgħa l-merħla tiegħek, fejn isserraħkom f'nofs-in-nhar? Għaliex għandi nkun jien bħal waħda liebsa l-velu, ħdejn l-imrieħel ta' sħabek?"

(4) Bejn wieħed u ieħor 53 darba *nephesh* biċ-ċar tfisser emozzjonijiet jew dak li wieħed iħoss.

a. 1 Samwel 30:6—"U David kien imdejjaq

wisq; għax il-poplu qal li jħaġġru. Il-poplu kollu kellu *ruħu* kollha mrar, kull wieħed għas-subjien tiegħu u għall-bniet tiegħu: iżda David qawwa *qalbu* fil-Mulej, Alla tiegħu."

b. 1 Samwel 2:33—"U dak ir-raġel minn niesek, li ma naqtgħux mill-artal tiegħi, ikun biex jinfnew għajnejk, u tissewwed *qalbek*:" (hawn din hija murija bħala "qalbek.")

c. Żakkarija 11:8—"Imbagħad qridt ukoll it-tliet ragħajja f'xahar wieħed, għax *ruħi* tilfet il-paċenzja magħhom, u *ruħhom* ukoll iddejqet bija."

(5) Dwar 18-il darba din tfisser "moħħ" (u hija tradotta f'dak il-mod 15-il darba).

a. Dewteronomju 11:18—"Għalhekk daħħlu dawn il-kelmiet tiegħi f'*moħħkom*, u f'ruħkom..."

(6) Madwar 17-il darba din tfisser "aptit."

a. Proverbji 23:2—"U qiegħed sikkina f'gerżumtek, jekk int bniedem mogħti għall-*aptit*."

b. Dewteronomju 12:15—"Madankollu, tista' toqtol u tiekol laħam 'il ġewwa minn bwiebek kollha, minn kulma *ruħek* tixtieq, skond il-barka li l-Mulej, Alla tiegħek, ikun tak: l-imniġġes u s-safi jistgħu jieklu minnu, bħal ma jieklu mill-għażżiela u miċ-ċerv."

c. Mikea 7:1—"Jaħasra għalija! Għax jien sirt bħal wieħed li jlaqqat wara l-ġbir tal-frott fil-ħarifa, ir-rċipp wara ġbir il-għeneb: ma baqa' l-ebda għanqud wieħed x'jiekol; *ruħi*

tixxennaq għal xejn għall-bajtra bikrija mis-jura."

(7) 14-il darba jew aktar din tirreferi għan-natura ta' Alla, eżistenza, u dak li jħoss.
   a. Levitku 26:11—"U nqiegħed agħmarti fost-kom: u *ruħi* ma tistmellkomx."
   b. Salm 11:5—"Jifli l-Mulej lill-ġust: iżda tobgħod *ruħu* lill-ħażin, u lil dak li jħobb il-vjolenza."

(8) Din tfisser "kreatura" għal madwar 12-il darba.
   a. Ġenesi 1:21—"U Alla ħalaq il-mostri kbar tal-baħar, u kull *ħlieqa* ħajja li titkaxkar, li żiegħdu l-ilmijiet, skond ġenshom, u t-tjur kollha bil-ġwienaħ skond ġenshom: u Alla ra li dan kien tajjeb."

(9) Din tfisser "affezzjoni" bejn wieħed u ieħor 9 darbiet.
   a. Eżekjel 23:18—"U hekk kixfet iż-żena tagħ-ha, u l-għera tagħha: imbagħad *xbajt* minn-ha, bħal ma kont *xbajt* minn oħtha."
   b. Ġenesi 34:3—"U *ruħu* ntrabtet ma' Dina, bint Ġakobb, u *ħabbha* t-tifla, u kellimha bil-ħlewwa."

(10) Fit-tmien riferenzi hija mfissra "ġisem mejjet."
   a. Levitku 21:11—"U ma jidħol lejn l-ebda *ġisem mejjet*..."
   b. Numri 6:6—"Kemm idum magħżul għall-Mulej, ma jersaq lejn l-ebda *mejjet*."
   c. Levitku 9:6—"U kien hemm xi rġiel, li kienu mniġġsin minħabba *ġisem mejjet* ta' bniedem..."

d. Levitku 9:7—"...Jekk wieħed minnkom jew minn ta' warajkom, ikun imniġġes minħabba *wieħed mejjet*..."
e. Levitku 19:11, 13—"Min imiss *ġisem mejjet* ta' xi bniedem.... Min imiss xi *mejjet*, il-*ġisem* ta' xi bniedem..."
f. Ħaggaj 2:13—"...Jekk wieħed, li tniġġes minħabba *mejjet*..."

Il-fatt li ġisem mejjet jista' jkun imsejjaħ *nephesh*, jista' jidher li jmiss mal-fatt li ġisem mejjet isir tant qrib, tant identifikat fil-qrib mal-persuna, li l-ġisem innifsu jiġi biex ikun imkellem dwaru bħala l-persuna. Aħna għadna llum nitkellmu dwar li nidfnu n-nies meta huma jmutu, għalkemm ma nkunux qegħdin infissru li napplikaw li aħna nkunu dfinna l-ispirtu, il-moħħ, u dak li l-persuna tħoss, eċċ., mal-persuna.

(11) F'kuntrast għall-użu ta' *nephesh* biex tfisser ġisem mejjet, f'xi riferenzi din tirreferi għall-prinċipju tal-ħajja, jew spirtu, li jista' jitbiegħed mill-ġisem u jeżisti barra mill-ġisem. F'riferenzi bħal dawn il-kelma *ruħ* hija kważi sinonima ma' *spirtu*. Innota dawn ir-riferenzi li ġejjin:

a. Ġenesi 35:18—"U ġara, li hi u kienet ħierġa ruħha, (għax mietet)...."
b. 1 Slaten 17:21-22—"U mtedd tlett darbiet fuq it-tifel, u sejjaħ il-Mulej, u qal: O Mulej, Alla tiegħi, nitolbok, ħalli ruħ dat-tifel terġa' tidħol fih. U l-Mulej sama' leħen Elija; u ruħ it-tifel reġgħet ġiet fih u ħa l-ħajja"
   i. Jekk ir-ruħ ma tistax teżisti barra mill-

ġisem, kif din kienet tista' *tiġi lura fih* għal darb'oħra?

c. Proverbji 23:14—"Int issawtu bil-ħatar, iżda teħlislu 'l ruħu mis-saltna ta' l-imwiet."
   i. Il-frażi "saltna ta' l-imwiet" hawn tirreferi għal Sheol, id-dinja li ma tidhirx, il-post tal-mejtin.
   ii. Li tikkastiga iben ma jsalvaħx milli huwa jmut u jmur fid-dinja li ma tidhirx. Għalhekk dan il-vers għandu jirreferi għal xi post barra mill-qabar fejn ir-ruħ tista' tmur f'post ta' sigurtà, jekk huwa kien ikkastigat bħala żagħżugħ u muri biex jgħix fit-triq is-sewwa.

d. Salm 16:10—"Għax int ma tħallix ruħi fis-saltna ta' l-imwiet; u lanqas tħalli l-Qaddis tiegħek jara l-ħofra."

e. Isaija 38:17—"Ara, kien għall-ġid tiegħi stess li kelli ħafna mrar: iżda int, b'imħabba għal ruħi, ħlistha mill-ħofra tat-taħsir, għax tfajt ħtijieti kolha wara spallejk."

f. Dawn l-Iskritturi juru bl-aktar mod ċar lir-ruħ wara l-mewt ma tmurx fil-"ħofra tat-taħsir" fejn imur il-ġisem" imma tmur f'post ieħor fejn din tibqa' konxja.

(12) *Nephesh* tfisser "pjaċir" f'madwar 4 każi.

a. Salm 105:22—"Biex jgħallem lil prinċpjijiet tiegħu fil-pjaċir (għoġba) tiegħu..."

Hemm ftit tifsir ieħor tal-kelma *nephesh* fit-Testment il-Qadim, kull waħda wżata biss ftit drabi.

Studju tal-103 darbiet ta' *psuche* (ruħ) fit-Testment

il-Ġdid jindika li din għandha sinjifikat prattikament identiku ma' *nephesh* fit-Testment il-Qadim. *Psuche* hija tradotta bħala "ruħ" 58 darba, "ħajja" 40 darba, "moħħ" 3 darbiet, "qalb" darba, u "tal-qalb" darba.

Barra mir-riferenzi fit-Testment il-Qadim li juru lir-*ruħ* tista' tgħix wara l-mewt u li ma tinħtieġ ġisem biex ikollha l-identità, dawn ir-riferenzi tat-Testment il-Ġdid jikkonfermaw l-istess ħaġa:

(1) Mattew 10:28—"U tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem bla ma jistgħu joqtlu *r-ruħ*."
   a. Dan il-vers ma jistax li jkollu tifsira jekk *ir-ruħ tieqaf milli teżisti fil-mewt fiżika!*

(2) Luqa 12:20—"...Dan il-lejl stess *ruħek* tintalab minn għandek."

(3) Rivelazzjoni 6:9—"U meta fetaħ il-ħames siġill, jien rajt taħt l-artal *l-erwieħ* ta' dawk li kienu maqtulin minħabba l-kelma ta' Alla, u minħabba x-xhieda li taw." (Ara wkoll Rivelazzjoni 20:4.)
   a. F'dawn il-versi Ġwanni jgħid dwar li jara *l-erwieħ* ta' dawk *li kienu ġew maqtulin*.

(4) Rivelazzjoni 18:13—"...u erwieħ tal-bnedmin."
   a. Biċ-ċar il-kelma *ruħ* f'dan il-vers ma tfissirx "persuni," għaliex din hija f'kuntrast ma' lsiera, li huma eżistenza ħajja lesti għall-bejgħ.

(5) Ara wkoll Atti 2:27, 31, fejn ir-*ruħ* ta' Kristu jintqal li ma tħallietx fl-imwiet (Hades). Ir-*ruħ* Tiegħu hawn hija sinonima ma' l-*ispirtu* Tiegħu, li Hu reħa f'idejn Alla meta miet (Luqa 23:46).

(6) 1 Pietru 4:19—"Hekk mela dawk li jsofru skond ir-rieda ta' Alla, ħa jerħi ruħhom f'idejn il-Ħallieq fidil, billi jagħmlu t-tajjeb."

F'ġabra tat-tifsir tal-kelma "ruħ," ħalli aħna nerġgħu nirrepetu mill-ġdid. Il-kelma *ruħ* tirreferi għal kull jew xi manifestazzjoni ħajja, kemm umana u ta' l-annimal, materjali, mentali, jew emozzjonali, kemm fil-ġisem u barra mill-ġisem. Din hija kelma mdaħħla ħafna ma' ħwejjeġ oħra. Ikun żball kbir (kif fil-fatt jagħmlu ħafna biex jgħallmu t-tagħlim żbaljat tagħhom lir-ruħ mhix immortali) li tħallat dawn it-tifsiriet flimkien u ma tħallix il-kuntest jinterpreta t-tifsira t-tajba tal-kelma.

**Mistoqsija 7**—X'inhi r-Relazzjoni tar-Ruħ għall-Ispirtu?

**Tweġiba:**

(1) Xi drabi ż-żewġ kelmiet ifissru prattikament l-istess ħaġa. L-*Ispirtu* jista' jkun imsejjaħ ruħ għaliex ir-ruħ hija l-manifestazzjoni tal-ħajja ipprovduta permezz ta' l-ispirtu. Hekk din hija wżata fil-versi li ġejjin:

a. Atti 2:27—"Għax int ma tħallix fl-imwiet lil *ruħi*."

b. Rivelazzjoni 6:9—"—"U meta fetaħ il-ħames siġill, jien rajt taħt l-artal *l-erwieħ* ta' dawk li kienu maqtulin minħabba l-kelma ta' Alla, u minħabba x-xhieda li taw."

c. Rivelazzjoni 20:4—"U rajt tronijiet, u dawk li qagħdu fuqhom, u lilhom intagħta l-ħaqq: u rajt l-*erwieħ* ta' dawk li kellhom rashom

maqtugħa minħabba x-xhieda ta' Ġesù, u minħabba l-kelma ta' Alla, u li ma qimux lill-bhima..."

i. Hawn tajjeb li wieħed jinnota li Ġwanni ra *l-erwieħ* u mhux il-persuni fiżiċi kif jippruvaw jgħallmu l-premillenjalisti ħalli jwasslu t-tagħlim żbaljat tagħhom ta' saltna fuq l-art ta' elf sena letterali!
ii. Huma dawk *l-erwieħ* li għexu u saltnu ma' Kristu u mhux nies fil-ġisem fiżiku.
iii. Dak it-tagħlim huwa mibni fuq traduzzjoni żbaljata ta' dak il-vers li tinsab f'ċerti verżjonijiet tal-Bibbja fejn hemm miżjud f'vers 4 ta' Kapitlu 20 il-kliem, "u lil dawk" li ma kinux xteħtu jagħtu qima..." "U lil dawk" mhix fl-oriġinal. B'dak il-kliem miżjud ikun muri li hemm *żewġ* gruppi u mhux wieħed, jiġifieri, "l-erwieħ" u dawk li "ma kinux xteħtu jagħtu qima, eċċ." fejn dan qiegħed juri *biss lill-erwieħ*, dawk li kellhom rashom maqtugħa!
iv. Imma, sfortunatament, xi wħud, mhumiex lesti li jwarrbu dak it-tagħlim falz u xorta jibqgħu jsostnu dak it-tagħlim żbaljat ukoll għalkemm huma jaraw dak l-iżball!

d. 1 Slaten 17:21-22—"U mtedd tlett darbiet fuq it-tifel, u sejjaħ il-Mulej, u qal: O Mulej, Alla tiegħi, nitolbok, ħalli *ruħ* dat-tifel tarġa' tidħol fih. U l-Mulej sama' leħen Elija; u *ruħ* it-tifel reġgħet ġiet fih, u ħa l-ħajja."

e. Luqa 12:20—"Dan il-lejl stess *ruħek* tintalab minn għandek..."

   j. Don Welt sewwa jgħid, "Ir-*ruħ*, jew *ħajja* fid-demm tal-bniedem qatt ma hija msejħa *spirtu*. Imma l-*ispirtu* inviżibbli etern huwa xi minn daqqiet imsejjaħ *ruħ* jew *ħajja* (Minn YOU AND ME AND GOD).

(2) Il-bniedem MHUWIEX spirtu (kif inhu Alla), imma hu *għandu* spirtu. Il-bniedem HU u GĦANDU ruħ, li tista' ċċedi, kif Elija qal fl-Ewwel slaten 19:4—"Mulej, ħudli ħajti (*nephesh*)".

(3) Meta l-kelma *ruħ* tirreferi għall-kreaturi annimali, jew għall-ħajja li hija fid-demm, din għandha ftit jew ebda relazzjoni għall-*ispirtu*.

(4) Ir-ruħ, jew ħajja manifestat, hija r-riżultat tal-għotja tan-nifs ta' l-ispirtu divin. Ir-ruħ hija l-ġabra tal-manifestazzjonijiet kollha tal-ħajja li toħroġ mill-ispirtu. Din hija l-identità personali tagħna, u tkun ippriservata fil-miġja tal-Mulej Ġesù Kristu.

**Mistoqsija 8**—"Hija r-Ruħ Immortali?"

**Tweġiba:**

Kif int tista' tifhem b'dak li ntqal f'dan l-istudju, jekk b'*ruħ* aħna nirreferu għall-ħajja ta' annimal jew xi ħaġa bħalha, naturalment ir-ruħ mhijiex immortali u tista' tmut. Il-kelma *ruħ* spiss tfisser "il-persuna nfisha," (Atti 2:41) u meta wżata b'din it-tifsira, kull wieħed jammetti lir-*ruħ* tmut.

Iżda, f'dawk ir-riferenzi fejn il-kelma *ruħ* hija prattikament sinonima ma' *spirtu*, aħna nistenneww li

nsibu lir-ruħ tkompli eżistenza konxja wara l-mewt fiżika, u aħna nsibu sewwasew dan. Dwar sejrin naraw aktar ’il quddiem.

Għalkemm it-terminu "ruħ immortali" l-Iskrittura ma tużahx, jiena qiegħed nużah fis-sens lir-ruħ ma tmut qatt u fl-ebda sens ieħor. Jiena nużaħ fis-sens li Ġesù wżaħ meta qal li Alla qal:

> "*Jien hu Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb? ALLA MHUX ALLA TAL-MEJTIN, IŻDA TAL-ĦAJJIN* " (Mattew 22:32; enfasi tiegħi

Għalkemm Abraham kien ilu mejjet 329 sena u Iżakk kien ilu mejjet 224 sena, u Ġakobb kien ilu mejjet 198 sena meta ntqal dak il-kliem minn Alla, Ġesù afferma li Alla Hu Alla *tal-ħajjin u mhux tal-mejtin*. Ċertament li Abraham, Iżakk, u Ġakobb, li għalkemm kienu mejtin fiżikament u l-ġisem tagħhom kien fil-qabar u sar trab, *huma kienu jinsabu ħajjin f'erwieħ immortali*. Ċertament li Ġesù ma żbaljax meta qal dak il-kliem!

Madakollu, dan ma jneħħix it-tama prezzjuża ta' l-iben (jew il-bint) ta' Alla li meta huwa jkun barra mill-ġisem, hu jkun jgħammar mal-Mulej (2 Korintin 5:8-9). Dan ma jistax jirreferi għall-eżistenza tagħna wara l-qawmien, għaliex aħna għandu jkollna ġisem f'dak il-waqt (1 Korintin 15:44). Fil-mewt l-ispirtu tagħna jħalli l-ġisem. Imbagħad waqt li aħna nkunu "nieqsa (barra) mill-ġisem," aħna nkunu nistgħu li nkunu preżenti mal-Mulej (Jekk aħna nkunu salvi billi naċċettaw lil Kristu).

Ħsieb simili huwa mogħti f'Filippin 1:23, fejn l-appostlu Pawlu wera lilu nnifsu bħala li qiegħed marsus bejn żewġ naħat, jixtieq kemm li jibqa' fuq l-art biex b'hekk jgħin lill-Filippin jiżviluppaw il-fidi tagħhom, u "xewqa li nitlaq, *u li nkun ma' Kristu*, li hu wisq aħjar." Jekk ma hemmx eżistenza konxja wara l-mewt fiżika sal-qawmien, dan il-vers ma jagħmilx sens. Jekk dak kien il-każ, Pawlu sewwasew kien paċenzjuż, għaliex ħadd ma jara lil Kristu qabel il-qawmien, u aħna narawh ilkoll fl-istess waqt.

Aħna nippreferu li nżommu t-twemmin li żamm Stiefnu. Meta Stiefnu kien qiegħed jiġi mħaġġar għall-mewt (Atti 7:55-59), huwa ra s-sema tinfetaħ, u Ġesù wieqaf fil-leminija ta' Alla. Stiefnu talab,

> "*Mulej Ġesù, ilqa' l-ispirtu tiegħi*"

Stiefnu ttama li jmur fejn kien Ġesù, u hekk jien ukoll nittama.

It-tagħlim Skritturali li aħna nistgħu nitbiegħdu u nkunu mal-Mulej huwa wieħed mill-aqwa konfort ta' l-Evanġelju għall-Kristjan. Aħna nifirħu bil-qalb li nkunu nafu li qegħdin biss tnejn jew tliet taħbitiet tal-qalb 'il bogħod mill-Mulej.

Barra minn din it-tama tal-ħajja futura, hemm it-tama dejjem preżenti li l-Mulej Ġesù jista' jiġi f'dan il-jum, ukoll qabel ma aħna mmutu.

Dawn iż-żewġ tamiet huma l-aktar prezzjużi għal dawk li aċċettaw lill-Mulej Ġesù Kristu,

> "*li miet għalina, biex, imqajmin jew reqdin nigħxu flimkien Miegħu*" (1 Tessalonikin 5:10).

## META L-BNIEDEM JIRĊIEVI R-RUĦ TIEGĦU (Parti 20)

Xi wħud jemmnu li l-bniedem għandu ruħ immortali, imma li hu jkun disa' xhur mingħajrha. Huma jgħidu li hemm "nofs tużżana versi li jindikaw li l-bniedem jirċievi ruħ meta hu jieħu n-nifs fit-twelid." Madankollu, is-sitt kwotazzjonijiet (Ġenesi 2:7; 1 Slaten 17:21-22; Ġob 27:3; 33:4; Salm 104:29-30; Isaija 42:5) ma jsemmu xejn li l-bniedem jirċievi fit-twelid.

Dwar l-ewwel mis-sitt kwotazzjonijiet, Ġenesi 2:7 ma jsemmi xejn li Adam irċieva. Hu tassew li Adam, fil-jum li hu sar ħaj, irċieva ruħ li ma tmut qatt (Mattew 10:28; 16:26; Ġenesi 1:26-27), imma dak il-fatt importanti mhuwiex f'Ġenesi 2:7. Ġenesi 2:7 ma jgħidx dwar li Adam irċieva ruħ, imma dwar li hu *sar* ruħ, persuna. Qabbel il-kelma "ruħ" fil-kwotazzjoni,

> "*Ħalli kull ruħ tobdi lil l-awtorità aktar għolja*" (Rumani 13:1),

jiġifieri, kull persuna. Fi kliem ieħor, il-kelma Lhudija għal ruħ (*nephesh,* u fil-Griega, *psuche*) kif rajna aktar qabel, għandha aktar minn tifsira waħda. Elementalment din tfisser "nifs" (Ġob 41:21), li hija t-tifsira tagħha f'Ġenesi 2:7: "...u l-bniedem sar ruħ ħajja," jiġifieri, wieħed ħaj li jieħu n-nifs, eżistenza bijoloġika ħajja. Versi oħra (Mikea 6:7; 1 Pietru 1:9; Rivelazzjoni 6:9) juru li hu kien aktar minn mortali, imma l-immortalità tiegħu (tal-bniedem) hija barra mill-iskop ta' Ġenesi 2:7.

Skond Pawlu, hekk kif ikkwota Ġenesi 2:7, il-ġisem

fiżiku naturali biss tal-bniedem jinsab f'Ġenesi 2:7:

> "*Jekk hemm ġisem naturali hemm ukoll ġisem spiritwali. Hekk ukoll hemm mitkub, L-ewwel bniedem Adam sar ruħ ħajja. L-aħħar Adam sar spirtu li jagħti l-ħajja*" (1 Korintin 15:44-45).

B'hekk Pawlu kkwota Ġenesi 2:7 bħala li jeskludi n-natura spiritwali jew immortali tal-bniedem, u jinkludi biss "il-ġisem naturali" tal-bniedem. Għalhekk, li tuża Ġenesi 2:7 bħala prova li l-bniedem jirċievi r-ruħ li ma tmut qatt tiegħu biss meta n-nifs jibda fit-twelid huwa li tmur kontra l-interpretazzjoni ta' Pawlu ta' Ġenesi 2:7.

Dwar it-tieni minn nofs tużżana versi, 1 Slaten 17:21-22 jiddeskrivu tifel miġjub lura għall-ħajja, mhux li "l-bniedem jirċievi ruħ meta hu jibda jieħu n-nifs fit-twelid." Ukoll, billi t-tifel ta' 1 Slaten 17 kien mejjet mingħajr ir-ruħ tiegħu, allura jekk ir-ruħ tiegħu ġiet oriġinarjament fit-twelid, wieħed ikollu jgħid li hu kien mejjet matul id-disa' xhur qabel it-twelid. It-tielet riferenza, Ġob 27:3, turi li Ġob għex sakemm in-nifs kien f'imnifsejh, mhux li "l-bniedem jirċievi ruħ meta hu jieħu n-nifs fit-twelid." Ir-raba' kwotazzjoni, Ġob 33:4, turi li Eliħu kien jaf li hu ma kienx jista' jgħix mingħajr nifs, mhux li "l-bniedem jirċievi ruħ meta hu jieħu n-nifs fit-twelid." Il-ħames test, Salm 104:29-30, juri li mingħajr nifs il-ħajja tal-baħar tispiċċa u dak bin-nifs jgħix, mhux li "l-bniedem jirċievi ruħ meta hu jieħu n-nifs fit-twelid. L-aħħar riferenza, Isaija 42:5, turi li l-bnedmin huma obligati lejn Alla għan-nifs tagħhom, mhux li "l-bniedem jirċievi ruħ meta hu jieħu n-nifs fit-

twelid." Attwalment, l-aħħar ħamsa minn nofs tużżana testi (Skritturi) m'għandhomx fihom il-kelma "ruħ," u l-użu wieħed f'Ġenesi 2:7 m'għandu ebda riferenza għal xi ħaġa li Adam irċieva.

Meta tarbija tirċievi r-ruħ tagħha li ma tmut qatt (Ġenesi 35:18; Salm 103:1), l-ispirtu tagħha li ma jmutx (Ekkleżjażti 12:7; Lhud 12:9)? Billi l-ġisem ta' tarbija huwa ħaj disa' xhur qabel ma jitwieled, u billi "l-ġisem mingħajr spirtu hu mejjet" (Ġakbu 2:26), allura jiġi li "l-Mulej jifforma l-ispirtu fil-bniedem" (Żakkarija 12:1) fil-jum li hu jibda biex jgħix, disa' xhur qabel it-twelid.

## META L-ĦAJJA TIBDA?

"Billi l-ġisem ta' tarbija huwa ħaj disa' xhur qabel ma jkun imwieled u billi l-ġisem mingħajr spirtu hu mejjet (Ġakbu 2:26), allura jiġi li "l-Mulej jifforma l-ispirtu fil-bniedem" (Żakkarija 12:1) fil-jum li hu jibda biex jgħix, disa' xhur qabel it-twelid.

Xi ħadd jista' jgħid li Ġakbu ma kienx qiegħed jiddiskuti l-ħin li tarbija tirċievi l-ispirtu tagħha. Dan hu minnu, imma billi huwa definit li l-ġisem ta' tarbija hu ħaj fil-ġuf, u billi Ġakbu hu definit li ġisem mhuwiex ħaj mingħajr l-spirtu tiegħu, hemm inferenza qawwija li l-ispirtu ta' tarbija huwa preżenti matul id-disa' xhur.

Iżda, aktar qawwi minn inferenza huwa l-kliem ta' Salamun:

> "*Bħalma ma tafx x'inhi t-triq ta' l-ispirtu fil-għadam fil-ġuf ta' mara tqila, hekk ukoll int ma tafx l-għemil ta' Alla li għamel kollox*" (Ekkleżjażsti 11:5).

Wara li wieħed jaqra din il-kwotazzjoni jkun diffiċli li

jikkonkludi li l-ispirtu ta' tarbija jasal biss wara t-twelid. Ix-Xhieda ta' Ġeħova, li ma jemmnux li l-bnie-dem għandu ruħ jew qabel u jew wara t-twelid, jissopp-renduna bit-traduzzjoni tagħhom ta' l-istqarrija ta' Sala-mun: (Se nikkwotaha bl-Ingliż kif inhi fin-NWT).

> "Just as you are not her that is pre-gnant, in like manner you do not know the work of the [true] God, who does all things."
>
> "*Sewwasew billi int m'intix hi li hija tqila, fl-istess mod int ma tafx l-għemil tal-[veru] Alla, li jagħmel il-ħwejjeġ kollha.*"

It-tagħlim li tarbija hija mingħajr spirtu għal disa' xhur huwa diżunur għad-dinjità umana. Il-bniedem hu magħmul fix-xbieha ta' Alla (Ġenesi 1:26), fatt iddis-prezzat meta jintqal li għal disa' xhur il-bniedem huwa sempliċiment "ċappa laħam." Il-Mulej fisser li l-bned-min ikunu irrispettati:

> "*Kull min ixerred demm il-bniedem, mill-bnedmin demmu jixxerred: għax bi xbihat Alla, Alla għamel il-bnie-dem*" (Ġenesi 9:6).

Aktar minn tumur fil-ġisem ta' Eliżabbetta kienet it-tarbija li "qabżet fil-ġuf tagħha bil-ferħ." (Luqa 1:44).

# L-ISTAT TAL-MEJTIN
## (Parti 21)
### I. L-Art tal-Ħajjin

L-"art tal-ħajjin" apparentament tiddeskrivi t-tul tal-ħajja fiżika fuq din il-pjaneta (Isaija 53:8). Il-bniedem hu kompost minn ġisem fiżiku, il-bnieem ta' barra, li jmut (Ġakbu 2:26; 2 Korintin 4:16), u minn spirtu, il-bniedem ta' ġewwa, li ma jmut qatt (Ġwanni 11:25-26; Mattew 22:32). Għalkemm xi kultant il-kelma "ruħ" tirreferi għall-ispirtu li ma jmutx tal-bniedem (Mattew 10:28), madankollu l-kelma ruħ tirreferi wkoll għall-ħajja ta' l-annimal (Ġenesi 1:20, 30; Proverbji 12:10) u għall-ħajja umana (Ġenesi 44:30; Mattew 6:25) li tista' tmut (Numri 23:10; Eżekjel 18:20; 1 Pietru 3:20). Eċċe-zzjonjiet għal iġsma tan-nies imorru fil-post tal-mejtin (Hades, il-qabar) huma Ħenok, Elija, u dawk li jkunu ħajjin meta Ġesù jerġa' jiġi. Għalkemm Ġesù ħalla d-dinja, madankollu għadu f'sens tassew Hu qrib in-nies Tiegħu (Mattew 18:20; Filippin 4:5; Kolossin 1:27).

### II. Ġenna (Paradise)

Il-kelma Ngliża "Paradise" li fil-Grieg hija *paradei-sos* hija kelma Persjana mislufa għal art tal-kaċċa, riser-va, ġnien, misraħ, jew post ta' divertiment. Hija l-kelma wżata fit-Testment il-Qadim Grieg biex tiddeskrivi l-Ġnien ta' Għeden (Ġenesi 2:8). L-ispirti ta' Ġesù u tal-ħalliel penitenti marru f'dan il-post fil-jum li huma mie-tu (Luqa 23:43). Fil-Malti aħna nużaw il-kelma ġenna imma din ma tfissirx is-Smewwiet fejn Alla jinsab fuq it-tron Tiegħu. Din hija l-istess bħat-Tielet Sema (2 Korintin 12:1-4), u l-istess bħal "ħdan Abraham (Luqa

16:22). Inferenzjalment f'dan il-post, Ġenna (Paradise) qegħdin Abraham, Iżakk, Ġakobb, Ħenok, Elija, u l-ispirti tan-nies ġusti kollha li issa huma magħmula perfetti (Lhud 12:23; Mattew 22:32). Dawk f'dak il-post qegħdin f'ċertu sens ma' Kristu (Filippin 1:21-24), imma mhux fis-sens tat-tlitt ijiem Tiegħu hemm. Huma wkoll f'ċertu sens qegħdin ma' Alla (Ekkleżjażsti 12:7), imma mhux kif huma se jkunu meta fis-smewwiet huma jaraw Wiċċu (Rivelazzjoni 22:4). Dawk fil-Ġenna (Paradise) huma perfetti (Lhud 12:23) f'li dnubiethom huma kollha maħfura (Lhud 7:19), imma mhux perfetti f'li huma għadhom ma marrux fis-Smewwiet (Lhud 11: 40).

## III. Hades (Post l-Imwiet)

Id-dizzjunarju Lhudi ta' Davidson jiddefinixxi *Post l-Imwiet* (Grieg, Hades) bħala li tfisser (1) kavità jew qabar u (2) bħala fejn jgħammru l-ispirti li telqu. Billi l-ġisem ta' Ġesù jinsab inkonsiderazzjoni f'Atti 2:26, u billi l-Wieħed Qaddis huwa meqjus mal-ġisem (Atti 2: 31, 2:27), u billi l-kelma "ruħ" xi kultant tfisser persuna (Numri 23:10; 1 Pietru 3:20), u billi l-kelma "ruħ" hija meqjusa ma' persuna f'Atti 2:27 [2:31], 41, 43, u billi ruħ tista' tfisser katavru (Numri 6:6), u billi Hades huwa post fejn Ġesù ma riedx li jitħalla (Atti 2:27), u billi Ġenna [Paradise], (fejn l-ispirtu ta' Ġesù mar) huwa post pjaċevoli, u billi Hades spiss ifisser il-qabar (Ekkleżjażti 9:10), u billi l-korruzzjoni hija mqiegħedha f'parallel ma' Hades f'Atti 2:27, u billi Hades dejjem huwa post li minnu wieħed ikun irid li jinħels (Salm 30: 3; 49:15; Isaija 38:18), u billi Hades għandu jkun mixħut fl-għadira tan-nar (Rivelazzjoni 20:14), l-inferenza

hija lit-tieni mid-definizzjonijiet ta' Davidson għandha tkun restritta għall-post fejn jgħammru l-ispirti ħżiena.

Ħafna huma l-kwotazzjonijiet li juru għal-lewwel mid-definizzjonijiet ta' Davidson: qabar jew kavità. Dawn jinkludu lil Ġakobb jinżel jibki fil-qabar tiegħu (Ġenesi 37:35), Koraħ u r-ribelli sħabu jaqgħu f'ħofra (Numri 16:30), u Ġona jkun fl-istonku ta' ħuta (Ġona 2:2, 6). Hades huwa assoċjat mal-mewt (Salm 6:45; 116:3; Hosegħa 13:14; Isaija 5:14; Ġob 17:13-16), mal-korruzzjoni (Salm16:10), mal-ħofra (Salm 30:3), ma' Abaddon (qirda) (Ġob 26:6; Proverbji 15:11), ma' Ref-ajin (dellijiet, erwieħ) (Isaija 14:9), mad-dud (Isaija 14: 11), mat-trab (Ġob 17:16), u ma' l-Abbiss (Rumani 10: 7). Hades fiżiku (saltna ta' l-imwiet; art l-imwiet) huwa kiefer (Għanja ta' Salamun 8:6), u fih ma hemmx kon-xjożità (Ekkleżjażsti 9:5, 6, 10). Fih ma hemmx tifħir ta' Alla (Salm 6:5). It-tnejn, nies tajba (Salm 16:10; Ġenesi 37:35) u nies ħżiena (Salm 31:17; 49:14; Ġob 24:19) u annimali (Ekkleżjażti 3:19-20) jmorru hemm. Ħelsien minnu huwa barka (Salm 30:3; 49:15; Hosegħa 13:14). Minnu l-bnedmin kollha joħorġu (Salm 49:15; Isaija 26:19; Hosegħa 13:14; Ġwanni 5:28-29).

Fejn insibu bosta riferenzi li juru għal Hades fiżiku (qabar jew kavità), riferenza waħda biss turi għal Hades spiritwali (Luqa 16:23), il-post fejn jgħammru fih wara l-mewt l-ispirti ta' nies ħżiena. Aktarx il-Hades spirit-wali huwa l-istess bħal Tartarus (2 Pietru 2:4), il-post fejn jgħammru l-anġli ħżiena. U aktarx Hades spiritwali huwa l-istess bħall-Abbis spiritwali (Rivelazzjoni 9:1), li tiegħu s-sultan huwa l-anġlu ta' Abaddon (Rivel-azzjoni 9:11), u l-post fejn jgħammru l-ispirti l-ħżiena

(Luqa 8:31), tax-xitan (Rivelazzjoni 20:3), u tal-bhima (Rivelazzjoni 11:7; 17:8). Ġesù u l-anġlu Tiegħu għandhom il-miftieħ ta' l-Abbiss spiritwali (Rivelazzjoni 20: 1).

Xi kultant huwa mifhum minn xi wħud li l-erwieħ li jitilquna jmorru direttament fis-Smewwiet. Dan jidher għalija li huwa direttament irrifjutat minn Ġesù, meta Hu qal,

> "*Ħadd ma tela' fis-sema ħlief dak li niżel mis-sema*" (Ġwanni 3:13).

Ma jgħallimx illum it-Testment il-Ġdid l-istess kif għallem meta dan kien miktub? Jekk huwa jagħmel dan, allura aħna għandna nikkonkludu li l-erwieħ li ħallew din id-dinja għad mhumiex fis-Smewwiet.

Fil-mewt l-ispirtu jħalli l-ġisem u jieħu eżistenza konxja separata—imma fejn? Wieħed forsi jistaqsi. Ir-ruħ la hija rieqda mal-ġisem fil-qabar, u lanqas ma hija tittajjar qrib il-qabar; lanqas ma tkun daħlet f'xi ġisem ieħor, kif xi reliġjużi jaħsbu. Kull idea ta' trans-migrazzjoni jew ri-inkarnazzjoni ta' l-erwieħ hija għal kollox stramba mat-tagħlim tal-Bibbja. Il-Bibbja tgħid l-ispirtu fil-mewt imur lura għand Alla li tah (Ekkle-żjażsti 12:7).

Fejn, mela, l-erwieħ imorru fil-mewt biex jistennew il-qawwmien? Imorru fid-destinazzjoni ta' l-aħħar, fis-Smewwiet jew fl-Infern, li fihom imorru wara l-ġudiz-zju; jew f'post ta' bejniet, post intermedjarju? Huma ħafna t-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet, imma aħna għandna nħallu l-Bibbja twieġeb. Fil-jum tal-ġudizzju finali, meta Kristu jerġa' jiġi, Ġesù jgħid lill-mifdija:

> "*Ejjew, intom imberkin ta' Missieri, irtu s-saltna ppreparata għalikom sa mill-bidu tad-dinja.*"

Lill-ħżiena l-Mulej jgħidilhom:

> "*Morru minn quddiemi, intom misħutin, fin-nar li ma jispiċċa qatt...U dawn imorru fil-kastig ta' dejjem: imma l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem*" (Mattew 25: 31-46).

F'dak il-jum id-dixxipli ta' Ġesù jirċievu l-kuruna tal-ġustizzja. Fit-tieni Timotju 4:8 naqraw,

> "*Mill-bqija hemm merfugħa għalija kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-jum iħallasni l-Mulej l-Imħallef ġust...*"

L-appostlu Pietru wkoll jgħidilna,

> "*Imbagħad, meta jidher ir-Ragħaj il-Kbir, tiksbu l-kuruna tal-glorja minsuġa minn ward li ma jidbielx*" (1 Pietru 5:4).

Il-Mulej tagħna wkoll jgħid hekk dwar dan,

> "*U hieni int, għaqx dawn ma għandhomx minn fejn iroddulek pjaċir bi pjaċir, imma jrodduhulek Alla meta l-ġusti jqumu għall-ħajja!*" (Luqa 14:14).

Il-post ippreparat mill-Mulej fejn l-ispirti kollha mingħajr ġisem jgħammru bejn il-mewt u l-qawmien huwa post intermedjarju msejjaħ "Post l-Imwiet" jew Hades. Għalkemm xi wħud ma jemmnux dwar ir-ruħ immortali, l-Iskrittura tagħtina ħjiel dwar dan.

Żewġ passaġġi fl-Iskrittura tat-Testment il-Ġdid jgħidu dan il-fatt:

(1) Luqa 16:23—*L-ispirti* tar-raġel għani u ta' Lażżru, it-tnejn kienu f'Post l-Imwiet wara l-mewt. Dwar ir-raġel għani Ġesù qal,

> "*U f'post l-imwiet huwa refa' għajnejh.*"

(2) Atti 2:27, 31—L-ispirtu ta' Ġesù mar f'post l-imwiet meta Hu miet. Pietru, f'Pentekoste, waqt li kien qiegħed jirreferi għall-profezija ta' Danjel, qal,

> "*Għax inti ma titlaqx fl-imwiet lil ruħi, u ma tħalliex il-Qaddis tiegħek jara t-taħsir...la kien mitluq fl-imwiet u lanqas ġismu ma ra t-taħsir.*"

Meta bniedem imut, l-ispirtu jmur f'Post l-Imwiet, u l-ġisem imur fil-qabar. Post l-Imwiet huwa maqsum f'żewġ kompartamenti, il-post fejn fih jgħammru l-ġusti, (Il-Ġenna, Paradise) u Tartarus, il-post fejn fih jgħammru l-ħżiena. Fil-qawmien l-erwieħ tal-ġusti jħallu dan il-post, (Paradise) u l-erwieħ ħżiena jħallu Tartarus. Imbagħad, wara l-ġudizzju t-tajbin jgħammru fis-Smewwiet ma' Alla u l-ħżiena jkunu jeżistu fl-Infern għal dejjem. Dwar l-Infern ukoll illum qegħdin nisimgħu tagħlim falz li dan il-post ma jeżistix imma l-Mulej tagħna qal bl-aktar mod ċar, meta tkellem dwar il-ħżiena, fejn naqraw f'Mattew 25:41, 46:

> "*Morru minn quddiemi, intom misħutin, **fin-nar li ma jispiċċa qatt**...U dawn imorru **fil-kastig ta' dejjem**: imma l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem.*"

Dwar dan serjin naraw aktar lura (Ara minn paġna 129).

Il-kelma oriġinali għall-Post l-Imwiet (Imkien il-Mejtin) hija tradotta fi kliem differenti fit-traduzzjoni tal-Bibbja ta' Saydon f'Luqa 16:23 u dik tat-Trinitarian Bible Society. F'dawn il-verżjonijiet insibu l-kelma "Infern." Iżda wieħed għandu jinnota, li erba' kelmiet differenti huma kollha tradotti "infern." Post l-Imwiet, Gehenna, Tartarus, u Sheol. Biex wieħed ikollu għarfien aħjar, huwa jeħtieġ li jkun jaf kif kull waħda minn dan il-kliem tal-Bibbja hija wżata.

*Post l-Imwiet*. Dan ifisser il-post li l-ispirti kollha jmorru fih, hu x'inhu l-karattru morali tagħhom. Dan il-post primarjament ifisser id-dinja li ma tidhirx, li tilqa' fiha lil kulħadd. Il-post ta' l-erwieħ li telqgħu, għalkemm ma jidhirx minn nies fid-dinja, jidher għal Alla. Dejjem, fit-Testment il-Ġdid, Post l-Imwiet jissinjifika biss ir-reġjun ta' spirti mingħajr ġisem. Il-qabar juri biss dak li jilqa' lill-ġisem.

Il-kelma Griega għall-Post l-Imwiet tinsab għaxar darbiet fl-Iskrittura tat-Testment il-Ġdid: Mattew 11: 23; 16:18; Luqa 10:15; 16:23; Atti 2:27, 31; Rivelazzjoni 1:18; 6:8; 20:13, 14. Fil-kelma Griega għal dan il-post ma hemm ebda ħsieb ta' pjaċir jew tbatija. Din sempliċiment tfisser jew turi stat, jew kondizzjoni, stat li ma jidhirx fil-għajn umana. Kristu mar (eis) f'Post l-Imwiet (Atti 2:27, 31), imma mhux fl-Infern kif xi traduzzjonijiet iġibu din il-kelma. Jekk Post l-Imwiet ifisser infern allura l-appostlu Ġwanni kien ħati ta' ħaġa mingħajr ebda sens, għaliex hu ra l-infern mitfugħ fl-infern fejn f'Rivelazzjoni 20:14 naqraw,

*“Imbagħad il-Mewt u Post l-Imwiet ġew mixħuta fil-belliegħa tan-nar – din il-għadira tan-nar hija t-tieni mewt.”*

Kristu ma niżilx f’Tartarus jew f’Gehenna—imma Hu miet u daħal fil-post li ma jidhirx ta’ l-ispirti mingħajr iġsma, qabel il-qawmien Tiegħu.

## IV. Gehenna

Il-kelma “Gehenna” (Mark 9:47) tfisser wied tal-biki, imsejjaħ hekk minħabba l-biki ta’ tfal hekk kif huma kienu mixħutin fl-idejn jaqbdu bin-nar ta’ Molok, idolu barri tan-nofs in-nhar ta’ Ġerusalem (1 Salten 11:5, 7; 2 Slaten 23:10). Dan sar post fejn jintrema l-iskart, b’nar li qatt ma jintefa’, u dud dejjem ħajjin. Ġesù uża dan biex jillustra kastig ta’ dejjem (Mattew 25:41; Mark 9: 47-48; 2 Pietru 3:10; 2 Tessalonikin 1:9-10). Għal-kemm hija msejħa t-tieni mewt (Rivelazzjoni 20:14), madankollu n-nies huma konxji (Danjel 12:3). Din għandha tiġi f’ċertu ħin jew żmien (Mattew 8:29), u hija agħar mill-Abbis (Luqa 8:31). Il-kelma Ngliża “Hell” għal infern kienet maħruġa mill-kelma Ġermaniża “Ho-hle,” li tfisser toqba, ħofra mħaffra, post mgħotti. Din it-tifsira oriġinali ta’ “Hell,” infern tispjega kif it-tradutturi tal-Verżjoni Re Ġakbu setgħu jpoġġu lil Ġesù fl-“In-fern” (Hell, il-proprja kelma hija Hades), mhux post tat-turment, imma sempliċiment il-qabar ta’ Ġużeppi. Waqt li l-ispirtu Tiegħu kien fil-Ġenna (Paradise) (Luqa 23: 43), il-ġisem Tiegħu (imsejjaħ ruħ f’Atti 2:27) kien f’Hades. U Hu kien jifraħ f’ħajr li Hu ma kienx se jkun imħolli f’post bħal dan ta’ korruzzjoni (Atti 2:31).

Mill-istqarrija ta’ Pietru dwar Kristu li naqraw f’Atti

2:31 wieħed jara li l-Ġenna (Paradise) hija kompartament f'Post l-Imwiet. Kristu mar f'Post l-Imwiet. Hu mar ukoll fil-Ġenna, fejn Lażżru kien fi ħdan Abraham. (Ara Parti 14, minn paġna 129.) Għalhekk il-Ġenna (Paradise) tinsab f'Post l-Imwiet. Għalhekk il-Bibbja tgħallem li hemm żewġ diviżjonijiet f'Post l-Imwiet: Il-Ġenna u Tartarus. Għalkemm it-tnejn, kemm it-tajbin kif ukoll il-ħżiena jmorru f'post *wieħed* fil-mewt, Post l-Imwiet, il-kondizzjoni tagħhom hemm mhijiex l-istess; xi wħud qegħdin fi stat ta' hena waqt li oħrajn qegħdin fi stat ta' miżerja.

Il-kelma *Ġenna* (Paradise) hija wkoll applikata għad-dar eterna tal-mifdija, li huma jirtu fil-qawmien tagħhom b'iġsma igglorifikati u immortali wara l-ġudizzju. F'Rivelazzjoni 2:7 naqraw,

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma' xi jgħid l-Ispirtu lill-knejjes. Lir-rebbieħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-ħajja li hemm fil-Ġenna ta' Alla.*"

Fl-ewwel Korintin 12:3-4 naqraw,

> "*U naf li dal-bniedem kien meħud fil-ġenna—jekk hux fil-ġisem jew min-għajr il-ġisem jien ma nafx, dan Alla jafu, u sema' jingħadu ħwejjeġ li ma jitfissrux bil-kliem u li ebda bniedem ma jista' jgħidhom.*"

Il-kelma Ġenna primarjament tfisser "ġnien ta' hena, post tad-dawl." Hija wżata fl-Iskrittura fi tliet sensi differenti: (1) Il-Ġnien ta' Għeden (Ġenesi 2, 3), (2) Il-post tal-mistrieħ għall-ispirti tal-ġusti wara l-mewt (Luqa

23:32-43), u (3) Is-Smewwiet (Rivelazzjoni 22:1-5).

F'Luqa 23:32-34 naqraw dwar il-ħalliel fuq is-salib fejn Ġesù qallu:

> "*Tassew, ngħidlek, illum inti tkun il-ġenna miegħi.*"

Meta Ġesù qal lill-ħalliel fuq is-salib lit-tnejn, kemm Hu u kemm il-ħalliel ikunu flimkien fil-Ġenna, Ġesù rrifera għall-Post tal-mistrieħ ta' l-ispirti mingħajr ġisem. F'Ġob 3:17 naqraw,

> "*Hemm il-ħżiena jieqfu mill-ħażen tagħhom; u hemm jistrieħu dawk li huma għajjenin.*"

F'Rivelazzjoni 14:13, Ġwanni jikteb,

> "*U smajt leħen mis-sema jgħid 'Ikteb: hienja minn issa l-mejtin li jmutu fil-Mulej. Iva, jgħid l-Ispirtu, huma jistrieħu mit-taħbit kollu tagħhom, għax l-egħmejjel tagħhom imorru warajhom.*"

Li tkun fil-Ġenna ma' Kristu ma kienx u ma jistax ifisser stat ta' fejn wieħed ma jkunx konxju jew ma jkunx jeżisti, jew fis-Smewwiet.

Ġesù mar fil-Ġenna (Paradise) f'dak il-jum stess; għaliex Hu qal li hekk kien se jagħmel. Madankollu, tlitt ijiem wara, aħna nisimgħu lil Ġesù jgħid lil Marija ta' Magdala,

> "*Jiena għadni ma tlajtx għand il-Missier*" (Ġwanni 20:17).

Innota li Kristu ma marx fis-Smewwiet sa erbgħin jum wara l-qwmien Tiegħu (Luqa 24:50-51; Atti 1:3-11).

Jekk Ġesù u l-ħalliel penitenti kienu flimkien fil-Ġenna, u jekk wara l-mewt Tiegħu fuq is-salib Ġesù mar fil-Ġenna (Atti 2:27, 31), allura l-Ġenna hija f'Post l-Imwiet, u Ġesù u l-ħalliel kienu flimkien f'Post l-Imwiet. Għaldaqstant, aħna naslu għal konklużjoni li l-Ġenna u s-Smewwiet mhumiex post wieħed jew l-istess post, imma pjuttost żewġ postijiet distinti għaliex Kristu ma marx fis-Smewwiet meta Hu miet, ma kienx qabel it-tlugħ Tiegħu li Hu mar fis-Smewwiet.

Fit-tielet jum wara l-kurċifissjoni, l-Ispirtu ta' Kristu ħareġ barra minn Post l-Imwiet, u ġismu kien imqajjem mill-imwiet. L-ispirtu tal-ħalliel, minn naħa l-oħra, ma ġiex lura minn Post l-Imwiet, u l-ġisem tiegħu baqa' fil-qabar. Sal-jum tal-qawmien, l-ispirtu jibqa' f'Post l-Imwiet u l-ġisem tiegħu jibqa' fil-qabar. Fl-istess mod, l-ispirti kollha mingħajr ġisem jibqgħu f'Post l-Imwiet sal-qawmien tal-iġsma tagħhom. Li tikkonferma, mela, kif xi wħud jagħmlu, li fil-mewt l-ispirtu li jkun ħalla l-ġisem imur immedjatament fis-Smewwiet (jekk dan ikun ġust) jew fl-Infern (jekk dan ikun ħażin) mhuwiex f'armonijia ma' ħafna siltiet ċari tal-Bibbja.

## HUMA L-MEJTIN KONXJI?
## (Luqa 16:16-31)
## (Parti 22)

Hemm kontroversja għaddejja fil-komunità reliġjuża dwar jekk il-bnedmin, wara l-mewt, jeżistux jew ma jeżistux fi stat konxju. It-Torri ta' l-Għassa, tax-Xhieda ta' Jehovah jistqarr: "Il-mejtin huma murija li ma huma 'konxji dwar xejn' u l-istat tal-mewt bħala li huwa wieħed ta' nuqqas ta' attività komplet" (**Aid to Bible Understanding**, Brooklyn, NY: Watchtower, 1971, p. 431).

Bla ebda dubju, il-Bibbja tgħallem għalkollox mod ieħor minn dak li jgħidu tat-Torri ta' l-Għassa! Għalkemm hemm argumenti numerużi li wieħed jista' japplika biex jistabbilixxi l-fatt li l-mejtin huma konxji dwar l-eżistenza tagħhom ta' wara l-mewt, ir-rakkont dwar ir-raġel għani u Lażżru hu wieħed mill-aktar affermazzjonijiet komprensivi ta' din il-verità magħmul mill-Mulej tagħna Nnifsu Ġesù Kristu.

Fil-parabbola tal-qaddej mhux ġust (Luqa 16:1-13), Kristu kien għallem il-valur ta' li wieħed juża l-possessjonijiet materjali tiegħu ħalli jipprepara għal l-eternità. Bl-istess mod, Ġesù wissa dwar il-perikli li ssir skjav tal-flus. Imma l-Fariżej, li kienu jħobbu l-flus, irredikolaw lill-Mulej (Luqa 16:14). Għalhekk, Ġesù sussegwentement introduċa r-rakkont dwar ċertu raġel għani u tallab li kien jismu Lażżru (Luqa 16:19-31). It-tifsira bażika ta' dan il-każ hija biex turi l-kuntrast qawwi bejn dawn iż-żewġt irġiel—it-tnejn qabel u wara l-mewt!

### Huwa Dan ir-Rakkont Parabbola?

Hemm skulari Bibliċi rispettabbli jikkundsidraw ir-

rakkont f'Luqa 16:19-31 bħala li huwa parabbola. Imma wkoll jekk dan huwa l-każ, dak ma jikkumbattix kontra l-qawwa ta' l-istruzzjoni li tinsab fl-istorja, għaliex il-parabbola hija "miġbura għal dak li hu reali. It-tixbih dejjem isawwar rakkont li huwa tassew għall-fatti u esperjenzi tal-ħajja umana" (M.S. Terry, **Hermeneutics**, New York: Eaton & Mains, 1890, p. 188). F'parabbola "il-ġrajjiet għandhom ikunu possibbli, jew li setgħu saru" (E.W. Bullinger, **Figure of Speech Used in the Bible**, Grand Rapids: Baker, 1986, p. 752). D.R. Dungan jinnota: "L-atturi f'parabbola huma reali—bnedmin huma l-atturi,, u huma ma jagħmlu xejn li ma jistgħux jagħmlu…" (**Hermeneutics**, Cincinnati: standard, n.d., p. 227).

Iżda, huwa aktar li hu minnu li dan ir-rakkont mhuwiex parabbola. Xi skulari, bħal R.C. Trench jgħidu li "l-istorja żgħira…ma twettaqx il-kondizzjonijiet ta' parabbola" (**Notes on the Prables**, London: Macmillan, 1877, p. 453). Per eżempju, din tkun l-unika parabbola li fiha l-karattri huma attwalment imsemmija.

Il-kumment ta' R.C. Foster huwa ta' għajnuna:

> Din hija normalment imsejħa parabbola, imma Ġesù ma jgħidiex bħala parabbola. F'ebda parabbola ma persuna hija msejħa b'isimha, kif inhu Lażżru. Diskussjoni dwar jekk din hix parabbola mhix meħtieġa. L-istampi li Ġesù jagħti tal-ħajja 'l hinn mill-qabar ma jistgħux ikunu ttestjati minna minħabba n-nuqqas tagħna ta' informazzjoni. Dawn huma tassew għall-fatti jew in-

> kella Ġesù ingannana (**Studies in the Life of Christ**, Grand Rapids: Baker, 1971, p. 955).

Ma jkunx barra mill-ordni hawn li nuri li xi materjalisti reliġjużi, jiġifieri, dawk li jiċħdu kastig konxju għall-ħżiena—bħax-"Xhieda ta' Jehovah" u tal-World Wide Church of God u xi oħrajn, fasslu kostruzzjoni stamba ħafna fuq dan ir-rapport. In-nies tat-Torri ta' l-Għassa jallegaw:

> B'din il-parabbola Ġesù lissen profezija li ġġarrab it-twettiq fit-tqegħid modern tagħha mill-1918 W.K. Hi għandha l-applikazzjoni tagħha għal żewġ klassijiet li jeżistu fuq l-art illum. Ir-raġel għani jirrappreżenta l-klassi l-aktar xħiħa tal-kleru tal-'Kristjani tad-dinja,' li issa huma mbiegħda minn Alla u mejta għall-favur Tiegħu bil-verità mħabbra. Lażżru jiddeskrivi l-fdal tal-'ġisem ta' Kristu' u wkoll il-klassi ta' persuni li huma ta' rieda tajba (**Let God Be True**, Brooklyn: Watchtower, 1946, p. 79).

Wieħed xi kultant jiskanta kif interpretazzjoni bħal din tiġi emmnuta u aċċettata minn nies li jippretendu li huma kapaċi jgħażlu l-verità mill-qerq, minn nies li jaħsbu li huma mhumiex lesti li jħallu lil xi ħadd iqarraq bihom kif fil-fatt huma kienu qabel! F'konfutazzjoni huwa biss meħtieġ li jkun innutat għall-mument li jekk dan huwa l-każ, billi hemm vojt kbir li mhuwiex negoz-

zjabbli bejn iż-żewġ gruppi (Luqa 16:26), wieħed għandu jissopponi li ebda "kjeriku" qatt ma jista' jikkonverti għall-"ġisem ta' Kristu," u ħadd minn dawk fil-klassi tal-ġisem qatt ma jkun jista' japostasizza għall-klassi tal-folla l-aktar xħiħa! Madankollu, din hija konsegwenza li għaliha "x-Xhieda" ma jissottomettux. Minn dan wieħed jista' jara ċar kemm huma żbaljati tat-Torri ta' l-Għassa fl-interpretazzjoni tagħhom!

**Diffikultà**

Hemm, iżda, diffikultà f'din id-diskussjoni li għandha tkun indirizzata. Spiss huwa allegat li dan ir-rakkont ma jistax jinvolvi rappreżentazzjoni ta' fatti attwali, fejn it-tnejn, ir-raġel għani u Lażżru kienu mietu u l-iġsma tagħhom kienu qegħdin jitħassru fit-trab, madankollu, riferenza hija magħmula għall-fatturi fiżiċi tagħhom—għajnejn, ilsien, u saba' (Luqa 16:23-24).

Imma dawn l-illużjonijiet ma jiċħdux il-letteraliżmu tar-rakkont kollu kemm hu. Il-verità hija, il-Mulej qiegħed jiddeskrivi biss il-kondizzjoni ta' l-ispirti ta' dawn l-irġiel. Il-qawmien ma ġarax kif inhu muri ċar bil-fatt li jintqal li għad hemm nies fuq l-art (v. 28). Billi, iżda, aħna għadna m'aħniex ippreparati ħalli nifhmu n-natura ta' spirti puri, l-ispirazzjoni għandha b'xi mod tipprova biex takkomoda l-ideat dwar l-ispirti għal livell kurrenti tagħna ta' komprensjoni. Dan huwa magħmul billi figurattivament japplika karatteristiċi fiżiċi għad-deskrizzjoni ta' l-ispirtu. Hija forma ta' antroporfiżmu; għalhekk, huwa l-istess għall-użu ta' karatteristiċi fiżiċi f'li jiddeskrivu lil Alla (ara Isaija 59:1-2; Luqa 11:20; 1 Pietru 3:12), ukoll għalkemm aħna nafu li Alla mhuwiex uman (Mattew 16:17; Ġwanni 4:24; Luqa 24:39).

**Il-Fatti tal-Każ**

Ir-rakkont jinvolvi ċertu raġel għani li għex f'dar lussuża (issuġġerita bil-klema "bieb" (v. 20), li kien imlibbes b'ilbies lussuż, u li għex "fix-xalar kuljum bil-ħala" (v. 19). B'mod ta' kuntrast kbir, Lażżru, it-tallab (il-Grieg juri l-aktar fqir fost il-foqra), kien mixħut ma' l-art mingħajr ebda ċerimonja kuljum fil-bieb tar-raġel għani jittama biss għall-frak li jaqa' mill-mejda tas-sinjur. L-uniku faraġ li Lażżru kellu kien mill-kliem li kienu jiġġerrew fit-toroq li kienu jilagħqulu l-ġrieħi li kellu ma' ġismu (v. 21).

Fl-aħħar, it-tnejn mietu u l-istat tagħhom tal-ħwejjeġ li kellhom fuq l-art kien mibdul drammatikament. Ir-raġel għani kien suġġett għat-turment doloruż waqt li Lażżru kien onorat u mfarraġ. Huwa f'konsiderazzjoni tad-dettalji murija f'versi 22 sa 31 li jsir ovvju ħafna li l-mejtin, it-tnejn, il-ġusti u l-ħżiena, huma *konxji*. Ħalli ninnutaw xi wħud minn dawn l-indikazzjonijiet:

1. *Perċezzjoni* – Ir-raġel għani kien jista' *jara* kemm lil Abraham u kemm lil Lażżru; għalhekk huwa kellu l-perċezzjoni. Perċezzjoni tinvolvi għarfien ta' oġġetti, għalhekk, *koxjenza*, jiġifieri, stat ta' min hu f'sensih.
2. *Sodisfazzjon* – Lażżru kien muri bħala li qiegħed "fi ħdan Abraham." Di l-espressjoni hija idjoma Biblika li tissuġġerixxi stat ta' unur (Ġwanni 1:18; 13:23). Dan jimplika li Lażżru kien fi sħubija sentimentali ta' mħabba u ta' rispett ma' Abraham. It-tallab ta' qabel issa jaqsam il-kuntentizza ta' Abraham. Biċ-ċar, dan jindika *koxjenza*, jiġifieri, stat ta' min hu f'sensih.

3. *Sensazzjoni* – Ir-raġel għani qiegħed fit-"turment." Tabilħaqq, hu qiegħed isofri "tbatija," li ċertament tafferma niket *konxju* (Luqa 2:24; Atti 20:38). Minn naħa l-oħra, Lażżru kien "imfarraġ." Kif jista' jsir dan li kieku ma kinux fi stat ta' *koxjenza*, jiġifieri, stat ta' min hu f'sensih.
4. *Komunikazzjoni* – Ir-raġel għani kien jista' kemm jitkellem u kemm li jkellmuh. Il-komunikazzjoni hija possibbli biss ma' nies *konxji*, ma' nies li huma f'sensihom! Ir-raġel għani li kien qiegħed ibati ma kienx meqrud u miġjub fix-xejn, kif jippruvaw igħallmu ċerti mexxejja reliġjużi!
5. *Għarfien* – Ir-raġel għani *għaraf* lil Lażżru u talab is-servizz tiegħu *b'ismu*. Għarfien jinvolvi li wieħed ikun fi stat ta' *koxjenza*, jiġifieri, stat ta' min hu f'sensih.
6. *Komprensjoni* – Ir-raġel għani għamel żewġ talbiet lil Abraham. L-ewwel, hu talab li Lażżru jkun imħolli li jbill tarf sebgħu fl-ilma biex iberridlu lsienu (v. 24). Abraham qal li ħaġa bħal din kienet impossibbli għaliex kien hemm vojt kbir li ħadd ma kien jista' jaqsmu li kien jissepara l-ġusti mill-ħżiena (v. 26). It-tieni, ir-raġel għani talab li Lażżru jkun imħolli jmur iwissi lil ħutu biex ma jmorrux f'dak il-post ta' kastig. Abraham wieġeb li dawk l-aħwa għandhom aċċess għall-Iskrittura tat-Testment il-Qadim, u li l-Iskrittura kienet biżżejjed biex huma ma jmorrux f'dak il-post ta' tbatija meta jmutu jekk huma jagħtu widen għaliha. Kienet l-Iskrittura li rrifera għaliha Abraham realtà jew le? Kien Mosè realtà

jew le? Kienu l-Profeti realtà jew le? (v. 29). Apparentament, ir-raġel għani fehem it-tweġiba ta' Abraham; hu ma kellux kummenti aktar x'jagħmel. Għal darb'oħra, ir-rakkont jimplika *koxjenza*, jiġifieri, stat ta' min hu f'sensih.

7. *Fakultà* – It-talba tar-raġel għani li Lażżru jkun imħolli biex jidħol fil-qawam fejn hu kien qiegħed f'post l-imwiet, (Xeol) jew li hu jkun imħolli li jmur lura fid-dinja, timplika li Lażżru kellu l-*fakultà* u/jew l-*abbiltà* li jitħarrek biex iwettaq dik it-talba jekk ikun imħolli minn Alla. Dan jissuġġerixxi wkoll *koxjenza*, jiġifieri, stat ta' min hu f'sensih.
8. *Tifkir* – Abraham *fakkar* lir-raġel għani dwar l-istat tiegħu fuq l-art: "Ibni, *ftakar* li int f'ħajtek irċevejt il-ħwejjeġ tajba tiegħek…" (v. 25). Fejn hemm il-memorja, hemm il- *koxjenza*, jiġifieri, stat ta' min hu f'sensih.
9. *Emozzjoni* – Meta r-raġel għani rrifletta fuq il-kondizzjoni spiritwali ta' ħutu li kienu fuq l-art, hu wera *tħassib*, u talab li huma jkunu mwissija biex ma jidħlux f'dak il-post tal-biża'. Nies li huma mingħajr ebda *koxjenza* ma juru ebda tħassib għal oħrajn.

## KONKLUŻJONI

Konsiderazzjoni bil-għaqal u onesta ta' l-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rakkont tista' biss twassal għall-konklużjoni li *l-mejtin huma konxji*. Teoriji li jippermettu għall-qirda totali tal-ħżiena, jew għal "l-irqad tar-ruħ" fuq il-parti tal-mejtin ġusti, mhumiex konsistenti

ma’ dan it-tagħlim divin kif mogħti minn Ġesù Kristu.

Wieħed m’għandux jinsa lit-tnejn, kemm ir-raġel għani u kemm Lażżru *kienu konxji* fiżikament fil-ġisem fiżiku u waqt li huma kienu fl-istat intermedjarju huma kienu *konxji* spiritwalment. Minn dan wieħed jara kemm huwa tagħlim żbaljat dak it-tagħlim li jgħid lir-ruħ tieqaf mill-eżistenza tagħha fil-qabar! Il-ġisem fiżiku iva, jieqaf, imma r-ruħ jew l-ispirtu le! (Ekkleżjażti 12:7). Li kien hekk, allura dan ir-rakkont tal-Mulej kien ikun mingħajr ebda sens! Jekk tneħħi l-*koxjenza*, jiġifieri. Li wieħed ikun f’sensih, minn dan ir-rakkont tispiċċa t-tagħlima kollha ta’ Ġesù.

# X'MA TAGĦMILX IL-MEWT
# (Parti 23)

Ir-rakkont kif intqal minn Ġesù jwassal lezzjonijiet kbar dwar il-ħajja li hija issa u l-ħajja li għandha tiġi. Ikun ħażin għalkollox li wieħed jipprova jfassal, fuq il-bażi ta' din il-ġrajja waħda, teoloġija iddettaljata li m'hemmx ħliefha tal-ħajja wara l-mewt. It-tentazzjoni l-kbira li wieħed jiddogmatizza dwar dak li mhux magħruf għandha tkun evitata. Madankollu, Ġesù tana ħarsa fuq fuq lejn id-dinja l-oħra, li minnha joħorġu ċerfti lezzjonijiet mingħajr ebda żball. Aħna nitgħalmu minn għand Ġesù li hemm ċerti ħwejjeġ li l-mewt, bil-qawwa kollha tagħha, ma tistax tagħmilhom.

**1. Il-mewt ma tistax teqred il-koxjenza.** Ir-raġel għani u Lażżru huma mejta, madankollu huma ħajjin għal kollox. Huma mhumiex reqdin jew ma jafux x'hemm madwarhom. *Huma jinsabu konxji*.

Il-fatt li wieħed ikun konxju wara l-mewt huwa magħmul ċar ħafna fir-rakkont, imma hu ċar ukoll minn partijiet oħra ta' l-Iskrittura kif rajna aktar qabel. F'okkażjoni waħda Ġesù sikket lis-Sadduċej, li ma kinux jemmnu fil-qawmien, billi rrifera għat-Testment il-Qadim (ara Mattew 22:23-33). Hu fakkarhom li Alla qal ll Mosè,

> "*Jien hu Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u l-Alla ta' Ġakobb.*"

Dan kien żmien twil wara li l-patrijarki li kienu mietu. Madankollu, Ġesù kompla jgħid,

> "***Alla mhux Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin.***"

Il-mistoqsija hija hawn: Għal min Ġesù kien qiegħed jirreferi meta Hu qal li Alla Hu Alla "tal-ħajjin"? Min kienu l-"ħajjin" f'dan il-kuntest? Il-kuntest jagħtina t-tweġiba: Il-"ħajjin" kienu Abraham, Iżakk, u Ġakobb, ukoll għalkemm Abraham kienu ilu mejjet (fiżikament) 329 sena. Ukoll għalkemm Iżakk kien ilu mejjet (fiżikament) 224 sena. U wkoll għalkemm Ġakobb kien ilu mejjet (fiżikament) 198 sena! Huwa assurd li taħseb li Alla jaħkem fuq dawk li huma mejtin (fiżikament), li m'għandhomx eżistenza; għalhekk, Abraham, Iżakk, u Ġakobb, kellhom ikunu ħajjin, spiritwalment, u dan qiegħed igħidu l-Mulej tagħna Ġeesù Kristu Nnifsu u mhux xi għalliema foloz moderni! F'postijiet oħra Ġesù għallem li l-*koxjenza*, jiġifieri, stat ta' min hu f'sensih tibqa' wara l-mewt. Hu qal, per eżempju, f'Mattew 25:46, dwar il-ħżiena li rriġettawh u warrbu r-rieda Tiegħu:

"*U dawn imorru fil-katisg ta' dejjem.*"

Il-post tal-kundanna huwa post ta' uġigħ u tbatija. Imma fejn ma hemmx koxjenza, (stat ta' min hu f'sensih), ma jistax ikun hemm tbatija; għalhekk il-bnedmin huma konxji wara l-mewt.

**2. Il-mewt ma tistax teqred l-identità.** Ir-raġel għani u Lażżru mhux bixx kienu ħajjin, imma huma kienu *konxji*, kienu jafu li huma kienu huma nfushom. Ir-raġel għani kien għadu r-raġel għani u Lażżru kien għadu Lażżru. Ir-raġel għani jitkellem dwaru nnifsu bħala li kien l-istess persuna; hu jaf li kien l-istess individwu li kien jaf lil Lażżru fil-ħajja; u hu jaf li hu kien minn familja ta' sitt aħwa.

Issa huwa tassew li l-mewt tbiddel ħafna affarijiet. Fil-mewt aħna nkunu mifrudin mill-ħwejjeġ materjali kollha. Il-qligħ monetarju tagħna, it-teżori tagħna, dak kollu li aħna jkollna tagħna jkun meħud minn idejna. Id-djar tagħna tad-dinja jispiċċaw. Il-ġisem tagħna jmur lura għall-forom ta' trab lima jingħarfux. Dak kollu li hu fiżiku jisparixxi. Imma l-mewt ma tistax tibdel il-personalità. Il-kwalitajiet individwali li jagħmlu persuna jibqgħu jgħixu.

Huwa ta' l-għaġeb kif ħafna nies jaħsbu li l-mewt taħdem għalihom trasformazzjoni meraviljuża. Huma jħossu li huma jistgħu jtebbgħu ħajjithom fil-ħmieġ tad-dnub, u bis-sempliċi att tal-mewt imorru fil-preżenza ta' Alla bojod daqs is-silġ. Imma mhuwiex possibbli li tkun mument wieħed xħiħ, midneb, bla Alla, u fil-mument li jmiss ta' wara l-mewt tkun għal kollox safi u mingħajr ebda dnub u bħal Kristu! L-aħħar nifs tal-mewt ma jistax ibiddel karattru ħażin jew kusjenza ħatja. Id-demm ta' Kristu biss jista' jnaddaf il-qalb tal-bniedem u jsaffilu ħajtu. Il-mewt mhix se tagħmel għal ruħ midinba dak lid-demm ta' Kristu ma kienx jista' jagħmel. Kif il-mewt isib persuna, hekk tkun fil-waqt wara meta hija tiftaħ għajnejha fid-dinja li ma tidhirx. Inti tkun it innifsek, u jiena nkun jien innifsi. Aħna aħna nfusna u nkunu aħna nfusna għal dejjem ta' dejjem.

**3. Il-mewt ma tistax teqred il-memorja.** F'Hades (Post l-Imwiet) ir-raġel għani fittex serħan mit-tbatija tiegħu. Imma Abraham qal, "*Ibni, ftakar….*" Abraham riedu li jħares lura u jara x-xorta ta' persuna li hu kien fuq l-art. Hu kien jista' *jiftakar*, inkella Abraham ma kien jgħidlu xejn biex jiftakar! X'ikun l-iskop li tgħid lil

xi ħadd "ftakar" meta dak ix-xi ħadd m'għandux il-faklutà li jiftakar? Ir-raġel għani *ftakar* fil-ħajja tiegħu ta' pjaċir għalih innifsu. Hu *ftakar* f'Lażżru. Hu *ftakar* fil-ħames ħutu. Wara l-mewt, mela, l-bnedmin ikollhom il-qawwa tal-memorja. Il-qawwa tal-memorja tkabbar il-ferħ tas-smewwiet; u din tagunizza wkoll il-kuxjenza u tintensifika d-dispjaċir ta' dawk ikkundannati fl-infern tax-xitan.

**4. Il-mewt ma tistax teqred id-destin.** F'din il-ġrajja Ġesù jgħallem biċ-ċar li wara l-mewt hemm biss żewġ premjijiet. Lażżru sab lilu nifsu f'post ta' ferħ. Ir-raġel għani, iżda, kien fi tbatija kbira. Hu jitlob biex Lażżru jikun jista' jintbagħat ħalli jbill sebgħu fl-ilma u jiffriskalu lsienu. Ukoll l-iċken għajnuna tkun milqugħa. Fil-qasam li ma jidhirx hemm separazzjoni qawwija bejn dawk li huma ta' Alla u dawk li huma mingħajr Alla. Hemm vojt kbir iffissat. Il-kelma Griega għall-vojt hija *chasma*, li tfisser qasma kbira. Għalhekk, bejn il-ħżiena hemm qasma kbira jew abbiss kbir. U dik il-qasma hija fissa. Il-kelma Griega għal "stabbilit" (jew iffissat) li, sfortunatament fit-traduzzjonijiet tal-Malti din il-kelma hija mħollija barra, jekk tradotta letteralment, tkun tradotta, "kien u jibqa' stabbilit." Id-diviżjoni tat-tajbin u l-ħżiena hija assolutament stabbilta u permanenti. Ma hemm ebda purgatorju nofs triq!

Min issepara lir-raġel għani u lil-Lażżru? Min stabbilixxa l-qasma jew il-vojt kbir li firidhom? Mhux Alla, mhux Kristu, mhux l-anġli. Dawn in-nies isseparaw lilhom infushom. Waqt li kienu fuq l-art kien hemm qasma kbira li mmarakthom mifrudin minn xulxin. Huma vvjaġġaw toroq differenti. Huma għexu f'dinjiet

differenti. U dik il-qasma li eżistiet fuq l-art mhix mibdula bil-mewt, kompliet għall-eternità (ara Ġwanni 5: 28-29; Rumani 14:12; 2 Korintin 5:10; Galatin 6:7-8; Rivelazzjoni 20:11-12).

## "MANIFESTAZZJONIJIET SPIRITWALI"

Ir-raġel għani kien b'xi mod bħall-Ispiritwalisti, illum, f'dak li hu ħaseb li Lażżru kien jista' faċilment imur lura għal din il-ħajja, u jidher lill-ħames ħutu; b'hekk iwettaq dak I l-Iskrittura tat-Testment il-Qadim ma kinetx tista' tagħmel. Għal xi ħadd li jaħseb li twiddib spiritwali jista' jsalva l-erwieħ, meta l-Evanġelju tal-Mulej Ġesù Kristu jaqa' fuq widnejn torox, huwa għalkollox bla ebda sens. Abraham irrifjuta li jħalli lir-raġel għani li jżomm l-idea għall-mument prezzjuż ta' l-eternità. Hawn, mela, għandna prova ċara ħafna li Alla ma jippermettix lill-mejtin li jiġu lura fuq l-art biex jikonvinċu lill-ħajjin. Minn dan naraw kemm huma foloz dawk il-ħafna dehriet li jintqalu minn xi reliġjonijiet li huma jew ta' Marija omm Ġesù jew ta' xi hekk imsejħa qaddisin! Jekk Alla jista' jagħmel dan, (jista' fis-sens li Hu *jrid* li jagħmel dan għaliex Alla jista' jagħmel kollox) Hu jinsab nieqes mis-sens tajjeb f'li ma jdawwarx ix-xogħol tajjeb kollu ta' predikar għal għand l-ispirti f'Hades (Post l-Imwiet). Jiena pożittiv li ħadd ma jista' jagħmel xogħol aħjar kontra d-dottrina "li ma hemmx infern" milli jistgħu jagħmlu dawk li qegħidn f'Tartarus. Imma Alla bagħat lil l-Ibnu l-waħdieni biex:

> "*kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem*" (Ġwanni 3: 16).

Sawl, ukoll, kien bħall-ispiritwalisti moderni, f'dak li hu ħaseb li kien jista' jikkomunika mal-mejtin. Hu rriġetta lil Alla u l-liġi Tiegħu, kemm fil-ħajja tiegħu u kemm fil-ħakma tiegħu. Fost ħwejjeġ oħra, hu naqas milli jpoġġi kull saħħar għall-mewt, kif dik il-liġi kkmandat. Meta hu kkonsulta dan l-ispirtu familjari ta' Għajn Dor (1 Samwel 28:7), dan kien wieħed biss f'katina twila ta' atti ta' diżubbidjenza. Għal ħafna mill-oħrajn, dan juri l-fond tal-mistħija li hu mar għaliha. Li dan ma kienx każ ordinarju ta' komunikazzjoni ta' l-ispirti, huwa muri bil-biża' kbir li bih is-saħħara ta' Għajn Dor irreaġġixxiet. Hi kienet skatanta u għajtet għajta kbira. Is-sabar kbir ta' Alla jiġi fuq quddiem, f'li xi ħaġa ġrat hawn li qatt ma kienet idduplikata f'xi sed-uta oħra ta' l-ispiritisti. Alla kellu raġunijiet partikulari f'li attwalment ġab lura l-ispirtu ta' Samwel mid-dinja mbiegħda, l-istess kif ċertament Mosè u Elija ġew lura meta Kristu kien ittransfigurat. Il-profezija ta' Samwel kellha tkun biżżejjed biex Sawl ibiddel moħħu. Madan-kollu, kien jidher tard wisq, billi r-rieda tiegħu kienet milwija fuq korsa oħra ta' azzjoni.

Il-qerq tas-seħer u tas-sħaħar huma ikkundannati kemm taħt it-Testment il-Qadim u kemm taħt il-Ġdid. (Atti 8:9-24; 19:11-20; Rivelazzjoni 22:15). Bilkemm ruħ taħseb li tiddubita dan il-fatt taħt il-Patt il-Qadim, imma xi ruħ qalbiena moderna tipprova li tiddubitah taħt il-Ġdid, billi ma jintqalx daqshekk f'li jikkundanna l-prattika daqs kemm kien hemm qabel. Imma jekk wie-ħed jaqra dak li jintqal mill-appostlu Pawlu lis-semmie-għa tiegħu f'Efesu, għandu jkun jaf sewwa kemm dik il-prattika kienet ikkundannata. Naqraw f'Atti 19:19,

*"Ħafna wkoll minn dawk li kienu jagħmlu* ***s-sħarijiet*** *ġiebu l-kotba tagħhom, u ħarquhom quddiem kulħadd: u għaddew il-prezz tagħhom, u sabu li kien ħamsin elf biċċa tal-fidda."*

50,000 biċċa tal-fidda jagħmlu fil-flus tagħna llum madwar Lm2,800. Dan għandu jkun bżżejjed biex wieħed jifhem kemm din il-prattika kienet u għadha ikkundannata mill-Mulej. Imbagħad, ukoll, l-istess appostlu ma nesiex il-prattika li tikkonsulta l-ispirti familjari, meta hu kiteb il-frażijiet li jiddeskrivu l-opri tal-ġisem. Hu jgħid,

*"Issa l-opri tal-ġisem, li huma magħrufin, huma dawn: l-adulterju, iż-żina, il-faħx, it-tbaħrid, l-idolatrija,* ***is-seħer,*** *il-mibegħda,..."* (Galatin 5:19-21; enfasi tiegħi).

Illum dawn il-ħwejjeġ huma aċċettati minn ħafna fejn saħansitra nies iħallsu biex tinqaralhom xortihom, fejn nies imorru għand dawk l-hekk imsejħa spiritwalisti fejn igħidu li jitkellmu ma' l-ispirti ta' qraba li kienu ħallew din id-dinja u oħrajn bħal dawn. Kif rajna, dan huwa kollu qerq u ikkundannat mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqddsa, li tagħtina din it-twissija:

*"Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux"* (Efesin 5:6)

## RIKAPITOLAZZJONI

## HUMA KONXJI L-ERWIEĦ WARA L-MEWT?

## (Parti 24)

Rikapitolazzjoni fuq dan is-suġġett bilkemm tkun meħtieġa li kieku ma kienx minħabba xi stqarrijiet ta' l-Ispirazzjoni Divina li jidhru li jagħtu appoġġ għall-idea ta' l-irqad tar-ruħ. Dawk li jinsistu fuq dan jonqsu minn xi xorta ta' konxjożità kif attribwita lir-ruħ wara l-mewt, jibbażaw it-tagħlim tagħhom fuq il-bosta waqtiet li l-mewt hija mfissra bħala li tkun rieqed (Mattew 9:23-25; 1 Korintin 15:51; 1 Tessalonikin 5:10). Li hija għandha din it-tifsira letterali ħadd ma jista' jiċħdu dan. Iżda, id-differenza tqum fuq liema parti ta' l-individwu tagħmel l-irqad. Il-materjalist jgħid li din tirreferi għar-ruħ. Imma hu xorta għadu qiegħed ifittex għall-passaġġ ta' l-Iskrittura li japplika l-irqad għar-ruħ. Jekk qatt jirnexxilu, huwa jkun biss qiegħed jikkontradixxi passaġġi ċari li jgħallmu l-oppost.

Huwa dan it-tafal mortali li jimtedd f'raqda ħelwa, b'kull nervitura u muskolu kalmi, mistrieħa, li jissuġ-ġerixxi rqad lil l-imħuħ tagħna. X'kelma aħjar tista' tkun użata biex tiddeskrivi dan? Id-dehra nfisha ta' dan fuq wiċċ persuna tissuġġerixxi dik l-idea. Kristu qatt ma kien se jferragħ melħ u ħall fil-qlub qarsa tagħna billi jpinġi l-mewt bħala skeletru mlibbes l-iswed. Hu jtaffi d-dieqa tagħna biż-żejt u l-inbid ta' l-imħabba Tiegħu, billi jgħidilna li l-maħbubin tagħna huma fil-mistrieħ. Il-kelma kif Hu jużaha timplika wkoll qawmien. Dan hu tassew implikat fil-kliem ta' Ġesù lid-dar ta' Ġajru (Mattew 9:23-25). L-appostlu Pawlu jirreferi għall-istess fatt tal-qawmien imwiegħed f'konnessjoni ma' kull

waqt fejn hu jirreferi għall-mewt bħala rqad. F'waqt wieħed (1 Korintin 15:51), hu jieħu fit-tul fejn jiddiskuti fuq is-suġġett tal-qawmien.

Ħafna mill-istqarrijiet fit-Testment il-Ġdid ikunu sempliċiment kliem fil-vojt u bla sens, jekk ir-ruħ tkun insensibbli bejn il-mewt u l-qawmien. Ġesù qal,

> "*…Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt*" (Ġwanni 11:25-26).

L-appostlu Pawlu jgħid fl-1 Tessalonikin 5:10,

> "*sew jekk imqajmin jew reqdin, ngħixu flimkien miegħu.*"

Kemm jekk il-ġisem huwa ħaj u attiv, jew mistrieħ fit-trab, dan bl-ebda mod ma jeffettwa l-eżistenza reali ta' dik l-entità msejħa "Jien." Ir-ruħ mhijiex dipendenti fuq dar tat-tafal għal l-eżistenza tagħha. Aħna ngħixu fil-Mulej Ġesù Kristu u mhux fit-trab!

Abraham, fil-Post l-Imwiet (Hades, Paradise) irraġuna u tkellem mar-raġel għani, li r-raġel ukoll tkellem fir-reġjun ta' taħt ta' Hades. Pawlu kien maqbud fil-Ġenna (Paradise, mhux is-Smewwiet) f'liema stat hu sema', u fehem (2 Korintin 12:1-4). Il-martri taħt l-artal, li, Ġwanni jgħid, kienu "*l-erwieħ* ta' dawk li kienu maqtulin minħabba l-kelma ta' Alla, u minħabba x-xhieda li taw," għajtu b'leħen qawwi (Rivelazzjoni 6:9, 10). Dan ma jistax ikun li kienet xi ħolma, li dawk l-erwieħ kienu qegħdin jitkellmu fl-irqad tagħhom. Il-Mulej jgħid li Mosè u Elija għadhom ma telgħux fis-sema (Ġwanni 3:13), madankollu, huma kellhom

konverżazzjoni intelliġenti ma' Kristu (Mattew 17:1-8). Luqa jgħid li huma "dehru fil-glorja." Hu saħansitra jkompli jgħid lis-suġġett tal-konverżazzjoni tagħhom kien it-tmiem ta' Ġesù, "li hu kellu jwettaq f'Ġerusalem" (Luqa 9:30, 31). Pietru jgħidilna li l-ispirti ta' ċerti karattri diżubbidjenti jinsabu fil-ħabs—jiġifieri, miżmuma, jew taħt l-għassa (2 Pietru 2:4, 9). Ftit ikun hemm il-ħtieġa liż-żomm spirti mhux konxji taħt l-għassa. Il-Professur Hovey jgħid, "Liż-żomm jimplika qawwa ta' azzjoni, u tbatija timplika konxjożità." (*The State of the Impenitent Dead. [L-Istat ta' l-Impenitenti Mejta]*) Għaldaqstant, aħna għandna erwieħ fid-Dinja ta' Taħt li jaħsbu, jitkellmu, jisimgħu, u jħossu.

Li l-ispirti li tbiegħdu huma tassew ħajjin u konxji ftit li xejn jeħtieġu aktar konferma. Meta Alla qal,

> "*Jien hu Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb,*"

Ġesù stess interpreta t-tifsira Tiegħu bħala li hi,

> "*Alla mhux Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin*" (Mattew 22:32).

F'li mmorru lura għal Ġenesi, aħna nsibu l-mewt ta' l-aħħar minn dawn il-karattri denji rreġistrata għalina:

> "*U malli Ġakobb temm jagħti dawn l-ordnijiet lil uliedu, ġabar riġlejh fuq il-friex, u ħa l-aħħar nifs, u nġabar ma' niesu*" (Ġenesi 49:33).

Xi wħud jargumentaw li l-aħħar frażi sempliċiment tfisser li Ġakobb kien midfun, u hu b'hekk kien miġbur ma' niesu. Dawk li jinsistu għal dan jgħidu li l-kelma

"Sheol" tista' biss tkun mifhuma bħala li tirreferi għall-qabar. Li din il-lingwa ma tistax ikollha tifsira bħal din huwa indikat ċar meta aħna ninnutaw li Ġakobb kien midfun għal xi żmien wara dan. U Mosè ċertament uża lingwa pekulari biex jiddeskrivi difna fiċ-ċimiterju tal-familja antika. "U nġabar ma' niesu" tkun aktar addattata għal ġabra mill-ġdid tal-familja, milli minn funeral. Imma Kristu jgħid li Ġakobb kien qiegħed jgħix, *u din għandha tkun il-vuċi tal-finalità ma' kulħadd*. Dan hu l-kliem tad-Divinità u mhux tal-bnedmin! Lil min aħna sejrin nemmnu lil Kristu, li jgħid lir-ruħ ta' Ġakobb, flimkien ma' dik ta' Abraham u dik ta' Iżakk kienu għadhom ħajjin jew lill-għalliema foloz moderni, li jgħidu lir-ruħ tmut mal-mewt tal-ġisem fiżiku? Hija għażla sempliċi ħafna li wieħed għandu jagħmel.

L-uniċi diffikultajiet reali fuq dan is-suġġett jinsabu fil-qasam tat-Testment il-Qadim. Ngħiduha kif inhi, hemm tliet stqarrijiet li jistgħu jġiegħlu lil xi ħadd jidd-ubità dwar il-koxjenza tar-ruħ wara l-mewt. Madankol-lu, dak id-dubju jispiċċa għal kollox meta aħna nikkun-sidraw il-kuntest kollu li fih dawn jintqalu. Tnejn minn-hom huma kważi l-istess, waħda minn David, u l-oħra mis-Sultan Ħeżekija. Dawn huma kull waħda għajta ta' disperazzjoni, u juru l-moħħ ta' wieħed li qiegħed jitqa-bad ma' biżà li tqum bil-ħtija tad-dnub. David jgħid,

> "*Għax fil-mewt m'hemmx tifkira tiegħek: fis-saltna ta' l-imwiet (Sheol) min jiżżikaħjr?*" (Salm 6:5).

U minn Ħeżekija,

> "*Għax saltnet l-imwiet (Sheol) ma tis-*

*tax troddlok ħajr, u lanqas tista' l-mewt tfaħħrek; dawk li jinżlu fil-ħofra ma jittamawx aktar fis-sewwa tiegħek*" (Isaija 38:18).

Din il-lingwa hija dik ta' aġitazzjoni estrema u niket kbir. F'kull waqt dawn l-irġiel ħassew il-kundanna ta' Alla tistrieħ fuqhom. U waqt li *Sheol*, bħal Hades (l-ekwivalenti Grieg tiegħu) għandu naħa tajba u naħa ħażin (ara paġna 229), dan huwa wżat fis-sens ta' l-aħħar (in-naħa l-ħażina) fiż-żewġ stqarrijiet. Dan ftit jinstama' bħall-istess David li kiteb,

"*Iva, għalkemm nimxi fil-wied ta' dell il-mewt, ma nibża' minn ebda ħsara; għax int miegħi;…*" (Salm 23:4)

U David qal ukoll,

"*Jekk nitla' fis-sema, inti qiegħed hemm: jekk nagħmel soddti fis-saltna ta' l-imwiet (Sheol), ara, inti qiegħed hemm*" (Salm 139:8).

David ċertament li ma kienx jemmen ħaġa waħda f'waqt wieħed, u ħaġa oħra, l-oppost, f'waqt ieħor U l-istess jista' jintqal dwar il-profeta Isaija, li f'post ieħor, qal, "*il-ġust imut*"u, "*Hu jidħol fis-sliem*" (Isaija 57:1, 2). Minn dan il-kliem aħna nistgħu naraw li Alla ma jippermettix lill-ħżiena li jfaħħruh; bħallikieku huma jridu li jagħmlu dan, billi l-idea hi li huma jridu li jinsew it-tjubija tiegħu kollha u l-imħabba Tiegħu kollha. Imma Alla jrid it-tjubija u l-ġustizzja li jfaħħruh, u f'waqt wie-ħed jidher li l-profeta Isaija jsejjaħ lil dawk f'Sheol biex jagħtu lil Alla t-tifħir li jistħoqqlu:

*“Għannu, ja smewwiet, għax il-Mulej għamlu: għajtu, ja għammieq ta’ l-art: infexxu għannu, ja muntanji, ja msaġar, u kull siġra li hemm fih: għax il-Mulej feda l-Ġakobb, u igglorifika lilu nnifsu f’Iżrael*” (Isaija 44:23).

## KONKLUŻJONI

L-Alla t-tajjeb li jsaltan fis-Smewwiet fuq iħobbna. Dik hija r-raġuni li Hu jagħti “assigurazzjoni mbierka ta’ glorja divina.” Qatt ma kien il-pjan Tiegħu li l-bniedem jintilef. Imma meta l-bniedem irribella kontra r-rieda Divina Tiegħu, sar meħtieġ li tinfetaħ triq oħra ta’ ħelsien. U sabiex jinkorraġixxih matul it-triq, Alla rrivela gradwalment biċċa biċċa stampa ta’ dawk li hemm jistennina ’l fuq mill-qabar. Hija r-rieda Tiegħu li aħna jkollna dik istampa miżmuma quddiemna l-ħin kollu. Ukoll dik il-parti tagħha li tittratta mal-ħajja intermedjarja hija importani. Jekk aħna nkunu fidili hawn, dik il-ħajja tkun tiddi u ta’ ferħ. Kristu jiltaqa’ magħna hekk kif aħna nonqsu mill-azzjoni hawn, u l-preżenza glorjuża Tiegħu tneħħi kull dell fil-qsim.

Madankollu, hemm sejħa serja ħafna li tiġi għal kull wieħed u waħda minna issa. U dik hija s-sejħa ta’ Kristu li tgħidilna biex nemmnuh u nobduh issa. Alla ma jagħtiniex din il-ħarsa ħafifa ’il hemm mill-velu biex aħna noqgħodu bilqiegħda, naħsbu dwarha, u ma nagħmlu xejn aktar, nittamaw li din tiġi għandna. It-triq li twassal għal dik id-dar tar-ruħ, hija t-triq tad-dmir f’din il-ħajja. Jekk int qatt ma kont salvat, Ġesù jgħid,

*“Min jemmen u jitgħammed, isalva,…”*

Jekk int aċċettajt lil Kristu, b’ubbidjenza għall-Evanġelju Tiegħu, Hu jħeġġek bil-kliem:

> “*…iżda dak li jibqa’ sa l-aħħar ikun salvat*” (Mattew 10:22).

It-tabella li ġejja għandha tkun ta’ għajnuna biex wieħed jifhem aktar dwar is-suġġett tagħna dwar ir-ruħ.

| Din id-dinja | Stat intermedjarju | Tmiem taż-żmien Riv. 10:6 | Eternità |
|---|---|---|---|
| Art tal-ħajjin | Post fejn jgħammru spirti ġusti:<br>Ġenna (Paradise) Lq. 23:43<br>Ħdan Abraham, Lq. 16:22.<br>It-Tielet sema, 2 Kor. 12:2,4 | | Smewwiet, 1 Pt. 1:4.<br>ħajja ta’ dejjem, Mattew 25:46 |
| Bnedmin | Post fejn jgħammru l-iġsma mingħajr spirti:<br>Sheol Ekk. 9:10<br>Abaddon, Prov. 15:11<br>Refajim, Prov. 2:18<br>Hades (fiżiku), Atti 2:27<br>Abbis (fiżiku), Rum. 10:7<br>Infern, Atti 2:27 (Hole, toqbapost mgħotti) | reżurrezzjoni tal-ħajja<br>reżurrezzjoni tal-kundanna, Ġw. 5: 28-29 | |
| iġsma tal-bnedmin kollha ħlief Ħenok, Elija, u dawk li jgħixu meta jiġi Ġesù | Post ta’ l-ispirti ħżiena:<br>Hades (spiritwali), Lq. 16:23<br>Abbiss, (spiritwali), Lq. 8:31<br>Tartarus, 2 Pt. 2:4 | | Gehenna, Mk. 9: 47-48<br>Kastig ta’ dejjem, Mt. 25:46 |

"Hades kien terminu ġenerali fost il-kittieba Griegi, li bih huma esprimew dan l-istat; u l-*Hades* kien *Tartarus* għall-ħżiena, u *Elysium* għat-tajbin" (Adam Clarke, fuq Atti 2:27). Għalqa Elysjana, fil-mitoloġija klassika, "il-post fejn it-tajbin għammru wara l-mewt, allokata fl-Oċean tal-Punent jew fid-dinja aktar baxxa" (Webster' Collegiate). Hades, "l-ilqugħ komuni ta' spirti mingħajr ġisem" (Thayer, p. 11), jikkwota Luqa 16:23 għal spirti ħżiena, u Atti 2:27, 31 għal dawk tajbin.

Ġesù qal ċar ħafna li Alla qal:

> "*Jien hu Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb? ALLA MHUX ALLA TAL-MEJTIN, IŻDA TAL-ĦAJJIN* " (Mattew 22:32)

Għalkemm Abraham kien ilu mejjet 329 sena u Iżakk kien ilu mejjet 224 sena, u Ġakobb kien ilu mejjet 198 sena meta ntqal dak il-kliem minn Alla, Ġesù afferma li Alla Hu Alla TAL-ĦAJJIN U MHUX TAL-MEJTIN. Ċertament li Abraham, Iżakk, u Ġa-kobb, li għalkemm kienu mejtin fiżikament u l-ġisem tagħhom kien fil-qabar u sar trab, HUMA KIENU JINSABU ĦAJJIN F'ERWIEĦ IMMORTALI.

L-ispirazzjoni tgħidilna:

> "*Tħallu li ħadd iqarrraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisi-mgħux*" (Efesin 5:6).

# FEJN HUMA L-MEJTIN?
## (Parti 25)



Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
Website: www.churchofchristmalta.com

Laqgħat: Il-Ħadd: Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa: Studju tal-Bibbja: 7.00 p.m.